Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/799

tas-18 ta' Marzu 2016

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1)

Emendat minn:

			Ġurnal Uffiċjali		
			Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/502 tat-28 ta' Frar 2018		L 85	1	28.3.2018
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/158 tal-5 ta' Frar 2020		L 34	20	6.2.2020

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 146, 3.6.2016, p. 31 (2016/799)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 27, 1.2.2017, p. 169 (2016/799)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/799

tas-18 ta' Marzu 2016

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni uniformi ta' dawn l-aspetti li ġejjin rigward it-takografi:

(a) ir-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni tal-vettura f'ċerti punti matul il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum tas-sewwieq;

(b) l-identifikazzjoni remota bikrija tal-manipulazzjoni jew l-użu ħażin possibbli tat-takografi intelliġenti;

(c) interfaċċa ma' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti;

(d) ir-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi għall-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip tat-takografi, inkluż il-mekkaniżmi ta' sigurtà.

▼M1

2. Il-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, l-ispezzjoni, it-tħaddim u t-tiswija tat-takografi intelliġenti u l-komponenti tagħhom, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-Anness IC ta' dan ir-Regolament.

3. Fir-rigward tal-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, l-ispezzjoni, it-tħaddim u t-tiswija, it-takografi għajr it-takografi intelliġenti, għandhom ikomplu jikkonformaw mar-rekwiżiti jew tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 jew tal-Anness IB tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ([1]), kif applikabbli.

▼B

4. Skont l-Artikolu 10d tad-Direttiva 96/53/KE, il-faċilità ta' identifikazzjoni remota bikrija għandhom jittrażmettu wkoll id-dejta tal-piżijiet ipprovduta minn sistema interna tal-użin abbord, għall-għan tas-sejbien tal-frodi.

▼M1

5. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

▼B

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 165/2014.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 tal-20 ta' Diċembru 1985 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8).

([2]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

▼B

Barra minn hekk, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “takografu diġitali” jew “takografu tal-ewwel ġenerazzjoni” tfisser takografu diġitali għajr takografu intelliġenti;

(2) “faċilità esterna ta' GNSS” tfisser faċilità li fiha riċevitur GNSS meta l-unità tal-vettura ma tkunx unità waħdanija, kif ukoll komponenti oħrajn meħtieġa biex jipproteġu l-komunikazzjoni tad-dejta dwar il-pożizzjoni lill-bqija tal-unità tal-vettura;

▼M1

(3) “folder ta’ informazzjoni” tfisser il-folder sħiħ, f’forma elettronika jew stampata, li fih l-informazzjoni kollha fornuta mill-manifattur jew mill-aġent tiegħu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għall-fini tal-approvazzjoni tat-tip ta’ takografu jew komponent tiegħu, inklużi ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, it-twettiq tat-testijiet definiti fl-Anness IC ta’ dan ir-Regolament, kif ukoll tpinġijiet, ritratti, u dokumenti rilevanti oħra;

▼B

(4) “pakkett ta' informazzjoni” tfisser il-folder ta' informazzjoni, f'forma elettronika jew stampata, akkumpanjata minn kull dokument ieħor miżjud mill-awtorità ta' approvazzjoni tat-tip mal-folder ta' informazzjoni matul it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom inkluż, fl-aħħar tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE tat-takografu jew komponent tiegħu;

(5) “indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni” tfisser id-dokument li jelenka l-kontenut innumerat tal-pakkett tal-informazzjoni li jidentifika l-partijiet kollha rilevanti ta' dan il-pakkett. Il-format ta' dan id-dokument għandu jiddistingwi l-passi suċċessivi fil-proċess ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE, inklużi d-dati ta' kwalunkwe reviżjoni u aġġornament ta' dak il-pakkett;

(6) “faċilità ta' identifikazzjoni remota bikrija” tfisser l-apparat tal-unità tal-vettura li jintuża biex isiru l-kontrolli mmirati maġenb it-triq;

▼M1

(7) “takografu intelliġenti” jew “takografu tat-tieni ġenerazzjoni” tfisser takografu diġitali li jikkonforma mal-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 kif ukoll mal-Anness IC ta’ dan ir-Regolament;

(8) “komponent tat-takografu” tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin: l-unità tal-vettura, is-sensor tal-moviment, il-folja tar-reġistrazzjoni, il-faċilità tal-GNSS esterna u l-faċilità ta’ detezzjoni remota bikrija;

▼B

(9) “awtorità tal-approvazzjoni tat-tip” tfisser l-awtorità ta' Stat Membru li hija kompetenti sabiex twettaq l-approvazzjoni tat-tip tat-takografu jew tal-komponenti tiegħu, il-proċess tal-awtorizzazzjoni, il-ħruġ u, jekk meħtieġ, l-irtirar ta' ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip, li taġixxi bħala l-punt ta' kuntatt għall-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' Stati Membri oħra u li tiżgura li l-manifatturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

▼M1

(10) “unità tal-vettura” tfisser takografu għajr is-sensor tal-moviment u l-kejbils li jikkollegaw is-sensor tal-moviment.

Tista’ tkun unità waħda jew ħafna unitajiet imqassma fil-vettura u tinkludi unità ta’ pproċessar, memorja tad-dejta, funzjoni tal-kejl

▼M1

tal-ħin, żewġ apparati ta' interfaċċa tal-kards intelliġenti għas-sewwieq u għall-kosewwieq, printer, display, konnetturi u faċilitajiet biex jiddaħħlu l-inputs tal-utent, riċevitur tal-GNSS u faċilità tal-komunikazzjoni remota.

L-unità tal-vettura tista' tkun magħmula mill-komponenti li ġejjin soġġetti għall-approvazzjoni tat-tip:

— unità tal-vettura, komponent wieħed (inklużi riċevitur tal-GNSS u faċilità tal-komunikazzjoni remota),

— struttura ewlenija tal-unità tal-vettura (inkluża l-faċilità tal-komunikazzjoni remota) u faċilità tal-GNSS esterna,

— struttura ewlenija tal-unità tal-vettura (inkluż riċevitur tal-GNSS) u faċilità esterna tal-komunikazzjoni remota,

— struttura ewlenija tal-unità tal-vettura, faċilità tal-GNSS esterna u faċilità esterna tal-komunikazzjoni remota.

Jekk l-unità tal-vettura tkun magħmula minn ħafna unitajiet imqassma fil-vettura, l-istruttura ewlenija tal-unità tal-vettura tkun l-unità li fiha l-unità ta' pproċessar, il-memorja tad-dejta u l-funzjoni tal-kejl tal-ħin.

"unità tal-vettura (VU)" tintuża għal "unità tal-vettura" jew "struttura ewlenija tal-unità tal-vettura".

▼B

Artikolu 3

Servizzi ta' lokalizzazzjoni

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ttakografi intelliġenti jkunu kompatibbli mas-servizzi ta' pożizzjonament provduti minn Galileo u s-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja ("EGNOS").

2. Minbarra s-sistemi msemmija fil-paragrafu 1, il-manifatturi jistgħu jagħżlu wkoll li jiżguraw il-kompatibbiltà ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita.

Artikolu 4

Proċedura għal approvazzjoni tat-tip ta' takografu u l-komponenti tat-takografu

1. Il-manifattur jew l-aġent tiegħu għandu jippreżenta applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' takografu jew kwalunkwe mill-komponenti tagħha, jew grupp ta' komponenti, lill-awtoritajiet għall-approvazzjoni tat-tip maħtura minn kull Stat Membru. Din għandha tikkonsisti f'folder ta' informazzjoni li jkun fih l-informazzjoni għal kull wieħed mill-komponenti kkonċernati inkluż, fejn applikabbli, iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponenti oħra meħtieġa biex jiġi kkompletat it-takografu, kif ukoll kull dokument rilevanti ieħor.

2. Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip lil kwalunkwe takografu, komponent jew grupp ta' komponenti li jikkonformaw mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi msemmija fl- Artikolu 1(2) jew (3), kif applikabbli. F'dak il-każ, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha toħroġ lill-applikant ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip li għandu jikkonforma mal-mudell stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

3. l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' titlob lill-manifattur jew lill-aġent tiegħu jipprovdu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali.

▼B

4. Il-manifattur jew l-aġent tiegħu għandhom jagħmlu disponibbli lill-awtoritajiet għall-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll entitajiet responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, billi ħafna takografi jew komponenti tat-takografi huma meħtieġa biex il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tkun tista' titwettaq b'mod sodisfaċenti.

5. Meta l-manifattur jew l-aġent tagħha jfittex l-approvazzjoni tat-tip ta' ċerti komponenti jew gruppi ta' komponenti ta' takografu, għandu jipprovdi l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip bil-komponenti l-oħra, diġà approvati, kif ukoll partijiet oħra meħtieġa għall-bini ta' takografu sħiħ, sabiex dawk l-awtoritajiet iwettqu t-testijiet meħtieġa.

Artikolu 5

Modifiki lill-approvazzjoni tat-tip

1. Il-manifattur jew l-aġent tiegħu għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li jkunu taw l-approvazzjoni tat-tip oriġinali, dwar kull modifika fis-software jew il-hardware tat-takografu jew fin-natura tal-materjali użati għall-manifattura tagħhom li huma rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni u għandu jippreżenta applikazzjoni għall-modifika tat-tip.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jistgħu jirrevedu jew jestendu l-approvazzjoni tat-tip eżistenti, jew joħorġu approvazzjoni tat-tip ġdida skont in-natura u l-karatteristiċi ta' dawn il-modifiki.

'Reviżjoni' għandha ssir meta l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tqis li l-modifiki fis-software jew il-hardware tat-takografu jew fin-natura tal-materjali użati għall-manifattura tiegħu jkunu minuri. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha toħroġ id-dokumenti riveduti tal-pakkett ta' informazzjoni, li jindikaw in-natura tal-modifiki li saru u d-data tal-approvazzjoni tagħhom. Verżjoni aġġornata tal-pakkett ta' informazzjoni f'forma konsolidata, akkumpanjata minn deskrizzjoni dettaljata tal-modifiki magħmula, għandha tkun biżżejjed biex tissodisfa dan ir-rekwiżit.

'Estensjoni' għandha ssir meta l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tqis li l-modifiki fis-software jew il-hardware tat-takografu jew fin-natura tal-materjali użati għall-manifattura tiegħu jkunu minuri. F'każijiet bħal dawn, tista' jitlob li jitwettqu testijiet ġodda u tinforma lill-manifattur jew lill-aġent tiegħu skont dan. Jekk dawk it-testijiet jkunu sodisfaċenti, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha toħroġ ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip rivedut li jkun fih numru li jirreferi għal estensjoni mogħtija. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip għandu jsemmi r-raġuni għall-estensjoni u d-data tal-ħruġ tiegħu.

3. L-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni għandu jindika d-data tal-aktar estensjoni jew reviżjoni reċenti tal-approvazzjoni tat-tip, jew id-data tal-aktar konsolidazzjoni reċenti tal-verżjoni aġġornata tal-approvazzjoni tat-tip.

4. Approvazzjoni tat-tip ġdida għandha tkun meħtieġa meta l-modifiki mitluba lill-approvazzjoni tat-tip tat-takografu jew il-komponenti tiegħu jwasslu għall-ħruġ ta' ċertifikat ġdid tas-sigurtà jew tal-interoperabilità.

▼B

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-2 ta' Marzu 2016.

▼M1

Madankollu, l-Anness IC għandu japplika mill-15 ta' Ġunju 2019 bl-eċċezzjoni tal-Appendiċi 16 li għandu japplika mit-2 ta' Marzu 2016.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I C

Rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni u l-ispezzjoni

INTRODUZZJONI	
1	DEFINIZZJONIJIET
2	KARATTERISTIKI ĠENERALI U FUNZJONIJIET TAL-APPARAT TAR-REKORDJAR
2.1	Il-karatteristiki ġenerali
2.2	Funzjonijiet
2.3	Modalitajiet tat-tħaddim
2.4	Sigurtà
3	REKWIŻITI DWAR IL-BINI U L-FUNZJONAMENT TAL-APPARAT TAR-REKORDJAR
3.1	Monitoraġġ tad-dħul u t-tneħħija tal-kards
3.2	Kejl tal-veloċità, tal-pożizzjoni u tad-distanza
3.2.1	Kejl tad-distanza vvjaġġata
3.2.2	Kejl tal-veloċità
3.2.3	Kejl tal-pożizzjoni
3.3	Kejl tal-ħin
3.4	Monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sewwieq
3.5	Monitoraġġ tal-istatus tas-sewqan
3.6	L-entrati tas-sewwieqa
3.6.1	Entrati ta' postijiet fejn jibdew u/jew jispiċċaw il-perjodi tax-xogħol ta' kuljum
3.6.2	Entrati manwali tal-attivitajiet tas-sewwieq u kunsens tas-sewwieq għall-interfaċċa tal-ITS
3.6.3	Entrati għal kondizzjonijiet speċifiċi
3.7	Ġestjoni tal-locks tal-kumpanija
3.8	Monitoraġġ tal-attivitajiet ta' kontroll
3.9	Detezzjoni ta' eventi u/jew ħsarat
3.9.1	Event ta' “inserzjoni ta' kard mhux valida”
3.9.2	Event ta' “konflitt tal-kards”
3.9.3	Event “ta' trikkib tal-ħin”
3.9.4	Event “ta' sewqan mingħajr il-kard xierqa”
3.9.5	Event “inserzjoni tal-kard waqt is-sewqan”
3.9.6	Event “l-aħħar sessjoni tal-kard ma ngħalqitx b'mod korrett”
3.9.7	Event “veloċità eċċessiva”
3.9.8	Event “ta' interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku”
3.9.9	Event ta' “Żball fil-komunikazzjoni mal-faċilità ta' komunikazzjoni remota”
3.9.10	Event ta' “Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS”

▼B

3.9.11	Event ta' “Żball ta' komunikazzjoni ma' faċilità esterna tal-GNSS”
3.9.12	Event ta' “Żball fid-dejta tal-moviment”
3.9.13	Event ta' “Kunflitt fil-moviment tal-vettura”
3.9.14.	Event ta' “Tentattiv ta' ksur tas-sigurtà”
3.9.15.	Event ta' “Kunflitt tal-ħin”
3.9.16.	Ħsara tal-“Kard”
3.9.17	Ħsara fl-“apparat tar-rekordjar”
3.10	Testijiet integrati u testijiet awtodijanjostiċi
3.11	Qari mill-memorja tad-dejta
3.12	Rekordjar u ħżin fil-memorja tad-dejta
3.12.1	Dejta tal-identifikazzjoni tal-apparat
3.12.1.1	Dejta tal-identifikazzjoni tal-unità tal-vettura
3.12.1.2	Dejta tal-identifikazzjoni tas-sensor tal-moviment
3.12.1.3	Dejta tal-identifikazzjoni tas-Sistemi Globali għan-Navigazzjoni bis-Satellita
3.12.2	Kjavi u Ċertifikati
3.12.3	Dejta dwar l-inserzjoni u t-tneħħija tal-kards tas-sewwieqa jew tal-workshops
3.12.4	Dejta tal-attività tas-sewwieq

▼M1

3.12.5	Postijiet u pożizzjonijiet fejn il-perjodi tax-xogħol ta’ kuljum jibdew, jintemmu, u/jew fejn jintlaħaq ħin ta’ sewqan akkumulat ta’ 3 sigħat

▼B

3.12.6	Dejta tal-odometru
3.12.7	Dejta ddettaljata tal-veloċità
3.12.8	Dejta tal-eventi
3.12.9	Dejta tal-ħsarat
3.12.10	Dejta tal-kalibrazzjoni
3.12.11	Dejta tal-aġġustament tal-ħin
3.12.12	Dejta tal-attività tal-kontroll
3.12.13	Dejta tal-locks tal-kumpanija
3.12.14	Dejta dwar l-attività ta' tniżżil
3.12.15	Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki
3.12.16	Dejta tal-kard tat-takografu
3.13	Qari minn kards tat-takografu
3.14	Rekordjar u ħżin fuq kards tat-takografu
3.14.1	Rekordjar u ħżin fuq kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni
3.14.2	Rekordjar u ħżin fuq kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni
3.15	Display
3.15.1	Display predefinita
3.15.2	Display ta' twissija

▼B

3.15.3	L-aċċess tal-menu
3.15.4	Displays oħra
3.16	L-istampar
3.17	Twissijiet
3.18	Tniżżil ta' dejta għal fuq medja esterna
3.19	komunikazzjoni remota għal kontrolli mmirati mal-ġenb tat-triq,
3.20	Id-dejta maħruġa lil apparat esterni addizzjonali
3.21	Kalibrazzjoni
3.22	Kontroll tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq
3.23	L-aġġustament tal-ħin
3.24	Karatteristiki tal-prestazzjoni
3.25	Materjali
3.26	Marki
4	REKWIŻITI TAL-KOSTRUZZJONI U FUNZJONALI GĦALL-KARDS TAT-TAKOGRAFU
4.1	Dejta viżibbli
4.2	Sigurtà
4.3	L-Istandards
4.4	Speċifikazzjonijiet ambjentali u elettriċi
4.5	Ħżin ta' dejta
4.5.1	Fajls elementari għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kard
4.5.2	L-identifikazzjoni tal-kard tal-IC
4.5.2.1	L-identifikazzjoni taċ-ċippa
4.5.2.2	DIR (preżenti biss f'kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni)
4.5.2.3	Informazzjoni ATR (kondizzjonali, preżenti biss f'kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni)
4.5.2.4	Informazzjoni ta' tul estiż (kondizzjonali, preżenti biss f'kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni)
4.5.3	Kard tas-sewwieq
4.5.3.1	L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)
4.5.3.1.1	L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni
4.5.3.1.2	Kjavi u Ċertifikati
4.5.3.1.3	L-identifikazzjoni tal-kard
4.5.3.1.4	L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard
4.5.3.1.5	Tniżżil tal-kard
4.5.3.1.6	Informazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan
4.5.3.1.7	Dejta tal-eventi
4.5.3.1.8	Dejta tal-ħsarat
4.5.3.1.9	Dejta tal-attività tas-sewwieq

▼B

4.5.3.1.10 Dejta użata tal-vetturi

4.5.3.1.11 Postijiet fejn perjodi tax-xogħol ta' kuljum jibdew u/jew jispiċċaw

4.5.3.1.12 Dejta tas-sessjoni tal-kard

4.5.3.1.13 Dejta tal-attività tal-kontroll

4.5.3.1.14 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

4.5.3.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.3.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

4.5.3.2.2 Kjavi u Ċertifikati

4.5.3.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

4.5.3.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

4.5.3.2.5 Tniżżil tal-kard

4.5.3.2.6 Informazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan

4.5.3.2.7 Dejta tal-eventi

4.5.3.2.8 Dejta tal-ħsarat

4.5.3.2.9 Dejta tal-attività tas-sewwieq

4.5.3.2.10 Dejta użata tal-vetturi

4.5.3.2.11 Postijiet fejn jibdew u/jew jispiċċaw il-perjodi tax-xogħol ta' kuljum

4.5.3.2.12 Dejta tas-sessjoni tal-kard

4.5.3.2.13 Dejta tal-attività tal-kontroll

4.5.3.2.14 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

4.5.3.2.15 Dejta użata tal-unitajiet tal-vettura

▼M1

4.5.3.2.16 Dejta dwar il-postijiet għal tliet sigħat ta’ sewqan akkumulat

▼B

4.5.4 Kard tal-workshop

4.5.4.1 L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.4.1.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

4.5.4.1.2 Kjavi u Ċertifikati

4.5.4.1.3 L-identifikazzjoni tal-kard

4.5.4.1.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

4.5.4.1.5 Tniżżil tal-kard

4.5.4.1.6 Dejta tal-kalibrazzjoni u tal-aġġustament tal-ħin

4.5.4.1.7 Dejta tal-eventi jew ħsarat

4.5.4.1.8 Dejta tal-attività tas-sewwieq

4.5.4.1.9 Dejta użata tal-vetturi

4.5.4.1.10 Dejta tal-bidu u/jew tat-tmiem tal-perjodi tax-xogħol ta' kuljum

4.5.4.1.11 Dejta tas-sessjoni tal-kard

4.5.4.1.12 Dejta tal-attività tal-kontroll

▼B

4.5.4.1.13 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

4.5.4.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 Ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.4.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

4.5.4.2.2 Kjavi u Ċertifikati

4.5.4.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

4.5.4.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

4.5.4.2.5 Tniżżil tal-kard

4.5.4.2.6 Dejta tal-kalibrazzjoni u tal-aġġustament tal-ħin

4.5.4.2.7 Dejta tal-eventi jew ħsarat

4.5.4.2.8 Dejta tal-attività tas-sewwieq

4.5.4.2.9 Dejta użata tal-vetturi

4.5.4.2.10 Dejta tal-bidu u/jew tat-tmiem tal-perjodi tax-xogħol ta' kuljum

4.5.4.2.11 Dejta tas-sessjoni tal-kard

4.5.4.2.12 Dejta tal-attività tal-kontroll

4.5.4.2.13 Dejta użata tal-unitajiet tal-vettura

▼M1

4.5.4.2.14 Dejta dwar il-postijiet għal tliet sigħat ta’ sewqan akkumulat

▼B

4.5.4.2.15 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

4.5.5 Kard ta' kontroll

4.5.5.1 L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.5.1.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

4.5.5.1.2 Kjavi u Ċertifikati

4.5.5.1.3 L-identifikazzjoni tal-kard

4.5.5.1.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

4.5.5.1.5 Dejta tal-attività tal-kontroll

4.5.5.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 Ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.5.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

4.5.5.2.2 Kjavi u Ċertifikati

4.5.5.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

4.5.5.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

4.5.5.2.5 Dejta tal-attività tal-kontroll

4.5.6 Kard tal-kumpanija

4.5.6.1 L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.6.1.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

4.5.6.1.2 Kjavi u Ċertifikati

4.5.6.1.3 L-identifikazzjoni tal-kard

▼B

4.5.6.1.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

4.5.6.1.5 Dejta tal-attività tal-kumpanija

4.5.6.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 Ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.6.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

4.5.6.2.2 Kjavi u Ċertifikati

4.5.6.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

4.5.6.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

4.5.6.2.5 Dejta tal-attività tal-kumpanija

5 INSTALLAZZJONI TA' APPARAT TA' REKORDJAR

5.1 Installazzjoni

5.2 Plakka tal-istallazzjoni

5.3 Is-siġillar

6 IĊĊEKKJAR, SPEZZJONIJIET U TISWIJIET

6.1 Approvazzjoni tal-fitters, tal-workshops u tal-manifatturi tal-vetturi

▼M1

6.2 Iċċekkjar ta’ komponenti ġodda jew imsewwija

▼B

6.3 Spezzjoni ta' istallazzjoni

6.4 Spezzjonijiet perjodiċi

6.5 Kejl tal-iżbalji

6.6 Tiswijiet

7 ĦRUĠ TAL-KARD

8 L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-APPARAT TAR-REKORDJAR U TAL-KARDS TAT-TAKOGRAFU

8.1 Punti ġenerali

8.2 Ċertifikat tas-sigurtà

8.3 Ċertifikat funzjonali

8.4 Ċertifikat tal-interoperabilità

8.5 Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip

8.6 Proċedura eċċezzjonali: l-ewwel ċertifikati tal-interoperabilità għall-apparati tar-rekordjar u tal-kards tat-takografu tat-2 ġenerazzjoni

INTRODUZZJONI

Is-sistema tat-takografi diġitali tal-ewwel ġenerazzjoni ilha taħdem mill-1 ta' Mejju 2006. Tista' tintuża sa tmiem il-perjodu ta' utilità tagħha għat-trasport domestiku. Għat-trasport internazzjonali, minflok, 15-il sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament tal-Kummissjoni, il-vetturi kollha għandhom ikunu mgħammra b'takografu intelliġenti konformi tat-tieni ġenerazzjoni, imdaħħal b'dan ir-Regolament.

Dan l-Anness fih ir-rekwiżiti għall-apparat tar-rekordjar u għall-kards tat-takografu. Mid-data tal-introduzzjoni, meta l-vetturi jiġu rreġistrati għall-ewwel darba, għandu jiġi installat fihom l-apparat tar-rekordjar tat-tieni ġenerazzjoni u għandhom jinħarġu kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni bla xkiel tas-sistema takografika tat-tieni ġenerazzjoni,

▼B

— il-kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni għandhom ikunu ddisinjati biex jintużaw ukoll f'unitajiet tal-vetturi tal-ewwel ġenerazzjoni.

— Fid-data tal-introduzzjoni m'għandhomx isiru rikjesti biex kards tat-takografu validi tal-ewwel ġenerazzjoni jiġu ssostitwiti.

Dan jippermetti li s-sewwieqa jżommu l-kard unika tagħhom u magħha jużaw iż-żewġ sistemi.

Madankollu, l-apparat ta' rekordjar tat-tieni ġenerazzjoni għand jiġi kkalibrat biss bl-użu ta' kards tal-workshop tat-tieni ġenerazzjoni.

Dan l-Anness fih ir-rekwiżiti kollha relatati mal-interoperabbiltà bejn is-sistemi tat-takografu tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni.

L-Appendiċi 15 fih aktar dettalji dwar kif għandha titmexxa l-koeżistenza taż-żewġ sistemi.

Lista ta' Appendiċijiet

App 1: DIZZJUNARJU TAD-DEJTA

App 2: SPEĊIFIKAZZJONI TAL-KARDS TAT-TAKOGRAFU

App 3: PITTOGRAMMI

App 4: PRINTOUTS

App 5: DISPLAY

App 6: KONNETTUR TA' QUDDIEM GĦALL-KALIBRAZZJONI U TNIŻŻIL

App 7: PROTOKOLLI GĦAT-TNIŻŻIL TAD-DEJTA

App 8: PROTOKOLL GĦALL-KALIBRAZZJONI

App 9: APPROVAZZJONI TAT-TIP U LISTA TA' TESTIJIET MINIMI MITLUBA

App 10: REKWIŻITI TAS-SIGURTÀ

App 11: MEKKANIŻMI TA' SIGURTÀ KOMUNI

App 12: LOKALIZZAZZJONI BBAŻATA FUQ IS-SISTEMA GLOBALI TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (GNSS)

App 13: INTERFAĊĊA ITS

App 14: FUNZJONI TA' KOMUNIKAZZJONI REMOTA

App 15: MIGRAZZJONI: IL-ĠESTJONI TAL-KOEŻISTENZA BEJN ĠENERAZZJONIJIET DIFFERENTI TAL-APPARAT

App 16: ADAPTER GĦAL VETTURI TAL-KATEGORIJA M1 U N1

1 DEFINIZZJONIJIET

F'dan l-Anness:

a) “attivazzjoni” tfisser:

il-fażi li fiha t-takografu jsir kompletament operattiv u jimplimenta l-funzjonijiet kollha, inklużi l-funzjonijiet ta' sigurtà, permezz tal-użu ta' kard tal-workshop;

b) “awtentikazzjoni” tfisser:

funzjoni maħsuba biex tistabbilixxi u tivverifika l-identità;

c) “awtentiċità” tfisser:

il-propjetà li xi informazzjoni ġejja minn entità li l-identità tagħha tista' tiġi vverifikata;

d) “test integrat (built-in-test — BIT)” tfisser:

testijiet li jsiru fuq talba, mibdija mill-operatur jew minn apparat estern;

▼B

e) “jum kalendarju” tfisser:

jum li jibda minn 00.00 u jintemm f'24.00. Il-jiem kalendarji kollha jikkonċernaw il-ħin UTC (il-Ħin Universali Kkoordinat);

f) “kalibrazzjoni” ta' takografu intelliġenti tfisser:

l-aġġornament jew il-konferma tal-parametri tal-vettura li għandhom jinżammu fil-memorja tad-dejta. Il-parametri tal-vettura jinkludu l-identifikazzjoni tal-vettura (il-VIN, VRN u l-Istat Membru li qed jirreġistraha) u l-karatteristiki tal-vettura (w, k, l, id-daqs tat-tajer, is-setting tal-limitatur tal-veloċità (jekk japplika), il-ħin attwali tal-UTC, il-valur attwali tal-odometru); matul il-kalibrazzjoni tal-apparat tar-rekordjar, it-tipi u l-identifikaturi rilevanti kollha tas-siġilli rilevanti għall-approvazzjoni tat-tip li jkunu mwaħħlin għandhom jinħażnu wkoll fil-memorja tad-dejta;

kull aġġornament jew konferma tal-ħin UTC biss għandu jkun ikkunsidrat bħala aġġustament tal-ħin u mhux bħala kalibrazzjoni, sakemm ma jkunx jikkontradixxi r-Rekwiżit 409.

il-kalibrazzjoni ta' apparat tar-rekordjar tesiġi l-użu ta' kard tal-workshop;

g) “numru tal-kard” tfisser:

numru ta' 16-il karattru alfa-numeriku li jidentifika b'mod uniku kard tat-takografu fi Stat Membru. In-numru tal-kard jinkludi indiċi konsekuttiv tal-kard (jekk japplika), indiċi għas-sostituzzjoni tal-kard u indiċi għat-tiġdid tal-kard;

il-kard għalhekk tiġi identifikata b'mod uniku permezz tal-kodiċi tal-Istat Membru tal-ħruġ u n-numru tal-kard;

h) “indiċi konsekuttiv tal-kard” tfisser:

l-14-il karattru alfanumeriku tan-numru tal-kard li jintuża biex jintgħarfu l-kards differenti maħruġa lill-istess kumpanija, workshop jew awtorità ta' kontroll intitolata li jinħarġulha diversi kards tat-takografu. Il-kumpanija, workshop jew awtorità ta' kontroll huma identifikati b'mod uniku permezz tal-ewwel 13-il karattru tan-numru tal-kard;

i) “indiċi għat-tiġdid tal-kard” tfisser:

is-16-il karattru alfanumeriku tan-numru tal-kard li jiżdied kull darba li l-kard tat-takografu tiġġedded;

j) “indiċi għas-sostituzzjoni tal-kard” tfisser:

il-15-il karattru alfanumeriku tan-numru tal-kard li jiżdied kull darba li l-kard tat-takografu tiġi ssostitwita;

k) “koeffiċjent karatteristiku tal-vettura” tfisser:

il-karatteristika numerika li tagħti l-valur tas-sinjal tal-output maħruġ mill-parti tal-vettura li jorbotha mal-apparat tar-rekordjar (ix-xaft jew fus ħiereġ mill-gearbox) waqt li l-vettura tivvjaġġa distanza ta' kilometru wieħed taħt kondizzjonijiet standard tat-test, kif definit skont ir-rekwiżit 414. Il-koeffiċjent karatteristiku huwa espress f'impulsi kull kilometru (w=…imp/km);

l) “kard tal-kumpanija” tfisser:

kard tat-takografu maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru lil impriża tat-trasport li teħtieġ li topera vetturi attrezzati b'takografu, li tidentifika l-impriża tat-trasport u tippermetti l-wiri, it-tniżżil u l-istampar tad-dejta, maħżuna fit-takografu, li jkun ġie llokkjat b'mod sikur minn dik l-impriża tat-trasport;

▼B

m) “kostant tal-apparat tar-rekordjar” tfisser:

il-karatteristika numerika li tagħti valur lis-sinjal tal-input meħtieġ biex juri u jirreġistra distanza vvjaġġata ta' kilometru; dan il-kostant għandu jkun espress f'impulsi kull kilometru (k =…imp/km);

n) “il-ħin ta' sewqan kontinwu” huwa kkalkulat fl-apparat tar-rekordjar bħala ([1]):

il-ħin ta' sewqan kontinwu jiġi kkalkulat bħala l-ħinijiet kurrenti ta' sewqan akkumulati ta' sewwieq partikolari, mill-aħħar perjodu ta' DISPONIBBILITÀ jew BREJK/MISTRIEĦ jew MHUX MAGĦRUF ([2]) tiegħu ta' 45 minuta jew iżjed (dan il-perjodu jista' jkun inqasam skont ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])). Il-kalkoli involuti jqisu, kif xieraq, attivitajiet imgħoddija maħżuna fuq il-kard tas-sewwieq. Meta s-sewwieq ma jkunx daħħal il-kard tiegħu, il-kalkoli involuti huma bbażati fuq ir-rekords tal-memorja tad-dejta relatata mal-perjodu kurrenti meta l-ebda kard ma ddaħħlet u ntrabtet mal-islott rilevanti;

o) “kard ta' kontroll” tfisser:

kard tat-takografu maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru lil awtorità tal-kontroll nazzjonali kompetenti li tidentifika l-korp tal-kontroll u, b'mod fakultattiv, l-uffiċjal tal-kontroll, u li tippermetti aċċess għad-dejta maħżuna fil-memorja tad-dejta jew fil-kards tas-sewwieq u, b'mod fakultattiv, fil-kards tal-workshop għall-qari, l-istampar u/jew it-tniżżil;

Għandha wkoll tagħti aċċess għall-funzjoni tal-kontroll tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq u għad-dejta fl-apparat għall-qari tal-komunikazzjonijiet dwar id-detezzjoni remota bikrija.

p) “il-ħin ta' mistrieħ kumulattiv” jiġi kkalkulat fl-apparat tar-rekordjar bħala ([1]):

il-ħin ta' mistrieħ kumulattiv huwa kkalkulat bħala l-ħinijiet kurrenti akkumulati ta' DISPONIBBILTÀ jew BREJK/MISTRIEĦ jew MHUX MAGĦRUF ([2]) ta' 15-il minuta jew iżjed ta' sewwieq partikolari mit-tmiem tal-aħħar perjodu ta' 45 minuta jew iktar ta' DISPONIBBILTÀ jew BREJK/MISTRIEĦ jew MHUX MAGĦRUF ([3]) (dan il-perjodu jista' jkun inqasam skont ir-Regolament (KE) Nru 561/2006).

Il-kalkoli involuti jqisu, kif xieraq, attivitajiet imgħoddija maħżuna fuq il-kard tas-sewwieq. Perjodi mhux magħrufa ta' dewmien negattiv (bidu ta' perjodu mhux magħruf > tmiem il-perjodu mhux magħruf) minħabba trikkib ta' ħinijiet bejn żewġ apparati differenti tar-rekordjar, ma jitqisux għall-finijiet tal-kalkolu.

([1]) Dan il-mod ta' komputazzjoni tal-ħin kontinwu ta' sewqan u l-ħin kumulattiv ta' mistrieħ jitma lill-Apparat tar-Rekordjar għall-komputazzjoni tat-twissija tal-ħin ta' sewqan kontinwu. Dan ma jippreġudikax l-interpretazzjoni legali li għandha ssir ta' dawn il-ħinijiet. Jistgħu jintużaw modi alternattivi għall-kalkolu tal-ħin ta' sewqan kontinwu u l-ħin kumulattiv ta' mistrieħ biex jiġu ssostitwiti dawn id-definizzjonijiet jekk dawn ma jibqgħux jintużaw minħabba aġġornamenti f'leġiżlazzjoni oħra rilevanti.

([2]) Perjodi MHUX MAGĦRUFA jikkorrispondu ma' perjodi fejn il-kard tas-sewwieq ma ddaħħlitx fl-apparat tar-rekordjar u li għalihom ma tkun saret l-ebda entrata manwali tal-attivitajiet tas-sewwieqa.

([3]) Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

▼B

Meta s-sewwieq ma jkunx daħħal il-kard tiegħu, il-kalkoli involuti huma bbażati fuq ir-rekords tal-memorja tad-dejta relatata mal-perjodu kurrenti meta l-ebda kard ma ddaħħlet u ntrabtet mal-islott rilevanti

q) “memorja tad-dejta” tfisser:

apparat ta' ħżin ta' dejta elettroniku integrat fil-apparat tar-rekordjar;

r) “firma diġitali” tfisser:

dejta mehmuża ma', jew trasformazzjoni kriptografika ta', blokka ta' dejta li tippermetti lil min jirċievi l-blokka tad-dejta japprova l-awtenticità u l-integrità tal-blokk tad-dejta;

s) “tniżżil” tfisser:

l-ikkopjar, flimkien mal-firma diġitali, ta' parti minn, jew sett sħiħ ta' fajls tad-dejta rreġistrati fil-memorja tad-dejta tal-unità tal-vettura jew fil-memorja ta' kard tat-takografu, bil-kundizzjoni li dan il-proċess ma jibdilx jew iħassar xi dejta maħżuna;

Il-manifatturi tal-unitajiet tat-takografi intelliġenti tal-vetturi u l-manifatturi tal-apparat iddisinjat u maħsub għat-tniżżil ta' fajls tad-dejta, għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli biex jiżguraw li t-tniżżil ta' dejta bħal din ikun jista' jsir malajr kemm jista' jkun mill-intrapriżi tat-trasport jew mis-sewwieqa.

It-tniżżil tal-fajl iddettaljat tal-veloċità mhux bilfors ikun meħtieġ biex tkun stabbilita l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 561/2006, imma jista' jintuża għal raġunijiet oħrajn, bħal fl-investigazzjoni dwar xi inċident.

t) “kard tas-sewwieq” tfisser:

kard tat-takografu, maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru lil sewwieq partikolari, li tidentifika s-sewwieq u tippermetti l-ħżin tad-dejta dwar l-attività tas-sewwieq;

u) “ċirkonferenza effettiva tar-roti” tfisser:

il-medja tad-distanzi vjaġġati minn kull rota li tmexxi l-vettura (roti ta' propulsjoni) matul dawra sħiħa. Il-kejl ta' dawn id-distanzi għandu jsir f'kondizzjonijiet ta' ttestjar standard kif definit fir-rekwiżit 414 u huwa espress fil-forma “l =… mm”. Il-manifatturi tal-vetturi jistgħu jibdlu l-kejl ta' dawn id-distanzi b'kalkolu teoretiku li jqis id-distribuzzjoni tat-toqol fuq il-fusien, bil-vettura mhux mgħobbija f'sitwazzjoni ta' operazzjoni normali ([1]). Il-metodi għall-kalkoli teoretiċi bħal dawn huma soġġetti għall-approvazzjoni minn awtorità kompetenti tal-Istati Membri u jistgħu jseħħu biss qabel l-attivazzjoni tat-takografu.

v) “event” tfisser:

operazzjoni anormali li nqabdet mit-takografu intelliġenti li tista' tirriżulta minn tentattiv ta' frodi;

w) “faċilità tal-GNSS esterna” tfisser:

faċilità li fiha r-riċevitur tal-GNSS meta l-unità tal-vettura ma tkunx unità waħda, kif ukoll komponenti oħrajn meħtieġa għall-protezzjoni tal-komunikazzjoni ta' dejta dwar il-pożizzjoni lill-bqija tal-unità tal-vettura;

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 353, 21.12.2012, p. 31) kif emendat l-aħħar.

▼B

x) “ħsara” tfisser:

operazzjoni anormali mikxufa mit-takografu intelliġenti li tista' tirriżulta minn ħsara jew falliment tal-apparat;

y) “riċevitur GNSS” tfisser:

apparat elettroniku li jirċievi u jipproċessa s-sinjali diġitali minn Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS, bl-Ingliż) waħda jew aktar sabiex jipprovdi informazzjoni marbuta mal-pożizzjoni, il-veloċità u l-ħin.

z) “stallazzjoni” tfisser:

l-armar ta' takografu f'vettura;

aa) “interoperabbiltà” tfisser:

il-kapaċità tas-sistemi u tal-proċessi kummerċjali sottostanti li jgħaddu d-dejta lil xulxin u jaqsmu l-informazzjoni bejniethom;

bb) “interfaċċa” tfisser:

faċilità bejn sistema u oħra li tipprovdi l-mezz li bih dawn jistgħu jikkollegaw ma' xulxin u jinteraġixxu bejniethom;

cc) “pożizzjoni” tfisser:

koordinati ġeografiċi tal-vettura f'mument partikolari;

dd) “sensor tal-moviment” tfisser:

parti mit-takografu li tipprovdi sinjal rappreżentattiv tal-veloċità tal-vettura u/jew id-distanza vvjaġġata;

ee) “kard mhux valida” tfisser:

kard li ntgħarfet bħala difettuża, jew li l-awtentikazzjoni inizjali tagħha falliet, jew li l-bidu tad-data tal-validità tagħha għadha ma ntlaħqitx, jew li d-data tal-iskadenza tagħha għaddiet;

ff) “standard miftuħ” tfisser:

standard li jidher f'dokument ta' speċifikazzjoni ta' standard, disponibbli mingħajr ħlas jew bi prezz nominali li jista' jiġi kkopjat, imqassam jew użat b'xejn inkella bi prezz nominali.

gg) “barra mill-ambitu” tfisser:

meta l-użu tal-apparat tar-rekordjar ma jkunx meħtieġ, skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 561/2006.

hh) “sewqan b'veloċità eċċessiva” tfisser:

il-qbiż tal-veloċità awtorizzata tal-vettura, definit bħal kull perjodu ta' iktar minn 60 sekonda li fih il-veloċità tal-vettura taqbeż il-limitu indikat fl-apparat tal-limitazzjoni tal-veloċità stipulat fid-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE ([1]), kif emendata l-aħħar;

ii) “spezzjoni perjodika” tfisser:

sett ta' operazzjonijiet imwettqa biex ikun ivverifikat li t-takografu jaħdem tajjeb, li s-settings tiegħu jikkorrispondu mal-parametri tal-vettura, u li mat-takografu ma hemm imwaħħal ebda apparat ta' manipulazzjoni;

([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat tal-limitazzjoni tal-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27).

▼B

jj) “printer” tfisser:

komponent tal-apparat tar-rekordjar li jipprovdi riproduzzjoni stampata tad-dejta maħżuna;

kk) “komunikazzjoni ta' detezzjoni remota bikrija” tfisser:

Komunikazzjoni bejn il-faċilità għall-komunikazzjoni dwar id-detezzjoni remota bikrija u l-apparat għall-qari tal-komunikazzjonijiet dwar id-detezzjoni remota bikrija matul il-kontrolli mmirati mal-ġenb tat-triq bil-għan li jiġu identifikati b'mod remot, każijiet possibbli ta' manipulazzjoni jew użu ħażin tal-apparat ta' rekordjar;

▼M1

ll) “faċilità tal-komunikazzjoni remota” jew “faċilità ta’ detezzjoni remota bikrija” tfisser:

l-apparat tal-unità tal-vettura li jintuża biex isiru l-kontrolli mmirati mal-ġenb tat-triq;

▼B

mm) “apparat għall-qari tal-komunikazzjonijiet dwar id-detezzjoni remota bikrija” tfisser:

Is-sistema użata mill-uffiċjali tal-kontroll għal kontrolli mmirati mal-ġenb tat-triq.

nn) “tiġdid” tfisser:

il-ħruġ ta' kard tat-takografu ġdida meta l-kard eżistenti tilħaq id-data tal-iskadenza tagħha, jew meta tingħata lura lill-awtorità emittenti minħabba li ma baqgħetx taħdem sewwa. It-tiġdid dejjem ikun ifisser b'ċertezza li żewġ kards validi ma jeżistux fl-istess ħin.

oo) “tiswija” tfisser:

kull tiswija ta' sensor tal-moviment jew ta' unità ta' vettura jew ta' cable li teħtieġ l-iskonnessjoni tal-provvista tal-elettriku tagħha, jew l-iskonnessjoni tagħha minn komponenti oħra tat-takografu, jew il-ftuħ tas-sensor tal-moviment jew tal-unità tal-vettura;

pp) “sostituzzjoni tal-kard” tfisser:

il-ħruġ ta' kard tat-takografu li tissostitwixxi kard eżistenti, li ġiet iddikjarata bħala mitlufa, misruqa jew li qed taħdem ħażin u li ma ngħatatx lura lill-awtorità emittenti. F'każ ta' sostituzzjoni dejjem hemm ir-riskju li żewġ kards validi jistgħu jeżistu fl-istess ħin;

qq) “ċertifikazzjoni tas-sigurtà” tfisser:

proċess sabiex ikun iċċertifikat, minn entità taċ-ċertifikazzjoni tal-Kriterji Komuni, li l-apparat tar-rekordjar (jew komponent) jew il-kard tat-takografu li qed jiġu investigati jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà definiti fil-Profili ta' Protezzjoni rilevanti;

rr) “test awtodijanjostiku” tfisser:

testijiet magħmula f'intervalli regolari u awtomatikament mill-apparat tar-rekordjar sabiex jinsabu l-ħsarat;

ss) “kejl tal-ħin” tfisser:

reġistru diġitali permanenti tad-data u l-ħin universali kkoordinat (UTC);

▼M1

tt) “aġġustament tal-ħin” tfisser:

aġġustament tal-ħin attwali; dan l-aġġustament jista’ jsir b’mod awtomatiku f’intervalli regolari bl-użu tal-ħin ipprovdut mir-riċevitur tal-GNSS bħala referenza, jew imwettaq fil-modalità ta’ kalibrazzjoni;

▼B

uu) “id-daqs tat-tajer” tfisser:

id-dežinjazzjoni tad-dimensjonijiet tat-tajers (roti motorizzati esterni) skond id-Direttiva tal-Kunsill 92/23/KEE ([1]), kif emendata l-aħħar;

([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/23/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 li tirrigwarda t-tyres ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll għat-twaħħil tagħhom (ĠU L 129, 14.5.1992, p. 95).

▼B

vv) “identifikazzjoni tal-vettura” tfisser:

numri li jiddentifikaw il-vettura: in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura (VRN) bl-indikazzjoni tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u n-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura (VIN) ([1]);

ww) għall-finijiet tal-kalkoli, fl-apparat tar-rekordjar, “ġimgħa”tfisser:

il-perjodu bejn 00:00 UTC nhar ta' Tnejn u 24:00 UTC nhar ta' Ħadd;

xx) “kard tal-workshop” tfisser:

kard tat-takografu maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru lil persunal magħżul ta' manifattur tat-takografi, fitter, manifattur tal-vetturi jew workshop approvata minn dak l-Istat Membru li tidentifika lid-detentur tal-kard u tippermetti l-ittestjar, il-kalibrazzjoni u l-attivazzjoni tat-takografi u/jew it-tniżżil tad-dejta minnhom;

yy) “adapter” tfisser:

Apparat, li jipprovdi sinjal permanentament rappreżentattiv tal-veloċità tal-vettura u/jew id-distanza vvjaġġata, għajr dak użat għad-detezzjoni tal-moviment indipendenti, u li huwa:

▼M1

— installat u użat biss fil-vetturi tat-tip M1 u N1 (kif definiti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), kif emendata l-aħħar),

▼B

— installat fejn mhuwiex mekkanikament possibbli li jkun installat kwalunkwe tip ieħor ta' sensor eżistenti li minn kull aspett ieħor huwa konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness u l-Appendiċijiet 1 sa 15 tiegħu,

— installat bejn l-unità tal-vettura u l-punt fejn l-impulsi tal-veloċità/distanza huma ġġenerati permezz ta' sensors integrati jew interfaċċi alternattivi,

— mil-lat tal-unità tal-vettura, l-imġiba tal-adapter hija l-istess bħalllikieku sensor tal-moviment, konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness u l-Appendiċijiet 1 sa 16 tiegħu, jkun imqabbad mal-unità tal-vettura;

L-użu ta' adapter bħal dan f'dawk il-vetturi deskritti hawn fuq għandu jippermetti li unità tal-vettura konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness tiġi installata u użata b'mod korrett,

għal dawk il-vetturi, it-takografu intelliġenti jinkludi l-kejbils, l-adapter, u unità tal-vettura;

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/114/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-pjanċi u l-iskrizzjonijiet regolamentari għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u l-post fejn jitqiegħdu u l-metodu ta' kif jitwaħħlu (ĠU L 24, 30.1.1976, p. 1).

([2]) Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

▼B

zz) “integrità tad-dejta” tfisser:

l-akkuratezza u l-konsistenza tad-dejta maħżuna, indikati minn nuqqas ta' kwalunkwe tibdil fid-dejta bejn żewġ aġġornamenti ta' rekord tad-dejta. L-integrità timplika li d-dejta hija kopja eżatta tal-verżjoni oriġinali, eż. li ma ġietx korrotta fil-proċess tal-kitba lejn, jew il-qari lura minn, kard tat-takografu jew apparat apposta, inkella matul it-trażmissjoni permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni;

aaa) “privatezza tad-dejta” tfisser:

il-miżuri tekniċi ġenerali meħuda biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-prinċipji stipulati fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill ([1]) kif ukoll ta' dawk stabbiliti fid-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

bbb) “sistema tat-takografu intelliġenti” tfisser:

l-apparat ta' rekordjar, kards tat-takografu u s-sett tal-apparat kollu li jinteraġixxi magħhom direttament jew indirettament matul il-kostruzzjoni, l-istallazzjoni, l-użu, l-ittestjar u l-kontroll tagħhom, bħalma huma l-kards, l-apparat ta' qari mill-bogħod u kwalunkwe apparat ieħor għat-tniżżil tad-dejta, l-analiżi tad-dejta, kalibrazzjoni, ġenerazzjoni, ġestjoni jew introduzzjoni tal-elementi tas-sigurtà eċċ.;

ccc) “data tal-introduzzjoni”:

36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet dettaljati kif imsemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

Din hija d-data li warajha, vetturi rreġistrati għall-ewwel darba:

— *għandhom ikunu mgħammra b'takografu konness ma' servizz ta' lokalizzazzjoni ibbażat fuq sistema ta' navigazzjoni bis-satellita,*

— *għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw dejta għall-kontrolli mmirati mal-ġenb tat-triq lill-awtoritajiet kompetenti ta' kontroll waqt li l-vettura tkun miexja,*

— *u li jistgħu jkunu mgħammra b'interfaċċi standardizzati li jippermettu li d-dejta rreġistrata jew prodotta mit-takografu tintuża b'mod operattiv, minn apparat estern.*

ddd) “profil ta' protezzjoni” tfisser:

dokument użat bħala parti minn proċess ta' ċertifikazzjoni skont Kriterji Komuni, li jipprovdi speċifikazzjoni indipendenti mill-implimentazzjoni tar-rekwiżiti dwar is-sigurtà tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni;

([1]) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

([2]) Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

([3]) Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

▼B

eee) “akkuratezza” tal-GNSS:

fil-kuntest tar-rekordjar l-pożizzjoni mis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) permezz tat-takografi, din tfisser il-valur ta' Dilwizzjoni tal-Preċiżjoni Orizzontali (HDOP) ikkalkulat bħala l-minimu ta' valuri HDOP miġbura fuq is-sistemi GNSS disponibbli;

▼M1

fff) “ħin ta’ sewqan akkumulat” tfisser:

valur li jirrappreżenta l-għadd totali ta’ minuti ta’ sewqan akkumulat ta’ vettura partikolari.

Il-valur tal-ħin ta’ sewqan akkumulat huwa għadd liberu tal-minuti kollha meqjusa bħala SEWQAN bil-monitoraġġ tal-funzjoni tal-attivitajiet ta’ sewqan tal-apparat tar-rekordjar u jintuża biss biex jattiva r-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni tal-vettura kull darba li jintlaħaq multiplu ta’ tliet sigħat ta’ sewqan akkumulat. L-akkumulazzjoni tinbeda mal-attivazzjoni tal-apparat tar-reġistrazzjoni. Ma tiġi affettwata bl-ebda kundizzjoni oħra, bħal barra mill-ambitu jew vjaġġ bil-vapur/-ferrovija.

Il-valur tal-ħin ta’ sewqan akkumulat mhux maħsub biex jintwera, jiġi stampat jew jitniżżel.

▼B

2 KARATTERISTIKI ĠENERALI U FUNZJONIJIET TAL-APPARAT TAR-REKORDJAR

2.1 **Il-karatteristiki ġenerali**

L-iskop tal-apparat tar-rekordjar huwa li jirrekordja, jaħżen, juri, jistampa, u joħroġ dejta relatata mal-attivitajiet tas-sewwieq.

Kull vettura armata bl-apparat tar-rekordjar li tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, għandha tinkludi apparat li juri l-veloċità u odometru. Dawn il-funzjonijiet jistgħu jkunu inklużi fl-apparat tar-rekordjar.

01) L-apparat tar-rekordjar jinkludi cables, sensor tal-moviment, u unità tal-vettura.

02) L-interfaċċa bejn is-sensors tal-moviment u l-unitajiet tal-vetturi għandha tikkonforma mar-rekwiżiti speċifikati fl-Appendiċi 11.

03) L-unità tal-vettura għandha tkun konnessa ma' sistema/i globali ta' navigazzjoni bis-satellita, kif speċifikat f'Appendiċi 12.

04) L-unità tal-vettura għandha tikkomunika ma' apparati għall-qari tal-komunikazzjonijiet dwar id-detezzjoni remota bikrija kif speċifikat f'Appendiċi 14.

05) L-unità tal-vettura tista' tinkludi interfaċċa ITS, kif speċifikat fl-Appendiċi 13.

L-apparat ta' rekordjar jista' jkun imqabbad ma' faċilitajiet oħra permezz ta' interfaċċi addizzjonali u permezz ta' interfaċċa ITS fakultattiva.

06) Kwalunkwe inklużjoni fi jew konnessjoni mal-apparat tar-rekordjar ta' kwalunkwe funzjoni, apparat jew apparati, approvati jew le, ma għandhiex tinterferixxi ma', jew tkun kapaċi tinterferixxi mal-operazzjoni korretta u sigura tal-apparat tar-rekordjar u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-utenti tal-apparat tar-rekordjar għandhom jidentifikaw rwieħhom mal-apparat permezz ta' kards tat-takografu.

07) L-apparat tar-rekordjar jipprovdi drittijiet ta' aċċess selettivi għad-dejta u funzjonijiet skont it-tip tal-utent u/jew l-identità.

L-apparat tar-rekordjar jirrekordja u jaħżen id-dejta fil-memorja tad-dejta tiegħu u fil-kards tat-takografu.

▼B

Dan isir skont id-Direttiva 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [1], id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika [2] u f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014.

2.2 **Funzjonijiet**

08) L-apparat tar-rekordjar għandu jassigura l-funzjonijiet li ġejjin:

— monitoraġġ tad-dħul u t-tneħħija ta' kards,

— il-kejl tal-veloċità, id-distanza u l-pożizzjoni,

— kejl tal-ħin,

— monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sewwieq,

— monitoraġġ tal-istatus tas-sewqan,

— entrati manwali mis-sewwieq:

— entrati ta' postijiet fejn jibdew u/jew jispiċċaw il-perjodi tax-xogħol ta' kuljum,

— it-tipi u l-identifikaturi kollha tas-siġilli mwaħħla.

121) Barra minn hekk, l-apparat ta' rekordjar għandu jirrekordja u jaħżen fil-memorja tad-dejta tiegħu il-kapaċità tiegħu li juża kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni (kemm jekk attivata ki ukoll jekk le).

122) Is-sensor tal-moviment għandu jirrekordja u jaħżen fil-memorja tiegħu d-dejta tal-istallazzjoni tas-sensor tal-moviment segwenti:

— l-ewwel akkoppjament ma' VU (id-data, il-ħin, in-numru tal-approvazzjoni tal-VU, in-numru tas-serje tal-VU),

— l-aħħar akkoppjament ma' VU (id-data, il-ħin, in-numru tal-approvazzjoni tal-VU, in-numru tas-serje tal-VU),

123) Is-sensor tal-moviment għandu jirrekordja u jaħżen fil-memorja tiegħu d-dejta li ġejja dwar l-istallazzjoni tal-faċilità esterna tal-GNSS:

— l-ewwel akkoppjament ma' VU (id-data, il-ħin, in-numru tal-approvazzjoni tal-VU, in-numru tas-serje tal-VU),

— l-aħħar akkoppjament ma' VU (id-data, il-ħin, in-numru tal-approvazzjoni tal-VU, in-numru tas-serje tal-VU),

3.12.11 *Dejta tal-aġġustament tal-ħin*

124) L-apparat tar-rekordjar għandu jirrekordja u jaħżen fil-memorja tad-dejta tiegħu dejta rilevanti għal aġġustamenti tal-ħin imwettqa fil-modalità tal-kalibrazzjoni barra mill-qafas ta' kalibrazzjoni regolari (def f)):

— l-aktar aġġustament tal-ħin riċenti

— l-akbar 5 aġġustamenti tal-ħin.

125) Id-dejta segwenti għandha tkun irrekordjata għal kull waħda minn dawn l-aġġustamenti:

— id-data u l-ħin, il-valur il-qadim,

— id-data u l-ħin, il-valur il-ġdid,

— l-isem u l-indirizz tal-workshop,

— in-numru tal-kard tal-workshop, l-Istat Membru li ħareġ il-kard, il-ġenerazzjoni tal-kard u d-data tal-iskadenza tagħha,

▼B

3.12.12 *Dejta tal-attività tal-kontroll*

126) L-apparat tar-rekordjar għandu jirrekordja u jaħżen fil-memorja tad-dejta tiegħu d-dejta segwenti rilevanti mal-20 attività tal-kontroll l-iktar riċenti:

— id-data u l-ħin tal-kontroll,

— in-numru ta' kontroll tal-kard, l-Istat Membru li ħareġ il-kard u l-ġenerazzjoni tal-kard,

— it-tip tal-kontroll (wiri u/jew stampar u/jew tniżżil tal-VU u/jew tniżżil tal-kard u/jew kontroll tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq).

127) Fil-każ tat-tniżżil, id-dati tal-ġranet l-iżjed qodma u l-iktar riċenti mniżżla għandhom ikunu rekordjati ukoll.

3.12.13 *Dejta tal-locks tal-kumpanija*

128) L-apparat tar-rekordjar għandu jirrekordja u jaħżen fil-memorja tad-dejta tiegħu d-dejta rilevanti segwenti għall-255 lock tal-kumpanija l-iktar riċenti:

— id-data u l-ħin tal-lock-in,

— id-data u l-ħin tal-lock-out,

— in-numru tal-kard tal-kumpanija, l-Istat Membru li ħareġ il-kard u l-ġenerazzjoni tal-kard,

— l-isem u l-indirizz tal-kumpanija,

Id-dejta li tkun issakkret preċedentement permezz ta' lock imneħħija mill-memorja minħabba l-limitu ta' hawn fuq, għandha tiġi ttrattata bħala dejta mingħajr lock.

3.12.14 *Dejta dwar l-attività ta' tniżżil*

129) L-apparat tar-rekordjar għandu jirrekordja u jaħżen fil-memorja tad-dejta tiegħu d-dejta segwenti rilevanti mal-aħħar tniżżil ta' memorja għal fuq medja esterna waqt fil-mod tal-kumpanija jew tal-kalibrazzjoni:

— id-data u l-ħin tat-tniżżil,

— in-numru tal-kard tal-kumpanija jew tal-workshop, l-Istat Membru li ħareġ il-kard u l-ġenerazzjoni tal-kard,

— l-isem tal-kumpanija jew tal-workshop

3.12.15 *Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki*

130) L-apparat tar-rekordjar għandu jirrekordja fil-memorja tad-dejta tiegħu d-dejta segwenti rilevanti għall-kondizzjonijiet speċifiċi:

— id-data u l-ħin tad-dħul,

— it-tip tal-kondizzjoni speċifika.

131) Il-memorja tad-dejta għandha tkun kapaċi żżomm dejta ta' kondizzjonijiet speċifiċi għal mill-inqas 365 jum (fuq is-suppożizzjoni li bħala medja, tinfetaħ jew tingħalaq kondizzjoni waħda kull jum). Meta l-kapaċità tal-ħżin tiġi eżawrita, dejta ġdida għandha tieħu post l-eqdem dejta.

3.12.16 *Dejta tal-kard tat-takografu*

132) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun kapaċi li jaħżen id-dejta li ġejja marbuta mal-kards tat-takografu differenti li jkunu intużaw fil-VU:

— in-numru tal-kard tat-takografu u n-numru tas-serje tagħha,

— il-manifattur tal-kard tat-takografu,

▼B

— it-tip tal-kard tat-takografu,

— il-verżjoni tal-kard tat-takografu.

133) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun kapaċi jaħżen mill-inqas 88 rekord minn dawn.

3.13 **Qari minn kards tat-takografu**

134) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun kapaċi jaqra minn kards tat-takografu tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni, fejn applikabbli, id-dejta meħtieġa:

— biex jidentifika t-tip tal-kard, id-detentur tal-kard, il-vettura użata qabel, id-data u l-ħin tal-aħħar tneħħija tal-kard u l-attività magħżula f'dak il-ħin,

— biex jivverifika li l-aħħar sessjoni tal-kard ingħalqet b'mod korrett,

— biex jikkalkula l-ħin kontinwu ta' sewqan tas-sewwieq, il-ħin kumulattiv ta' mistrieħ u l-ħinijiet kumulattivi ta' ħinijiet ta' sewqan għall-ġimgħa ta' qabel u dik kurrenti,

— biex jistampa l-printouts mitluba rrelatati mad-dejta rrekordjata fuq kard tas-sewwieq,

— biex iniżżel kard tas-sewwieq għal fuq medja esterna.

Dan ir-rekwiżit japplika biss għal kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni jekk l-użu tagħhom ma tkunx ġiet imrażżna minn workshop.

135) F'każ ta' żball tal-qari, l-apparat tar-rekordjar għandu jipprova mill-ġdid, massimu ta' tliet darbiet, l-istess kmand ta' qari, u mbagħad jekk ma jkunux ta' suċċess, jiddikkjara li l-kard hija difettuża u mhux valida.

3.14 **Rekordjar u ħżin fuq kards tat-takografu**

3.14.1 *Rekordjar u ħżin fuq kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni*

136) Sakemm l-użu ta' kards tat-takografu ma jkunx ġie mrażżan minn workshop, l-apparat tar-rekordjar għandu jirrekordja u jaħżen id-dejta eżattament bl-istess mod bħall-apparat tar-rekordjar tal-ewwel ġenerazzjoni.

137) L-apparat tar-rekordjar għandu jissettja "is-sessjoni tad-dejta tal-kard" fil-kard tas-sewwieq jew tal-workshop wara li tkun iddaħħlet il-kard.

138) L-apparat tar-rekordjar għandu jaġġorna d-dejta maħżuna fuq il-kards validi tas-sewwieq, tal-workshop u/jew tal-kontroll bid-dejt kollha neċessarja rilevanti għall-perjodu filwaqt li kard tkun imdaħħla u tkun rilevanti għad-detentur tal-kard. Id-dejta maħżuna fuq dawn il-kards huma speċifikati fil-Kapitolu 4.

139) L-apparat tar-rekordjar għandu jaġġorna d-dejta dwar l-attività tas-sewwieq u dwar il-postijiet (kif speċifikat f'4.5.3.1.9 u 4.5.3.1.11), maħżuna fuq kard validi tas-sewwieq u/jew tal-workshop, u d-dejta dwar l-attività u dwar il-postijiet għandha tiddaħħal manwalment mid-detentur tal-kard.

140) L-eventi kollha mhux definiti għall-apparat ta' rekordjar tal-ewwel ġenerazzjoni ma għandhomex jinħażnu fuq il-kards tas-sewwieq u tal-workshop.

▼B

141) L-aġġornament tad-dejta tal-kards tal-workshop għandu jkun tali li, meta jkun meħtieġ, fil-waqt li titqies il-kapaċità attwali tal-ħżin tal-kard, l-aktar dejta riċenti tieħu post l-eqdem dejta.

142) F'każ ta' żball tal-kitba, l-apparat tar-rekordjar għandu jipprova mill-ġdid, massimu ta' tliet darbiet, l-istess kmand ta' kitba, u mbagħad jekk ma jkunux ta' suċċess, jiddikkjara li l-kard hija difettuża u mhux valida.

143) Qabel ir-rilaxx tal-kard tas-sewwieq, u wara li d-dejta rilevanti kollha tkun inħażnet fuq il-kard, l-apparat tar-rekordjar għandu jagħmel reset tad-"dejta tas-sessjoni tal-kard".

3.14.2 *Rekordjar u ħżin fuq kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni*

144) Il-kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni għandu jkun fihom 2 applikazzjonijiet differenti tal-kard, li l-ewwel wieħed minnhom għandha tkun eżattament l-istess bħall-applikazzjoni TACHO tal-kards tal-ewwel ġenerazzjoni, u t-tieni, l-applikazzjoni "TACHO_G2", kif speċifikat f'Kapitolu 4 u l-Appendiċi 2.

145) L-apparat tar-rekordjar għandu jissettja "is-sessjoni tad-dejta tal-kard" fil-kard tas-sewwieq jew tal-workshop wara li tkun iddaħħlet il-kard.

146) L-apparat tar-rekordjar għandu jaġġorna d-dejta maħżuna fuq 2 applikazzjonijiet ta' kards validi tas-sewwieq, tal-workshop u/jew tal-kontroll bid-dejta kollha neċessarja rilevanti għall-perjodu li fih il-kard hija mdaħħla u rilevanti għad-detentur tal-kard. Id-dejta maħżuna fuq dawn il-kards huma speċifikati fil-Kapitolu 4.

147) L-apparat tar-rekordjar għandu jaġġorna d-dejta dwar l-attività, dwar il-postijiet u dwar il-pożizzjonijiet tas-sewwieq (kif speċifikat f'4.5.3.1.9, 4.5.3.1.11, 4.5.3.2.9 u 4.5.3.2.11), maħżuna fuq kards validi tas-sewwieq u/jew tal-workshop, u d-dejta dwar l-attività u dwar il-postijiet għandha tiddaħħal manwalment mid-detentur tal-kard.

148) L-aġġornament tad-dejta tal-kards tal-workshop għandu jkun tali li, meta jkun meħtieġ, fil-waqt li titqies il-kapaċità attwali tal-ħżin tal-kard, l-aktar dejta riċenti tieħu post l-eqdem dejta.

149) F'każ ta' żball tal-kitba, l-apparat tar-rekordjar għandu jipprova mill-ġdid, massimu ta' tliet darbiet, l-istess kmand ta' kitba, u mbagħad jekk ma jkunux ta' suċċess, jiddikkjara li l-kard hija difettuża u mhux valida.

150) Qabel jirrilaxxa l-kard tas-sewwieq, u wara li d-dejta rilevanti kollha tkun inħażnet fuq 2 applikazzjonijiet tal-kard, l-apparat tar-rekordjar għandu jagħmel "reset" tad-"dejta dwar is-sessjoni tal-kard".

3.15 **Display**

151) Id-display għandu jinkludi mill-inqas 20 karattru.

152) Id-daqs minimu tal-karattru għandu jkun ta' 5 mm għoli u 3.5 mm wiesa'.

153) L-iskrin għandu jappoġġa l-karattri speċifikati fl-Appendiċi 1 tal-Kapitolu 4 "Settijiet ta' karattri". Id-display jista' juża karattri semplifikati (pereżempju karattri b'aċċent jistgħu jintwerew mingħajr l-aċċent jew ittri żgħar jistgħu jidhru bħala ittri kbar).

▼B

154) Id-display għandu jkollu dawl xieraq li ma jgħammixx.

155) L-indikazzjonijiet għandhom jidhru minn barra l-apparat tar-rekordjar.

156) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun kapaċi li juri:

— id-dejta predefinita,

— dejta relatata ma' twissijiet,

— dejta relatata mal-aċċess tal-menu,

— dejta oħra mitluba minn utent.

Informazzjoni addizzjonali tista' tintwera mill-apparat tar-rekordjar, bil-kundizzjoni li jintgħaraf b'mod ċar mill-informazzjoni meħtieġa hawn fuq.

157) Id-display tal-apparat tar-rekordjar għandu juża l-pittogrammi jew t-taħlit tal-pittogrammi elenkati fl-Anness 3. Pittogrammi jew taħlita ta' pittogrammi addizzjonali jistgħu jintwerew ukoll mid-display, jekk jintgħarfu b'mod ċar mill-pittogramma jew taħlita ta' pittogrammi msemmija hawn fuq.

158) Id-display dejjem għandu jkun MIXGĦUL waqt li l-vettura tkun miexja.

159) L-apparat tar-rekordjar jista' jinkludi fattur manwali jew awtomatiku biex id-display JINTEFA' meta l-vettura ma tkunx miexja.

Il-format tal-wiri huwa speċifikat fl-Appendiċi 5.

3.15.1 *Display predefinita*

160) Meta l-ebda tagħrif ieħor ma jkun jeħtieġ li jintwera, l-apparat tar-rekordjar għandu juri, fuq bażi predefinita, dan li ġej:

— il-ħin lokali (b'riżultat tal-ħin UTC + id-differenza kif kienet issettjata mis-sewwieq),

— il-modalità tal-operazzjoni,

— l-attività kurrenti tas-sewwieq u l-attività kurrenti tal-assistent sewwieq,

— informazzjoni relatata mas-sewwieq:

— jekk l-attività attwali tiegħu hija s-SEWQAN, il-ħin attwali ta' sewqan kontinwu tiegħu u l-ħin kumulattiv ta' mistrieħ attwali tiegħu,

— jekk l-attività attwali tiegħu mhijiex SEWQAN, id-dewmien tal-attività attwali (minn meta ntgħażlet) u l-ħin kumulattiv ta' mistrieħ attwali tiegħu.

161) Il-wiri ta' dejta marbuta ma' kull sewwieq għandu jkun ċar, sempliċi u mhux ambigwu. Fil-każ fejn l-informazzjoni relatata mas-sewwieq u mal-kosewwieq ma tistax tintwera fl-istess ħin, l-apparat tar-rekordjar għandu juri fuq bażi predefinita, l-informazzjoni relatata mas-sewwieq u għandu jippermetti lill-utent biex juri l-informazzjoni relatata mal-kosewwieq.

162) Fil-każ fejn id-display ma tippermettix li tintwera fuq bażi predefinita il-modalità tal-operazzjoni, l-apparat tar-rekordjar għandu juri fil-qosor il-modalità l-ġdida tal-operazzjoni meta din tinbidel.

163) L-apparat tar-rekordjar għandu juri fil-qosor l-isem tad-detentur tal-kard waqt l-inserzjoni tal-kard.

▼B

164) Meta tinfetaħ kondizzjoni ta' "BARRA MILL-AMBITU", jew vjaġġ bil-"VAPUR/FERROVIJA", id-display predefinita għandha turi, permezz tal-pittogramma rilevanti, li l-kundizzjoni partikolari hija miftuħa (huwa aċċettabbli li l-attività kurrenti tas-sewwieq ma tintweriex fl-istess ħin).

3.15.2 *Display ta' twissija*

165) L-apparat tar-rekordjar għandu juri informazzjoni ta' twissija bl-użu tal-pittogrammi primarji tal-Appendiċi 3, kompletat, fejn meħtieġ b'informazzjoni addizzjonali kkodifikata numerikament. Deskrizzjoni litterali tat-twissija tista' tiżdied ukoll fil-lingwa magħżula tas-sewwieq.

3.15.3 *L-aċċess tal-menu*

166) L-apparat tar-rekordjar għandu jipprovdi bil-kmand neċessarji permezz ta' struttura ta' menu xierqa.

3.15.4 *Displays oħra*

167) Għandu jkun possibbli li jintwera selettivament fuq talba:

— id-data u l-ħin tal-UTC, u d-differenza fil-ħin lokali,

— il-kontenut ta' kwalunkwe waħda mis-sitt printouts bl-istess format tal-printouts stess,

— il-ħin tas-sewqan kontinwu u l-ħin kumulattiv ta' mistrieħ tas-sewwieq,

— il-ħin tas-sewqan kontinwu u l-ħin kumulattiv ta' mistrieħ tal-kosewwieq,

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tas-sewwieq għall-ġimgħa ta' qabel u għal dik kurrenti,

— il-ħin kumulattiv ta' sewqan tal-assistent sewwieq għall-ġimgħa ta' qabel u kurrenti,

Fakultattiv:

— id-dewmien tal-attività kurrenti tal-kosewwieq (minn meta ntgħażlet),

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tas-sewwieq għall-ġimgħa attwali,

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tal-kosewwieq għall-perjodu attwali tax-xogħol ta' kuljum,

— il-ħin kumulattiv tas-sewqan tas-sewwieq għall-perjodu attwali tax-xogħol ta' kuljum.

168) Il-wiri tal-kontenut tal-printout għandu jkun f'sekwenza, linja b'linja. Jekk il-wisgħa tad-display huwa inqas minn 24 karattru l-utent għandu jkun ipprovdut bl-informazzjoni kompleta permezz ta' mezz xieraq (diversi linji, scrolling, …).

Linji tal-printout maħsuba għal informazzjoni miktuba bl-idejn jistgħu jitħallew barra għall-wiri.

3.16 **L-istampar**

169) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun kapaċi jistampa informazzjoni mill-memorja tad-dejta tiegħu u/jew minn kards tat-takografu skont is-seba' printouts segwenti:

— l-attivitajiet tas-sewwieq mill-printout tal-kard ta' kuljum,

— l-attivitajiet tas-sewwieq mill-printout tal-Unità tal-Vettura ta' kuljum,

— eventi u ħsarat mill-printout tal-kard,

▼B

— eventi u ħsarat mill-printout tal-Unità tal-Vettura,

— il-printout tad-dejta teknika,

— il-printout ta' sewqan b'veloċità eċċessiva.

— l-istorja tal-kard tat-takografu għal VU partikolari (ara l-kapitolu 3.12.16)

Il-format iddettaljat u l-kontenut ta' dawn il-printouts huma speċifikati fl-Appendiċi 4.

Dejta addizzjonali tista' tkun ipprovduta fl-aħħar tal-printouts

Printouts addizzjonali jistgħu jkunu pprovduti ukoll mill-apparat tar-rekordjar, jekk jintgħaraf b'mod ċar mis-seba' printouts imsemmija hawn fuq.

170) L-“attivitajiet tas-sewwieq mill-printout tal-kard ta' kuljum” u “eventi u ħsarat mill-printout tal-kard” għandu jkun disponibbli biss meta kard ta' sewwieq jew kard ta' post tax-xogħol jiġi insertit fl-apparat tar-rekordjar. L-apparat tar-rekordjar għandu jaġġorna d-dejta maħżuna fuq il-kard rilevanti qabel ma jibda jistampa.

171) Sabiex jipproduċi l-“attivitajiet tas-sewwieq mill-printout tal-kard ta' kuljum” jew l-“eventi u ħsarat mill-printout tal-kard”, l-apparat tar-rekordjar għandu:

— jew jagħżel awtomatikament il-kard ta' sewwieq jew il-kard ta' post tax-xogħol jekk kard wieħed minn dawn biss huwa inserit,

— jew jipprovdi kmand biex jintagħżel il-kard tas-sors jew jintagħżel il-kard fis-slott tas-sewwieq jekk tnejn minn dawn il-kards huma inseriti fl-apparat tar-rekordjar.

172) L-apparat tal-istampar għandu jkun kapaċi li jistampa 24 karattru f'kull linja.

173) Id-daqs minimu tal-karattru għandu jkun ta' 2.1 mm għoli u 1.5 mm wiesa'.

174) Il-printer għandu jappoġġa l-karattri speċifikati fl-Appendiċi 1 tal-Kapitolu 4 “Settijiet ta' karattri”.

175) L-apparat li jistampa għandu jkun iddisinjat b'tali mod biex jipproduċi dawn il-printouts b'grad ta' ċarezza b'tali mod li tkun evitata kull ambigwità meta jinqraw.

176) Printouts għandhom iżommu d-dimensjonijiet u r-rekordjar tagħhom f'kondizzjonijiet ta' umdità (minn 10 sa -90 %) u temperatura normali.

177) It-tip ta' karta approvata wżata mill-apparat tar-rekordjar għandha turi l-marka rilevanti tal-approvazzjoni tat-tip u l-indikazzjoni tat-tip(i) tal-apparat tar-rekordjar li miegħu/-magħhom tista' tintuża.

178) Il-printouts għandhom jibqgħu jinqraw u jibqgħu identifikabbli b'mod ċar f'kundizzjonijiet ta' ħażna normali, f'termini tal-intensità tad-dawl, l-umdità u t-temperatura, għal mill-inqas sentejn.

179) Il-printouts għandhom ikunu konformi ma' mill-inqas l-ispeċifikazzjonijiet tat-test definiti fl-Appendiċi 9.

180) Għandu jkun possibbli ukoll biex jiżdiedu noti miktuba bl-idejn, bħall-firma tas-sewwieqa, ma' dawn id-dokumenti.

▼B

181) L-apparat tar-rekordjar għandu jamministra eventi ta' "bla karti" waqt li qed jipprintja billi, la darba l-karti jkunu mdaħħla mill-ġdid, jerġa' jibda jistampa mill-bidu tal-printout jew billi jkompli jistampa u jipprovdi referenza mhux ambigwa għall-parti stampata qabel.

3.17 **Twissijiet**

182) L-apparat tar-rekordjar għandu jagħti twissija lis-sewwieq meta jinduna b'xi kwalunkwe event u/jew ħsara.

183) Twissija ta' interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku tista' ddum sa meta l-provvista tal-elettriku tkun konnessa mill-ġdid.

184) L-apparat tar-rekordjar għandu jagħti twissija lis-sewwieq 15-il minuta qabel ma jinqabeż il-ħin massimu ta' sewqan kontinwu permess u fil-ħin li dan jinqabeż.

185) It-twissijiet għandhom ikunu viżwali. Twissijiet bis-smigħ jistgħu jingħataw ukoll mat-twissijiet viżwali.

186) It-twissijiet viżwali għandhom jintgħarfu b'mod ċar mill-utent, jinstabu fil-vista tas-sewwieq u għandhom ikunu leġibbli b'mod ċar kemm bi nhar kif ukoll bil-lejl.

187) Twissijiet viżwali jistgħu jkunu mibnija ġewwa l-apparat tar-rekordjar u/jew 'il bogħod mill-apparat tar-rekordjar.

188) F'dan l-aħħar każ, għandu jkollu s-simbolu "T".

189) It-twissijiet għandhom idumu mill-inqas 30 sekonda, sakemm ma jiġux rikonoxxuti mill-utent billi jolqot kwalunkwe buttuna fuq l-apparat tar-rekordjar. L-ewwel rikonoxximent ma għandux iħassar il-kawża tat-twissija riferit għalih fil-paragrafu li ġej.

190) Il-kawża tat-twissija għandha tintwera fuq l-apparat tar-rekordjar u tibqa' viżibbli sa kemm ikun irrikonoxxut mill-utent billi juża buttuna jew kmand speċifika fuq l-apparat tar-rekordjar.

191) Twissijiet addizzjonali jistgħu jkunu pprovduti, bil-kundizzjoni li ma jħawdux lis-sewwieqa fir-relazzjoni ta' dawk definiti qabel.

3.18 **Tniżżil ta' dejta għal fuq medja esterna**

192) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun kapaċi li jniżżel dejta mat-talba mill-memorja tad-dejta tiegħu jew minn kard ta' sewwieq għal medja ta' ħażna esterna permezz tal-konnettur tal-kalibrazzjoni/tniżżil. L-apparat tar-rekordjar għandu jaġġorna d-dejta maħżuna fuq il-kard rilevanti qabel ma jibda jniżżel.

193) Barra minn hekk, u bħala karatteristika fakultattiva jista', f'kwalunkwe modalità tal-operazzjoni, iniżżel id-dejta permezz ta' konnettur ieħor lill-kumpanija awtentikata permezz ta' dan il-kanal. F'dan il-każ, id-drittijiet tal-aċċess tad-dejta fil-mod tal-kumpanija japplikaw f'dan it-tniżżil.

194) It-tniżżil ma għandux jibdel jew iħassar xi dejta maħżuna.

195) L-interfaċċa tal-konnettur għall-kalibrazzjoni/tniżżil huwa speċifikat fl-Appendiċi 6.

196) Il-protokolli tat-tniżżil huma speċifikati fl-Appendiċi 7.

▼B

3.19 **komunikazzjoni remota għal kontrolli mmirati mal-ġenb tat-triq,**

197) Meta l-ignition tkun mixgħula, kull 60 sekond, l-unità tal-vettura għandha taħżen fil-faċilità ta' komunikazzjoni remota, l-aktar dejta riċenti neċessarja għall-finijiet tal-kontrolli mmirati fil-ġenb tat-triq. Tali dejta għandha tkun kriptata u ffirmata kif speċifikat fl-Appendiċi 11 u fl-Appendiċi 14.

198) Id-dejta għall-kontroll remot għandha tkun disponibbli għal apparati tal-qari tal-komunikazzjonijiet remoti permezz tal-komunikazzjoni mingħajr wajers, kif speċifikat f'Appendiċi 14.

199) Id-dejta neċessarja għall-iskop tal-kontrolli mmirati fil-ġenb tat-triq għandha tkun relatata ma':

— l-aħħar tentattiv ta' ksur tas-sigurtà,

— l-itwal interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku,

— ħsara fis-sensor,

— żball fid-dejta tal-moviment,

— kunflitt fil-moviment tal-vettura,

— sewqan mingħajr kard valida,

— introduzzjoni tal-kard waqt is-sewqan,

— dejta dwar l-aġġustament tal-ħin,

— dejta tal-kalibrazzjoni li tinkludi d-dati tal-aħħar żewġ rekords maħżuna tal-kalibrazzjoni,

— In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura;

— veloċità rreġistrata mit-takografu.

3.20 **Id-dejta maħruġa lil apparat esterni addizzjonali**

▼M1

200) L-apparat tar-rekordjar jista' jkun mgħammar ukoll b'interfaċċi standardizzati li jippermettu li d-dejta rreġistrata jew prodotta mit-takografu tintuża fil-modalità operazzjonali jew tal-kalibrazzjoni, minn faċilità esterna.

Fl-Appendiċi 13, hija speċifikata u standardizzata interfaċċa fakultattiva tal-ITS. Interfaċċi oħra tal-unità tal-vettura jistgħu jeżistu flimkien, sakemm dawn jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti tal-Appendiċi 13 f'termini tal-lista minima tad-dejta, tas-sigurtà u tal-kunsens tas-sewwieq.

Il-kunsens tas-sewwieq ma japplikax għad-dejta trażmessa mill-apparat ta' rekordjar għan-netwerk tal-vettura. F'każ li d-dejta personali injettata fin-netwerk tal-vettura tiġi proċessata aktar barra n-netwerk tal-vettura, il-manifattur tal-vettura huwa responsabbli li jkollu dak il-proċess tad-dejta personali konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 ("Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta").

Il-kunsens tas-sewwieq lanqas ma japplika għad-dejta tat-takografu mniżżla fuq kumpanija remota (rekwiżit 193), peress li dan ix-xenarju huwa mmonitorjat mid-dritt ta' aċċess tal-kard tal-kumpanija.

Ir-rekwiżiti li ġejjin japplikaw għad-dejta tal-ITS magħmula disponibbli permezz ta' dik l-interfaċċa:

— din id-dejta hija sett ta' dejta eżistenti magħżula mid-dizzjunarju tad-dejta tat-takografu (Appendiċi 1),

▼M1

— subsett ta’ din id-dejta magħżula huwa mmarkat “dejta personali”,

— is-subsett “dejta personali” huwa disponibbli biss jekk ikun attivat, b’mod verifikabbli, il-kunsens tas-sewwieq, li jaċċetta li d-dejta personali tiegħu tkun tista’ tinħareġ min-netwerk tal-vettura,

— Fi kwalunkwe mument, il-kunsens tas-sewwieq jista’ jiġi attivat jew diżattivat permezz ta’ kmandi fil-menu, bil-kundizzjoni li tkun iddaħħlet il-kard tas-sewwieq,

— is-sett u s-subsett tad-dejta jixxandru permezz ta’ protokoll Bluetooth mingħajr wajers fir-raġġ tal-kabina tal-vettura, bi frekwenza ta’ 1 minuta,

— l-akkoppjament tal-apparat estern mal-interfaċċa tal-ITS ikun protett minn PIN apposta u aleatorju ta’ mill-anqas 4 ċifri, reġistrati u disponibbli permezz tad-display ta’ kull unità tal-vettura,

— il-preżenza tal-interfaċċa tal-ITS fl-ebda ċirkostanza ma tista tfixkel jew taffettwa l-funzjonament korrett u s-sigurtà tal-unità tal-vettura.

Mas-sett ta’ dejta eżistenti magħżula tista’ tinħareġ ukoll dejta oħra, ikkunsidrata bħala l-lista minima, sakemm din ma tkunx tista titqies bħala dejta personali.

L-apparat ta’ rekordjar għandu jkollu l-kapaċità li jikkomunika l-istatus ta’ kunsens tas-sewwieq lil pjattaformi oħra fin-netwerk tal-vettura.

Meta l-ignition tal-vettura tkun ON, din id-dejta għandha tkun imxandra b’mod permanenti.

▼B

201) L-interfaċċa b'serial link, kif speċifikata fl-Anness 1B tar-Regolament (KEE) Nru 3821/85, kif emendat l-aħħar, tista' tibqa' tiġi armata fuq it-takografi għar-retrokompatibbiltà. Madankollu, il-kunsens tas-sewwieq xorta jibqa' meħtieġ f'każ li tiġi trażmessa dejta personali.

3.21 **Kalibrazzjoni**

202) Il-funzjoni tal-kalibrazzjoni għandha tippermetti:

— li jitqiegħdu f'par is-sensor tal-moviment mal-VU awtomatikament,

— għall-akkoppjament awtomatiku tal-faċilita tal-GNSS esterna mal-VU, jekk applikabbli,

— għall-adattament diġitali tal-kostant tal-apparat tar-rekordjar (k) għall-koeffiċjent karatteristiku tal-vettura (w),

— għall-aġġustament tal-ħin kurrenti fil-perjodu tal-validità tal-kard tal-workshop imdaħħla,

— li jkun aġġustat l-valur kurrenti tal-odometru,

— biex tkun aġġornata d-dejta tal-identifikazzjoni tas-sensor tal-moviment maħżun fil-memorja tad-dejta,

— għall-aġġornament, jekk applikabbli, id-dejta għall-identifikazzjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna maħżuna fil-memorja tad-dejta,

▼B

— għall-aġġornament tat-tipi u tal-identifikaturi tas-siġilli kollha mwaħħla,

— biex ikunu aġġornati jew ikkonfermati parametri oħra magħrufa mill-apparat tar-rekordjar: l-identifikazzjoni tal-vettura, w, l, id-daqs tat-tajer u is-setting tal-apparat li jillimita l-veloċità jekk applikabbli.

203) Barra minn hekk, il-funzjoni tal-kalibrazzjoni għandha tippermetti t-trażżin fl-użu tal-kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni fl-apparat ta' rekordjar, sakemm il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Appendiċi 15 jkunu sodisfatti.

204) It-tqabbil tas-sensor tal-moviment mal-VU għandha tikkonsisti, mill-inqas, fi:

— aġġornar tad-dejta tal-istallazzjoni tas-sensor tal-moviment miżmuma mis-sensor tal-moviment (kif ikun meħtieġ),

— l-ikkopjar mis-sensor tal-moviment lill-memorja tad-dejta tal-VU, tad-dejta meħtieġa għall-identifikazzjoni tas-sensor tal-moviment.

205) L-akkoppjament tal-faċilità tal-GNSS esterna mal-VU għandu jikkonsisti mill-inqas, fi:

— L-aġġornar tad-dejta tal-istallazzjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna miżmuma mill-faċilità tal-GNSS esterna (kif meħtieġ),

— l-ikkopjar mill-faċilità tal-GNSS esterna lill-memorja tad-dejta tal-VU id-dejta ta' identifikazzjoni meħtieġa tal-faċilità tal-GNSS esterna, inkluż in-numru tas-serje tal-faċilità tal-GNSS esterna,

L-akkoppjament għandu jkun segwit minn verifika tal-informazzjoni dwar il-pożizzjoni GNSS.

206) Il-funzjoni tal-kalibrazzjoni għandha tkun kapaċi ddaħħal dejta meħtieġa mill-konnettur tal-kalibrazzjoni/tniżżil skont il-protokoll tal-kalibrazzjoni kif hemm definit fl-Appendiċi 8. Il-funzjoni tal-kalibrazzjoni tista' ddaħħal ukoll dejta meħtieġa minn mezzi oħra.

3.22 **Kontroll tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq**

207) Il-funzjoni ta' verifika tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq għandha tippermetti l-qari tan-numru tas-serje tas-sensor tal-moviment (possibilment integrat fl-adapter) u n-numru tas-serje tal-faċilita tal-GNSS (fejn applikabbli), imqabbda mal-unità tal-vettura fil-mument tat-talba.

208) Dan il-qari għandu jkun possibbli tal-anqas fuq id-display tal-unità tal-vettura permezz ta' kmandi mill-menus.

209) Il-funzjoni tal-verifika tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq għandha tippermetti wkoll il-kontroll tal-għażla tal-modalità I/O għall-kalbrazzjoni tal-linja tas-sinjal I/O speċiikata fl-Appendiċi 6, permezz tal-interfaċċa tal-linja K. Dan għandu jsir permezz tas-Sessjoni tal-Aġġustament tal-ECU, kif speċifikat f'Appendiċi 8, sezzjoni 7, Kontroll tal-Pulsazzjonijiet tal-Ittestjar — unità funzjonali tal-kontroll tal-input u tal-output.

3.23 **L-aġġustament tal-ħin**

210) Il-funzjoni tal-aġġustament tal-ħin għandha tippermetti għall-aġġustament awtomatiku tal-ħin kurrenti. Għall-aġġustament tal-ħin fl-apparat tar-rekordjar, jintużaw żewġ sorsi: 1) l-arloġġ intern tal-VU, 2) ir-riċevitur tal-GNSS.

▼M1

211) Il-konfigurazzjoni tal-ħin tal-arloġġ intern tal-VU għandha tiġi aġġustata mill-ġdid awtomatikament kull 12-il siegħa. Jekk dan l-aġġustament mill-ġdid ma jkunx possibbli għax is-sinjal tal-GNSS ma jkunx disponibbli, il-konfigurazzjoni tal-ħin għandha ssir malli l-VU tkun tista' taċċessa ħin validu pprovdut mir-riċevitur tal-GNSS, skont il-kundizzjonijiet tal-ignition tal-vettura. Il-ħin ta' referenza għall-konfigurazzjoni awtomatika tal-ħin tal-arloġġ intern tal-VU għandha tinkiseb mir-riċevitur tal-GNSS.

▼B

212) Il-funzjoni tal-aġġustament tal-ħin għandha tippermetti għall-aġġustar ipprovokat tal-ħin kurrenti, fil-modalità tal-kalibrazzjoni.

3.24 **Karatteristiki tal-prestazzjoni**

213) L-unità tal-vettura għandha tkun kompletament operattiva fil-medda ta' temperaturi bejn – 20 °C u 70 °C, il-faċilità tal-GNSS esterna fil-medda ta' temperaturi bejn – 20 °C u 70 °C u s-sensor tal-moviment fil-medda ta' temperaturi bejn – 40 °C u 135 °C. Il-kontenut tal-memorja tad-dejta għandu jiġi ppriservat f'temperaturi baxxi sa – 40 °C.

214) It-takografu għandu jkun kompletament operattiv fl-iskala tal-umdità ta' bejn 10 % u 90 %.

215) Is-siġilli użati fit-takografu intelliġenti għandhom ikunu jifilħu l-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għall-komponenti tat-takografu li jkunu mwaħħla magħhom.

216) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun protett kontra vultaġġ żejjed, inverżjoni tal-polarità tal-elettriku tiegħu, u minn xortjar fiċ-ċirkwiti.

217) Is-sensorji tal-moviment għandhom jew:

— jirreaġixxu għal kamp manjetiku li jfixkel id-detezzjoni tal-moviment tal-vettura. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-unità tal-vettura se tirreġistra u taħżen ħsara fis-sensor (ir-Rekwiżit 70) jew,

— ikollhom element sensorjali li huwa protett minn kampijiet manjetiċi, jew li huwa immuni għalihom.

218) L-apparat tar-rekordjar u l-faċilità tal-GNSS esterna għandhom jikkonformaw mar-regolament internazzjonali NU/KEE R10, u għandhom ikunu protetti minn skarigi elettrostatiċi u transjenti.

3.25 **Materjali**

219) Il-partijiet kollha kostitwenti tal-apparat tar-rekordjar għandhom ikunu magħmula minn materjal ta' stabbiltà suffiċjenti u ta' saħħa mekkanika u b'karatteristiċi elettriċi u manjetiċi stabbli.

220) Għall-kondizzjonijiet tal-użu normali, il-partijiet interni kollha tal-apparat għandhom ikunu protetti kontra l-umdità u t-trab.

221) L-Unità tal-Vettura u l-faċilità tal-GNSS esterna għandhom jissodisfaw il-grad tal-protezzjoni IP 40 u s-sensor tal-moviment għandu jissodisfa l-grad ta' protezzjoni IP 64, skont l-istandard IEC 60529:1989 inklużi A1:1999 u A2:2013.

222) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli rrelatati ma' disinn ergonomiku.

▼B

223) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun protett kontra ħsara aċċidentali.

3.26 **Marki**

224) Jekk l-apparat tar-rekordjar juri l-valur tal-odometru u l-veloċità tal-vettura, id-dettalji segwenti għandhom jidhru fuq l-apparat li juri karattri fuq l-iskrin:

— qrib il-figura li tindika d-distanza, l-unità tal-kejl tad-distanza, indikata bl-abbrevjazzjoni “km”,

— qrib il-figura li turi l-veloċità, l-entrata “km/h”.

L-apparat tar-rekordjar jista' ukoll ikun imdawwar sabiex juri l-veloċità f'mili fis-siegħa, f'liema każ l-unità tal-kejltal-veloċità għandha tintwera bl-abbrevjazzjoni “mph”. L-apparat tar-rekordjar jista' jinqaleb ukoll biex juri l-veloċità f'mili fis-siegħa, f'liema każ l-unità tal-kejl tad-distanza għandha tintwera bl-abbrevjazzjoni “mi”.

▼M1

225) Għandha titwaħħal plakka deskrittiva ma’ kull komponent separat tal-apparat tar-rekordjar u turi d-dettalji li ġejjin:

— l-isem u l-indirizz tal-manifattur,

— in-numru tal-parti tal-manifattur u s-sena tal-manifattura,

— in-numru tas-serje,

— il-marka tal-approvazzjoni tat-tip.

226) Meta l-ispazju fiżiku ma jkunx biżżejjed biex jintwerew id-dettalji kollha msemmija hawn fuq, il-plakka deskrittiva għandha turi mill-inqas: l-isem jew il-logo tal-manifattur, u n-numru tal-part.

▼B

4 REKWIŻITI TAL-KOSTRUZZJONI U FUNZJONALI GĦALL-KARDS TAT-TAKOGRAFU

4.1 **Dejta viżibbli**

L-ewwel paġna jkun fiha:

227) il-kliem “Kard tas-sewwieq” jew “Kard tal-kontroll” jew “Kard tal-workshop” jew “Kard tal-kumpanija” stampati f'ittri kbar bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li ħareġ il-kard, skont it-tip tal-kard.

228) l-isem ta'l-Istat Membru li ħareġ il-kard (mhux obbligatorju);

229) is-sinjal ta' distinzjoni tal-Istat Membru li ħareġ il-kard, stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi 12-il stilla safra. il-marki distintivi għandhom ikunu kif ġej:

B	Il-Belġju	LV	Il-Latvja
BG	Il-Bulgarija	L	Il-Lussemburgu
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	LT	Il-Litwanja
CY	Ċipru	M	Malta
DK	Id-Danimarka	NL	In-Netherlands (l-Olanda)
D	Il-Ġermanja	A	L-Awstrija
L-Estonja	Estonja	PL	Il-Polonja

▼B

GR	Il-Greċja	P RO SK SLO	Il-Portugall Ir-Rumanija Is-Slovakkja Is-Slovenja
E	Spanja	FIN	Il-Finlandja
F HR H	Franza Il-Kroazja L-Ungerija	S	L-Iżvezja
L-Irlanda	l-Irlanda	UK	Ir-Renju Unit
I	L-Italja		

230) l-informazzjoni speċifika għall-kard maħruġa, innumerata kif ġej:

	Kard tas-sewwieq	Kard ta' kontroll	Kard tal-kumpanija jew tal-workshop
1.	il-kunjom tas-sewwieq	l-isem tal-entità tal-kontroll,	l-isem tal-kumpanija jew tal-workshop
2.	isem/ismijiet is-sewwieq	il-kunjom tal-kontrollur (jekk applikabbli)	il-kunjom tad-detentur tal-kard (jekk applikabbli)
3.	id-data tat-twelid tas-sewwieq	isem/ismijiet il-kontrollur (jekk applikabbli)	isem/ismijiet id-detentur (jekk applikabbli)
4.a	id-data tal-bidu tal-validità tal-kard		
4.b	id-data tal-iskadenza tal-kard		
4.c	l-isem tal-awtorità tal-ħruġ (jista' jkun stampat fuq wara tal-paġna)		
4.d	numru differenti minn dak taħt l-intestatura 5, għal skopijiet amministrattivi (fakultattiv);		
5. a	Numru tal-liċenzja tas-sewqan (fid-data tal-ħruġ tal-kard tas-sewwieq)	—	—
5. b	In-numru tal-kard		
6.	Ritratt tas-sewwieq	ritratt tal-kontrollur (fakultattiv)	ritratt tal-fitter (fakultattiv)
7.	Firma tad-detentur (fakultattiv)		
8.	post ta' residenza jew indirizz postali tad-detentur (mhux obbligatorja)	L-indirizz postali tal-entità tal-kontroll	l-indirizz postali tal-kumpanija jew tal-workshop

231) id-dati għandhom jinkitbu bl-użu ta' format “jj/xx/ssss” jew “jj.xx.ssss” (jum, xahar, sena);

Il-naħa ta' wara tal-paġna jkun fiha:

232) spjegazzjoni tal-artikoli numerati li jidhru fuq il-paġna ta' quddiem tal-kard;

▼B

233) bil-ftehim speċifiku bil-miktub ta' min għandu l-pussess, l-informazzjoni li ma hijiex irelatata mal-amministrazzjoni tal-kard jista' jiżdied ukoll, din l-addizzjoni ma għandhiex tbiddel fl-ebda mod l-użu tal-mudell bħala kard tat-takograff.

234) Il-kards tat-takografu għandhom jiġu stampati bil-kuluri predominanti tal-isfond li ġejjin:

— kard tas-sewwieq: abjad

— kard ta' kontroll: blu,

— kard tal-workshop: aħmar,

— kard tal-kumpanija: isfar


235) Il-kards tat-takografu għandhom juru mill-inqas il-karatteristiċi li ġejjin għall-protezzjoni tal-kard kontra l-falsifikazzjoni u t-tbagħbis:

— disinn tas-sigurtà fl-isfond b'disinn fin tal-guilloche u stampar tat-tip tal-qawsalla,

— fiż-żona tar-ritratt, id-disinn tas-sigurtà fl-isfond u r-ritratt għandhom jitrikkbu fuq xulxin,

— mill-inqas linja waħda ta' microprint ta' żewġ kuluri.

MUDELL KOMUNITARJU TAL-KARDS TAT-TAKOGRAFU



►(1) M1

236) Wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri jistgħu jżidu kuluri jew marki, bħal simboli nazzjonali u karratteristiċi tas-sigurtà, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet oħrajn ta' dan l-Anness.

▼B

237) Kards temporanji msemmija fl-Artikolu 26.4 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

4.2 **Sigurtà**

Is-sistema tas-sigurtà għandha l-għan li tipproteġi l-integrità u l-awtentiċità tad-dejta skambjata bejn kards u apparat tar-rekordjar, tipproteġi l-integrità u l-awtentiċità ta' dejta mniżżla mill-kards, li tippermetti ċerti operazzjonijiet tal-kitba fuq il-kards mill-apparat ta' rekordjar biss, li telimina kull possibbiltà ta' falsifikazzjoni tad-dejta maħżuna fil-kards, li tipprevjeni tbagħbis u għarfien ta' kull tentattiv ta' dak it-tip.

238) Sabiex tintlaħaq is-sigurtà tas-sistema, il-kards tat-takografu għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sigurtà ddefiniti fl-Appendiċijiet 10 u 11.

239) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu jistgħu jinqraw minn apparat ieħor bħal kompjuters personali.

4.3 **L-Istandards**

240) Il-kards tat-takograu għandhom jikkonformaw mal-istandards li ġejjin:

— ISO/IEC 7810 Identification cards — Physical characteristics,

— ISO/IEC 7816 Identification cards — Integrated circuit cards:

— Parti 1: Physical characteristics,

— Parti 2: Dimensions and position of the contacts (ISO/IEC 7816-2:2007),

— Parti 3: Electrical interface and transmission protocols (ISO/IEC 7816-3:2006),

— Parti 4: Organisation, security and commands for interchange (ISO/IEC 7816-4:2013 + Cor 1:2014),

— Parti 6: Interindustry data elements for interchange (ISO/IEC 7816-6:2004 + Cor 1:2006),

— Parti 8: Commands for security operations (ISO/IEC 7816-8:2004).

— Il-kards tat-takografu għandhom jiġu ttestjati skont ISO/IEC 10373-3:2010 Identification cards — Test methods — Parti 3: Integrated circuit cards with contacts and related interface devices.

4.4 **Speċifikazzjonijiet ambjentali u elettriċi**

241) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu jistgħu jaħdmu b'mod korrett fil-kondizzjonijiet klimatiċi kollha li ssoltu jistgħu jokkorru fit-territorju tal-Komunità u mill-inqas fil-medda ta' temperaturi bejn – 25 °Ċ u + 70 °Ċ li darba kultant tista' titla' sa + 85 °Ċ, "darba kultant" tfisser mhux iktar minn 4 sigħat kull darba u mhux iktar minn 100 darba tul il-ħajja tal-kard.

242) Il-kards għandhom ikunu kapaċi li joperaw b'mod korrett fil-medda tal-umdita ta' bejn 10 % u 90 %.

243) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu kapaċi li joperaw b'mod korrett għal perjodu ta' ħames snin jekk jintuża fl-ispeċifikazzjonijiet ambjentali u elettriċi.

244) Matul it-tħaddim, il-kards tat-takografu għandhom jikkonformaw mar-Regolament tan-NU/KEE R10, dwar il-kompatibilità elettromanjetika, u għandhom jiġu protetti kontra skarigi elettrostatiċi.

▼B

4.5 **Ħżin ta' dejta**

Għall-għan ta' dan il-paragrafu,

— il-ħinijiet huma rrekordjati b'risoluzzjoni ta' minuta waħda, sakemm ma jkunx speċifikat b'mod ieħor,

— il-valuri tal-odometru huma rrekordjati b'riżoluzjoni ta' kilometru wieħed,

— il-veloċitajiet huma rrekordjati b'riżoluzzjoni ta' 1km/h.

— il-pożizzjonijiet (latitudni u lonġitudni) huma rreġistrati fi gradi u minuti b'riżoluzzjoni ta' 1/10 ta' minuta.

Il-funzjonijiet tal-kards tat-takografu, kmandi u strutturi loġiċi, li jħarsu rekwiżiti tal-ħżin tad-dejta huma speċifikati fl-Appendiċi 2.

Jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-ħżin tad-dejta fuq il-kards tat-takografu għandu jkun organizzat b'tali mod li d-dejta l-ġdida tissostitwixxi d-dejta l-qadima fil-każ li tiġi eżawrita l-memorja disponibbli għal rekord partikolari.

245) Dan il-paragrafu jispeċifika l-kapaċità minima tal-ħżin għall-fajls varji tad-dejta tal-applikazzjoni. Il-kards tat-takografu għandhom ikunu kapaċi jindikaw lill-apparat tar-rekordjar l-kapaċità tal-ħżin attwali ta' dawn il-fajls tad-dejta.

246) Kwalunkwe dejta addizzjonali li tista' tiġi maħżuna fuq il-kards tat-takografu, marbuta ma' applikazzjonijiet oħra li jistgħu jittellgħu fuq il-kard, għandha tiġi maħżuna skont id-Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE, u mad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014.

247) Kull Master File (MF) ta' kwalunkwe kard tat-takografu għandu jkun fih sa ħames fajls elementari (EF) għall-ġestjoni u applikazzjonijiet tal-kard u identifikazzjonijiet taċ-ċippa, kif ukoll żewġ Fajls Dedikati (DF):

— DF tat-takografu, li fih l-applikazzjoni aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel ġenerazzjoni, li hija wkoll preżenti fil-kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni,

— DF Tachograph_G2, li fih l-applikazzjoni aċċessibbli biss għall-unitajiet tal-vetturi tat-tieni ġenerazzjoni, li hija wkoll preżenti biss fil-kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni.

Id-dettalji sħaħ tal-istruttura tal-kards tat-takografu huma speċifikati fl-Appendiċi 2.

4.5.1 *Fajls elementari għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kard*

4.5.2 *L-identifikazzjoni tal-kard tal-IC*

248) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu kapaċi li jaħżnu d-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-kards intelliġenti:

— twaqqif tal-arloġġ,

— in-numru tas-serje tal-kard (inklużi riferenzi tal-manifattura),

— in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-kard,

— identifikazzjoni personalizzata tal-kard (ID),

— ID imdaħħal fih,

— Identifikatur tal-IC.

▼B

4.5.2.1 L-identifikazzjoni taċ-ċippa

249) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu kapaċi jaħżnu d-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni taċ-ċirkwit integrat (IC):

— in-numru tas-serje tal-IC

— riferenzi tal-manifattura tal-IC.

4.5.2.2 DIR (preżenti biss f'kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni)

250) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu kapaċi jaħżnu l-oġġeti tad-dejta għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni speċifikati fl-Appendiċi 2.

4.5.2.3 Informazzjoni ATR (kondizzjonali, preżenti biss f'kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni)

251) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu kapaċi li jaħżnu l-oġġett tad-dejta ta' tul estiż li ġej:

— fil-każ li kard tat-takografu tappoġġa oqsma tad-dejta ta' tul estiż, l-oġġetti tad-dejta ta' tul estiż speċifikati l-Appendiċi 2.

4.5.2.4 Informazzjoni ta' tul estiż (kondizzjonali, preżenti biss f'kards tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni)

252) Il-kards tat-takografu għandhom ikunu kapaċi li jaħżnu l-oġġetti tad-dejta ta' tul estiż li ġej:

— fil-każ li kard tat-takografu tappoġġa oqsma tad-dejta ta' tul estiż, l-oġġetti tad-dejta ta' tul estiż speċifikati l-Appendiċi 2.

4.5.3 *Kard tas-sewwieq*

4.5.3.1 L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.3.1.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

253) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni takografiċi,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.3.1.2 Kjavi u Ċertifikati

254) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti A.

4.5.3.1.3 L-identifikazzjoni tal-kard

255) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejja:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard.

4.5.3.1.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

256) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejja:

— kunjom tad-detentur,

— l-ewwel isem(ijiet) tad-detentur,

— id-data tat-twelid

— il-lingwa preferita.

▼B

4.5.3.1.5 Tniżżil tal-kard

257) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja marbuta mat-tniżżil mill-kard:

— id-data u l-ħin, tal-aħħar tniżżil mill-kard (għal raġunijiet oħra għajr il-kontroll).

258) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi li żżomm rekord wieħed minn dawn.

4.5.3.1.6 Informazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan

259) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-liċenzja tas-sewqan li ġejja:

— l-Istat Membru li ħariġha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha,

— in-numru tal-liċenzja tas-sewqan (fid-data tal-ħruġ tal-kard).

4.5.3.1.7 Dejta tal-eventi

Għall-iskop ta' dan is-subparagrafu, il-ħin għandu jkun irrekordjat b'riżoluzzjoni ta' sekonda waħda (1).

260) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen dejta relatata mal-eventi li ġejjin, rilevati mill-apparat tar-rekordjar li ġejjin waqt li l-kard hija inserita:

— Trikkib tal-ħin (fejn din il-kard hija l-kawża ta' dan l-event),

— Inserzjoni tal-kard waqt is-sewqan (fejn din il-kard hija s-suġġett ta' dan l-event),

— L-aħħar sessjoni tal-kard ma ngħalqitx sew (fejn dan il-kard hija s-suġġett tal-event),

— Interruzzjonijiet tal-provvista tal-elettriku,

— Żball tad-dejta tal-moviment,

— Tentattivi ta' ksur tas-sigurtà.

261) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi li taħżen id-dejt għall-eventi li ġejja:

— Kodiċi tal-event,

— Id-data u l-ħin tal-bidu tal-event (jew tal-inserzjoni tal-kard jekk l-event kien għaddej f'dak il-ħin),

— Id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event (jew tat-tneħħija tal-kard jekk l-event kien għaddej f'dak il-ħin),

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħ l-event.

Nota: Għall-event ta' "trikkib tal-ħin":

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tat-tneħħija tal-kard mill-vettura ta' qabel,

— id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard fil-vettura kurrenti,

— Id-dejta tal-vettura għandha tikkorrispondi mal-vettura kurrenti li qed tipprovoka l-event.

Nota: Għall-event ta' "l-aħħar sessjoni tal-kard ma ngħalqitx b'mod korrett":

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard tas-sessjoni li ma ngħalqitx b'mod korrett,

— id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard tas-sessjoni waqt liema ntgħaraf l-event (sessjoni kurrenti),

▼B

— id-dejta tal-vettura għandha tikkorrispondi mal-vettura li fiha s-sessjoni ma ngħalqitx b'mod korrett.

262) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għas-sitt eventi l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 36 event).

4.5.3.1.8 Dejta tal-ħsarat

Għall-iskop ta' dan il-subparagrafu, il-ħin għandu jkun irrekordjat b'riżoluzzjoni ta' sekonda waħda (1).

263) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen dejta relatata ma' ħsarat magħrufa mill-apparat tar-rekordjar li ġejjin waqt li l-kard kienet imdaħħla:

▼M1

— ħsara tal-kard (fejn din il-kard hija s-soġġett tal-ħsara),

▼B

— ħsara fl-apparat tar-rekordjar.

264) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għall-ħsarat li ġejjin:

— Kodiċi tal-ħsara

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-ħsara (jew tal-inserzjoni tal-kard jekk l-ħsara kienet għaddejja f'dak il-ħin),

— id-data u l-ħin tat-tmiem tal-ħsara (jew tat-tneħħija tal-kard jekk l-ħsara kienet għaddejja f'dak il-ħin),

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħet il-ħsara.

265) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għat-tnax-il ħsara l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 24 ħsara).

4.5.3.1.9 Dejta tal-attività tas-sewwieq

266) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen, għal kull jum kalendarju li fih intużat il-kard jew għal liema s-sewwieq daħħal l-attivitajiet manwalment, id-dejta li ġejja:

— id-data;

— apparat li jgħodd il-preżenza ta' kuljum (miżjud b'wieħed għal kull jum kalendarju minn dawn),

— id-distanza totali vjaġġata mis-sewwieq waqt din il-ġurnata,

— l-istatus tas-sewwieq f'00.00,

— kull meta s-sewwieq biddel l-attività tiegħu, u/jew biddel l-istatus tas-sewqan, u/jew inserixxa jew irtira l-kard tiegħu:

— l-istatus tas-sewwieq (EKWIPAĠĠ, SINGOLU),

— is-slott (SEWWIEQ, KOSEWWIEQ),

— l-istatus tal-kard (IMDAĦĦLA, MHUX IMDAĦĦLA),

— l-attività (SEWQAN, DISPONIBBILTÀ, XOGĦOL, BREJK/MISTRIEĦ),

— il-ħin tal-bidla.

267) Il-memorja tal-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm l-attività tas-sewwieq għal mill-inqas 28 jum (l-attività medja ta' sewwieq hija definita bħala 93 bidla tal-attività kull ġurnata).

▼B

268) Id-dejta elenkata skont ir-rekwiżiti 261, 264 u 266 għandha tinħażen b'tali mod li tippermetti l-irkupru ta' attivitajiet fl-ordni li fihom okkorrew, anke f'każ ta' sitwazzjoni ta' trikkib tal-ħin.

4.5.3.1.10 Dejta użata tal-vetturi

269) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen, għal kull jum tal-kalendarju fejn intużat l-kard, u għal kull perjodu ta' użu ta' vettura msemmija dik il-ġurnata (perjodu ta' użu jinkludi ċ-ċikli kollha ta' inserzjoni u tneħħija tal-kard fil-vettura, kif jidher mill-kard), id-dejta li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-ewwel użu tal-vettura (jiġifieri l-ewwel inserzjoni tal-kard għal dan il-perjodu ta' użu tal-vettura, jew 00.00 jekk il-perjodu ta' użu huwa għaddej f'dak il-ħin),

— il-valur tal-odometru tal-vettura f'dak il-ħin,

— id-data u l-ħin tal-aħħar użu tal-vettura (jiġifieri l-aħħar tneħħija tal-kard għal dan il-perjodu ta' użu tal-vettura, jew 23.59 jekk il-perjodu ta' użu huwa għaddej f'dak il-ħin),

— il-valur tal-odometru tal-vettura f'dak il-ħin,

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

270) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 84 rekord minn dawn.

4.5.3.1.11 Postijiet fejn perjodi tax-xogħol ta' kuljum jibdew u/jew jispiċċaw

271) Is-sewwieq għandu jkun kapaċi li jaħżen id-dejta li ġejja relatata ma' postijiet fejn perjodi tax-xogħol ta' kuljum jibdew u/jew jispiċċaw, imdaħħla mis-sewwieq:

— id-data u l-ħin tat-tniżżil (jew id-data/il-ħin irrelatati mat-tniżżil jekk it-tniżżil iseħħ waqt il-proċedura ta' tniżżil manwali),

— it-tip tat-tniżżil (bidu jew tmiem, kondizzjoni tat-tniżżil),

— il-pajjiż u r-reġjun imdaħħla,

— il-valur tal-odometru tal-vettura.

272) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas 42 par ta' rekords minn dawn.

4.5.3.1.12 Dejta tas-sessjoni tal-kard

273) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm dejta relatata mal-vettura li fetħet is-sessjoni kurrenti:

— id-data u l-ħin tal-ftuħ tas-sessjoni (jiġifieri l-inserzjoni tal-kard) b'riżoluzzjoni ta' sekonda,

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

4.5.3.1.13 Dejta tal-attività tal-kontroll

274) Il-kard tas-sewwieq għandu ikunu kapaċi li jaħżen id-dejta relatata mal-attivitajiet tal-kontroll li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-kontroll,

— in-numru tal-kard ta' kontroll u l-Istat Membru li ħareġ il-kard,

— it-tip tal-kontroll (wiri u/jew stampar u/jew tniżżil tal-VU u/jew tniżżil tal-kard (ara nota)),

▼B

— il-perjodu mniżżel, fil-każ ta' tniżżil,

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħet il-kontroll.

Nota: it-tniżżil tad-dejta mill-kard jiġi rreġistrat biss jekk isir permezz ta' apparat tar-rekordjar.

275) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm rekord wieħed minn dawn.

4.5.3.1.14 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

276) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja relatata ma' kondizzjonijiet speċifiċi li daħlu waħt li l-kard kien inserit (ikun liema jkun is-slott):

— id-data u l-ħin tad-dħul,

— It-tip tal-kondizzjoni speċifika.

277) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 56 rekord minn dawn.

4.5.3.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.3.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

278) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni takografiċi,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.3.2.2 Kjavi u Ċertifikati

279) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti B.

4.5.3.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

280) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejja:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard.

4.5.3.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

281) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejja:

— kunjom tad-detentur,

— l-ewwel isem(ijiet) tad-detentur,

— id-data tat-twelid

— il-lingwa preferita.

4.5.3.2.5 Tniżżil tal-kard

282) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja marbuta mat-tniżżil mill-kard:

— id-data u l-ħin, tal-aħħar tniżżil mill-kard (għal raġunijiet oħra għajr il-kontroll).

283) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi li żżomm rekord wieħed minn dawn.

4.5.3.2.6 Informazzjoni tal-liċenzja tas-sewqan

284) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-liċenzja tas-sewqan li ġejja:

— l-Istat Membru li ħariġha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha,

— in-numru tal-liċenzja tas-sewqan (fid-data tal-ħruġ tal-kard).

▼B

4.5.3.2.7 Dejta tal-eventi

Għall-iskop ta' dan is-subparagrafu, il-ħin għandu jkun irrekordjat b'riżoluzzjoni ta' sekonda waħda (1).

285) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen dejta relatata mal-eventi li ġejjin, rilevati mill-apparat tar-rekordjar li ġejjin waqt li l-kard kienet imdaħħla:

— Trikkib tal-ħin (fejn din il-kard hija l-kawża ta' dan l-event),

— Inserzjoni tal-kard waqt is-sewqan (fejn din il-kard hija s-suġġett ta' dan l-event),

— L-aħħar sessjoni tal-kard ma ngħalqitx sew (fejn dan il-kard hija s-suġġett tal-event),

— Interruzzjonijiet tal-provvista tal-elettriku,

— Żball fil-komunikazzjoni mal-faċilità ta' komunikazzjoni remota,

— Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mill-event tar-riċevitur tal-GNSS

— Żball ta' komunikazzjoni mal-faċilità esterna tal-GNSS

— Żball tad-dejta tal-moviment,

— Kunflitt fil-moviment tal-vettura

— Security breach attempts,

— Kunflitt ta' ħin.

286) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għall-eventi li ġejja:

— Kodiċi tal-event,

— Id-data u l-ħin tal-bidu tal-event (jew tal-inserzjoni tal-kard jekk l-event kien għaddej f'dak il-ħin),

— Id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event (jew tat-tneħħija tal-kard jekk l-event kien għaddej f'dak il-ħin),

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħ l-event.

Nota: Għall-event ta' "trikkib tal-ħin":

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tat-tneħħija tal-kard mill-vettura ta' qabel,

— id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard fil-vettura kurrenti,

— Id-dejta tal-vettura għandha tikkorrispondi mal-vettura kurrenti li qed tipprovoka l-event.

Nota: Għall-event ta' "l-aħħar sessjoni tal-kard ma ngħalqitx b'mod korrett":

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard tas-sessjoni li ma ngħalqitx b'mod korrett,

— id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event għandhom jikkorrispondu mad-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard tas-sessjoni waqt liema ntgħaraf l-event (sessjoni kurrenti),

▼B

— id-dejta tal-vettura għandha tikkorrispondi mal-vettura li fiha s-sessjoni ma ngħalqitx b'mod korrett.

287) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għas-sitt eventi l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 66 event).

4.5.3.2.8 Dejta tal-ħsarat

Għall-iskop ta' dan il-subparagrafu, il-ħin għandu jkun irrekordjat b'riżoluzzjoni ta' sekonda waħda (1).

288) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen dejta relatata ma' ħsarat magħrufa mill-apparat tar-rekordjar li ġejjin waqt li l-kard kienet imdaħħla:

▼M1

— ħsara tal-kard (fejn din il-kard hija s-soġġett tal-ħsara),

▼B

— ħsara fl-apparat tar-rekordjar.

289) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għall-ħsarat li ġejjin:

— Kodiċi tal-ħsara

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-ħsara (jew tal-inserzjoni tal-kard jekk l-ħsara kienet għaddejja f'dak il-ħin),

— id-data u l-ħin tat-tmiem tal-ħsara (jew tat-tneħħija tal-kard jekk l-ħsara kienet għaddejja f'dak il-ħin),

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħet il-ħsara.

290) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għat-tnax-il ħsara l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 24 ħsara).

4.5.3.2.9 Dejta tal-attività tas-sewwieq

291) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen, għal kull jum kalendarju li fih intużat il-kard jew għal liema s-sewwieq daħħal l-attivitajiet manwalment, id-dejta li ġejja:

— id-data;

— apparat li jgħodd il-preżenza ta' kuljum (miżjud b'wieħed għal kull jum kalendarju minn dawn),

— id-distanza totali vjaġġata mis-sewwieq waqt din il-ġurnata,

— l-istatus tas-sewwieq f'00.00,

— kull meta s-sewwieq biddel l-attività tiegħu, u/jew biddel l-istatus tas-sewqan, u/jew inserixxa jew irtira l-kard tiegħu:

— l-istatus tas-sewqan (EKWIPAĠĠ, SINGOLU),

— is-slott (SEWWIEQ, KOSEWWIEQ),

— l-istatus tal-kard (IMDAĦĦLA, MHUX IMDAĦĦLA),

— l-attività (SEWQAN, DISPONIBBILTÀ, XOGĦOL, BREJK/MISTRIEĦ),

▼B

— il-ħin tal-bidla.

292) Il-memorja tal-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm l-attività tas-sewwieq għal mill-inqas 28 jum (l-attività medja ta' sewwieq hija definita bħala 93 bidla tal-attività kull ġurnata).

293) Id-dejta elenkata skont ir-rekwiżiti 286, 289 u 291 għandha tinħażen b'tali mod li tippermetti l-irkupru ta' attivitajiet fl-ordni li fihom okkorrew, anke f'każ ta' sitwazzjoni ta' trikkib tal-ħin.

4.5.3.2.10 Dejta użata tal-vetturi

294) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen, għal kull jum tal-kalendarju fejn intużat l-kard, u għal kull perjodu ta' użu ta' vettura msemmija dik il-ġurnata (perjodu ta' użu jinkludi ċ-ċikli kollha ta' inserzjoni u tneħħija tal-kard fil-vettura, kif jidher mill-kard), id-dejta li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-ewwel użu tal-vettura (jiġifieri l-ewwel inserzjoni tal-kard għal dan il-perjodu ta' użu tal-vettura, jew 00.00 jekk il-perjodu ta' użu huwa għaddej f'dak il-ħin),

— il-valur tal-odometru tal-vettura f'dak il-ħin tal-ewwel użu,

— id-data u l-ħin tal-aħħar użu tal-vettura (jiġifieri l-aħħar tneħħija tal-kard għal dan il-perjodu ta' użu tal-vettura, jew 23.59 jekk il-perjodu ta' użu huwa għaddej f'dak il-ħin),

— il-valur tal-odometru tal-vettura f'dak il-ħin tal-aħħar użu,

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

— VIN tal-vettura

295) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 84 rekord minn dawn.

4.5.3.2.11 Postijiet fejn jibdew u/jew jispiċċaw il-perjodi tax-xogħol ta' kuljum

296) Is-sewwieq għandu jkun kapaċi li jaħżen id-dejta li ġejja relatata ma' postijiet fejn perjodi tax-xogħol ta' kuljum jibdew u/jew jispiċċaw, imdaħħla mis-sewwieq:

— id-data u l-ħin tat-tniżżil (jew id-data/il-ħin irrelatati mat-tniżżil jekk it-tniżżil iseħħ waqt il-proċedura ta' tniżżil manwali),

— it-tip tat-tniżżil (bidu jew tmiem, kondizzjoni tat-tniżżil),

— il-pajjiż u r-reġjun imdaħħla,

— il-valur tal-odometru tal-vettura.

— il-pożizzjoni tal-vettura,

— l-akkuratezza tal-GNSS, id-data u l-ħin meta ġiet stabbilita l-pożizzjoni.

297) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas 84 par ta' rekords minn dawn.

▼B

4.5.3.2.12 Dejta tas-sessjoni tal-kard

298) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm dejta relatata mal-vettura li fetħet is-sessjoni kurrenti:

— id-data u l-ħin tal-ftuħ tas-sessjoni (jiġifieri l-inserzjoni tal-kard) b'riżoluzzjoni ta' sekonda,

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

4.5.3.2.13 Dejta tal-attività tal-kontroll

299) Il-kard tas-sewwieq għandu ikunu kapaċi li jaħżen id-dejta relatata mal-attivitajiet tal-kontroll li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-kontroll,

— in-numru tal-kard ta' kontroll u l-Istat Membru li ħareġ il-kard,

— it-tip tal-kontroll (wiri u/jew stampar u/jew tniżżil tal-VU u/jew tniżżil tal-kard (ara nota)),

— il-perjodu mniżżel, fil-każ ta' tniżżil,

— VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħ il-kontroll.

Nota: rekwiżiti tas-sigurtà jimplikaw li tniżżil ta' kard għandu jkun irrekordjat biss jekk iseħħ permezz ta' apparat tar-rekordjar.

300) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi żżomm rekord wieħed minn dawn.

4.5.3.2.14 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

301) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja relatata ma' kondizzjonijiet speċifiċi li daħlu waħt li l-kard kien inserit (ikun liema jkun is-slott):

— id-data u l-ħin tad-dħul,

— It-tip tal-kondizzjoni speċifika.

302) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 56 rekord minn dawn.

4.5.3.2.15 Dejta użata tal-unitajiet tal-vettura

303) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja marbuta mal-unitajiet tal-vettura differenti li fihom intużaw il-kard:

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-perjodu tal-użu tal-unità tal-vettura (jiġifieri l-ewwel inserzjoni tal-kard fl-unità tal-vettura għall-perjodu),

— il-manifattur tal-unità tal-vettura,

— it-tip tal-unità tal-vettura,

— in-numru tal-verżjoni tas-software tal-unità tal-vettura.

304) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 84 rekord minn dawn.

▼M1

4.5.3.2.16 Dejta dwar il-postijiet għal tliet sigħat ta' sewqan akkumulat

305) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja marbuta mal-pożizzjoni tal-vettura meta l-ħin ta' sewqan akkumulat jilħaq multiplu ta' tliet sigħat:

— id-data u l-ħin meta l-ħin ta' sewqan akkumulat jilħaq multiplu ta' tliet sigħat,

— il-pożizzjoni tal-vettura,

— l-akkuratezza tal-GNSS, id-data u l-ħin meta ġiet stabbilita l-pożizzjoni,

— il-valur tal-odometru tal-vettura.

306) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 252 rekord minn dawn.

▼B

4.5.4 *Kard tal-workshop*

4.5.4.1 L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.4.1.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

307) Il-kard tat-takografu għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni tat-takografu,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.4.1.2 Kjavi u Ċertifikati

308) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti A.

309) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen in-numru tal-identifikazzjoni personali (kodiċi PIN).

4.5.4.1.3 L-identifikazzjoni tal-kard

310) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejjin:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard.

4.5.4.1.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

311) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejjin:

— l-isem tal-workshop,

— l-indirizz tal-workshop,

— kunjom tad-detentur,

— l-ewwel isem(ijiet) tad-detentur,

— il-lingwa preferita.

4.5.4.1.5 Tniżżil tal-kard

312) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekord tat-tniżżil mil-kard bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

▼B

4.5.4.1.6 Dejta tal-kalibrazzjoni u tal-aġġustament tal-ħin

313) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi żżomm rekords ta' kalibrazzjonijiet u/jew aġġustamenti tal-ħin imwettqa waqt li l-kard huwa inserit fl-apparat tar-rekordjar.

314) Kull rekord tal-kalibrazzjoni għandu jkun kapaċi li jżomm id-dejta li ġejja:

— ir-raġuni tal-kalibrazzjoni (l-attivazzjoni, l-ewwel installazzjoni, installazzjoni, spezzjoni perjodika),

— L-identifikazzjoni tal-vettura

— il-parametri aġġornati jew konfermati (w, k, l, id-daqs tat-tajer, is-setting tal-apparat li jillimita l-veloċità, odometru (valuri ġodda u antiki), id-data u l-ħin (valuri ġodda u qodma),

— identifikazzjoni tal-apparat tar-rekordjar (in-numru tal-parti tal-VU, in-numru tas-serje tal-VU, in-numru tas-serje tas-sensor tal-moviment).

315) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 88 rekord minn dawn.

316) Il-kard tal-workshop għandha żżomm in-numru totali ta' kalibrazzjonijiet imwettqa b'din il-kard.

317) Il-kard tal-workshop għandha żżomm in-numru ta' kalibrazzjonijiet imwettqa mill-aħħar tniżżil minnha.

4.5.4.1.7 Dejta tal-eventi jew ħsarat

318) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekords ta' eventi u ħsarat bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

319) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għat-tliet eventi l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 18 event) u s-sitt ħsarat l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 12-il ħsara).

4.5.4.1.8 Dejta tal-attività tas-sewwieq

320) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen l-attività tas-sewwieq bl-istess mod bħal kard tas-sewwieq.

321) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas dejta tal-attività medja ta' sewwieq ta' ġurnata waħda.

4.5.4.1.9 Dejta użata tal-vetturi

322) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekords tad-dejta użata mill-vetturi bl-istess mod bħal kard tas-sewwieq.

323) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 4 rekord minn dawn.

4.5.4.1.10 Dejta tal-bidu u/jew tat-tmiem tal-perjodi tax-xogħol ta' kuljum

324) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekords tal-bidu u/jew tmiem tal-perjodi tax-xogħol bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

325) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas tliet pari ta' rekords minn dawn.

▼B

4.5.4.1.11 Dejta tas-sessjoni tal-kard

326) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekord ta' sessjoni tal-kard bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

4.5.4.1.12 Dejta tal-attività tal-kontroll

327) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekord ta' attività tal-kontroll bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

4.5.4.1.13 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

328) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta rilevanti għal kondizzjonijiet speċifiċi bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

329) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 2 rekords minn dawn.

4.5.4.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 Ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.4.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

330) Il-kard tat-takografu għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni tat-takografu,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.4.2.2 Kjavi u Ċertifikati

331) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti B.

332) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen in-numru tal-identifikazzjoni personali (kodiċi PIN).

4.5.4.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

333) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejjin:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard.

4.5.4.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

334) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejjin:

— l-isem tal-workshop,

— l-indirizz tal-workshop,

— kunjom tad-detentur,

— l-ewwel isem(ijiet) tad-detentur,

— il-lingwa preferita.

4.5.4.2.5 Tniżżil tal-kard

335) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekord tat-tniżżil mil-kard bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

▼B

4.5.4.2.6 Dejta tal-kalibrazzjoni u tal-aġġustament tal-ħin

336) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi żżomm rekords ta' kalibrazzjonijiet u/jew aġġustamenti tal-ħin imwettqa waqt li l-kard huwa inserit fl-apparat tar-rekordjar.

337) Kull rekord tal-kalibrazzjoni għandu jkun kapaċi li jżomm id-dejta li ġejja:

— ir-raġuni tal-kalibrazzjoni (l-attivazzjoni, l-ewwel installazzjoni, installazzjoni, spezzjoni perjodika),

— l-identifikazzjoni tal-vettura,

— il-parametri aġġornati jew konfermati (w, k, l, id-daqs tat-tajer, is-setting tal-apparat li jillimita l-veloċità, odometru (valuri ġodda u antiki), id-data u l-ħin (valuri ġodda u qodma),

— identifikazzjoni tal-apparat tar-rekordjar (in-numru tal-parti tal-VU, in-numru tas-serje tal-VU, in-numru tas-serje tas-sensor tal-moviment, in-numru tas-serje tal-faċilità tal-komunikazzjoni remota u n-numru tas-serja tal-faċilità tal-GNSS esterna, jekk applikabbli),

— it-tip u l-identifikatur tas-siġilli kollha mwaħħla.

— l-abbiltà tal-VU li tuża kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni (attivata jew le).

338) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 88 rekords minn dawn.

339) Il-kard tal-workshop għandha żżomm in-numru totali ta' kalibrazzjonijiet imwettqa b'din il-kard.

340) Il-kard tal-workshop għandha żżomm in-numru ta' kalibrazzjonijiet imwettqa mill-aħħar tniżżil minnha.

4.5.4.2.7 Dejta tal-eventi jew ħsarat

341) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekords ta' eventi u ħsarat bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

342) Il-kard tas-sewwieq għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta għat-tliet eventi l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 33 event) u s-sitt ħsarat l-iktar riċenti ta' kull tip (jiġifieri 12-il ħsara).

4.5.4.2.8 Dejta tal-attività tas-sewwieq

343) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen l-attività tas-sewwieq bl-istess mod bħal kard tas-sewwieq.

344) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas dejta tal-attività medja ta' sewwieq ta' ġurnata waħda.

4.5.4.2.9 Dejta użata tal-vetturi

345) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekords tad-dejta użata mill-vetturi bl-istess mod bħal kard tas-sewwieq.

346) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 4 rekords minn dawn.

▼B

4.5.4.2.10 Dejta tal-bidu u/jew tat-tmiem tal-perjodi tax-xogħol ta' kuljum

347) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekords tal-bidu u/jew tmiem tal-perjodi tax-xogħol bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

348) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas tliet pari ta' rekords minn dawn.

4.5.4.2.11 Dejta tas-sessjoni tal-kard

349) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekord ta' sessjoni tal-kard bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

4.5.4.2.12 Dejta tal-attività tal-kontroll

350) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen rekord ta' attività tal-kontroll bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

4.5.4.2.13 Dejta użata tal-unitajiet tal-vettura

351) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja marbuta mal-unitajiet tal-vettura differenti li fihom intużaw il-kard:

— id-data u l-ħin tal-bidu tal-perjodu tal-użu tal-unità tal-vettura (jiġifieri l-ewwel inserzjoni tal-kard fl-unità tal-vettura għall-perjodu),

— il-manifattur tal-unità tal-vettura,

— it-tip tal-unità tal-vettura,

— in-numru tal-verżjoni tas-software tal-unità tal-vettura.

352) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 4 rekords minn dawn.

▼M1

4.5.4.2.14 Dejta dwar il-postijiet għal tliet sigħat ta’ sewqan akkumulat

353) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja marbuta mal-pożizzjoni tal-vettura meta l-ħin ta’ sewqan akkumulat jilħaq multiplu ta’ tliet sigħat:

— id-data u l-ħin meta l-ħin ta’ sewqan akkumulat jilħaq multiplu ta’ tliet sigħat;

— il-pożizzjoni tal-vettura,

— l-akkuratezza tal-GNSS, id-data u l-ħin meta ġiet stabbilita l-pożizzjoni,

— il-valur tal-odometru tal-vettura.

354) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 18-il rekord minn dawn.

▼B

4.5.4.2.15 Dejta tal-kondizzjonijiet speċifiki

355) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta rilevanti għal kondizzjonijiet speċifiċi bl-istess mod bħall-kard tas-sewwieq.

356) Il-kard tal-workshop għandha tkun kapaċi taħżen mill-inqas 2 rekords minn dawn.

▼B

4.5.5 *Kard ta' kontroll*

4.5.5.1 L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.5.1.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

357) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni takografiċi,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.5.1.2 Kjavi u Ċertifikati

358) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti A.

4.5.5.1.3 L-identifikazzjoni tal-kard

359) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejja:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard (jekk hemm).

4.5.5.1.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

360) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejja:

— l-isem tal-entità tal-kontroll,

— l-indirizz tal-entità tal-kontroll,

— kunjom tad-detentur,

— l-ewwel isem(ijiet) tad-detentur,

— il-lingwa preferita.

4.5.5.1.5 Dejta tal-attività tal-kontroll

361) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-attività tal-kontroll li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-kontroll,

— it-tip tal-kontroll (wiri u/jew stampar u/jew tniżżil tal-VU u/jew tniżżil tal-kard u/jew kontroll tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq).

— il-perjodu li tniżżel (jekk hemm),

— VRN u l-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru tal-vettura kkontrollata,

— in-numru tal-kard u l-Istat Membru li ħareġ il-kard tas-sewwieq ikkontrollat.

362) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas 230 rekord minn dawn.

▼B

4.5.5.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 Ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.5.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

363) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni takografiċi,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.5.2.2 Kjavi u Ċertifikati

364) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti B.

4.5.5.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

365) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejja:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard (jekk hemm).

4.5.5.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

366) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejja:

— l-isem tal-entità tal-kontroll,

— l-indirizz tal-entità tal-kontroll,

— kunjom tad-detentur,

— l-ewwel isem(ijiet) tad-detentur,

— il-lingwa preferita.

4.5.5.2.5 Dejta tal-attività tal-kontroll

367) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-attività tal-kontroll li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-kontroll,

— it-tip tal-kontroll (wiri u/jew stampar u/jew tniżżil tal-VU u/jew tniżżil tal-kard u/jew kontroll tal-kalibrazzjoni mal-ġenb tat-triq).

— il-perjodu li tniżżel (jekk hemm),

— VRN u l-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru tal-vettura kkontrollata,

— in-numru tal-kard u l-Istat Membru li ħareġ il-kard tas-sewwieq ikkontrollat.

368) Il-kard ta' kontroll għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas 230 rekord minn dawn.

▼B

4.5.6 *Kard tal-kumpanija*

4.5.6.1 L-applikazzjoni tat-takografu (aċċessibbli għall-unitajiet tal-vetturi tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.6.1.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

369) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni takografiċi,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.6.1.2 Kjavi u Ċertifikati

370) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti A.

4.5.6.1.3 L-identifikazzjoni tal-kard

371) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejja:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard (jekk hemm).

4.5.6.1.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

372) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejja:

— l-isem tal-kumpanija,

— l-indirizz tal-kumpanija,

4.5.6.1.5 Dejta tal-attività tal-kumpanija

373) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-attività tal-kumpanija li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-attività,

— it-tip tal-attività (locking in tal-VU u/jew out, u/jew tniżżil tal-VU u/jew tniżżil tal-kard),

— il-perjodu li tniżżel (jekk hemm),

— VRN u l-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru tal-vettura,

— in-numru tal-kard u l-Istat Membru li ħareġ il-kard (fil-każ tat-tniżżil tal-kard).

374) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas 230 rekord minn dawn.

▼B

4.5.6.2 Applikazzjoni tat-takografu tat-2 Ġenerazzjoni (mhux aċċessibbli għal unità tal-vettura tat-tieni ġenerazzjoni)

4.5.6.2.1 L-identifikazzjoni tal-applikazzjoni

375) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta li ġejja għall-identifikazzjoni tal-applikazzjoni:

— identifikazzjoni tal-applikazzjoni takografiċi,

— it-tip ta' identifikazzjoni tal-kard tat-takografu.

4.5.6.2.2 Kjavi u Ċertifikati

376) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen għadd ta' kjavi kriptografiċi u ċertifikati, kif speċifikat f'Appendiċi 11, Parti B.

4.5.6.2.3 L-identifikazzjoni tal-kard

377) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tal-kard li ġejja:

— in-numru tal-kard,

— l-Istat Membru li ħarġitha, l-isem tal-awtorità li ħarġitha, id-data tal-ħruġ,

— id-data tal-bidu tal-validità tal-kard, id-data tal-iskadenza tal-kard (jekk hemm).

4.5.6.2.4 L-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard

378) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-identifikazzjoni tad-detentur tal-kard li ġejja:

— l-isem tal-kumpanija,

— l-indirizz tal-kumpanija,

4.5.6.2.5 Dejta tal-attività tal-kumpanija

379) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta tal-attività tal-kumpanija li ġejja:

— id-data u l-ħin tal-attività,

— it-tip tal-attività (locking in tal-VU u/jew out, u/jew tniżżil tal-VU u/jew tniżżil tal-kard),

— il-perjodu li tniżżel (jekk hemm),

— VRN u l-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-Istat Membru tal-vettura,

— in-numru tal-kard u l-Istat Membru li ħareġ il-kard (fil-każ tat-tniżżil tal-kard).

380) Il-kard tal-kumpanija għandha tkun kapaċi żżomm mill-inqas 230 rekord minn dawn.

5 INSTALLAZZJONI TA' APPARAT TA' REKORDJAR

5.1 **Installazzjoni**

381) Tagħmir ġdid tar-rekordjar għandu jitwassal lil fitters jew lill-manifatturi tal-vetturi fi stat mhux attivat, bil-parametri kollha tal-kalibrazzjoni, kif huma elenkati fil-Kapitolu III(3.21), issettjati għall-valuri predefiniti xierqa u validi. Fejn l-ebda valur partikolari ma jkun xieraq, il-parametri litterali għandhom ikunu ssettjati għal strings ta' "?" u l-parametri numeriċi għandhom ikunu ssettjati għal "0". It-tqassim tal-partijiet tas-sigurtà rilevanti tal-apparat tar-rekordjar jista' jkun ristrett jekk ikun meħtieġ matul iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà.

▼B

382) Qabel l-attivazzjoni tiegħu, l-apparat tar-rekordjar għandu jagħti aċċess għall-funzjoni tal-kalibrazzjoni anke jekk ma jkunx fil-mod tal-kalibrazzjoni.

383) Qabel l-attivazzjoni tiegħu, l-apparat tar-rekordjar la għandu jirrekordja u lanqas jaħżen id-dejta msemmija f'punti 3.12.3, 3.12.9 u 3.12.12 to 3.12.15 inklużi.

384) Waqt l-istallazzjoni, il-manifatturi tal-vetturi għandhom jissettjaw minn qabel il-parametri magħrufa kollha.

385) Il-manifatturi tal-vetturi jew fitters għandhom jattivaw l-apparat tar-rekordjar installat l-iktar tard qabel ma l-vettura tintuża skont l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006.

386) L-attivazzjoni tal-apparat tar-rekordjar għandu jiġi pprovokat awtomatikament bl-ewwel inserzjoni ta' kard ta' workshop f'wieħed mill-apparati tal-interfaċċa tal-kard.

387) Operazzjonijiet tat-tqabbil speċifiċi meħtieġa bejn is-sensor tal-moviment u l-unità tal-vettura, jekk ikun hemm, għandu jseħħ awtomatikament qabel jew waqt l-attivazzjoni.

388) B'mod simili, operazzjonijiet speċifiċi ta' akkoppjar bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-unità tal-vettura, jekk ikun hemm, għandhom iseħħu awtomatikament qabel jew waqt l-attivazzjoni.

389) Wara l-attivazzjoni tiegħu, l-apparat tar-rekordjar għandu jinforza fis-sħiħ il-funzjonijiet u d-drittijiet tal-aċċess tad-dejta.

390) Wara l-attivazzjoni tiegħu, l-apparat tar-rekordjar għandu jibgħat lill-faċilità tal-komunikazzjoni remota, id-dejta sigura meħtieġa għal-finijiet tal-kontrolli mmirati mal-ġenb tat-triq.

391) Il-funzjonijiet tar-rekordjar u l-ħażna tal-apparat tar-rekordjar għandhom ikunu kompletament operattivi wara l-attivazzjoni tiegħu.

392) L-istallazzjoni għandha tiġi segwita b'kalibrazzjoni. L-ewwel kalibrazzjoni mhux bilfors tkun tinkludi d-dħul tan-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura (il-VRN), meta ma jkunx magħruf mill-workshop approvat li jkun qed jieħu ħsieb il-kalibrazzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jkun possibbli għal sid il-vettura, u f'dan il-ħin biss, li jdaħħal il-VRN billi juża l-Kard tal-Kumpanija tiegħu qabel ma juża l-vettura skont l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 (pereżempju billi juża l-kmandi permezz ta' struttura xierqa tal-menu tal-interfaċċa ta' bejn il-magna u l-bniedem tal-unità tal-vettura) [1]. Kull aġġornament jew konferma ta' dan id-dħul għandu jkun possibbli biss bl-użu ta' Kard tal-Workshop.

393) l-istallazzjoni ta' faċilità tal-GNSS esterna teħtieġ l-akkoppjar mal-unità tal-vettura u l-verifika sussegwenti tal-informazzjoni mill-GNSS dwar il-pożizzjoni.

394) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun imqiegħed fil-vettura b'tali mod li jippermetti lis-sewwieq ikollu aċċess għall-funzjonijiet neċessarji mis-sit tiegħu.

[1] ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.

▼B

5.2 **Plakka tal-istallazzjoni**

395) Wara li l-apparat tar-rekordjar jkun ġie ċċekkjat mal-istallazzjoni, plakka tal-istallazzjoni, imnaqqxa jew stampata b'mod permanenti, li hija viżibbli b'mod ċar u aċċessibbli faċilment għandha titwaħħal fuq l-apparat tar-rekordjar. F'każijiet fejn dan mhux possibbli, il-plakka għandha titwaħħal fuq il-pilastru "B" tal-vettura sabiex tkun viżibbli b'mod ċar. Għall-vetturi li ma għandhomx il-pilastru "B", il-plakka tal-istallazzjoni għandha titwaħħal mal-qafas tal-bieba tan-naħa tas-sewwieq tal-vettura u għandha tkun viżibbli b'mod ċar fil-każijiet kollha.

Wara kull spezzjoni minn fitter jew workshop approvat, plakka ġdida għandha titwaħħal fil-post ta' dik ta' qabel.

▼M1

396) Il-plakka għandha turi mill-inqas id-dettalji li ġejjin:

— l-isem, l-indirizz jew l-isem kummerċjali tal-fitter jew tal-workshop approvat,

— il-karatteristika tal-koeffiċjent tal-vettura, fil-forma "w = … imp/km",

— il-kostanti tal-apparat tar-rekordjar, fil-forma "k = … imp/km",

— iċ-ċirkonferenza effettiva tat-tajers tar-roti fil-forma "l = … mm",

— id-daqs tat-tajer,

— id-data li fiha tkejlu l-koeffiċjent karatteristiku tal-vettura u ċ-ċirkonferenza effettiva tat-tajers tar-roti,

— in-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura,

— il-preżenza (jew le) ta' faċilità tal-GNSS esterna,

— in-numru tas-serje tal-faċilità tal-GNSS esterna, jekk japplika,

— in-numru tas-serje tal-apparat tal-komunikazzjoni remota, jekk ikun hemm,

— in-numru tas-serja tas-siġilli kollha mwaħħla,

— il-parti tal-vettura fejn l-adapter, jekk ikun hemm, huwa installat,

— il-parti tal-vettura fejn is-sensor tal-moviment huwa installat, jekk mhux imqabbad mal-gearbox jew mhux qiegħed jintuża adapter,

— deskrizzjoni tal-kulur tal-kejbil bejn l-adapter u dik il-parti tal-vettura li tipprovdi l-impulsi li deħlin fiha,

— in-numru tas-serje tas-sensor integrat tal-moviment tal-adapter.

▼B

397) Għall-vetturi M1 u N1 biss, li huma armati b'adapter f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2009 ([1]), kif emendat l-aħħar u fejn mhux possibbli li jkun inkluż it-tagħrif kollu meħtieġ, kif deskritt fir-Rekwiżit 396, tista' tintuża plakka oħra addizzjonali. F'każijiet bħal dawn, din il-plakka addizzjonali għandu jkollha mill-anqas l-aħħar erba' inċiżi deskritti fir-Rekwiżit 396.

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 68/2009 tat-23 ta' Jannar 2009 addattament għad-disa' darba għall-progress tekniku tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq (ĠU L 21, 24.1.2009, p. 3).

▼B

Din it-tieni plakka addizzjonali, jekk tintuża, għandha titwaħħal fejn jew ħdejn l-ewwel plakka primarja deskritta fir-Rekwiżit 396, u għandu jkollha l-istess livell ta' protezzjoni. Barra minn hekk, il-plakka sekondarja wkoll għandu jkollha l-isem, l-indirizz u l-isem kummerċjali tal-fitter jew tal-workshop approvat li jkun wettaq l-istallazzjoni, u d-data tal-istallazzjoni.

5.3 **Is-siġillar**

398) Il-parti li ġejja għandha tiġi ssiġillata:

— Kull konnessjoni li, jekk tkun skonnettjata, tikkawża bidliet jew telf ta' dejta li ma jiġux rilevati (dan jista' pereżempju japplika għall-istallazzjoni tas-sensor tal-moviment fuq il-gearbox, tal-adapter għall vetturi M1/N1, konnessjoni tal-GNSS esterna jew l-unità tal-vettura);

— il-plakka tal-istallazzjoni, ħlief jekk tkun imwaħħla b'mod li ma tistax titneħħa mingħajr ma jinqerdu l-marki fuqha;

▼M1

398a) Is-siġilli msemmija hawn fuq għandhom ikunu ċċertifikati skont l-istandard EN 16882:2016.

▼B

399) Is-siġilli msemmija hawn fuq jistgħu jitneħħew:

— F'każ ta' emerġenza,

— biex ikun installat, aġġustat jew imsewwi l-apparat li jillimita l-veloċità jew kull apparat ieħor li jikkontribwixxi għas-sigurtà tat-triq, bil-kundizzjoni li l-apparat tar-rekordjar jkompli jiffunzjona b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqu u huwa ssiġillat mill-ġdid minn fitter approvat jew workshop (skont il-Kapitolu VI) immedjatament wara t-twaħħil tal-apparat li jillimita l-veloċità jew kull apparat ieħor li jikkontribwixxi għas-sigurtà tat-tirq jew f'temp ta' sebat ijiem f'każijiet oħrajn.

400) F'kull okkażjoni li dawn is-siġilli jinkisru stqarrija bil-miktub li tagħti r-raġunijiet għal din l-azzjoni għandha tkun ippreparata u ssir disponibbli lill-awtorità kompetenti.

401) Is-siġilli għandhom ikollhom numru ta' identifikazzjoni, allokat mill-manifattur tagħhom. Dan in-numru għandu jkun uniku u differenti minn kwalunkwe numru ieħor tas-siġilli allokat minn kwalunkwe manifattur ieħor tas-siġilli.

▼M1

Dan in-numru uniku tal-identifikazzjoni huwa definit bħala: MMNNNNNNNN b’marka li ma titħassarx, fejn MM huwa l-identifikatur uniku tal-manifattur (ir-reġistrażżjoni fil-bażi tad-dejta tiġi ġestita mill-KE) u NNNNNNNN huwa n-numru alfanumeriku tas-siġill, uniku fil-qasam tal-manifattur.

▼B

402) Is-siġilli għandhom ikollhom spazju liberu fejn fitters, workshops jew manifatturi tal-vetturi jistgħu jżidu marka speċjali skont l-Artikolu 22.3 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014.

Din il-marka m'għandhiex tkopri n-numru ta' identifikazzjoni tas-siġill.

▼M1

403) Il-manifatturi tas-siġilli għandhom ikunu rreġistrati f’bażi tad-dejta apposta meta mudell tas-siġill jiġi ċertifikat skont EN 16882:2016 u għandhom jippubblikaw in-numri tal-identifikazzjoni tas-siġilli tagħhom bi proċedura li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea.

▼M1

404) Il-workshops u l-manifatturi tal-vetturi approvati għandhom, fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, jużaw biss siġilli ċċertifikati skont EN 16882:2016 minn dawk il-manifatturi tas-siġilli elenkati fil-bażi tad-dejta msemmija hawn fuq.

▼B

405) Il-manifatturi tas-siġilli u d-distributuri tagħhom għandhom iżommu rekords ta' traċċabbiltà sħiħa tas-siġilli mibjugħa biex jintużaw fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 u għandhom ikunu lesti li jipprovduhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kull meta jkun hemm bżonn.

406) In-numri uniċi tal-identifikazzjoni tas-siġilli għandhom ikunu jidhru fuq il-plakka tal-istallazzjoni.

6 IĊĊEKKJAR, SPEZZJONIJIET U TISWIJIET

Ir-rekwiżiti dwar iċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu tneħħew is-siġilli, kif jissemmew fl-Artikolu 22.5 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 huma definiti fil-Kapitolu 5.3 ta' dan l-anness.

6.1 **Approvazzjoni tal-fitters, tal-workshops u tal-manifatturi tal-vetturi**

L-Istati Membri li japprovaw, jikkontrollaw regolarment u jiċċertifikaw l-entitajiet biex iwettqu:

— installazzjonijiet,

— iċċekkjar,

— spezzjonijiet,

— tiswijiet.

Il-kards tal-workshop għandhom jinħarġu biss għal fitters u/jew workshops approvati għall-attivazzjoni u/jew għall-kalibrazzjoni tal-apparat tar-rekordjar f'konformità ma' dan l-anness u, sakemm ma jkunx iġġustifikat b'mod xieraq:

— li ma humiex eliġibbli għal kard tal-kumpanija,

— u li l-attivitajiet professjonali oħrajn tagħhom ma jippreżentawx kompromess potenzjali għas-sigurtà ġenerali tas-sistema kif hemm definit fl-Appendiċi 10.

▼M1

6.2 *Iċċekkjar ta' komponenti ġodda jew imsewwija*

407) Kull apparat individwali, ġdid jew imsewwi, għandu jkun iċċekkjat li jaħdem tajjeb u li l-funzjonijiet ta' qari u rekordjar tiegħu huma akkurati, fil-limiti stipulati fil-Kapitolu 3.2.1, 3.2.2, 3.2.3, u 3.3.

▼B

6.3 **Spezzjoni ta' istallazzjoni**

▼M1

408) Meta tkun qed tiġi armata f'vettura, l-installazzjoni sħiħa (inkluż l-apparat tar-rekordjar) għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet relatati mat-tolleranzi massimi stipulati fil-Kapitolu 3.2.1, 3.2.2, 3.2.3 u 3.3. L-installazzjoni sħiħa għandha tiġi ssiġillata skont il-Kapitolu 5.3 u għandha tinkludi kalibrazzjoni.

▼B

6.4 **Spezzjonijiet perjodiċi**

409) Spezzjonijiet perjodiċi tal-apparat imwaħħal ma' vetturi għandhom iseħħu wara kull tiswijja tal-apparat, jew wara kull tibdil tal-karatteristiċi tal-ko-effiċjent tal-vettura jew għaċ-ċirkonferenza effettiva tat-tajers, jew wara l-ħin tal-UTC tal-apparat ikun ħażin b'iktar minn 20 minuta, jew meta l-VRN inbidlet, u mill-inqas darba fi żmien ta' sentejn (24 xahar) mill-aħħar spezzjoni.

▼B

410) Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu l-eżamijiet li ġejjin:

— li l-apparat tar-rekordjar qed jaħdem b'mod korrett, inkluż il-funzjoni tal-ħżin tad-dejta fil-kards tat-takografu u l-komunikazzjoni ma' apparati tal-komunikazzjoni remota,

— li l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kapitolu 3.2.1. u 3.2.2. dwar it-tolleranzi massimi tal-istallazzjoni tkun żgurata,

— li l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-kapitolu 3.2.3. u 3.3. tkun żgurata,

— li l-apparat tar-rekordjar juri l-marka tal-approvazzjoni tat-tip,

— li l-plakka tal-istallazzjoni, kif iddefinita fir-Rekwiżit 396, u l-plakka deskrittiva, kif iddefinita fir-Rekwiżit 225, jkunu mwaħħlin,

— id-daqs tat-tajers u ċ-ċirkonferenza proprja tat-tajers.

— li mal-apparat ma jkun hemm l-ebda strument ta' manipulazzjoni mwaħħal,

— li s-siġilli jkunu tqiegħdu b'mod korrett, ikunu fi stat tajjeb, li n-numri tal-identifikazzjoni tagħhom ikunu validi (manifattur tas-siġilli referenzjat fil-bażi tad-dejta tal-KE) u li n-numri ta' identifikazzjoni tagħhom jikkorrispondu mal-marki tal-plakka (ara r-rekwiżit 401).

411) Jekk jinstab li seħħ wieħed mill-eventi mniżżlal fis-Sezzjoni 3.9 tal-Kapitolu III (detezzjoni ta' Eventi u/jew ta' Ħsarat) mill-aħħar spezzjoni 'l hawn u dan jitqies mill-manifattur tat-takografu u/jew mill-awtoritajiet nazzjonali bħala event li jista' potenzjalement ipoġġi s-sigurtà tal-apparat f'riskju, il-workshop għandu:

a. jikkompara d-dejta ta' identifikazzjoni tas-sensor tal-moviment li hemm fil-gearbox ma' dik tas-sensor tal-moviment akkoppjata u rreġistrata fl-unità tal-vettura;

b. jiċċekkja jekk it-tagħrif irreġistrat fuq il-plakka tal-istallazzjoni taqbilx mat-tagħrif li hemm fir-reġistru tal-unità tal-vettura;

c. iċċekkja jekk in-numru tas-serje tas-sensor tal-moviment u n-numru tal-approvazzjoni, jekk ikun stampat fuq il-qafas tas-sensor tal-moviment, jaqbilx mal-informazzjoni li hemm fil-memorja tad-dejta tal-apparat tar-rekordjar;

d. qabbel id-dejta ta' identifikazzjoni immarkata fuq il-plakka deskrittiva ta' faċilità tal-GNSS esterna, jekk ikun hemm, ma' dawk maħżuna fil-memorja tad-dejta tal-unità tal-vettura;

412) L-workshops għandhom iżommu traċċa ta' kwalunkwe sejba ta' siġilli miksura jew ta' strumenti ta' manipulazzjoni fir-rapporti tal-ispezzjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti għandhom jinżammu għal mill-anqas sentejn mill-workshops u għandhom jitqiegdu għad-dispożizzjoni tal-Awtorità Kompetenti meta din titlobhomlhom.

413) dawn l-ispezzjonijiet għandhom jinkludu kalibrazzjoni u sostituzzjoni preventiva tas-siġilli li l-fitting tagħhom huwa taħt ir-responsabbiltà tal-workshops..

6.5 **Kejl tal-iżbalji**

414) Il-kejl ta' żbalji waqt l-istallazzjoni u waqt l-użu għandu jsir taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu kondizzjonijiet standard għall-ittestjar:

▼B

— vettura mhux mgħobbija, li taħdem u f'kondizzjoni normali,

— il-pressjoni tat-tajers konformi mal-istruzzjonijiet tal-manifattur,

— il-konsum tat-tajers, fil-limiti permessi mil-liġi nazzjonali,

— il-moviment tal-vettura:

— il-vettura għandha tavvanza fuq is-saħħa tal-magna tagħha stess f'linja dritta fuq art fil-witá u b'veloċità ta' 50 ± 5 km/h. Id-distanza tal-kejl għandha tkun mill-inqas 1 000 metru,

— bil-kundizzjoni li huwa ta' preċiżjoni komparabbli, metodi alternattivi, bħala bank tal-ittestjar addattat, jista' jintuża ukoll għal dan it-test.

6.6 **Tiswijiet**

415) Il-workshops għandhom ikunu kapaċi li jniżżlu dejta mill-apparat tar-rekordjar u jagħtu dejta lura lill-kumpanija tat-trasport xierqa.

416) Il-workshops approvati għandhom joħorġu ċertifikat li d-dejta ma tistax titniżżel lill-kumpaniji tat-trasport fejn il-ħsara fl-apparat tar-rekordjar jipprevjeni dejta li ġiet irrekordjata minn qabel li titniżżel, anke wara tiswija minn dan il-workshop. Il-workshops għandhom iżommu kopja ta' kull ċertifikat li nħareġ għal mill-inqas sentejn.

7 ĦRUĠ TAL-KARD

Il-proċessi tal-ħruġ ta' kards stabbiliti minn Stat Membru għandhom jikkonformaw ma' dan li ġej:

417) In-numru tal-kard għall-ewwel darba li tkun inħarġet kard tat-takografu lil applikant għandu jkollu indiċi konsekuttiv (jekk japplika) u indiċi ta' tibdil u indiċi ta' tiġdid issettjati għal "0".

418) In-numri tal-kards tat-takografu mhux personali maħruġa lil entità singola tal-kontroll jew għal workshop singolu jew għal kumpanija tat-trasport singola għandhom ikollhom l-istess 13-il ċifra, u għandhom ikollhom indiċi konsekuttiv differenti.

419) Kard tat-takografu li tinħareġ biex tissostitwixxi kard tat-takografu eżistenti għandu jkollu l-istess numru tal-kard bħal dik li ġiet sostitwita ħlief l-indiċi tat-tibdil li għandu jiżdied b' "1" (fl-ordni 0,…,9, A,…,Z).

420) Kard tat-takografu li tinħareġ biex tissostitwixxi kard tat-takografu eżistenti għandu jkollu l-istess data tal-iskadenza bħal dik li ġiet sostitwita

421) Kard tat-takografu li tinħareġ biex iġġedded kard tat-takografu eżistenti għandu jkollha l-istess numru tal-kard bħal dik imġedda ħlief l-indiċi tat-tiġdid li għandu jiżdied b' "1" (fl-ordni 0,…,9, A,…,Z).

422) L-iskambju ta' kard tat-takografu eżistenti, sabiex jimmodifika dejta amministrattiva għandu jsegwi r-regoli tat-tiġdid fi ħdan l-istess Stat Membru, jew ir-regoli tal-ewwel ħruġ jekk imwettqa minn Stat Membru ieħor.

423) Il-"kunjom tad-detentur tal-kard" għal kards mhux personali tal-workshop jew ta' kontroll, għandu jimtela bl-isem tal-workshop jew tal-korp ta' kontroll, inkella b'isem il-fitter jew tal-uffiċjal ta' kontroll jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk.

▼B

424) L-Istati Membri għandhom jiskambjaw id-dejta b'mod elettroniku sabiex jiżguraw l-uniċità tal-kards tas-sewwieqa skont l-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014.

8 L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-APPARAT TAR-REKORDJAR U TAL-KARDS TAT-TAKOGRAFU

8.1 **Punti ġenerali**

▼M1

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, il-kliem "apparat tar-rekordjar" ifissru "apparat tar-rekordjar jew il-komponenti tiegħu". L-ebda approvazzjoni tat-tip ma hija meħtieġa għall-kejbil(s) li jorbot/jorbtu s-sensor tal-moviment mal-VU, il-faċilità tal-GNSS esterna mal-VU jew il-faċilità esterna tal-komunikazzjoni remota mal-VU. Il-karta, li tintuża mill-apparat tar-rekordjar, għandha titqies bħala komponent tal-apparat tar-rekordjar.

Kwalunkwe manifattur jista' jitlob għal approvazzjoni tat-tip tal-komponent(i) tal-apparat tar-rekordjar bi kwalunkwe komponent ieħor tal-apparat tar-rekordjar, bil-kundizzjoni li kull komponent jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness. Alternattivament, il-manifatturi jistgħu jitolbu wkoll l-approvazzjoni tat-tip għall-apparat ta' rekordjar.

Kif deskritt fid-definizzjoni (10) fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, l-unitajiet tal-vettura għandhom varjanti fl-immuntar tal-komponenti. Ikun xi jkun l-assemblaġġ tal-komponenti tal-unità tal-vettura, l-antenna esterna u (jekk japplika) l-isplitter tal-antenna konnessa mar-riċevitur tal-GNSS jew mal-faċilità tal-komunikazzjoni remota, mhumiex parti mill-approvazzjoni tat-tip tal-unità tal-vettura.

Minkejja dan, il-manifatturi li jkunu kisbu approvazzjoni tat-tip għall-apparat tar-rekordjar għandu jkollhom lista disponibbli għall-pubbliku ta' antenni u splitters kompatibbli ma' kull approvazzjoni tat-tip tal-unità tal-vettura, faċilità tal-GNSS esterna u faċilità esterna tal-komunikazzjoni remota.

▼B

425) L-apparat tar-rekordjar għandu jkun issottomess għall-approvazzjoni kompluta b'xi apparat integrat addizjonali.

426) L-approvazzjoni tat-tip ta' apparat tar-rekordjar u ta' kards tat-takografu għandhom jinkludu testijiet tas-sigurtà rrelatati, testijiet funzjonali u testijiet tal-interoperabbiltà. Riżultati pożittivi għal kull wieħed minn dawn it-testijiet huma ċċertifikati b'mod xieraq.

▼M1

427) L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri ma jistgħux joħorġu ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip sakemm ma jkollhomx:

— ċertifikat tas-sigurtà (jekk jintalab minn dan l-Anness),

— ċertifikat funzjonali,

— ċertifikat tal-interoperabbiltà (jekk jintalab minn dan l-Anness)

għall-apparat tar-rekordjar jew il-kard tat-takografu, soġġett għat-talba tal-approvazzjoni tat-tip.

▼B

428) Kull modifika fis-software jew hardware tal-apparat jew finnatura tal-materjali użati għall-manifattura tiegħu għandhom, qabel ma jintużaw, jiġu nnotifikati lill-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip għall-apparat. Din l-awtorità għandha tikkonferma lill-manifattur l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip, jew tista' tinħtieġ aġġornament jew konfermazzjoni taċ-ċertifikati rilevanti funzjonali, tas-sigurtà u/jew tal-interoperabbilità.

429) Proċeduri għal aġġornament in situ tas-software tal-apparat tar-rekordjar għandu jkun approvat mill-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip għall-apparat tar-rekordjar. Aġġornament tas-software ma jistax ibiddel u l-anqas iħassar dejta tal-attività tas-sewwieq maħżuna fl-apparat tar-rekordjar. Software jista' jiġi aġġornat biss skont ir-responsabbiltà tal-manifattur tal-apparat.

430) L-approvazzjoni tat-tip tal-modifiki tas-softwer immirati għat-titjib ta' apparat tar-rekordjar approvat xi żmien qabel ma tistax tiġi miċħuda jekk tali modifiki japplikaw biss għal funzjonijiet li mhumiex speċifikati f'dan l-Anness. Titjib tas-software tal-apparat ta' rekordjar jista' jeskludi l-introduzzjoni ta' gruppi ta' karattri ta' kitba ġodda, jekk dan ma jkunx teknikament fattibbli.

8.2 **Ċertifikat tas-sigurtà**

431) Iċ-ċertifikat tas-sigurtà jinħareġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 10 ta' dan l-Anness. Il-komponenti tal-apparat ta' rekordjar li għandhom jiġu ċċertifikati huma unità ta' vettura, sensor tal-moviment, faċilità tal-GNSS esterna u l-kards tat-takografu.

432) Fiċ-ċirkustanza eċċezzjonali li l-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà jirrifjutaw li jiċċertifikaw apparat ġdid fuq il-bażi tal-ħruġ mill-użu tal-mekkaniżmi tas-sigurtà, l-approvazzjoni tat-tip għandha tkompli tingħata biss f'din iċ-ċirkustanza speċifika u eċċezzjonali, u meta ma tkun teżisti l-ebda soluzzjoni alternattiva li tkun konformi ma' dan ir-Regolament.

433) F'din iċ-ċirkostanza, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jinforma lill-Kummissjoni Ewropea, li għandha, fi żmien tnax-il xahar tal-kalendarju mill-għoti tal-approvazzjoni tat-tip, tniedi proċedura biex tiżgura li l-livell tas-sigurtà jitreġġa' lura għal-livelli oriġinali tiegħu.

8.3 **Ċertifikat funzjonali**

434) Kull kandidat għall-approvazzjoni tat-tip għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni tal-Istat Membru l-materjali u d-dokumentazzjoni kollha li l-awtorità tqis li huwa neċessarju.

435) Il-manifatturi għandhom jipprovdu l-kampjuni rilevanti tal-prodotti kandidati għall-approvazzjoni tat-tip u d-dokumentazzjoni assoċjata meħtieġa mil-laboratorji magħżula sabiex iwettqu t-testijiet tal-funzjonament, u għandhom jagħmlu dan fi żmien xahar minn meta ssir it-talba. Kull spiża li tinħoloq bħala riżultat ta' din it-talba għandha titħallas mill-entità li tkun qed tagħmel it-talba. Il-laboratorji għandhom jittrattaw l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva kollha b'mod kunfidenzjali.

436) Ċertifikat funzjonali għandu jitwassal lill-manifattur biss wara li t-testijiet funzjonali kollha speċifikati fl-Appendiċi 9, mill-inqas, saru b'suċċess.

▼B

437) L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tagħti ċ-ċertifikat funzjonali. Dan iċ-ċertifikat għandu jindika, flimkien mal-isem talbenifiċċjarju tiegħu u l-identifikazzjoni tal-mudell, lista ddettaljata tat-testijiet imwettqa u r-riżultati ottentuti.

438) Iċ-ċertifikat funzjonali ta' kwalunkwe komponent tal-apparat tar-rekordjar għandu wkoll jindika n-numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti l-oħra tal-apparat tar-rekordjar li huma kompatibbli u ġew ittestjati għaċ-ċertifikazzjoni.

439) Iċ-ċertifikat funzjonali ta' kwalunkwe komponent tal-apparat tar-rekordjar għandu wkoll jindika l-istandard ISO jew CEN li jkun intuża għaċ-ċertifikazzjoni tal-interfaċċa funzjonali.

8.4 **Ċertifikat tal-interoperabilità**

440) Testijiet tal-interoperabilità jitwettqu f'laboratorju wieħed blawtorità u r-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea.

441) Il-laboratorju għandu jirreġistra talbiet ta' testijiet tal-interoperabilità introdotti mill-manifatturi b'ordni kronoloġika talwasla tagħhom.

442) Talbiet għandhom jiġu rreġistrati uffiċjalment biss meta llaboratorju jkun fil-pussess ta':

— is-sett komplet ta' materjal u dokumenti neċessarji għal dawn it-testijiet ta' interoperabilità,

— iċ-ċertifikat korrispondenti tas-sigurtà,

— iċ-ċertifikat korrispondenti funzjonali,

Id-data tar-reġistrazzjoni tat-talba għandha tiġi nnotifikata lillmanifattur.

443) Ma għandu jitwettaq l-ebda test tal-interoperabblità mil-laboratorju għall-apparat tar-rekordjar jew għall-kards tat-takografu li ma jkunux ingħataw ċertifikat tas-sigurtà u ċertifikat tal-funzjonalità, sakemm ma jkunx hemm iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali deskritti fir-Rekwiżit 432.

444) Kull manifattur li jitlob testijiet tal-interoperabilità għandu jikkommetti li jħalli għal-laboratorju li jmexxi dawn it-testijiet is-sett komplet ta' materjal u dokumenti li pprovda hu stess għat-twettieq tat-testijiet.

445) It-testijiet tal-interoperabilità għandhom isiru, skont id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 9 ta' dan l-Anness, fuq it-tipi kollha tal-apparat tar-rekordjar jew kards tat-takografu rispettivament:

— li għalihom l-approvazzjoni tat-tip għadha valida, jew

— li għalihom l-approvazzjoni tat-tip hija pendenti u li għandhom ċertifikat tal-interoperabilità validu.

446) It-testijiet tal-interoperabilità għandhom ikopru l-ġenerazzjonijiet kollha tal-apparat tar-rekordjar jew il-kards tat-takografu li jkunu għandhom jintużaw.

447) Iċ-ċertifikat tal-interoperabilità għandu jingħata mil-laboratorju lill-manifattur wara li għadda b'suċċess it-testijiet kollha tal-interoperabilità biss.

448) Jekk it-testijiet tal-interoperabilità ma humiex ta' suċċess ta' xi wieħed jew iktar tal-apparat tar-rekordjar jew kards tattakografu, iċ-ċertifikat tal-interoperabilità ma għandux jinħareġ, sakemm il-manifattur li għamel it-talba ikun għamel

▼B

il-modifiki meħtieġa u għadda b'suċċess it-testijiet tal-interoperabilità. Il-laboratorju għandu jidentifika l-kawża tal-problema bl-għajnuna tal-manifattur ikkonċernat b'b'din il-ħsara tal-interoperabilità u għandu jipprova jgħin lill-manifattur fit-tfittxija ta' soluzzjoni teknika. Fil-każ li l-manifattur immodifika l-prodott tiegħu, hija r-responsabbiltà tal-manifattur biex jaċċerta mill-awtoritajiet relevanti li ċ-ċertifikat tas-sigurtà u ċ-ċertifikati funzjonali għadhom validi.

449) Iċ-ċertifikat tal-interoperabbiltà huwa validu għal sitt xhur. Huwa jiġi rrevokat fl-aħħar ta' dan il-perjodu jekk il-manifattur ma rċeviex ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip korrispondenti. Huwa mgħoddi mill-manifattur lill-awtorità tal-approvazzjoni tal-Istat Membru li wassal iċ-ċertifikat funzjonali.

450) Kull element li jista' jkun fl-oriġini ta' ħsara tal-interoperabilità ma għandux jintuża għall-profitt jew iwassal għall-pożizzjoni dominanti.

8.5 **Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip**

451) L-awtorità tal-approvazzjoni tal-Istat Membru tista' twassal iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip malli jkollha t-tliet ċertifikati meħtieġa.

452) Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip ta' kwalunkwe komponent tal-apparat tar-rekordjar għandu jindika wkoll in-numri tal-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti l-oħra tal-apparat tar-rekordjar interoperabbli.

453) Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip jista' jiġi kkopjat mill-awtorità tal-approvazzjoni lil-laboratoju li qiegħed imexxi t-testijiet tal-interoperabilità fil-ħin tat-twassil lill-manifattur.

454) Il-laboratorju kompetenti biex iwettaq testijiet tal-interoperabilità tal-komponenti għandu jżomm web site pubblika li fuqha għandha tiġi aġġornata l-lista ta' mudelli ta' apparat tar-rekordjar jew kards tat-takografu:

— għal liema talba għal testijiet tal-interoperabilità ġiet irreġistrata,

— wara li rċeviet ċertifikat tal-interoperabilità (anke jekk hija proviżorja)

— wara li rċeviet ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip.

8.6 **Proċedura eċċezzjonali: l-ewwel ċertifikati tal-interoperabilità għall-apparati tar-rekordjar u tal-kards tat-takografu tat-2 ġenerazzjoni**

455) Sa erba' xhur wara l-ewwel ftit mill-apparat tar-rekordjar tat-2 ġenerazzjoni u ta' kards tat-takografu (tas-sewwieq, tal-workshop, ta' kontroll, u tal-kumpanija) tat-2 ġenerazzjoni jkunu ġew iċċertifikati li huma interoperabbli, kull ċertifikat tal-interoperabilità maħruġ (inkluż dan l-ewwel wieħed), rigward talbiet irreġistrati waqt dan il-perjodu, għandhom jitqiesu proviżorji.

▼B

456) Jekk fl-aħħar ta' dan il-perjodu, il-prodotti kollha kkonċernati huma interoperabbli ma' xulxin, iċ-ċertifikati tal-interoperabilità korrispondenti kollha għandhom isiru definitivi.

457) Jekk waqt dan il-perjodu, jinstabu ħsarat tal-interoperabilità, il-laboratorju li qed jieħu ħsieb it-testijiet tal-interoperabilità għandu jidentifika l-kawżi tal-problemi bl-għajnuna tal-manifatturi kollha involuti u għandhom jistidnuhom biex jagħmlu l-modifiki neċessarji.

458) Jekk fl-aħħar ta' dan il-perjodu, ikun għad fadal problemi tal-interoperabilità, il-laboratorju li qed imexxi t-testijiet tal-interoperabilità li wasslu ċ-ċertifikati funzjonali korrispondenti għandhom isibu l-kawżi tal-ħsarat tal-interoperabilità u jistabbilixxi liema modifiki għandhom jitwettqu minn kull manifattur kkonċernat. It-tfittxija ta' soluzzjonijiet tekniċi għandha ddum għal massimu ta' xahrejn, jekk wara ma tinstab l-ebda soluzzjoni komuni, il-Kummissjoni, wara li tkun ikkonsultat mal-laboratorju li qed imexxi t-testijiet tal-interoperabilità, għandha tiddeċiedi liema apparat u kards għandhom ċertifikat tal-interoperabilità definittiv u tistqarr ir-raġunijiet għaliex.

459) Kull talba għal testijiet tal-interoperabilità, irreġistrati mil-laboratorju bejn l-aħħar tal-perjodu tal-erba' xhur wara li nħareġ l-ewwel ċertifikat tal-interoperabilità proviżorju jkun twassal u d-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni riferita għaliha fir-rekwiżit 455, għandu jiġi pospost sa kemm il-problemi inizjali tal-interoperabilità jiġu solvuti. Dawk it-talbiet huma mbagħad proċessati bl-ordni kronoloġika tar-reġistrazzjoni tagħhom.

▼B

Appendiċi 1

DIZZJUNARJU TAD-DEJTA

WERREJ

1. INTRODUZZJONI

1.1. Approċċ għad-definizzjonijiet tat-tipi tad-dejta

1.2. Referenzi

2. DEFINIZZJONIJIET TAT-TIPI TA' DEJTA

2.1. ActivityChangeInfo

2.2. Address

2.3. AESKey

2.4. AES128Key

2.5. AES192Key

2.6. AES256Key

2.7. BCDString

2.8. CalibrationPurpose

2.9. CardActivityDailyRecord

2.10. CardActivityLengthRange

2.11. CardApprovalNumber

2.12. CardCertificate

2.13. CardChipIdentification

2.14. CardConsecutiveIndex

2.15. CardControlActivityDataRecord

2.16. CardCurrentUse

2.17. CardDriverActivity

2.18. CardDrivingLicenceInformation

2.19. CardEventData

2.20. CardEventRecord

2.21. CardFaultData

2.22. CardFaultRecord

2.23. CardIccIdentification

2.24. CardIdentification

2.25. CardMACertificate

2.26. CardNumber

2.27. CardPlaceDailyWorkPeriod

2.28. CardPrivateKey

2.29. CardPublicKey

▼B

2.30. CardRenewalIndex

2.31. CardReplacementIndex

2.32. CardSignCertificate

2.33. CardSlotNumber

2.34. CardSlotsStatus

2.35. CardSlotsStatusRecordArray

2.36. CardStructureVersion

2.37. CardVehicleRecord

2.38. CardVehiclesUsed

2.39. CardVehicleUnitRecord

2.40. CardVehicleUnitsUsed

2.41. Certificate

2.42. CertificateContent

2.43. CertificateHolderAuthorisation

2.44. CertificateRequestID

2.45. CertificationAuthorityKID

2.46. CompanyActivityData

2.47. CompanyActivityType

2.48. CompanyCardApplicationIdentification

2.49. CompanyCardHolderIdentification

2.50. ControlCardApplicationIdentification

2.51. ControlCardControlActivityData

2.52. ControlCardHolderIdentification

2.53. ControlType

2.54. CurrentDateTime

2.55. CurrentDateTimeRecordArray

2.56. DailyPresenceCounter

2.57. Datef

2.58. DateOfDayDownloaded

2.59. DateOfDayDownloadedRecordArray

2.60. Distance

2.61. DriverCardApplicationIdentification

▼B

2.62. DriverCardHolderIdentification

▼M1

2.63. Riżervat għal użu futur

▼B

2.64. EGFCertificate

2.65. EmbedderIcAssemblerId

2.66. EntryTypeDailyWorkPeriod

2.67. EquipmentType

2.68. EuropeanPublicKey

2.69. EventFaultRecordPurpose

2.70. EventFaultType

2.71. ExtendedSealIdentifier

2.72. ExtendedSerialNumber

2.73. FullCardNumber

2.74. FullCardNumberAndGeneration

2.75. Generation

2.76. GeoCoordinates

2.77. GNSSAccuracy

▼M1

2.78. GNSSAccumulatedDriving

2.79. GNSSAccumulatedDrivingRecord

▼B

2.80. GNSSPlaceRecord

2.81. HighResOdometer

2.82. HighResTripDistance

2.83. HolderName

2.84. InternalGNSSReceiver

2.85. K-ConstantOfRecordingEquipment

2.86. KeyIdentifier

2.87. KMWCKey

2.88. Language

2.89. LastCardDownload

2.90. LinkCertificate

2.91. L-TyreCircumference

2.92. MAC

2.93. ManualInputFlag

2.94. ManufacturerCode

2.95. ManufacturerSpecificEventFaultData

2.96. MemberStateCertificate

▼B

2.97. MemberStateCertificateRecordArray

2.98. MemberStatePublicKey

2.99. Name

2.100. NationAlpha

2.101. NationNumeric

2.102. NoOfCalibrationRecords

2.103. NoOfCalibrationsSinceDownload

2.104. NoOfCardPlaceRecords

2.105. NoOfCardVehicleRecords

2.106. NoOfCardVehicleUnitRecords

2.107. NoOfCompanyActivityRecords

2.108. NoOfControlActivityRecords

2.109. NoOfEventsPerType

2.110. NoOfFaultsPerType

▼M1

2.111. NoOfGNSSADRecords

▼B

2.112. NoOfSpecificConditionRecords

2.113. OdometerShort

2.114. OdometerValueMidnight

2.115. OdometerValueMidnightRecordArray

2.116. OverspeedNumber

2.117. PlaceRecord

2.118. PreviousVehicleInfo

2.119. PublicKey

2.120. RecordType

2.121. RegionAlpha

2.122. RegionNumeric

2.123. RemoteCommunicationModuleSerialNumber

2.124. RSAKeyModulus

2.125. RSAKeyPrivateExponent

2.126. RSAKeyPublicExponent

2.127. RtmData

2.128. SealDataCard

▼B

2.129. SealDataVu

2.130. SealRecord

2.131. SensorApprovalNumber

2.132. SensorExternalGNSSApprovalNumber

2.133. SensorExternalGNSSCoupledRecord

2.134. SensorExternalGNSSIdentification

2.135. SensorExternalGNSSInstallation

2.136. SensorExternalGNSSOSIdentifier

2.137. SensorExternalGNSSSCIdentifier

2.138. SensorGNSSCouplingDate

2.139. SensorGNSSSerialNumber

2.140. SensorIdentification

2.141. SensorInstallation

2.142. SensorInstallationSecData

2.143. SensorOSIdentifier

2.144. SensorPaired

2.145. SensorPairedRecord

2.146. SensorPairingDate

2.147. SensorSCIdentifier

2.148. SensorSerialNumber

2.149. Signature

2.150. SignatureRecordArray

2.151. SimilarEventsNumber

2.152. SpecificConditionRecord

2.153. SpecificConditions

2.154. SpecificConditionType

2.155. Speed

2.156. SpeedAuthorised

2.157. SpeedAverage

2.158. SpeedMax

2.159. TachographPayload

▼M1

2.160. Riżervat għal użu futur

▼B

2.161. TDesSessionKey

2.162. TimeReal

2.163. TyreSize

2.164. VehicleIdentificationNumber

2.165. VehicleIdentificationNumberRecordArray

2.166. VehicleRegistrationIdentification

2.167. VehicleRegistrationNumber

2.168. VehicleRegistrationNumberRecordArray

2.169. VuAbility

2.170. VuActivityDailyData

2.171. VuActivityDailyRecordArray

2.172. VuApprovalNumber

2.173. VuCalibrationData

2.174. VuCalibrationRecord

2.175. VuCalibrationRecordArray

2.176. VuCardIWData

2.177. VuCardIWRecord

2.178. VuCardIWRecordArray

2.179. VuCardRecord

2.180. VuCardRecordArray

2.181. VuCertificate

2.182. VuCertificateRecordArray

2.183. VuCompanyLocksData

2.184. VuCompanyLocksRecord

2.185. VuCompanyLocksRecordArray

2.186. VuControlActivityData

2.187. VuControlActivityRecord

2.188. VuControlActivityRecordArray

▼B

2.189. VuDataBlockCounter

2.190. VuDetailedSpeedBlock

2.191. VuDetailedSpeedBlockRecordArray

2.192. VuDetailedSpeedData

2.193. VuDownloadablePeriod

2.194. VuDownloadablePeriodRecordArray

2.195. VuDownloadActivityData

2.196. VuDownloadActivityDataRecordArray

2.197. VuEventData

2.198. VuEventRecord

2.199. VuEventRecordArray

2.200. VuFaultData

2.201. VuFaultRecord

2.202. VuFaultRecordArray

▼M1

2.203. VuGNSSADRecord

2.204. VuGNSSADRecordArray

▼B

2.205. VuIdentification

2.206. VuIdentificationRecordArray

2.207. VuITSConsentRecord

2.208. VuITSConsentRecordArray

2.209. VuManufacturerAddress

2.210. VuManufacturerName

2.211. VuManufacturingDate

2.212. VuOverSpeedingControlData

2.213. VuOverSpeedingControlDataRecordArray

2.214. VuOverSpeedingEventData

▼B

2.215. VuOverSpeedingEventRecord

2.216. VuOverSpeedingEventRecordArray

2.217. VuPartNumber

2.218. VuPlaceDailyWorkPeriodData

2.219. VuPlaceDailyWorkPeriodRecord

2.220. VuPlaceDailyWorkPeriodRecordArray

2.221. VuPrivateKey

2.222. VuPublicKey

2.223. VuSerialNumber

2.224. VuSoftInstallationDate

2.225. VuSoftwareIdentification

2.226. VuSoftwareVersion

2.227. VuSpecificConditionData

2.228. VuSpecificConditionRecordArray

2.229. VuTimeAdjustmentData

▼M1

2.230. Riżervat għal użu futur

2.231. Riżervat għal użu futur

▼B

2.232. VuTimeAdjustmentRecord

2.233. VuTimeAdjustmentRecordArray

2.234. WorkshopCardApplicationIdentification

2.235. WorkshopCardCalibrationData

2.236. WorkshopCardCalibrationRecord

2.237. WorkshopCardHolderIdentification

2.238. WorkshopCardPIN

2.239. W-VehicleCharacteristicConstant

2.240. VuPowerSupplyInterruptionRecord

▼B

2.241. VuPowerSupplyInterruptionRecordArray

2.242. VuSensorExternalGNSSCoupledRecordArray

2.243. VuSensorPairedRecordArray

3. DEFINIZZJONIJIET TAL-MEDED TAL-VALURI U TAD-DAQSIJIET

4. SETTIJIET TA' KARATTRI

5. ENKOWDJAR

6. IDENTIFIKATURI TAL-OĠĠETTI U IDENTIFIKATURI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

6.1. Identifikaturi tal-Oġġetti

6.2. Identifikaturi tal-Applikazzjonijiet

1. INTRODUZZJONI

Dan l-appendiċi jispeċifika l-formati tad-dejta, l-elementi tad-dejta u l-istrutturi tad-dejta li għandhom jintużaw fl-apparat tar-rekordjar u l-kards tat-takografu.

1.1. **Approċċ għad-definizzjonijiet tat-tipi tad-dejta**

Dan l-appendiċi juża Abstract Syntax Notation One (ASN.1) għad-definizzjonijiet tat-tipi tad-dejta. Dan jippermetti li dejta sempliċi u strutturata tiġi definita mingħajr l-implikazzjoni ta' xi sintassi speċifika tat-trasferiment (regoli tal-enkowdjar) li tiddependi fuq l-applikazzjoni u l-ambjent.

Il-konvenzjonijiet tat-tismija tat-tip ASN.1 isiru skont l-ISO/IEC 8824-1. Dan jimplika li:

— fejn ikun possibbli, it-tifsira tat-tip ta' dejta tkun implikata permezz tal-ismijiet li jintgħażlu,

— fejn it-tip ta' dejta jkun kompost mini tipi oħra, l-isem għat-tip tad-dejta xorta jibqa' sekwenza waħda ta' karattri alfabetiċi li jibdew b'ittra kapitali. Madankollu, meta jintużaw ittri kapitali fl-isem, dawn jagħtu tifsira partikolari korrispondenti,

— b'mod ġenerali, l-ismijiet tat-tipi tad-dejta huma marbuta mal-ismijiet tat-tipi tad-dejta li minnhom huma mibnija, l-apparat li fih hija maħżuna d-dejta u l-funzjoni marbuta mad-dejta.

Jekk it-tip ASN.1 diġà jkun ġie definit bħala parti minn standard ieħor u jekk huwa rilevanti għall-użu l-apparat tar-rekordjar, imbagħad dan it-tip ASN.1 jiġi definit f'dan l-appendiċi.

Sabiex ikunu jistgħu joperaw diversi tipi ta' enkowdjar, ċerti tipi ta' ASN.1 f'dan l-appendiċi huma ristretti minn identifikaturi tal-medda tal-valuri. L-identifikaturi tal-medda tal-valuri huma definiti fil-paragrafu 3 u l-Appendiċi 2.

1.2. **Referenzi**

F'dan l-Appendiċi jintużaw ir-referenzi li ġejjin:

ISO 639	Code for the representation of names of languages. First Edition: 1988.
ISO 3166	Codes for the representation of names of countries and their subdivisions — Part 1: Country codes, 2013
ISO 3779	Road vehicles — Vehicle identification number (VIN) — Content and structure. 2009

▼B

ISO/IEC 7816-5	Identification cards — Integrated circuit cards — Part 5: Registration of application providers. Second edition: 2004.
ISO/IEC 7816-6	Identification cards — Integrated circuit cards — Part 6: Interindustry data elements for interchange, 2004 + Technical Corrigendum 1: 2006
ISO/IEC 8824-1	Information technology — Abstract Syntax Notation One (ASN.1): Specification of basic notation. 2008 + Technical Corrigendum 1: 2012 and Technical Corrigendum 2: 2014.
ISO/IEC 8825-2	Information technology — ASN.1 encoding rules: Specification of Packed Encoding Rules (PER). 2008.
ISO/IEC 8859-1	Information technology — 8 bit single-byte coded graphic character sets — Part 1: Latin alphabet No.1. First edition: 1998.
ISO/IEC 8859-7	Information technology — 8 bit single-byte coded graphic character sets — Part 7: Latin/Greek alphabet. 2003.
ISO 16844-3	Road vehicles — Tachograph systems — Motion Sensor Interface. 2004 + Technical Corrigendum 1: 2006..
TR-03110-3	BSI / ANSSI Technical Guideline TR-03110-3, Advanced Security Mechanisms for Machine Readable Travel Documents and eIDAS Token — Part 3 Common Specifications, version 2.20, 3. February 2015

2. DEFINIZZJONIJIET TAT-TIPI TA' DEJTA

Għal kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' dejta li ġejjin, il-valur predefinit għal kontenut "mhux magħruf" jew "mhux applikabbli", jikkonsisti fil-mili tal-element tad-dejta b'bytes tat-tip "FF".

It-tipi kollha tad-dejta jintużaw għall-applikazzjonijiet tal-Ġenerazzjoni 1 u tal-Ġenerazzjoni 2 sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

▼M1

Għat-tipi ta' dejta tal-kard użati għall-applikazzjonijiet tal-Ġenerazzjoni 1 u tal-Ġenerazzjoni 2, id-daqs speċifikat f'dan l-Appendiċi huwa dak għall-applikazzjoni tal-Ġenerazzjoni 2. Id-daqs għall-applikazzjoni tal-Ġenerazzjoni 1 suppost ikun diġà magħruf mill-apparat li jaqra l-kard. In-numri meħtieġa tal-Anness IC relatati ma' dawn it-tipi ta' dejta jkopru kemm l-applikazzjoni tal-Ġenerazzjoni 1 kif ukoll tal-Ġenerazzjoni 2.

▼B

2.1. **ActivityChangeInfo**

Dan it-tip ta' dejta jippermetti l-ikkowdjar, f'kelma ta' żewġ bytes, status ta' slott f'00:00 u status tas-sewwieq f'00:00 u/jew bidliet fl-attività u/jew bidliet fl-istatus tas-sewqan u/jew bidliet fl-istatus tal-kard għal sewwieq jew kosewwieq. Dan it-tip ta' dejta huwa marbut mar-rekwiżiti tal-Anness 1C 105, 266, 291, 320, 321, 343, and 344.

```
ActivityChangeInfo ::= OCTET STRING (SIZE(2))
```

Assenjar tal-valur — Octet Aligned: 'scpaatttttttttt'B (16 bits)

Għal rekordjar fuq il-Memorja tad-Dejta (jew status tal-islott):

's'B	Slott: '0'B: DRIVER, '1'B: CO-DRIVER,

▼B

‘c’B	Status tas-sewqan:
	‘0’B: SINGLE,
	‘1’B: CREW,
‘p’B	L-istatus tal-kard tas-sewwieq (jew tal-workshop) fis-slott rilevanti:
	‘0’B: INSERTED, hemm kard imdaħħla,
	‘1’B: NOT INSERTED, m'hemm l-ebda kard imdaħħla (jew il-kard tneħħiet),
‘aa’B	Attività:
	‘00’B: BREAK/REST,
	‘01’B: AVAILABILITY,
	‘10’B: WORK,
	‘11’B: DRIVING,
‘ttttttttttt’B	Il-ħin tal-bidla: Għadd ta' minuti minn 00h00 dak inhar.

Għall-irrekordjar fuq il-kard tas-Sewwieq (jew tal-Workshop) (u l-istatus tas-sewwieq):

‘s’B	Slott (mhux rilevanti fejn ‘p’=1 ħlief għan-nota t'hawn taħt):
	‘0’B: DRIVER,
	‘1’B: CO-DRIVER,
‘c’B	Status tas-sewqan (każ ‘p’=0) jew
	Wara l-istatus tal-attività (każ ‘p’=1):
	‘0’B: SINGLE,
	‘0’B: UNKNOWN
	‘1’B: CREW,
	‘1’B: KNOWN (= imdaħħal manwalment)
‘p’B	Status tal-kard:
	‘0’B: INSERTED, hemm kard imdaħħla fl-apparat tar-rekordjar,
	‘1’B: NOT INSERTED, il-kard mhix imdaħħla (jew il-kard tneħħiet),
‘aa’B	Attività (mhux rilevanti fejn ‘p’=1 u ‘c’=0 ħlief għan-nota t'hawn taħt):
	‘00’B: BREAK/REST,
	‘01’B: AVAILABILITY,
	‘10’B: WORK,
	‘11’B: DRIVING,
‘ttttttttttt’B	Il-ħin tal-bidla: Għadd ta' minuti minn 00h00 dak inhar.

▼B

Nota għall-każ ta' 'tneħħija tal-kard':

Meta l-kard tiġi tneħħiet:

— 's' hija rilevanti u tindika s-slott li minnha titneħħa l-kard.

— 'c' trid tkun issettjata għal 0,

— 'p' trid tkun issettjata għal 1,

— 'aa' trid tikkodifika l-attivita kurrenti magħżula f'dak il-ħin,

B'riżultat tal-entrata manwali, il-bits 'c' u 'aa' tal-kelma (maħżuna f'kard) jistgħu jitħassru biex issir kitba fuqhom aktar tard u b'hekk tiġi riflessa l-entrata.

2.2. **Indirizz**

Indirizz.

```
Address ::= SEQUENCE {
   codePage                              INTEGER (0..255),
   address                               OCTET STRING (SIZE(35))
}
```

codePage jispeċifika sett ta' karattri definit fil-Kapitolu 4,

address huwa indirizz enkodat permezz tas-sett ta' karattri speċifikat.

2.3. **AESKey**

Ġenerazzjoni 2

Kjavi AES b'tul ta' 128, 192 jew 256 bits.

```
AESKey ::= CHOICE {
   aes128Key                             AES128Key,
   aes192Key                             AES192Key,
   aes256Key                             AES256Key
}
```

Assenjazzjoni tal-valur: mhux speċifikat aktar.

2.4. **AES128Key**

Ġenerazzjoni 2

Kjavi AES128

```
AES128Key ::= SEQUENCE {
   length                                INTEGER(0..255),
   aes128Key                             OCTET STRING (SIZE(16))
}
```

tul tindika t-tul tal-kjavi AES128 f'octets.

aes128Key hija kjavi AES b'tul ta' 128 bits.

Assenjazzjoni tal-valur:

It-tul għandu jkollu l-valur 16.

▼B

2.5. **AES192Key**

Ġenerazzjoni 2

An AES192 key.

```
AES192Key ::= SEQUENCE {
   length                                  INTEGER(0..255),
   aes192Key                               OCTET STRING (SIZE(24))
}
```

tul tindika t-tul tal-kjavi AES192 f'octets.

aes192Key hija kjavi AES b'tul ta' 192 bits.

Assenjazzjoni tal-valur:

It-tul għandu jkollu l-valur 24.

2.6. **AES256Key**

Ġenerazzjoni 2

Kjavi AES256

```
AES256Key ::= SEQUENCE {
   length                                  INTEGER(0..255),
   aes256Key                               OCTET STRING (SIZE(32))
}
```

tul tindika t-tul tal-kjavi AES256 f'octets.

aes256Key hija kjavi AES b'tul ta' 256 bits.

Assenjazzjoni tal-valur:

It-tul għandu jkollu l-valur 32.

2.7. **BCDString**

Il-BCDString tiġi applikata għar-rappreżentazzjoni tal-Kodiċi Binarju Deċimali (BCD). Din it-tip ta' dejta tintuża għar-rappreżentazzjoni ta' ċifra waħda deċimali f'semi-octet wieħed (4 bits). BCDString hija bbażata fuq l-ISO/IEC 8824-1 ‘CharacterStringType’.

```
BCDString ::= CHARACTER STRING (WITH COMPONENTS {
   identification ( WITH COMPONENTS {
   fixed PRESENT }) })
```

BCDString tuża notazzjoni “hstring”. Iċ-ċifra eżadeċimali tax-xellug nett tkun is-semi octet l-aktar sinifikanti tal-ewwel octet. Biex jiġu prodotti multipli ta' octets, jiddaħħlu zero trailing semi octets, kif meħtieġ, mill-pożizzjoni tas-semi octet fuq ix-xellug nett tal-ewwel octet.

Iċ-ċifri permessi huma: 0, 1, … 9.

2.8. **CalibrationPurpose**

Kodiċi li jispejga għaliex ikunu ġew irrekordjati sett ta' parametri tal-kalibrazzjoni. Din id-dejta hija marbuta mar-rekwiżiti 097 u 098 tal-Anness 1B u r-rekwiżit 119 tal-Annes 1C.

```
CalibrationPurpose ::= OCTET STRING (SIZE(1))
```

▼B

Assenjazzjoni tal-valur:

Ġenerazzjoni 1:

‘00’H	valur riżervat,
‘01’H	attivazzjoni: rekordjar tal-parametri tal-kalibrazzjoni magħrufq fil-mument tal-attivazzjoni tal-VU,
‘02’H	l-ewwel installazzjoni: l-ewwel kalibrazzjni tal-VU wara l-attivazzjoni tiegħu,
‘03’H	installazzjoni: l-ewwel kalibrazzjoni tal-VU fil-vettura kurrenti,
‘04’H	spezzjonijiet perjodika.

Ġenerazzjoni 2:

Minbarra dawk tal-ġenerazzjoni 1 jintużaw il-valuri li ġejjin:

‘05’H	entrata tal-VRN mill-kumpanija,
‘06’H	aġġustament tal-ħin mingħajr kalibrazzjoni,
‘07’H sa ‘7F’H	RFU,
‘80’H sa ‘FF’H	Speċifika għall-manifattur.

2.9. **CardActivityDailyRecord**

Informazzjoni maħżuna f'kard,marbuta mal-attivitajiet tas-sewwieq għal jum kalendarju partikolari. Dan it-tip ta' dejta huwa marbuta mar-rekwiżiti tal-Anness 1C 266, 291, 320 u 343.

```
CardActivityDailyRecord ::= SEQUENCE {
   activityPreviousRecordLength         INTEGER(0..CardActivityLengthRange),
   activityRecordLength                 INTEGER(0..CardActivityLengthRange),
   activityRecordDate                   TimeReal,
   activityDailyPresenceCounter         DailyPresenceCounter,
   activityDayDistance                  Distance,
   activityChangeInfo                   SET SIZE(1..1440) OF ActivityChangeInfo
}
```

activityPreviousRecordLength huwa t-tul totali f'bytes tar-rekord ta' kuljum preċedenti. Il-valur massimu jingħata mit-tul tal-OCTET STRING li jkun fiha dawn ir-rekords (ara l-paragrafu 4 tal-Appendiċi 2 tal-CardActivityLengthRange) Meta r-rekord isir l-eqdem rekord ta' kuljum, il-valur tal-activityPreviousRecordLength għandu jiġi ssettjat għal 0.

activityRecordLength huwa t-tul totali f'bytes ta' dan ir-rekord. Il-valur massimu jingħata mit-tul tal-OCTET STRING li jkun fiha dawn ir-rekords.

activityRecordDate hija d-data tar-rekord.

▼B

activityDailyPresenceCounter hija l-enumeratur tal-preżenza ta' kuljum għall-kard f'dan il-jum.

activityDayDistance hija d-distanza totali tal-vjaġġ f'dan il-jum.

activityChangeInfo hija s-sett ta' dejta tal-ActivityChangeInfo għas-sewwieq f'dan il-jum. Jista' jkun fiha massimu ta' 1440 valur (bidla waħda fl-attività għal kull minuta). Dan is-sett dejjem jinkludi l-kodaġġ tal-istatus tas-sewwieq tal-activityChangeInfo f'00:00.

2.10. **CardActivityLengthRange**

Għadd ta' bytes f'kard tas-sewwieq jew tal-workshop, disponibbli biex jinħażnu r-rekords tal-attivitajiet tas-sewwieq.

```
CardActivityLengthRange ::= INTEGER(0..2^16-1)
```

Assenjazzjoni tal-valur: ara l-Appendiċi 2.

2.11. **CardApprovalNumber**

In-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-kard.

```
CardApprovalNumber ::= IA5String(SIZE(8))
```

Assenjazzjoni tal-valur:

In-numru tal-approvazzjoni jiġi pprovdut skont kif inhu ppublikat fuq is-sit tal-Kummissjoni Ewropea, p.eż. bl-inklużjoni tas-singijiet, jekk rilevanti. In-numru tal-approvazzjoni għandu jkun allinjat fuq ix-xellug.

2.12. **CardCertificate**

Ġenerazzjoni 1:

Ċertifikat tal-kjavi pubblika ta' kard.

```
CardCertificate ::= Certificate
```

2.13. **CardChipIdentification**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard, dwar l-identifikazzjoni taċ-Ċirkwit Integrat (IC) tal-kard (rekwiżit 249 fl-Anness 1C). L-icSerialNumber flimkien mal-icManufacturingReferences jidentifikaw iċ-ċippa tal-kard b'mod uniku. L-icSerialNumber waħdu ma jidentifikax iċ-ċippa tal-kard b'mod uniku.

```
CardChipIdentification ::= SEQUENCE {
   icSerialNumber                      OCTET STRING (SIZE(4)),
   icManufacturingReferences           OCTET STRING (SIZE(4))
}
```

icSerialNumber huwa n-numru tas-serje tal-IC.

icManufacturingReferences huwa l-identifikatur speċifiku tal-manifattur tal-IC.

2.14. **CardConsecutiveIndex**

Indiċi konsekuttiv tal-kard (definizzjoni h)).

```
CardConsecutiveIndex ::= IA5String(SIZE(1))
```

Assenjazzjoni tal-valur: (ara l-Anness 1C kapitolu 7)

Ordni taż-żieda: ‘0, …, 9, A, …, Z, a, …, z’

▼B

2.15. **CardControlActivityDataRecord**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-aħħar kontroll li kien soġġett għalih is-sewwieq (Rekwiżiti 274, 299, 327, u 350 tal-Anness 1C).

```
CardControlActivityDataRecord ::= SEQUENCE {
   controlType                          ControlType,
   controlTime                          TimeReal,
   controlCardNumber                    FullCardNumber,
   controlVehicleRegistration           VehicleRegistrationIdentification,
   controlDownloadPeriodBegin           TimeReal,
   controlDownloadPeriodEnd             TimeReal
}
```

controlType huwa t-tip ta' kontroll.

controlTime huwa d-data u l-ħin tal-kontroll.

controlCardNumber huwa l-FullCardNumber tal-uffiċjal ta' kontroll li jkun għamel il-kontrol.

controlVehicleRegistration hija l-VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħ il-kontroll.

controlDownloadPeriodBegin u **controlDownloadPeriodEnd** huwa l-perjodu mniżżel, fil-każ li jseħħ tniżżil.

2.16. **CardCurrentUse**

Informazzjoni dwar l-użu attwali tal-kard (rekwiżiti 273, 298, 326, 349 tal-Anness 1C).

```
CardCurrentUse ::= SEQUENCE {
   sessionOpenTime                      TimeReal,
   sessionOpenVehicle                   VehicleRegistrationIdentification
}
```

sessionOpenTime huwa l-ħin li fih tiddaħħal il-kard għall-użu kurrenti. Dan l-element jiġi ssettjat għal żero meta titneħħa l-kard.

sessionOpenVehicle hija l-identifikazzjoni tal-vettura kurrenti użata, issettjata malli tiddaħħal il-kard. Dan l-element jiġi ssettjat għal żero meta titneħħa l-kard.

2.17. **CardDriverActivity**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-attivitajiet tas-sewwieq (Rekwiżiti 267, 268, 292, 293, 321 u 344 tal-Anness 1C).

```
CardDriverActivity ::= SEQUENCE {
   activityPointerOldestDayRecord       INTEGER(0.. CardActivityLengthRange-1),
   activityPointerNewestRecord          INTEGER(0.. CardActivityLengthRange-1),
   activityDailyRecords                 OCTET STRING
                                        (SIZE(CardActivityLengthRange))
}
```

activityPointerOldestDayRecord hija l-ispeċifikazzjoni tal-bidu tal-post tal-ħżin (għadd ta' bytes mill-bidu tal-istring) tal-eqdem rekord sħiħ tal-jum fis-sekwenza activityDailyRecords. Il-valur massimu jingħata mit-tul tas-sekwenza.

▼B

activityPointerNewestRecord hija l-ispeċifikazzjoni tal-bidu tal-post tal-ħżin (għadd ta' bytes mill-bidu tal-istring) tal-aktar rekord ġdid tal-jum fis-sekwenza activityDailyRecords. Il-valur massimu jingħata mit-tul tas-sekwenza.

activityDailyRecords huwa l-ispazju disponibbli biex tinħażen id-dejta dwar l-attività tas-sewwieq (struttura tad-dejta: CardActivityDailyRecord) għal kull jum kalendarju li fih intużat il-kard.

Assenjazzjoni tal-valur: l-octet string hija mimlija ċiklikament b'rekords tal-CardActivityDailyRecord Mal-ewwel użu, il-ħżin jinbeda fl-ewwel byte tal-istring. Ir-rekords ġodda kollha jiġu mehmuża fi tmiem ir-rekord preċedenti. Meta l-istring timtela, il-ħżin ikompli mal-ewwel byte tal-istring fuq bażi indipendenti minn break li jkun ġewwa element tad-dejta. Qabel ma titqiegħed dejta ġdida tal-attività fl-istring (biex b'hekk jitkabbar l-activityDailyRecord, jew it-tqegħid ta' activityDailyRecord ġdid) li tissostitwixxi dejta tal-attività eqdem, l-activityPointerOldestDay-Record għandu jkun aġġornat biex jiġi rifless il-post il-ġdid tal-eqdem rekord sħiħ tal-jum u l-activityPreviousRecordLength ta' dan l-eqdem rekord sħiħ tal-jum għandu jiġi rrisettjat għal 0.

2.18. **CardDrivingLicenceInformation**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq, marbuta mad-dejta dwar il-liċenzja tas-sewqan tad-detentur tal-kard (rekwiżit 259 u 284 tal-Anness 1C).

```
CardDrivingLicenceInformation ::= SEQUENCE {
   drivingLicenceIssuingAuthority       Name,
   drivingLicenceIssuingNation          NationNumeric,
   drivingLicenceNumber                 IA5String(SIZE(16))
}
```

drivingLicenceIssuingAuthority hija l-awtorità responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan.

drivingLicenceIssuingNation hija n-nazzjonalità tal-awtorità li ħarġet il-liċenzja tas-sewqan.

drivingLicenceNumber huwa n-numru tal-liċenzja tas-sewqan.

▼M1

2.19. **CardEventData**

Ġenerazzjoni 1:

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-eventi assoċjati mad-detentur tal-kard (rekwiżiti 260 u 318 tal-Anness IC).

```
CardEventData ::= SEQUENCE SIZE(6) OF {
   cardEventRecords                     SET SIZE(NoOfEventsPerType) OF
                                        CardEventRecord
}
```

CardEventData hija sekwenza ta' cardEventRecords, imqassma skont l-ordni axxendenti tal-EventFaultType (ħlief rekords marbuta ma' tentattivi ta' ksur tas-sigurtà li huma miġbura fl-aħħar sett tas-sekwenza).

cardEventRecords hija ġabra ta' rekords tal-eventi għal tip partikolari ta' event (jew kategorija għall-eventi marbuta mat-tentattivi ta' ksur tas-sigurtà).

Ġenerazzjoni 2:

▼M1

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-eventi assoċjati mad-detentur tal-kard (rekwiżiti 285 u 341 tal-Anness IC).

```
CardEventData ::= SEQUENCE SIZE(11) OF {
   cardEventRecords                    SET SIZE(NoOfEventsPerType) OF
                                       CardEventRecord
}
```

CardEventData hija sekwenza ta' cardEventRecords, imqassma skont l-ordni axxendenti tal-EventFaultType (ħlief rekords marbuta ma' tentattivi ta' ksur tas-sigurtà li huma miġbura fl-aħħar sett tas-sekwenza).

cardEventRecords hija ġabra ta' rekords tal-eventi għal tip partikolari ta' event (jew kategorija għall-eventi marbuta mat-tentattivi ta' ksur tas-sigurtà).

▼B

2.20. **CardEventRecord**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta ma' event assoċjat mad-detentur tal-kard (Rekwiżiti 261, 286, 318 u 341 tal-Anness 1C).

```
CardEventRecord ::= SEQUENCE {
   eventType                           EventFaultType,
   eventBeginTime                      TimeReal,
   eventEndTime                        TimeReal,
   eventVehicleRegistration            VehicleRegistrationIdentification
}
```

eventType huwa t-tip ta' event.

eventBeginTime huwa d-data u l-ħin tal-bidu tal-event.

eventEndTime huwa d-data u l-ħin ta' tmiem l-event.

eventVehicleRegistration hija l-VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħ l-event.

2.21. **CardFaultData**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-ħsarat assoċjati mad-detentur tal-kard (Rekwiżiti 263, 288, 318 u 341 tal-Anness 1C).

```
CardFaultData ::= SEQUENCE SIZE(2) OF {
   cardFaultRecords                    SET SIZE(NoOfFaultsPerType) OF
                                       CardFaultRecord
}
```

CardFaultData hija sekwenza ta' sett ta' rekords ta' ħsarat fl-Apparat ta' Reġistrazzjoni segwita minn sett ta' rekords dwar il-ħsarat tal-kards.

cardFaultRecords hija sett ta' rekords dwar il-ħsarat ta' kategorija partikolari ta' ħsarat (Apparat ta' Reġistrazzjoni jew kard).

2.22. **CardFaultRecord**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta ma' ħsara assoċjata mad-detentur tal-kard (Rekwiżiti 264, 289, 318 u 341 tal-Anness 1C).

```
CardFaultRecord ::= SEQUENCE {
   faultType                           EventFaultType,
   faultBeginTime                      TimeReal,
   faultEndTime                        TimeReal,
   faultVehicleRegistration            VehicleRegistrationIdentification
}
```

faultType hija t-tip ta' ħsara.

▼B

faultBeginTime huwa d-data u l-ħin tal-bidu tal-ħsara.

faultEndTime huwa d-data u l-ħin ta' tmiem il-ħsara.

faultVehicleRegistration huwa l-VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura li fih seħħet il-ħsara.

2.23. **CardIccIdentification**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard, dwar l-identifikazzjoni tal-kard taċ-Ċirkwit Integrat (IC) (rekwiżit 248 fl-Anness 1C).

```
CardIccIdentification ::= SEQUENCE {
   clockStop                          OCTET STRING (SIZE(1)),
   cardExtendedSerialNumber           ExtendedSerialNumber,
   cardApprovalNumber                 CardApprovalNumber,
   cardPersonaliserID                 ManufacturerCode,
   embedderIcAssemblerId              EmbedderIcAssemblerId,
   icIdentifier                       OCTET STRING (SIZE(2))
}
```

clockStop hija l-modalità Clockstop kif definita fl-Appendiċi 2.

cardExtendedSerialNumber huwa n-numru tas-serje uniku tal-kard IC kif speċifikat b'mod ulterjuri mit-tip tad-dejta ExtendedSerialNumber.

cardApprovalNumber huwa n-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-kard.

cardPersonaliserID huwa l-ID tal-personalizzatur tal-kard enkowdjat bħala l-ManufacturerCode.

embedderIcAssemblerId jagħti informazzjoni dwar l-embedder/IC assembler.

icIdentifier huwa l-identifikatur tal-IC fuq il-kard u l-manifattur tal-IC kif definit f'ISO/IEC 7816-6.

2.24. **CardIdentification**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard, marbuta identifikazzjoni tal-kard (Rekwiżiti 3255, 280, 310, 333, 359, 365, 371 u 377 tal-Anness 1C).

```
CardIdentification ::= SEQUENCE {
   cardIssuingMemberState             NationNumeric,
   cardNumber                         CardNumber,
   cardIssuingAuthorityName           Name,
   cardIssueDate                      TimeReal,
   cardValidityBegin                  TimeReal,
   cardExpiryDate                     TimeReal
}
```

cardIssuingMemberState huwa l-kodiċi tal-Istat Membru li ħareġ il-kard.

cardNumber huwa n-numru tal-kard.

cardIssuingAuthorityName huwa l-isem tal-awtorità li ħarġet il-Kard.

cardIssueDate huwa d-data tal-ħruġ tal-Kard lid-detentur kurrenti.

cardValidityBegin hija l-ewwel data ta' validità tal-kard.

▼B

cardExpiryDate hija d-data meta tintemm il-validità tal-kard.

2.25. **CardMACertificate**

Ġenerazzjoni 2:

Ċertifikat tal-kjavi tal-kard pubblika għall-awtentikazzjoni reċiproka ma' VU. L-istruttura ta' dan iċ-ċertifikat hija speċifikata fl-Appendiċi 11.

```
CardMACertificate ::= Certificate
```

2.26. **CardNumber**

Numru tal-kard kif definit bid-definizzjoni g).

```
CardNumber ::= CHOICE {
   SEQUENCE {
      driverIdentification              IA5String(SIZE(14)),
      cardReplacementIndex              CardReplacementIndex,
      cardRenewalIndex                  CardRenewalIndex
   },
   SEQUENCE {
      ownerIdentification               IA5String(SIZE(13)),
      cardConsecutiveIndex              CardConsecutiveIndex,
      cardReplacementIndex              CardReplacementIndex,
      cardRenewalIndex                  CardRenewalIndex
   }
}
```

driverIdentification hija l-identifikazzjoni unika ta' sewwieq fi Stat Membru.

ownerIdentification hija l-identifikazzjoni unika ta' kumpanija jew workshop jew korp ta' kontroll fi Stat Membru.

cardConsecutiveIndex huwa l-indiċi konsekuttiv tal-kard.

cardReplacementIndex huwa l-indiċi ta' sostituzzjoni tal-kard

cardRenewalIndex huwa l-indiċi ta' tiġdid tal-kard.

L-ewwel sekwenza tal-għażla hija tajba għall-kodaġġ tan-numru tal-kard tas-sewwieq, it-tieni sekwenza tal-għażla hija tajba għall-kodaġġ tan-numri tal-kard tal-workshop, ta' kontroll u tal-kumpanija.

2.27. **CardPlaceDailyWorkPeriod**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-postijiet fejn il-perjodi ta' xogħol ta' kuljum jibdew u/jew jintemmu (Rekwiżiti 272, 297, 325 u 348 tal-Anness 1C).

```
CardPlaceDailyWorkPeriod ::= SEQUENCE {
   placePointerNewestRecord    INTEGER(0 .. NoOfCardPlaceRecords-1),
   placeRecords                SET SIZE(NoOfCardPlaceRecords) OF PlaceRecord
}
```

placePointerNewestRecord huwa l-indiċi tal-aħħar rekord tal-post aġġornat.

Assenjazzjoni tal-valur: Numru li jikkorrispondi man-numeratur tar-rekord tal-post, li jibda b'‘0’ għall-ewwel okkorrenza tar-rekords tal-post fl-istruttura.

placeRecords huwa s-sett ta' rekords li fihom l-informazzjoni marbuta mal-postijiet imdaħħla.

▼B

2.28. **CardPrivateKey**

Ġenerazzjoni 1:

Il-kjavi privata ta' kard.

```
CardPrivateKey ::= RSAKeyPrivateExponent
```

2.29. **CardPublicKey**

Il-kjavi pubblika ta' kard.

```
CardPublicKey ::= PublicKey
```

▼M1

2.30. **CardRenewalIndex**

Indiċi ta' tiġdid tal-kard (definizzjoni i)).

```
CardRenewalIndex::= IA5String(SIZE(1))
```

Assenjazzjoni tal-valur: (ara l-Kapitolu 7 ta' dan l-Anness).

"0" L-ewwel ħarġa.

Ordni taż-żieda: "0, …, 9, A, …, Z"

▼B

2.31. **CardReplacementIndex**

Indiċi ta' sostituzzjoni tal-kard (definizzjoni j)).

```
CardReplacementIndex ::= IA5String(SIZE(1))
```

Assenjazzjoni tal-valur: (ara kapitolu VII ta' dan l-Anness).

'0' Kard oriġinali.

Ordni taż-żieda: '0, …, 9, A, …, Z'

2.32. **CardSignCertificate**

Ġenerazzjoni 2:

Ċertifikat tal-kjavi pubblika tal-kard għall-firma. L-istruttura ta' dan iċ-ċertifikat hija speċifikata fl-Appendiċi 11.

```
CardSignCertificate ::= Certificate
```

2.33. **CardSlotNumber**

Kodiċi biex issir distinzjoni bejn żewġ slotts ta' Unità tal-Vettura.

```
CardSlotNumber ::= INTEGER {
   driverSlot                          (0),
   co-driverSlot                       (1)
}
```

Assenjazzjoni tal-valur: mhux speċifikat aktar.

2.34. **CardSlotsStatus**

Kodiċi li jindika t-tip ta' kards imdaħħla fiż-żewġ slotts tal-unità tal-vettura.

```
CardSlotsStatus ::= OCTET STRING (SIZE(1))
```

▼B

Assenjazzjoni tal-valur — Octet Aligned: ‘ccccdddd’B

‘cccc’B Identifikazzjoni tat-tip ta' kard imdaħħla fis-slott tal-kosewwieq,

‘dddd’B Identifikazzjoni tat-tip ta' kard imdaħħla fis-slott tas-sewwieq,

bil-kodiċijiet ta' identifikazzjoni li ġejjin:

‘0000’B l-ebda kard ma hija mdaħħla,

‘0001’B kard tas-sewwieq hija mdaħħla,

‘0010’B kard tal-workshop hija mdaħħla,

‘0011’B kard ta' kontroll hija mdaħħla,

‘0100’B kard tal-kumpanija hija mdaħħla,

2.35. **CardSlotsStatusRecordArray**

Ġenerazzjoni 2:

Il-CardSlotsStatus flimkien ma' metadata kif tintuża fil-protokoll tat-tniżżil.

```
CardSlotsStatusRecordArray ::= SEQUENCE {
   recordType                          RecordType,
   recordSize                          INTEGER(1..65535),
   noOfRecords                         INTEGER(0..65535),
   records                             SET SIZE(noOfRecords) OF CardSlotsStatus
}
```

recordType tindika t-tip ta' rekord (CardSlotsStatus). **Assenjazzjoni tal-valur**: Ara RecordType

recordSize huwa d-daqs tal-CardSlotsStatus f'bytes.

noOfRecords huwa l-għadd ta' rekords fir-rekords tas-sett.

records hija s-sett ta' rekords tal-CardSlotsStatus.

2.36. **CardStructureVersion**

Kodiċi li jindika l-verżjoni tal-istruttura implimentata fil-kard tat-takografu.

```
CardStructureVersion ::= OCTET STRING (SIZE(2))
```

Assenjazzjoni tal-valur: ‘aabb’H:

‘aa’H Indiċi għat-tibdil tal-istruttura.

‘00’H għal applikazzjonijiet tal-Ġenerazzjoni 1

‘01’H għal applikazzjonijiet tal-Ġenerazzjoni 2

‘bb’H Indiċi għal tibdiliet li jikkonċernaw l-użu ta' elementi tad-dejta definiti għall-istruttura mogħtija mill-byte l-għolja.

‘00’H għal din il-verżjoni ta' applikazzjonijiet tal-Ġenerazzjoni 1

‘01’H għal din il-verżjoni ta' applikazzjonijiet tal-Ġenerazzjoni 2

▼B

2.37. **CardVehicleRecord**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta ma' perjodu ta' użu ta' vettura matul jum kalendarju (Rekwiżiti 269, 294, 322 u 345 tal-Anness 1C).

Ġenerazzjoni 1:

```
CardVehicleRecord ::= SEQUENCE {
   vehicleOdometerBegin                    OdometerShort,
   vehicleOdometerEnd                      OdometerShort,
   vehicleFirstUse                         TimeReal,
   vehicleLastUse                          TimeReal,
   vehicleRegistration                     VehicleRegistrationIdentification,
   vuDataBlockCounter                      VuDataBlockCounter
}
```

vehicleOdometerBegin huwa l-valur tal-odometru tal-vettura fil-bidu tal-perjodu tal-użu tal-vettura.

vehicleOdometerEnd huwa l-valur tal-odometru tal-vettura fit-tmiem tal-perjodu tal-użu tal-vettura.

vehicleFirstUse huwa d-data u l-ħin tal-bidu tal-perjodu tal-użu tal-vettura.

vehicleLastUse huwa d-data u l-ħin tat-tmiem tal-perjodu tal-użu tal-vettura.

vehicleRegistration huwa l-VRN u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

vuDataBlockCounter huwa l-valur tal-VuDataBlockCounter mal-aħħar estrazzjoni tal-perjodu tal-użu tal-vettura.

Ġenerazzjoni 2:

```
CardVehicleRecord ::= SEQUENCE {
   vehicleOdometerBegin                    OdometerShort,
   vehicleOdometerEnd                      OdometerShort,
   vehicleFirstUse                         TimeReal,
   vehicleLastUse                          TimeReal,
   vehicleRegistration                     VehicleRegistrationIdentification,
   vuDataBlockCounter                      VuDataBlockCounter,
   vehicleIdentificationNumber             VehicleIdentificationNumber
}
```

Minbarra dawk tal-ġenerazzjoni 1 jintuża l-element tad-dejta li ġej:

VehicleIdentificationNumber huwa n-numru tal-identifikazzjoni tal-vettura li jirreferi għall-vettura kollha kemm hi.

2.38. **CardVehiclesUsed**

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-vetturi użati mid-detentur tal-kard (Rekwiżiti 270, 295, 323 u 346 tal-Anness 1C).

```
CardVehiclesUsed := SEQUENCE {
   vehiclePointerNewestRecord          INTEGER(0..NoOfCardVehicleRecords-1),
   cardVehicleRecords                  SET SIZE(NoOfCardVehicleRecords) OF
                                       CardVehicleRecord
}
```

vehiclePointerNewestRecord hija l-indiċi tal-aħħar rekord aġġornat tal-vettura.

▼B

Assenjazzjoni tal-valur: Numru li jikkorrispondi man-numeratur tar-rekord tal-vettura, li jibda b''0' għall-ewwel okkorrenza tar-rekords tal-unità tal-vettura fl-istruttura.

cardVehicleRecords huwa s-sett ta' rekords li fih informazzjoni dwar il-vetturi użati.

2.39. **CardVehicleUnitRecord**

Ġenerazzjoni 2:

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta ma' unità ta' vettura li ntużat(Rekwiżiti 303 u 351 tal-Anness 1C).

```
CardVehicleUnitRecord ::= SEQUENCE {
   timeStamp                              TimeReal,
   manufacturerCode                       ManufacturerCode,
   deviceID                               INTEGER(0..255),
   vuSoftwareVersion                      VuSoftwareVersion
}
```

timeStamp hija l-bidu tal-perjodu tal-użu tal-unità tal-vettura (jiġifieri l-ewwel inserzjoni tal-kard fl-unità tal-vettura għall-perjodu).

manufacturerCode jidentifika l-manifattur tal-Unità tal-Vettura.

deviceID jidentifika t-tip ta' Unità tal-Vettura ta' manifattur. Il-valur huwa speċifiku għal manifattur.

vuSoftwareVersion huwa n-numru tal-verżjoni tas-software tal-Unità tal-Vettura.

2.40. **CardVehicleUnitsUsed**

Ġenerazzjoni 2:

Informazzjoni, maħżuna fuq kard tas-sewwieq jew tal-workshop, marbuta mal-unitajiet tal-vetturi użati mid-detentur tal-kard (Rekwiżiti 323 u 346 tal-Anness 1C).

```
CardVehicleUnitsUsed := SEQUENCE {
   vehicleUnitPointerNewestRecord       INTEGER(0..NoOfCardVehicleUnitRecords-1),
   cardVehicleUnitRecords               SET SIZE(NoOfCardVehicleUnitRecords) OF
                                        CardVehicleUnitRecord
}
```

vehicleUnitPointerNewestRecord hija l-indiċi tal-aħħar rekord aġġornat tal-unità tal-vettura.

Assenjazzjoni tal-valur: Numru li jikkorrispondi man-numeratur tar-rekord tal-unità tal-vettura, li jibda b''0' għall-ewwel okkorrenza tar-rekords tal-unità tal-vettura fl-istruttura.

cardVehicleUnitRecords huwa s-sett ta' rekords li fih informazzjoni dwar l-unitajiet tal-vetturi użati.

2.41. **Ċertifikat**

Iċ-ċertifikat ta' kjavi pubblika maħruġ minn Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni.

Ġenerazzjoni 1:

```
Certificate ::= OCTET STRING (SIZE(194))
```

▼B

Assenjazzjoni tal-valur: firma diġitali b'irkupru parzjali tas-Certificate-Content skont il-mekkaniżmi tas-sigurtà komuni tal-Appendiċi 11: Firma (128 bytes) || Bqija għall-Kjavi Pubblika (58 bytes) || Referenza tal-Awtorizzazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni (8 bytes).

Ġenerazzjoni 2:

```
Certificate ::= OCTET STRING (SIZE(204..341))
```

Assenjazzjoni tal-valur: Ara l-Appendiċi 11.

2.42. **CertificateContent**

Ġenerazzjoni 1:

Il-kontenut (ċar) taċ-ċertifikat ta' kjavi pubblika skont il-mekkaniżmi ta' sigurtà komuni tal-Appendiċi 11.

```
CertificateContent ::= SEQUENCE {
   certificateProfileIdentifier         INTEGER(0..255),
   certificationAuthorityReference      KeyIdentifier,
   certificateHolderAuthorisation       CertificateHolderAuthorisation,
   certificateEndOfValidity             TimeReal,
   certificateHolderReference           KeyIdentifier,
   publicKey                            PublicKey
}
```

certificateProfileIdentifier hija l-verżjoni taċ-ċertifikat korrispondenti.

Assenjazzjoni tal-valur: '01h' għal din il-verżjoni.

certificationAuthorityReference tidentifika l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni li toħroġ iċ-ċertifikat. Tirreferenzja wkoll il-Kjavi Pubblika ta' din l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni.

certificateHolderAuthorisation tidentifika d-drittijiet tad-detentur taċ-ċertifikat.

certificateEndOfValidity hija d-data meta jiskadi ċ-ċertifikat, għal finijiet amministrattivi.

certificateHolderReference tidentifika d-detentur taċ-ċertifikat. Tintuża wkoll bħala referenza għall-Kjavi Pubblika tiegħu.

publicKey hija l-kjavi pubblika ċċertifikata minn dan iċ-ċertifikat.

2.43. **CertificateHolderAuthorisation**

Identifikazzjoni tad-drittijiet tad-detentur taċ-ċertifikat.

```
CertificateHolderAuthorisation ::= SEQUENCE {
   tachographApplicationID              OCTET STRING(SIZE(6))
   equipmentType                        EquipmentType
}
```

Ġenerazzjoni 1:

tachographApplicationID hija l-identifikatur tal-applikazzjoni għall-applikazzjoni tat-takografu.

Assenjazzjoni tal-valur: 'FFh' '54h' '41h' '43h' '48h' '4Fh'. Din l-AID hija identifikatur speċjali għall-applikazzjonijiet mhux irreġistrati, skont l-ISO/IEC 7816-5.

equipmentType hija l-identifikazzjoni tat-tip ta' apparat li għalih huwa maħsub iċ-ċertifikat.

Assenjazzjoni tal-valur: skont it-tip tad-dejta tal-EquipmentType **0** jekk iċ-ċertifikat huwa wieħed ta' Stat Membru.

▼B

Ġenerazzjoni 2:

tachographApplicationID tindika s-6 bytes l-aktar sinifikanti tal-identifikatur tal-applikkazzjoni għall-kard tat-takografu tat-2 ġenerazzjoni (AID). L-AID għall-applikazzjoni tal-kard tat-takografu huwa speċifikat fil-kapitolu 6.2.

Assenjazzjoni tal-valur: 'FF 53 4D 52 44 54'.

Il-kard tal-workshop biss jeħtieġ li taċċetta dan il-kmand.

Tipi oħra ta' kards tat-takografu jaf jimplimentaw dan il-kmand jew le, iżda l-ebda CHV ta' referenza ma jiġi personalizzat għal dawn il-kards. Għalhekk, dawn il-kards ma jistgħux iwettqu dan il-kmand b'suċċess. Għal tipi oħra ta' kards tat-takografu għajr il-kards tal-workshop, jekk dan il-kmand jintbagħat, l-imġiba, jiġifieri l-kodiċi ta' żball li jiġi rritornat, tkun 'il barra mill-ambitu ta' din l-ispeċifikazzjoni.

Il-kmand Verify jibda t-tqabbil fil-kard tad-dejta tas-CHV (PIN) li tkun intbagħtet mill-kmand bis-CHV ta' referenza li tkun maħżuna fil-kard.

▼M1

TCS_72 Il-PIN li jiddaħħal mill-utent irid ikun enkowdjat bl-ASCII u fuq in-naħa tal-lemin ikollu padding b'bytes "FFh" sa tul ta' 8 bytes bl-IFD; ara wkoll it-tip tad-dejta Workshop-CardPIN fl-Appendiċi 1.

▼B

TCS_73 L-ewwel u t-tieni ġenerazzjoni tal-applikazzjonijiet tat-takografu għandhom jużaw l-istess CHV ta' referenza.

TCS_74 Il-kard tat-takografu għandha tikkontrolla jekk il-kmand ikunx ġie enkowdjat b'mod korrett. Jekk il-kmand ma jkunx enkowdjat b'mod korrett, il-kard ma għandhiex tqabbel il-valuri CHV, ma għandhiex tnaqqas il-komputazzjoni tat-tentattivi CHV li jkun għad fadal, u ma għandhiex tirrisettja l-istatus ta' sigurtà "PIN_Verified", iżda għandha tabortixxi l-kmand. Kmand ikun enkowdjat b'mod korrett, jekk il-bytes CLA, INS, P1, P2 u Lc ikollhom il-valuri speċifikati, il-Le ma jkunx preżenti, u l-qasam tad-dejta tal-kmand ikollu t-tul korrett.

TCS_75 Jekk il-kmand jirnexxi, il-komputazzjoni tat-tentattivi CHV li jkun għad fadal terġa' tinbeda mill-ġdid. Il-valur inizjali tal-komputazzjoni tat-tentattivi CHV li jkun għad fadal ikun 5. Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard għandha tissettja l-istatus "PIN_Verified" tas-sigurtà interna. Il-kard għandha tirrisettja dan l-istatus ta' sigurtà, jekk il-kard tiġi rrissettjata jew jekk il-kodiċi CHV li jkun ġie trażmess fil-kmand ma jkunx jaqbel mas-CHV ta' referenza li tkun maħżuna fil-kard.

Nota: Billi jintużaw l-istess CHV ta' referenza u status ta' sigurtà globali, impjegat f'workshop ma jkollux għalfejn jerġa' jdaħħal il-PIN wara li ssir għażla ta' applikazzjoni tat-takografu DF.

TCS_76 Tqabbil li ma jirnexxix jiġi rrekordjat fil-kard, jiġifieri l-komputazzjoni tat-tentattivi CHV li jkun għad fadal għandu jitnaqqsilha tentattiv wieħed, sabiex jiġi limitat l-għadd ta' tentattivi ulterjuri tal-użu tas-CHV ta' referenza.

TCS_77 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	'00h'	
INS	1	'20h'	INS
P1	1	'00h'	P1

▼B

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
P2	1	‘00h’	P2 (is-CHV ivverifikat ikun magħruf b'mod impliċitu)
Lc	1	‘08h’	Tul tal-kowd CHV trażmess
#6-#13	8	‘XX..XXh’	CHV

TCS_78 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’.

— Jekk is-CHV ta' referenza ma jinstabx, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6A88**’.

— Jekk is-CHV jiġi mblukkat, (il-komputazzjoni tat-tentattivi CHV li jkun għad fadal tkun nulla), l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6983**’. Ladarba jkun hemm dak l-istat, is-CHV ma tkun tista' tiġi ppreżentata qatt iktar b'suċċess.

— Jekk it-tqabbil ma jirnexxiex, il-komputazzjoni tat-tentattivi li jkun għad fadal titnaqqas u jiġi rritornat l-istatus ‘**63CX**’ (X>0 u X jammontaw għall-komputazzjoni tat-tentattivi CHV li jkun għad fadal).

— Jekk is-CHV ta' referenza jitqies li jkun korrott, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6400**’ jew ‘**6581**’.

— Jekk il-Lc ikun differenti minn ‘08h’, l-istat tal-ipproċessar ikun ‘**6700**’.

3.5.6 *GET RESPONSE*

Dan il-kmand huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-4.

Dan il-kmand (li huwa neċessarju u disponibbli biss għall-Protokoll T=0) jintuża biex tiġi trażmessa d-dejta ppreparata mill-kard għall-apparat tal-interfaċċa (każ meta kmand ikun inkluda kemm il-Lc kif ukoll il-Le).

Il-kmand GET RESPONSE irid isir minnufih wara l-kmand li jippreppara d-dejta, inkella d-dejta tintilef. Wara t-twettiq tal-kmand GET RESPONSE (għajr jekk jingħataw l-iżbalji ‘**61xx**’ jew ‘**6Cxx**’ jseħħu; ara hawn taħt), id-dejta li tkun ġiet ippreparata preċedentement ma tibqax disponibbli iktar.

TCS_79 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	
INS	1	‘C0h’	
P1	1	‘00h’	
P2	1	‘00h’	
Le	1	‘XXh’	Għadd mistenni ta' bytes

▼B

TCS_80 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
#1-#X	X	‘XX..XXh’	Dejta
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’.

— Jekk l-ebda dejta ma tkun ġiet ippreparata mill-kard, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6900**’ jew ‘**6F00**’.

— Jekk il-Le jisboq l-għadd ta' bytes disponibbli jew jekk il-Le jkun null, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6Cxx**’, li fih ‘xx’ jindika l-għadd eżatt ta' bytes disponibbli. F'dak il-każ, id-dejta ppreparata xorta waħda tkun disponibbli għal kmand GET RESPONSE sussegwenti.

— Jekk il-Le ma jkunx null u jkun iżgħar mill-għadd ta' bytes disponibbli, id-dejta meħtieġa tintbagħat normalment mill-kard, u l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**61xx**’, li fih ‘xx’ jindika għadd ta' bytes żejda li jkunu għadhom disponibbli meta jsir kmand GET RESPONSE sussegwenti.

— Jekk il-kmand ma jiġix aċċettat (il-protokoll T=1), il-kard tirritorna ‘**6D00**’.

3.5.7 *PSO: VERIFY CERTIFICATE*

Dan il-kmand huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-8, iżda għandu użu ristrett meta mqabbel mal-kmand definit fin-norma.

Il-kmand VERIFY CERTIFICATE jintuża mill-kard biex tinkiseb Kjavi Pubblika minn barra u biex tiġi kkontrollata l-validità tagħha.

3.5.7.1 Kmand u Rispons tal-ewwel ġenerazzjoni li jmorru flimkien

TCS_81 Dan il-varjant ta' kmand huwa aċċettat biss minn applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni.

TCS_82 Meta kmand VERIFY CERTIFICATE jirnexxi, il-Kjavi Pubblika tinħażen għal użu fil-ġejjieni fl-ambjent tas-Sigurtà. Din il-kjavi għandha tiġi ssettjata b'mod espliċitu biex tintuża fil-kmandi marbuta mas-sigurtà (INTERNAL AUTHENTICATE, EXTERNAL AUTHENTICATE jew VERIFY CERTIFICATE) permezz tal-kmand MSE (ara l-punt 3.5.11) billi jintuża l-identifikatur tal-kjavi tagħha.

TCS_83 Fi kwalunkwe każ, il-kmand VERIFY CERTIFICATE juża l-kjavi pubblika li tkun intgħażlet preċedentement mill-kmand MSE sabiex jinfetaħ iċ-ċertifikat. Din il-kjavi pubblika trid tkun ta' Stat Membru jew tal-Ewropa.

TCS_84 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	
INS	1	‘2Ah’	Wettaq Operazzjoni ta' Sigurtà
P1	1	‘00h’	P1

▼B

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
P2	1	‘AEh’	P2: dejta li mhux ikkowdjata BER-TLV (konkatenazzjoni ta' elementi ta' dejta)
Lc	1	‘C2h’	Lc: Tul taċ-ċertifikat, 194 byte
#6-#199	194	‘XX..XXh’	Ċertifikat: konkatenazzjoni ta' elementi ta' dejta (kif deskritt fl-Appendiċi 11)

TCS_85 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’.

— Jekk il-verifika taċ-ċertifikat ma tirnexxiex, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6688**’. Il-proċess ta' verifika u ta' kxif taċ-ċertifikat huwa deskritt fl-Appendiċi 11 għal G1 u għal G2.

— Jekk l-ebda Kjavi Pubblika ma tkun preżenti fl-Ambjent tas-Sigurtà, jiġi rritornat ‘**6A88**’.

— Jekk il-kjavi pubblika li tintgħażel (li tintuża biex jinkixef iċ-ċertifikat) titqies li tkun korrotta, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6400**’ jew ‘**6581**’.

— L-ewwel ġenerazzjoni biss: Jekk il-kjavi pubblika li tintgħażel (li tintuża biex jinkixef iċ-ċertifikat) ikollha CHA.LSB (`CertificateHolderAuthorisation.equipmentType`) differenti minn ‘00’ (jiġifieri, ma tkunx ta' Stat Membru jew tal-Ewropa), l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6985**’.

3.5.7.2 Kmand u Rispons tat-tieni ġenerazzjoni li jmorru flimkien

Skont xi jkun id-daqs tal-kurva, iċ-ċertifikati ECC jaf ikunu tant twal li ma jkunux jistgħu jiġu trażmessi f'APDU wieħed. F'dan il-każ, trid tiġi applikata konkatenazzjoni tal-kmand skont l-ISO/IEC 7816-4 u ċ-ċertifikat jiġi trażmess f'żewġ PSO konsekuttivi: APDUs tal-Verifika taċ-Ċertifikat.

L-istruttura taċ-ċertifikat u l-parametri tad-dominju huma definiti fl-Appendiċi 11.

TCS_86 Il-kmand jista' jitwettaq fl-MF, fid-DF Tacograph u fid-DF Tachograph_G2; ara wkoll TCS_33.

TCS_87 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘X0h’	Byte CLA li jindika il-konkatenazzjoni tal-kmand: ‘00h’ l-unika jew l-aħħar kmand tal-konkatenazzjoni ‘10h’ mhux l-aħħar kmand tal-konkatenazzjoni
INS	1	‘2Ah’	Wettaq Operazzjoni ta' Sigurtà
P1	1	‘00h’	
P2	1	‘BEh’	Verifika ta' ċertifikat awtodeskrittiv

▼B

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
Lc	1	‘XXh’	Tul tal-qasam tad-dejta tal-kmand; ara TCS_88 u TCS_89.
#6-#5+L	L	‘XX..XXh’	Dejta enkowdjata b'DER-TLV: oġġett tad-dejta tal-Korp taċ-Ċertifikat ECC bħala l-ewwel oġġett tad-dejta konkatenata mal-oġġett tad-dejta tal-Firma taċ-ċertifikat ECC bħala t-tieni oġġett tad-dejta jew parti minn din il-konkatenazzjoni. It-tag ‘7F21” u t-tul korrispondenti ma għandhomx jiġu trażmessi. L-ordni ta' dawn l-oġġetti tad-dejta huwa fiss.

TCS_88 Għal APDUs ta' tul qasir japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin: L-IFD għandu juża l-għadd minimu ta' APDUs meħtieġa biex tiġi trażmessa t-tagħbija tal-kmand u biex jiġi trażmess l-għadd massimu ta' bytes fl-ewwel kmand APDU skont il-valur tal-Byte tad-Daqs tal-Qasam tal-Informazzjoni għall-Kard; ara TCS_14. Jekk l-IFD iġib ruħu b'mod differenti, l-imġiba tal-kard hija barra mill-ambitu.

TCS_89 Għal APDUs ta' tul estiż japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin: Jekk iċ-ċertifikat ma jkunx joqgħod f'APDU wieħed, il-kard għandha taċċetta il-konkatenazzjoni tal-kmand. L-IFD għandu juża l-għadd minimu ta' APDUs meħtieġa biex tiġi trażmessa t-tagħbija tal-kmand u biex jiġi trażmess l-għadd massimu ta' bytes fl-ewwel kmand APDU. Jekk l-IFD iġib ruħu b'mod differenti, l-imġiba tal-kard hija barra mill-ambitu.

Nota: Skont l-Appendiċi 11, il-kard taħżen iċ-ċertifikat jew il-kontenuti rilevanti taċ-ċertifikat u taġġorna l-currentAuthenticatedTime tagħha.

L-istruttura tal-messaġġ ta' rispons u l-kliem tal-istatus huma skont kif ġie definit fi TCS_85.

TCS_90 Minbarra l-kodiċijiet tal-iżbalji elenkati fi TCS_85, il-kard tista' tirritorna l-kodiċijiet tal-iżbalji li ġejjin:

— Jekk il-kjavi pubblika li tintgħażel (li tintuża biex jinkixef iċ-ċertifikat) ikollha CHA.LSB (CertificateHolderAuthorisation.equipmentType) li ma tkunx adatta għall-verifika taċ-ċertifikat skont l-Appendiċi 11, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6985**’.

— Jekk il-currentAuthenticatedTime tal-kard ikun wara id-Data tal-Iskadenza taċ-Ċertifikat, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6985**’.

— Jekk l-aħħar kmand tal-konkatenazzjoni ikun mistenni, il-kard tirritorna ‘**6883**’.

— Jekk jintbagħtu parametri żbaljati fil-qasam tad-dejta tal-kmand, il-kard tirritorna ‘**6A80**’ (li tintuża wkoll f'każ li l-oġġetti tad-dejta ma jintbagħtux fl-ordni speċifikat).

▼B

3.5.8 *INTERNAL AUTHENTICATE*

Dan il-kmand huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-4.

TCS_91 Il-kards tat-takografu kollha għandhom jaċċettaw dan il-kmand fl-ewwel ġenerazzjoni tad-DF Tachograph. Il-kmand jaf ikun aċċessibbli fl-MF u/jew fid-DF Tachograph_G2 jew le. Jekk dan ikun il-każ, il-kmand għandu jintemm b'kodiċi adatt ta' żball peress li l-kjavi privata tal-kard (Card.SK) għall-protokoll tal-awtentikazzjoni tal-ewwel ġenerazzjoni huwa aċċessibbli biss fl-ewwel ġenerazzjoni tad-DF_Tachograph.

Billi juża l-kmand INTERNAL AUTHENTICATE, l-IFD jista' jawtentika l-kard. Il-proċess ta' awtentikazzjoni huwa deskritt fl-Appendiċi 11. Dan jinkludi l-istqarrijiet li ġejjin:

TCS_92 Il-kmand INTERNAL AUTHENTICATE juża l-Kjavi Privata tal-kard (li tintgħażel b'mod impliċitu) sabiex tiġi ffirmata d-dejta tal-awtentikazzjoni, inkluži K1 (l-ewwel element għall-ftehim dwar il-kjavi tas-sessjoni) u RND1, u juża l-Kjavi Pubblika li tkun magħżula attwalment (permezz tal-aħħar kmand MSE) sabiex tiġi kriptata l-firma u jiġi fformat it-token tal-awtentikazzjoni (iżjed dettalji fl-Appendiċi 11).

TCS_93 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	CLA
INS	1	‘88h’	INS
P1	1	‘00h’	P1
P2	1	‘00h’	P2
Lc	1	‘10h’	Tul ta' dejta li tkun intbagħtet lill-kard
#6 — #13	8	‘XX..XXh’	Sfida li ntużat biex tiġi awtentikata l-kard
#14 -#21	8	‘XX..XXh’	VU.CHR (ara l-Appendiċi 11)
Le	1	‘80h’	Tul tad-dejta li hija mistennija mill-kard

TCS_94 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
#1-#128	128	‘XX..XXh’	Token tal-awtentikazzjoni tal-kard (ara l-Appendiċi 11)
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’.

— Jekk l-ebda Kjavi Pubblika ma tkun preżenti fl-Ambjent tas-Sigurtà, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6A88**’.

— Jekk l-ebda Kjavi Privata ma tkun preżenti fl-Ambjent tas-Sigurtà, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6A88**’.

— Jekk il-VU.CHR ma jaqbilx mal-identifikatur tal-kjavi pubblika attwali, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6A88**’.

▼B

— Jekk il-kjavi privata li tintgħażel titqies li ġiet korrotta, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6400**' jew '**6581**'.

▼M1

TCS_95 Jekk il-kmand INTERNAL AUTHENTICATE jirnexxi, il-kjavi tas-sessjoni attwali tal-ewwel ġenerazzjoni, jekk tkun teżisti, titħassar u ma tibqax disponibbli iktar. Sabiex tkun disponibbli kjavi tas-sessjoni ġdida tal-ewwel ġenerazzjoni, il-kmand EXTERNAL AUTHENTICATE għall-mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni tal-ewwel ġenerazzjoni jrid jitwettaq b'suċċess.

Nota: Għall-kjavi tas-sessjoni tat-tieni ġenerazzjoni ara l-Appendiċi 11 CSM_193 u CSM_195. Jekk il-kjavi tas-sessjoni tat-tieni ġenerazzjoni jkunu stabbiliti u l-kard tat-takografu tirċievi l-kmand APDU ordinarju INTERNAL AUTHENTICATE, din twaqqaf is-sessjoni tas-sistema messaġġi siguri tat-tieni ġenerazzjoni u teqred il-kjavi tas-sessjoni tat-tieni ġenerazzjoni.

▼B

3.5.9 *EXTERNAL AUTHENTICATE*

Dan il-kmand huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-4.

Billi tuża l-kmand EXTERNAL AUTHENTICATE, il-kard tista' tawtentika l-IFD. Il-proċess ta' awtentikazzjoni għat-Takografu G1 u G2 (l-awtentikazzjoni tal-VU) huwa deskritt fl-Appendiċi 11.

TCS_96 Il-varjant ta' kmand għall-mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni reċiproka tal-ewwel ġenerazzjoni huwa aċċettat biss permezz ta' applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni.

▼M1

TCS_97 Il-varjant ta' kmand għall-awtentikazzjoni reċiproka tat-tieni ġenerazzjoni tal-VU/tal-kard jista' jitwettaq fl-MF, fid-DF Tachograph u fid-DF Tachograph_G2; ara wkoll TCS_34. Jekk dan il-kmand EXTERNAL AUTHENTICATE tat-tieni ġenerazzjoni jirnexxi, il-kjavi tas-sessjoni attwali tal-ewwel ġenerazzjoni, jekk tkun teżisti, titħassar u ma tibqax disponibbli iktar.

Nota: Għall-kjavi tas-sessjoni tat-tieni ġenerazzjoni ara l-Appendiċi 11 CSM_193 u CSM_195. Jekk il-kjavi tas-sessjoni tat-tieni ġenerazzjoni jkunu stabbiliti u l-kard tat-takografu tirċievi l-kmand APDU ordinarju EXTERNAL AUTHENTICATE, din twaqqaf is-sessjoni tas-sistema messaġġi siguri tat-tieni ġenerazzjoni u teqred il-kjavi tas-sessjoni tat-tieni ġenerazzjoni.

▼B

TCS_98 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	'00h'	CLA
INS	1	'82h'	INS
P1	1	'00h'	Kjavi u algoritmi magħrufa b'mod impliċitu
P2	1	'00h'	
Lc	1	'XXh'	Lc (Tul tad-dejta li tkun intbagħtet lill-kard)
#6-#(5+L)	L	'XX..XXh'	Awtentikazzjoni tal-ewwel ġenerazzjoni: Kriptogramma (ara l-Parti A tal-Appendiċi 11) Awtentikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni: Firma iġġenerata mill-IFD (ara l-Parti B tal-Appendiċi 11)

▼B

TCS_99 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’.

— Jekk is-CHA tal-kjavi pubblika li tkun issettjata attwalment ma tkunx il-konkatenazzjoni tal-applikazzjoni tat-Takografu AID u ta' Tip ta' tagħmir ta' VU, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6F00**’.

— Jekk il-kmand ma jkunx preċedut minnufih minn kmand GET CHALLENGE, l-istat tal-ipproċċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6985**’.

L-applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni jaf tirritorna l-kodiċijiet tal-iżbalji addizzjonali li ġejjin:

— Jekk l-ebda Kjavi Pubblika ma tkun preżenti fl-Ambjent tas-Sigurtà, jiġi rritornat ‘**6A88**’.

— Jekk l-ebda Kjavi Privata ma tkun preżenti fl-Ambjent tas-Sigurtà, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6A88**’.

— Jekk il-verifika tal-kriptogramma tkun żbaljata, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6688**’.

— Jekk il-kjavi privata li tintgħażel titqies li ġiet korrotta, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6400**’ jew ‘**6581**’.

Il-varjant ta' kmand għall-awtentikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni jaf jirritorna l-kodiċi ta' żball addizzjonali li ġej:

— Jekk il-verifika tal-firma ma tirnexxix, il-kard tirritorna ‘**6300**’.

3.5.10 *GENERAL AUTHENTICATE*

Dan il-kmand jintuża għall-protokoll ta' awtentikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni għaċ-ċippa li ġie speċifikat fil-Parti B tal-Appendiċi 11 u huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-4.

TCS_100 Il-kmand jista' jitwettaq fl-MF, fid-DF Tacograph u fid-DF Tachograph_G2; ara wkoll TCS_34.

TCS_101 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	
INS	1	‘86h’	
P1	1	‘00h’	Kjavi u protokoll magħrufa b'mod impliċitu
P2	1	‘00h’	
Lc	1	‘NNh’	Lc: tul tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6-#(5+L)	L	‘7Ch’ + L_{7C} + ‘80h’ + L_{80} + ‘XX..XXh’	Valur effimeru enkowdjat b'DER-TLV tal-kjavi pubblika (ara l-Appendiċi 11) Il-VU għandha tibgħat l-oġġetti tad-dejta f'dan l-ordni.
5 + L + 1	1	‘00h’	Kif speċifikat fl-ISO/IEC 7816-4

▼M1

▼B

TCS_102 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
#1-#L	L	'7Ch' + L_{7C} + '81h' + '08h' + 'XX..XXh' + '82h' + L_{82} + 'XX..XXh'	Dejta ta' Awtentikazzjoni Dinamika enkowdjata b'DER-TLV: Token ta' awtentikazzjoni u għal din l-okkażjoni biss (ara l-Appendiċi 11)
SW	2	'XXXXh'	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna '**9000**'.

— Il-kard tirritorna '**6A80**' biex tindika li hemm parametri żbaljati f'qasam tad-dejta.

— Il-kard tirritorna '**6982**' jekk il-kmand EXTERNAL AUTHENTICATE ma jkunx twettaq b'suċċess

L-oġġett tad-Dejta ta' Awtentikazzjoni Dinamika '7CH' bħala rispons

— irid ikun preżenti jekk l-operazzjoni tirnexxi, jiġifieri l-Kliem tal-Istatus ikunu '**9000**',

— ma jridx ikun preżenti f'każ ta' żball fit-twettiq jew ta' żball fil-kontroll, jiġifieri jekk il-Kliem tal-Istatus ikunu f'firxa bejn '**6400**' u '**6FFF**', kif ukoll

— jaf ma jkunx preżenti f'każ ta' twissija, jiġifieri jekk il-Kliem tal-Istatus ikunu f'firxa bejn '**6200**' u '**63FF**'.

3.5.11 *MANAGE SECURITY ENVIRONMENT*

Dan il-kmand jintuża biex tiġi ssettjata kjavi pubblika għall-fini ta' awtentikazzjoni.

3.5.11.1 Kmand u Rispons tal-ewwel ġenerazzjoni li jmorru flimkien

Dan il-kmand huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-4. L-użu ta' dan il-kmand ikun ristrett fir-rigward tal-istandard relatat.

TCS_103 Dan il-kmand ikun aċċettat biss minn applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni.

TCS_104 Il-kjavi li ssir referenza għaliha fil-qasam tad-dejta MSE tibqa' l-kjavi pubblika attwali sal-kmand MSE korrett li jmiss, sa ma jintgħażel DF jew sa ma tiġi rrisettjata l-kard.

TCS_105 Jekk il-kjavi li ssir referenza għaliha ma tkunx (diġà) preżenti fil-kard, l-ambjent tas-sigurtà ma jinbidilx.

TCS_106 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	'00h'	CLA
INS	1	'22h'	INS
P1	1	'C1h'	P1: il-kjavi li ssir referenza għaliha hija valida għall-operazzjonijiet kriptografiċi kollha
P2	1	'B6h'	P2 (id-dejta li ssir referenza għaliha li tirrigwarda l-Firma Diġitali)
Lc	1	'0Ah'	Lc: tul tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6	1	'83h'	Tag biex issir referenza ta' kjavi pubblika f'każijiet asimmetriċi

▼B

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
#7	1	‘08h’	Tul tar-referenza tal-kjavi (l-identifikatur tal-kjavi)
#8-#15	8	‘XX..XXh’	Identifikatur tal-kjavi kif speċifikat fl-Appendiċi 11

TCS_107 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’.

— Jekk il-kjavi li ssir referenza għaliha ma tkunx preżenti fil-kard, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6A88**’.

— Jekk xi oġġetti mistennija tad-dejta jkunu neqsin mill-format tas-sistema tal-messaġġi siguri, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6987**’. Dan jista' jseħħ jekk it-tag ‘83h’ ikun nieqes.

— Jekk xi oġġetti tad-dejta ma jkunux korretti, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6988**’. Dan jista' jseħħ jekk it-tul tal-identifikatur tal-kjavi ma jkunx ‘08h’.

— Jekk il-kjavi li tintgħażel titqies li ġiet korrotta, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6400**’ jew ‘**6581**’.

3.5.11.2 Kmandi u Risponsi tat-tieni ġenerazzjoni li jmorru flimkien

Għall-awtentikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni, il-kard tat-takografu taċċetta l-MSE li ġejjin: Verżjonijiet ta' kmandi ssettjati li jkunu konformi mal-ISO/IEC 7816-4. Dawn il-verżjonijiet ta' kmandi mhumiex aċċettati għall-awtentikazzjoni tal-ewwel ġenerazzjoni.

3.5.11.2.1 MSE:SET AT għall-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa

Dan il-kmand MSE:SET AT li ġej jintuża għall-għażla tal-parametri għall-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa li titwettaq permezz ta' kmand General Authenticate sussegwenti.

TCS_108 Il-kmand jista' jitwettaq fl-MF, fid-DF Tacograph u fid-DF Tachograph_G2; ara wkoll TCS_34.

TCS_109 **Messaġġ ta' Kmand MSE:SET AT għall-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	
INS	1	‘22h’	
P1	1	‘41h’	Settjat għall-awtentikazzjoni interna
P2	1	‘A4h’	Awtentikazzjoni
Lc	1	‘NNh’	Lc: tul tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6-#(5+L)	L	‘80h’ + ‘0Ah’ + ‘XX..XXh’	Referenza tal-mekkaniżmu kriptografiku enkowdjat b'DER-TLV: Identifikatur tal-Oġġett għall-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa (il-valur biss, it-Tag ‘06h’ ma tiddaħħalx). Ara l-Appendiċi 1 għall-valuri tal-identifikaturi tal-oġġett; għandha tintuża n-notazzjoni tal-bytes. Ara l-Appendiċi 11 għal gwida dwar kif jintgħażel wieħed minn dawn l-identifikaturi tal-oġġett.

▼B

3.5.11.2.2 MSE:SET AT għall-Awtentikazzjoni tal-VU

Dan il-kmand MSE:SET AT li ġej jintuża għall-għażla tal-parametri u tal-kjavi għall-Awtentikazzjoni tal-VU li titwettaq permezz ta' kmand External Authenticate sussegwenti.

TCS_110 Il-kmand jista' jitwettaq fl-MF, fid-DF Tacograph u fid-DF Tachograph_G2; ara wkoll TCS_34.

TCS_111 **Messaġġ ta' Kmand MSE:SET AT għall-Awtentikazzjoni tal-VU**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	
INS	1	‘22h’	
P1	1	‘81h’	Settjat għall-awtentikazzjoni esterna
P2	1	‘A4h’	Awtentikazzjoni
Lc	1	‘NNh’	Lc: tul tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6-#(5+L)	L	‘80h’ + ‘0Ah’ + ‘XX..XXh’	Referenza tal-mekkaniżmu kriptografiku enkowdjat b'DER-TLV: Identifikatur tal-Oġġett għall-Awtentikazzjoni tal-VU (il-valur biss, it-Tag ‘06h’ ma tiddaħħalx). Ara l-Appendiċi 1 għall-valuri tal-identifikaturi tal-oġġett; għandha tintuża n-notazzjoni tal-bytes. Ara l-Appendiċi 11 għal gwida dwar kif jintgħażel wieħed minn dawn l-identifikaturi tal-oġġett.
		‘83h’ + ‘08h’ + ‘XX..XXh’	Referenza enkowdjata b'DER-TLV tal-kjavi pubblika tal-VU permezz tar-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat imsemmija fiċ-ċertifikat tagħha.
		‘91h’ + L_{91} + ‘XX..XXh’	Rappreżentazzjoni kkompressata enkowdjata b'DER-TLV tal-kjavi pubblika effimera tal-VU li tkun se tintuża waqt l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa (ara l-Appendiċi 11)

3.5.11.2.3 MSE:SET DST

Il-kmand MSE:SET DST li ġej jintuża biex tiġi ssettjata l-kjavi pubblika jew

— għall-verifika ta' firma li tingħata f'PSO sussegwenti: il-kmand Verify Digital Signature jew inkella

— għall-verifika tal-firma ta' ċertifikat li tingħata f'PSO sussegwenti: il-kmand Verify Certificate

TCS_112 Il-kmand jista' jitwettaq fl-MF, fid-DF Tacograph u fid-DF Tachograph_G2; ara wkoll TCS_33.

TCS_113 **Messaġġ ta' Kmand MSE:SET DST**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	
INS	1	‘22h’	
P1	1	‘81h’	Settjat għall-verifika
P2	1	‘B6h’	Firma Diġitali

▼B

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
Lc	1	‘NNh’	Lc: tul tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6-#(5+L)	L	‘83h’ + ‘08h’ + ‘XX...XXh’	Referenza enkowdjata b'DER-TLV ta' kjavi pubblika, jiġifieri r-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat li jkun hemm fiċ-ċertifikat tal-kjavi pubblika (ara l-Appendiċi 11)

Għall-verżjonijiet ta' kmand kollha, l-istruttura tal-messaġġ ta' rispons u l-kliem tal-istatus jingħataw permezz ta':

TCS_114 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’. Il-protokoll intgħażel u nbeda.

— ‘**6A80**’ jindika parametri żbaljati fil-qasam tad-dejta tal-kmand.

— ‘**6A88**’ tindika li d-dejta li ssir referenza għaliha (jiġifieri, kjavi li ssir referenza għaliha) ma tkunx disponibbli.

▼M1

— Jekk il-currentAuthenticatedTime tal-kard ikun wara d-Data tal-Iskadenza tal-kjavi pubblika li tintgħażel, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun **‘6A88’.**

Nota: Fil-każ ta’ MSE: SET AT għal kmand għall-Awtentikazzjoni tal-VU, il-kjavi li ssir referenza għaliha hija kjavi pubblika VU_MA. Il-kard għandha tissettja l-kjavi pubblika VU_MA għall-użu, jekk disponibbli fil-memorja tagħha, li taqbel mar-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat (CHR) mogħtija fil-qasam tad-dejta tal-kmand (il-kard tista’ tidentifika l-kjavi pubbliċi VU_MA permezz tal-qasam CHA taċ-ċertifikat). Kard għandha tirritona ‘6A 88’ lil dan il-kmand f’każ biss li tkun disponibbli l-kjavi pubblika VU_Sign jew ma tkun disponibbli l-ebda kjavi pubblika tal-Unità tal-Vettura. Ara d-definizzjoni tal-qasam CHA fl-Appendiċi 11 u tat-tip tad-dejta equipmentType fl-Appendiċi 1.

Bl-istess mod, fil-każ ta’ MSE: il-kmand SET DST għar-referenzjar ta’ EQT (jiġifieri VU jew kard) jintbagħat lil kard ta’ kontroll, skont CSM_234 il-kjavi li ssir referenza għaliha hija dejjem kjavi EQT_Sign li trid tintuża għall-verifika ta’ firma diġitali. Skont il-Grafika 13 fl-Appendiċi 11, il-kard tal-kontroll dejjem ikollha maħżuna fuqha il-kjavi pubblika EQT_Sign rilevanti. F’xi każijiet, jista’ jkun li l-kard tal-kontroll tkun ħażnet il-kjavi pubblika EQT_MA korrispondenti. Il-kard tal-kontroll għandha dejjem tissettja l-kjavi pubblika EQT_Sign għall-użu meta tirċievi MSE: kmand SET DST.

▼B

3.5.12 *PSO: HASH*

Dan il-kmand jintuża biex ir-riżultat ta' kalkolu tal-hash dwar xi dejta jiġi trasferit fuq il-kard. Dan il-kmand jintuża għall-verifika tal-firem diġitali. Il-valur tal-hash jinħażen temporanjament għall-kmand PSO sussegwenti: Verify Digital Signature

Dan il-kmand huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-8. L-użu ta' dan il-kmand ikun ristrett fir-rigward tal-istandard relatat.

▼B

Il-kard tal-kontroll biss hija meħtieġa taċċetta dan il-kmand fid-DF Tachograph u fid-DF Tachograph_G2.

Tipi oħra ta' kards tat-takografu jaf jimplimentaw dan il-kmand jew le. Il-kmand jaf ikun aċċessibbli fl-MF jew le.

L-applikazzjoni tal-kard tal-kontroll tal-ewwel ġenerazzjoni taċċetta biss SHA-1.

TCS_115 Il-valur tal-hash li jinħażen temporanjament għandu jitħassar jekk jiddaħħal valur tal-hash ġdid permezz tal-PSO: il-kmand HASH, jekk jintgħażel DF, u jekk il-kard tat-takografu tiġi rrissettjata.

TCS_116 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘00h’	CLA
INS	1	‘2Ah’	Wettaq Operazzjoni ta' Sigurtà
P1	1	‘90h’	Kodiċi tar-Ritorn tal-Hash
P2	1	‘A0h’	Tag: il-qasam tad-dejta fiha DOs rilevanti għat-twettiq ta' hash
Lc	1	‘XXh’	Tul Lc tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6	1	‘90h’	Tag għal kodiċi tal-hash
#7	1	‘XXh’	Tul L tal-kodiċi tal-hash: ‘14h’ fl-applikazzjoni tal-ewwel ġenerazzjoni (ara l-Parti A tal-Appendiċi 11) ‘20h’, ‘30h’ jew ‘40h’ fl-applikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni (ara l-Parti B tal-Appendiċi 11)
#8-#(7+L)	L	‘XX..XXh’	Kodiċi tal-hash

TCS_117 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	‘XXXXh’	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna ‘**9000**’.

— Jekk xi oġġetti mistennija tad-dejta (kif speċifikat hawn fuq) ikunu neqsin, jiġi rritornat l-istat tal-ipproċessar ‘**6987**’. Dan jista' jseħħ jekk waħda mit-tags ‘90h’ ikun nieqes.

— Jekk xi oġġetti tad-dejta ma jkunux korretti, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun ‘**6988**’. Dan l-iżball iseħħ jekk it-tag li tkun meħtieġa tkun preżenti iżda b'tul differenti minn ‘14h’ għal SHA-1, ‘20h’ għal SHA-256, ‘30h’ għal SHA-384, ‘30h’ għal SHA-512 (l-applikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni).

3.5.13 *PERFORM HASH of FILE*

Dan il-kmand mhux konformi mal-ISO/IEC 7816-8. Għalhekk, il-byte CLA ta' dan il-kmand jindika li jkun hemm użu proprjetarju tal-kmandi PERFORM SECURITY OPERATION / HASH.

Il-kard tas-sewwieq u l-kard tal-workshop biss huma meħtieġa jaċċettaw dan il-kmand fid-DF Tachograph u fid-DF Tachograph_G2.

▼B

Tipi oħra ta' kards tat-takografu jaf jimplimentaw dan il-kmand jew le. Jekk kard tal-kumpanija jew tal-kontroll timplimenta dan il-kmand, il-kmand għandu jiġi implimentat kif speċifikat f'dan il-kapitolu.

Il-kmand jaf ikun aċċessibbli fl-MF jew le. Jekk dan ikun il-każ, il-kmand għandu jiġi implimentat kif speċifikat f'dan il-kapitolu, jiġifieri ma għandux jippermetti l-kalkolu ta' valur tal-hash, iżda għandu jintemm b'kodiċi adatt ta' żball.

TCS_118 Il-kmand PERFORM HASH of FILE jintuża biex isir hash tal-qasam tad-dejta tal-EF trasparenti li jkun magħżul attwalment.

TCS_119 Kard tat-takografu għandha taċċetta dan il-kmand biss għall-EFs li huma elenkati fil-Kapitolu 4 taħt DF_Tachograph u DF_Tachograph_G2 bl-eċċezzjoni li ġejja. Kard tat-takografu ma għandhiex taċċetta l-kmand għall-EF Sensor_Installation_Data tad-DF Tachograph_G2.

TCS_120 Ir-riżultat tal-operazzjoni tal-hash jinħażen temporanjament fil-kard. Imbagħad dan jista' jintuża biex tinkiseb firma diġitali tal-fajl, billi jintuża l-PSO: il-kmand COMPUTE DIGITAL SIGNATURE.

▼M1

TCS_121 Il-valur tal-hash tal-fajl li jinħażen temporanjament għandu jitħassar jekk jiddaħħal valur tal-hash tal-fajl ġdid permezz tal-kmand PERFORM HASH of FILE, jekk jintgħażel DF u jekk il-kard tat-takografu tiġi rrissettjata.

▼B

TCS_122 L-applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni għandha taċċetta SHA-1.

▼M1

TCS_123 L-applikazzjoni tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni għandha tappoġġa l-algoritmu SHA-2 (SHA-256, SHA-384 jew SHA-512), speċifikat bis-cipher suite fil-Parti B tal-Appendiċi 11 għall-kjavi tal-firma tal-kard Card_Sign.

▼B

TCS_124 **Messaġġ ta' Kmand**

▼M1

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	'80h'	CLA
INS	1	'2Ah'	Wettaq Operazzjoni ta' Sigurtà
P1	1	'90h'	Tag: Hash
P2	1	'00h'	Algoritmu magħruf b'mod impliċitu Għall-applikazzjoni tat-Takografu tal-ewwel ġenerazzjoni: SHA-1 Għall-applikazzjoni tat-Takografu tat-tieni ġenerazzjoni: l-algoritmu SHA-2 (SHA-256, SHA-384 jew SHA-512) iddefinit bis-cipher suite fil-Parti B tal-Appendiċi 11 għall-kjavi tal-firma tal-kard Card_Sign

▼B

TCS_125 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	'XXXXh'	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna '**9000**'.

— Jekk l-EF attwali ma jippermettix dan il-kmand (EF Sensor_Installation_Data fid-DF Tachograph_G2), jiġi rritornat l-istat tal-ipproċessar '**6985**'.

▼B

— Jekk l-EF li jkun magħżul jitqies li ġie korrott (attributi tal-fajl jew żbalji ta' integrità tad-dejta maħżuna), l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6400**' jew '**6581**'.

— Jekk il-fajl magħżul ma jkunx fajl trasparenti jew jekk ma jkun hemm l-ebda EF attwali, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6986**'.

3.5.14 *PSO: COMPUTE DIGITAL SIGNATURE*

▼M1

Dan il-kmand jintuża biex tiddaħħal il-firma diġitali ta' kodiċi tal-hash li jkun iddaħħal preċedentement (ara l-punt 3.5.13 ta' PERFORM HASH of FILE).

Il-kard tas-sewwieq u l-kard tal-workshop biss huma meħtieġa jaċċettaw dan il-kmand fid-DF Tachograph u fid-DF Tachograph_G2.

Tipi oħra ta' kards tat-takografu jaf jimplimentaw dan il-kmand jew le. Fil-każ tal-applikazzjoni tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni, il-kard tas-sewwieq u l-kard tal-workshop biss għandhom kjavi tal-firma tat-tieni ġenerazzjoni, filwaqt li kards oħra mhux kapaċi jwettqu b'suċċess il-kmand u jtemmu b'kodiċi xieraq ta' żball.

Il-kmand jaf ikun aċċessibbli fl-MF jew le. Jekk il-kmand ma jkunx aċċessibbli fl-MF, dan għandu jintemm b'kodiċi xieraq ta' żball.

Dan il-kmand huwa konformi ma' ISO/IEC 7816-8. L-użu ta' dan il-kmand ikun ristrett fir-rigward tal-istandard relatat.

▼B

TCS_126 Dan il-kmand ma għandux idaħħal firma diġitali ta' kodiċi tal-hash li jkun iddaħħal preċedentement bil-PSO: il-kmand HASH.

TCS_127 Il-kjavi privata tal-kard tintuża biex tiddaħħal il-firma diġitali u hija magħrufa impliċitament mill-kard.

TCS_128 L-applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni twettaq firma diġitali permezz ta' metodu ta' padding li huwa konformi ma' PKCS1 (għal dettalji ara l-Appendiċi 11).

TCS_129 L-applikazzjoni tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni ddaħħal firma diġitali ibbażata fuq kurva ellittika (għal dettalji ara l-Appendiċi 11).

TCS_130 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	'00h'	CLA
INS	1	'2Ah'	Wettaq Operazzjoni ta' Sigurtà
P1	1	'9Eh'	Firma diġitali li trid tiġi rritornata
P2	1	'9Ah'	Tag: il-qasam tad-dejta fih dejta li trid tiġi ffirmata. Peress li l-ebda qasam tad-dejta mhuwa inkluż, id-dejta suppost tkun diġà preżenti fil-kard (hash tal-fajl)
Le	1	'NNh'	Tul tal-firma mistennija

▼B

TCS_131 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
#1-#L	L	'XX..XXh'	Firma tal-hash li ddaħħlet preċedentement
SW	2	'XXXXh'	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna '**9000**'.

— Jekk il-kjavi privata li tkun magħżula b'mod impliċitu titqies li ġiet korrotta, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6400**' jew '**6581**'.

— Jekk il-hash li tkun iddaħħlet fi kmand preċedenti Perform Hash of File ma tkunx disponibbli, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6985**'.

3.5.15 *PSO: VERIFY DIGITAL SIGNATURE*

Dan il-kmand jintuża biex tiġi vverifikata l-firma diġitali, li tkun ipprovduta bħala input, u li l-hash tagħha tkun magħrufa mill-kard. L-algoritmu tal-firma jkun magħruf impliċitament mill-kard.

Dan il-kmand huwa konformi mal-ISO/IEC 7816-8. L-użu ta' dan il-kmand ikun ristrett fir-rigward tal-istandard relatat.

Il-kard tal-kontroll biss hija meħtieġa taċċetta dan il-kmand fid-DF Tachograph u fid-DF Tachograph_G2.

Tipi oħra ta' kards tat-takografu jaf jimplimentaw dan il-kmand jew le. Il-kmand jaf ikun aċċessibbli fl-MF jew le.

TCS_132 Il-kmand VERIFY DIGITAL SIGNATURE dejjem juża l-kjavi pubblika li tkun magħżula mill-MSE (Ġestjoni tal-Ambjent tas-Sigurtà) preċedenti: Il-kmand DST settjat u l-kodiċi tal-hash preċedenti mdaħħal minn PSO: il-kmand HASH.

TCS_133 **Messaġġ ta' Kmand**

▼M1

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	'00h'	CLA
INS	1	'2Ah'	Wettaq Operazzjoni ta' Sigurtà
P1	1	'00h'	
P2	1	'A8h'	Tag: il-qasam tad-dejta fih DOs rilevanti għall-verifika
Lc	1	'XXh'	Tul Lc tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6	1	'9Eh'	Tag għal Firma Diġitali
#7 jew #7-#8	L	'NNh' jew '81 NNh'	Tul ta' firma diġitali (L hija 2 bytes jekk il-firma diġitali hija itwal minn 127 byte): 128 byte ikkowdjati skont il-Parti A tal-Appendiċi 11 għall-applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni. Skont il-kurva magħżula għall-applikazzjoni tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni (ara l-Parti B tal-Appendiċi 11).
#(7+L)-#(6+L+NN)	NN	'XX..XXh'	Kontenut ta' firma diġitali

▼B

TCS_134 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
SW	2	'XXXXh'	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna '**9000**'.

— Jekk il-verifika tal-firma ma tirnexxix, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6688**'. Il-proċess ta' verifika huwa deskritt fl-Appendiċi 11.

— Jekk l-ebda kjavi pubblika ma tintgħażel, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6A88**'.

— Jekk xi oġġetti mistennija tad-dejta (kif speċifikat hawn fuq) ikunu neqsin, jiġi rritornat l-istat tal-ipproċessar '**6987**'. Dan jista' jseħħ jekk waħda mit-tags meħtieġa tkun nieqsa.

— Jekk l-ebda kodiċi tal-hash ma jkun disponibbli biex jiġi pproċessat il-kmand (bħala riżultat ta' PSO preċedenti: il-kmand Hash), l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6985**'.

— Jekk xi oġġetti tad-dejta ma jkunux korretti, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6988**'. Dan jista' jseħħ jekk it-tul ta' wieħed mill-oġġetti tad-dejta li jkunu meħtieġa ma jkunx korrett.

— Jekk il-kjavi pubblika li tintgħażel titqies li ġiet korrotta, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun '**6400**' jew '**6581**'.

▼M1

— Jekk il-kjavi pubblika li tintgħażel (li tintuża biex tiġi vverifikata l-firma diġitali) ikollha CHA.LSB (CertificateHolderAuthorisation.equipmentType) li ma tkunx xierqa għall-verifika tal-firma diġitali skont l-Appendiċi 11, l-istat tal-ipproċessar li jiġi rritornat ikun **'6985'**.

▼B

3.5.16 *PROCESS DSRC MESSAGE*

Dan il-kmand jintuża biex tiġi vverifikata l-integrità u l-awtentiċità tal-messaġġ tad-DSRC u biex tiġi ddeċifrata d-dejta li tkun ġiet ikkomunikata minn VU għal awtorità ta' kontroll jew minn workshop permezz tal-kollegament tad-DSRC. Il-kard tikseb il-kodiċi tal-kriptaġġ u l-kjavi tal-MAC li jintużaw biex il-messaġġ tad-DSRC ikun sigur kif deskritt fil-Kapitolu 13 tal-Parti B tal-Appendiċi 11.

Il-kard tal-kontroll u l-kard tal-workshop biss huma meħtieġa jaċċettaw dan il-kmand fid-DF Tachograph_G2.

Tipi oħra ta' kards tat-takografu jaf jimplimentaw dan il-kmand jew le, iżda ma għandux ikollhom kjavi prinċipali tad-DSRC. Għalhekk, dawn il-kards ma jistgħux iwettqu l-kmand b'suċċess, iżda jintemmu b'kodiċi adatt ta' żball.

Il-kmand jaf ikun aċċessibbli fl-MF u/jew fid-DF Tachograph jew le. Jekk dan ikun il-każ, il-kmand għandu jintemm b'kodiċi adatt ta' żball.

TCS_135 Il-kjavi prinċipali tad-DSRC hija aċċessibbli biss fid-DF Tachograph_G2, jiġifieri l-kard tal-kontroll u tal-workshop għandhom jaċċettaw it-twettiq b'suċċess ta' kmand fid-DF Tachograph_G2 biss.

▼B

TCS_136 Il-kmand għandu jiddekripta d-dejta tad-DSRC u jivverifika ċ-checksum kriptografiku biss, iżda ma għandux jinterpreta d-dejta tal-input.

TCS_137 B'din l-ispeċifikazzjoni, l-ordni tal-oġġetti tad-dejta fil-qasam tad-dejta tal-kmand huwa fiss.

TCS_138 **Messaġġ ta' Kmand**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	‘80h’	CLA proprjetarju
INS	1	‘2Ah’	Wettaq Operazzjoni ta' Sigurtà
P1	1	‘80h’	Dejta ta' rispons: valur ordinarju
P2	1	‘B0h’	Dejta ta' kmand: valur ordinarju enkowdjat fil-BER-TLV u inkluż fl-SM DOs
Lc	1	‘NNh’	Tul Lc tal-qasam sussegwenti tad-dejta
#6-#(5+L)	L	‘87h’ + L_{87} + ‘XX..XXh’	Byte indikatur tal-kontenut enkowdjat b'DER-TLV tal-padding segwit minn tagħbija kriptata tat-takografu. Il-valur ‘00h’ għandu jintuża għall-byte indikatur tal-kontenut tal-padding (‘l-ebda indikazzjoni ulterjuri’ skont it-Tabella 52 tal-ISO/IEC 7816-4:2013). Għall-mekkaniżmu tal-kriptaġġ ara l-Kapitolu 13 tal-Parti B tal-Appendiċi 11. Il-valuri permessi għat-tul L_{87} huma l-multipli tat-tul fiss tal-AES b'żieda ta' wieħed (1) għall-byte indikatur tal-kontenut tal-padding, jiġifieri minn 17-il byte sa mhux iżjed minn 193 byte. *Nota:* Ara t-Tabella 49 tal-ISO/IEC 7816-4:2013 għall-oġġett tad-dejta SM b'tag ‘87h’.
		‘81h’ + ‘10h’	Mudell ta' Referenza għall-Kontroll tal-Kunfidenzjalità enkowdjat b'DER-TLV li jkun fih il-konkatenazzjoni tal-elementi ta' dejta li ġejjin (ara d-DSRCSecurityData fl-Appendiċi 1 u l-Kapitolu 13 tal-Parti B tal-Appendiċi 11): — Kronogramma ta' erba' (4) bytes — Komputazzjoni ta' tliet (3) bytes — Numru tas-serje tal-VU ta' tmien (8) bytes — Verżjoni tal-kjavi prinċipali tad-DSRC ta' byte wieħed (1) *Nota:* Ara t-Tabella 49 tal-ISO/IEC 7816-4:2013 għall-oġġett tad-dejta SM b'tag ‘81h’.
		‘8Eh’ + L_{8E} + ‘XX..XXh’	MAC enkowdjat b'DER-TLV fuq il-messaġġ tad-DSRC. Għall-algoritmu u għall-kalkolu tal-MAC ara l-Kapitolu 13 tal-Parti B tal-Appendiċi 11. *Nota:* Ara t-Tabella 49 tal-ISO/IEC 7816-4:2013 għall-oġġett tad-dejta SM b'tag ‘Eh’.
5 + L + 1	1	‘00h’	Kif speċifikat fl-ISO/IEC 7816-4

▼M1

▼B

TCS_139 **Messaġġ ta' Rispons**

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
#1-#L	L	'XX..XXh'	Dejta mhux preżenti (f'każ ta' żball) jew dejta deċifrata (bil-padding imneħħi)
SW	2	'XXXXh'	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, il-kard tirritorna '**9000**'.

— '**6A80**' jindika parametri żbaljati fil-qasam tad-dejta tal-kmand (jintuża wkoll f'każ li l-oġġetti tad-dejta ma jintbagħtux fl-ordni speċifikata).

— '**6A88**' jindika li d-dejta li ssir referenza għaliha mhijiex disponibbli, jiġifieri l-kjavi prinċipali tad-DSRC li ssir referenza għaliha) ma tkunx disponibbli.

— '**6900**' jindika li l-verifika taċ-checksum kriptografiku jew id-dekriptaġġ tad-dejta ma rnexxietx

▼M1

— '**6985**' jindika li l-kronogramma ta' erba' bytes mogħtija fil-qasam tad-dejta tal-kmand hija qabel il-cardValidityBegin jew wara l-cardExpiry Date.

▼B

4. STRUTTURA TAL-KARDS TAT-TAKOGRAFU

Dan il-paragrafu jispeċifika l-istrutturi tal-fajls tal-kards tat-takografu għall-ħżin ta' dejta aċċessibbli.

Dan ma jispeċifikax strutturi interni speċifiċi li jiddependu fuq il-manifattur tal-kard, bħal pereżempju l-headers tal-fajl, u lanqas il-ħżin u l-ġestjoni ta' elementi ta' dejta li jkunu meħtieġa għall-użu intern biss, fosthom `EuropeanPublicKey` ,`CardPrivateKey`,`TdesSessionKey` jew `WorkshopCardPin`.

TCS_140 Kard tat-takografu tat-tieni ġenerazzjoni għandha tospita l-Fajl Prinċipali (MF) u applikazzjoni tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni u tat-tieni ġenerazzjoni u tal-istess tip (eż. applikazzjonijiet tal-kard tas-sewwieq).

TCS_141 Kard tat-takografu għandha taċċetta minn tal-inqas l-għadd minimu ta' rekords li jkun speċifikat għall-applikazzjonijiet korrispondenti u ma għandhiex taċċetta iżjed rekords mill-għadd massimu ta' rekords li jkun speċifikat għall-applikazzjonijiet korrispondenti.

L-għadd massimu u minimu ta' rekords huma speċifikati f'dan il-kapitolu għall-applikazzjonijiet differenti.

Għall-kundizzjonijiet ta' sigurtà li jintużaw fir-regoli tal-aċċess f'dan il-kapitolu kollu jekk jogħġbok irreferi għall-Kapitolu 3.3. B'mod ġenerali, il-modalità tal-aċċess "aqra" tindika l-kmand READ BINARY għal bytes INS li jkunu biż-żewġ u jekk aċċettati bil-fart, bl-eċċezzjoni tal-EF Sensor_Installation_Data fil-kard tal-workshop; ara TCS_156 u TCS_160. Il-modalità tal-aċċess "aġġorna" tindika l-kmand Update Binary għal bytes INS li jkunu biż-żewġ u jekk aċċettati bil-fart, u l-modalità tal-aċċess "agħżel" tindika l-kmand SELECT.

▼B

4.1. **Fajl Prinċipali (MF)**

TCS_142 Wara li jiġi ppersonalizzat, il-fajl prinċipali (MF) għandu jkollu l-istruttura permanenti tal-fajls u r-regoli tal-aċċess tal-fajls li ġejjin:

Nota: L-SFID, l-identifikatur qasir tal-EF, jingħata bħala numru deċimali, eż. il-valur ta' 30 jikkorrispondi għal 11110 f'binary.

			Regoli tal-aċċess	
Fajl	**ID tal-Fajl**	**SFID**	**Aqra / Agħżel**	**Aġġorna**
MF	'3F00h'			
├─ EF ICC	'0002h'		ALW	NEV
├─ EF IC	'0005h'		ALW	NEV
├─ EF DIR	'2F00h'	30	ALW	NEV
├─ EF ATR/INFO (conditional)	'2F01h'	29	ALW	NEV
├─ EF Extended_Length (conditional)	'0006h'	28	ALW	NEV
├─ DF Tachograph	'0500h'		SC1	
└─ DF Tachograph_G2			SC1	

F'din it-tabella tintuża l-abbrevjazzjoni li ġejja għall-kundizzjoni ta' sigurtà:

SC1 ALW JEW SM-MAC-G2

TCS_143 L-istrutturi kollha tal-EF għandhom ikunu trasparenti.

TCS_144 Il-Fajl Prinċipali (MF) għandu jkollu l-istruttura tad-dejta li ġejja:

Fajl / Element ta' dejta	**Nru ta' Rekords**	**Daqs (bytes) Minimu**	**Massimu**	**Valuri Predefiniti**
MF		*63*	*184*	
├─ EF ICC		*25*	*25*	
│ └─ CardIccIdentification		*25*	*25*	
│ ├─ clockStop		1	1	{00}
│ ├─ cardExtendedSerialNumber		8	8	{00..00}
│ ├─ cardApprovalNumber		8	8	{20..20}
│ ├─ cardPersonaliserID		1	1	{00}
│ ├─ embedderIcAssemblerId		5	5	{00..00}
│ └─ icIdentifier		2	2	{00 00}
├─ EF IC		*8*	*8*	
│ └─ CardChipIdentification		*8*	*8*	
│ ├─ icSerialNumber		4	4	{00..00}
│ └─ icManufacturingReferences		4	4	{00..00}
├─ EF DIR		*20*	*20*	
│ └─ See TCS_145		*20*	*20*	{00..00}
├─ EF ATR/INFO		*7*	*128*	
│ └─ See TCS_146		*7*	*128*	{00..00}
├─ EF EXTENDED_LENGTH		*3*	*3*	
│ └─ See TCS_147		*3*	*3*	{00..00}
├─ DF Tachograph				
└─ DF Tachograph_G2				

TCS_145 Il-fajl elementari EF DIR għandu jkun fih l-oġġetti tad-dejta li ġejjin li jkunu marbuta mal-applikazzjoni: '61 08 4F 06 FF 54 41 43 48 4F 61 08 4F 06 FF 53 4D 52 44 54'

TCS_146 Il-fajl elementari EF ATR/INFO għandu jkun preżenti jekk il-kard tat-takografu tindika fl-ATR tagħha li taċċetta oqsma ta' tul estiż. F'dan il-każ, l-EF ATR/INFO għandu jkun fih l-oġġett tad-dejta dwar l-informazzjoni ta' tul estiż (DO '7F66') kif speċifikat fil-klawżola 12.7.1 tal-ISO/IEC 7816-4:2013.

TCS_147 Il-fajl elementari EF Extended_Length għandu jkun preżenti jekk il-kard tat-takografu tindika fl-ATR tagħha li taċċetta oqsma ta' tul estiż. F'dan il-każ, l-EF għandu jkun fih l-oġġett tad-dejta li ġej: '02 01 xx' fejn il-valur 'xx' jindika jekk l-oqsma ta' tul estiż humiex aċċettati għall-protokoll T = 1 u/jew għall-protokoll T = 0.

Il-valur '01' jindika li l-oqsma ta' tul estiż huma aċċettati għall-protokoll T = 1.

▼B

Il-valur ‘10’ jindika li l-oqsma ta' tul estiż huma aċċettati għall-protokoll T = 0.

Il-valur ‘11’ jindika li l-oqsma ta' tul estiż huma aċċettati għall-protokoll T = 1 u għall-protokoll T = 0.

4.2. **Applikazzjonijiet tal-kard tas-sewwieq**

4.2.1 *Applikazzjoni tal-kard tas-sewwieq tal-ewwel ġenerazzjoni*

TCS_148 Wara li tiġi ppersonalizzata, l-applikazzjoni tal-kard tas-sewwieq tal-ewwel ġenerazzjoni għandu jkollha l-istruttura permanenti tal-fajls u r-regoli tal-aċċess tal-fajls li ġejjin:

		Regoli tal-aċċess		
Fajl	**ID tal-Fajl**	**Aqra**	**Agħżel**	**Aġġorna**
└─DF Tachograph	‘0500h’		SC1	
├─EF Application_Identification	‘0501h’	SC2	SC1	NEV
├─EF Card_Certificate	‘C100h’	SC2	SC1	NEV
├─EF CA_Certificate	‘C108h’	SC2	SC1	NEV
├─EF Identification	‘0520h’	SC2	SC1	NEV
├─EF Card_Download	‘050Eh’	SC2	SC1	SC1
├─EF Driving_Licence_Info	‘0521h’	SC2	SC1	NEV
├─EF Events_Data	‘0502h’	SC2	SC1	SC3
├─EF Faults_Data	‘0503h’	SC2	SC1	SC3
├─EF Driver_Activity_Data	‘0504h’	SC2	SC1	SC3
├─EF Vehicles_Used	‘0505h’	SC2	SC1	SC3
├─EF Places	‘0506h’	SC2	SC1	SC3
├─EF Current_Usage	‘0507h’	SC2	SC1	SC3
├─EF Control_Activity_Data	‘0508h’	SC2	SC1	SC3
└─EF Specific_Conditions	‘0522h’	SC2	SC1	SC3

F'din it-tabella jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin għall-kundizzjonijiet ta' sigurtà:

SC1 ALW JEW SM-MAC-G2

SC2 ALW JEW SM-MAC-G1 JEW SM-MAC-G2

SC3 SM-MAC-G1 JEW SM-MAC-G2

TCS_149 L-istrutturi kollha tal-EF għandhom ikunu trasparenti.

TCS_150 L-applikazzjoni tal-kard tas-sewwieq tal-ewwel ġenerazzjoni għandu jkollha l-istruttura tad-dejta li ġejja:

▼B

Fajl / Element ta' dejta	Nru ta' Rekords	Daqs (bytes) Minimu	Massimu	Valuri Predefiniti
DF Tachograph		*11378*	*24926*	
EF Application_Identification		*10*	*10*	
DriverCardApplicationIdentification		*10*	*10*	
typeOfTachographCardId		1	1	{00}
cardStructureVersion		2	2	{00 00}
noOfEventsPerType		1	1	{00}
noOfFaultsPerType		1	1	{00}
activityStructureLength		2	2	{00 00}
noOfCardVehicleRecords		2	2	{00 00}
noOfCardPlaceRecords		1	1	{00}
EF Card_Certificate		*194*	*194*	
CardCertificate		194	194	{00..00}
EF CA_Certificate		*194*	*194*	
MemberStateCertificate		194	194	{00..00}
EF Identification		*143*	*143*	
CardIdentification		*65*	*65*	
cardIssuingMemberState		1	1	{00}
cardNumber		16	16	{20..20}
cardIssuingAuthorityName		36	36	{20..20}
cardIssueDate		4	4	{00..00}
cardValidityBegin		4	4	{00..00}
cardExpiryDate		4	4	{00..00}
DriverCardHolderIdentification		*78*	*78*	
cardHolderName		*72*	*72*	
holderSurname		36	36	{00, 20..20}
holderFirstNames		36	36	{00, 20..20}
cardHolderBirthDate		4	4	{00..00}
cardHolderPreferredLanguage		2	2	{20 20}
EF Card_Download		*4*	*4*	
LastCardDownload		4	4	
EF Driving_Licence_Info		*53*	*53*	
CardDrivingLicenceInformation		*53*	*53*	
drivingLicenceIssuingAuthority		36	36	{00, 20..20}
drivingLicenceIssuingNation		1	1	{00}
drivingLicenceNumber		16	16	{20..20}
EF Events_Data		*864*	*1728*	
CardEventData		*864*	*1728*	
cardEventRecords	6	*144*	*288*	
CardEventRecord	n_1	*24*	*24*	
eventType		1	1	{00}
eventBeginTime		4	4	{00..00}
eventEndTime		4	4	{00..00}
eventVehicleRegistration				
vehicleRegistrationNation		1	1	{00}
vehicleRegistrationNumber		14	14	{00, 20..20}
EF Faults_Data		*576*	*1152*	
CardFaultData		*576*	*1152*	
cardFaultRecords	2	*288*	*576*	
CardFaultRecord	n_2	*24*	*24*	
faultType		1	1	{00}
faultBeginTime		4	4	{00..00}
faultEndTime		4	4	{00..00}
faultVehicleRegistration				

▼B

vehicleRegistrationNation		1	1	{00}
vehicleRegistrationNumber		14	14	{00, 20..20}
EF Driver_Activity_Data		*5548*	*13780*	
CardDriverActivity		*5548*	*13780*	
activityPointerOldestDayRecord		2	2	{00 00}
activityPointerNewestRecord		2	2	{00 00}
activityDailyRecords	n_6	5544	13776	{00..00}
EF Vehicles_Used		*2606*	*6202*	
CardVehiclesUsed		*2606*	*6202*	
vehiclePointerNewestRecord		2	2	{00 00}
cardVehicleRecords		*2604*	*6200*	
CardVehicleRecord	n_3	*31*	*31*	
vehicleOdometerBegin		3	3	{00..00}
vehicleOdometerEnd		3	3	{00..00}
vehicleFirstUse		4	4	{00..00}
vehicleLastUse		4	4	{00..00}
vehicleRegistration				
vehicleRegistrationNation		1	1	{00}
vehicleRegistrationNumber		14	14	{00, 20..20}
vuDataBlockCounter		2	2	{00 00}
EF Places		*841*	*1121*	
CardPlaceDailyWorkPeriod		*841*	*1121*	
placePointerNewestRecord		1	1	{00}
placeRecords		*840*	*1120*	
PlaceRecord	n_4	*10*	*10*	
entryTime		4	4	{00..00}
entryTypeDailyWorkPeriod		1	1	{00}
dailyWorkPeriodCountry		1	1	{00}
dailyWorkPeriodRegion		1	1	{00}
vehicleOdometerValue		3	3	{00..00}
EF Current_Usage		*19*	*19*	
CardCurrentUse		*19*	*19*	
sessionOpenTime		4	4	{00..00}
sessionOpenVehicle				
vehicleRegistrationNation		1	1	{00}
vehicleRegistrationNumber		14	14	{00, 20..20}
EF Control_Activity_Data		*46*	*46*	
CardControlActivityDataRecord		*46*	*46*	
controlType		1	1	{00}
controlTime		4	4	{00..00}
controlCardNumber				
cardType		1	1	{00}
cardIssuingMemberState		1	1	{00}
cardNumber		16	16	{20..20}
controlVehicleRegistration				
TR-03111	BSI Technical Guideline TR-03111, Elliptic Curve Cryptography, version 2.00, 2012-06-28

7.2. **Notazzjonijiet u Abbrevjazzjonijiet**

Fl-Appendiċi jintużaw dawn in-notazzjonijiet u l-abbrevjazzjonijiet:

AES	Standard tal-Kriptaġġ Avvanzat
CA	Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni
CAR	Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni
CBC	Konkatenazzjoni ta' Cipher Block (modalità ta' operazzjoni)
CH	Intestazzjoni tal-Kmand
CHA	Awtorizzazzjoni tad-Detentur taċ-Ċertifikat
CHR	Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat
CV	Vettur Kostanti
DER	Regoli Distinti tal-Kodifikazzjoni
DO	Oġġett tad-Dejta
DSRC	Komunikazzjoni ta' Distanza Qasira Dedikata
ECC	Kriptografija tal-Kurva Ellittika
ECDSA	Algoritmu tal-Firem Diġitali tal-Kurva Ellittika
ECDH	Kurva Ellittika ta' Diffie-Hellman (algoritmu tal-ftehim tal-kjavi)
EGF	Faċilità tal-GNSS esterna
EQT	Tagħmir

▼B

IDE	Tagħmir Dedikat Intelliġenti
K_M	Kjavi Prinċipali ta' Sensor tal-Moviment, li biha Unità tal-Vettura tkun tista' tiġi akkoppjata ma' Sensor tal-Moviment
K_{M-VU}	Il-kjavi mdaħħla fl-unitajiet tal-vettura, li biha l-VU tkun tista' tikseb il-Kjavi Prinċipali ta' Sensor tal-Moviment meta kard tal-workshop tiddaħħal fil-VU
K_{M-WC}	Il-kjavi mdaħħla fil-kards tal-workshop, li biha l-VU tkun tista' tikseb il-Kjavi Prinċipali ta' Sensor tal-Moviment meta kard tal-workshop tiddaħħal fil-VU
MAC	Kodiċi tal-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi
MoS	Sensor tal-Moviment
MSB	L-Iktar Bit Sinifikanti
PKI	Infrastruttura tal-Kjavi Pubblika
RCF	Faċilità tal-Komunikazzjoni Remota
SSC	Send Sequence Counter
SM	Messaġġi Siguri
TDES	Standard tal-Kriptaġġ Tripplu tad-Dejta
TLV	Valur tat-Tul tat-Tag
VU	Unità tal-Vettura
X.C	iċ-ċertifikat tal-kjavi pubblika ta' utent X
X.CA	l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni li toħroġ iċ-ċertifikat ta' utent X
X.CAR	ir-referenza tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat ta' utent X
X.CHR	ir-referenza tad-detentur taċ-ċertifikazzjoni msemmija fiċ-ċertifikat ta' utent X
X.PK	il-kjavi pubblika ta' utent X
X.SK	il-kjavi privata ta' utent X
$X.PK_{eph}$	il-kjavi pubblika effimera ta' utent X
$X.SK_{eph}$	il-kjavi privata effimera ta' utent X
‘xx’	valur eżadeċimali
||	operatur tal-konkatenazzjoni

7.3. **Definizzjonijiet**

Id-definizzjonijiet tat-termini li ntużaw f'dan l-Appendiċi huma inklużi fis-Sezzjoni I tal-Anness 1C.

8. SISTEMI U ALGORITMI KRIPTOGRAFIĊI

8.1. **Is-Sistemi Kriptografiċi**

CSM_38 L-unitajiet tal-vettura u l-kards tat-takografu għandhom jużaw sistema kriptografika tal-kjavi pubblika msejsa fuq il-kurva ellittika biex jipprovdu dawn is-servizzi ta' sigurtà:

— l-awtentikazzjoni reċiproka bejn unità tal-vettura u kard,

▼B

— il-ftehim ta' kjavi ta' sessjoni AES bejn unità tal-vettura u kard,

— biex ikunu żgurati l-awtentiità, l-integritàu n-nonriſjut tad-dejta mniżżla mill-unitajiet tal-vettura jew mill-kards tat-takografu lejn il-mezz estern.

CSM_39 L-unitajiet tal-vettura u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jużaw sistema kriptografika tal-kjavi pubblika msejsa fuq il-kurva ellittika biex jipprovdu dawn is-servizzi ta' sigurtà:

— l-akkoppjament ta' unità tal-vettura u faċilità tal-GNSS esterna,

— l-awtentikazzjoni reċiproka bejn unità tal-vettura u faċilità tal-GNSS esterna,

— il-ftehim ta' kjavi ta' sessjoni AES bejn unità tal-vettura u faċilità tal-GNSS esterna.

CSM_40 L-unitajiet tal-vettura u l-kards tat-takografu għandhom jużaw sistema kriptografika simetrika bbażata fuq l-AES biex jipprovdu dawn is-servizzi ta' sigurtà:

— biex ikunu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tad-dejta skambjata bejn unità tal-vettura u kard tat-takografu,

— meta applikabbli, biex tkun żgurata l-kunfidenzjalità tad-dejta skambjata bejn unità tal-vettura u kard tat-takografu.

CSM_41 L-unitajiet tal-vettura u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jużaw sistema kriptografika simetrika bbażata fuq l-AES biex jipprovdu dawn is-servizzi ta' sigurtà:

— biex ikunu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tad-dejta skambjata bejn unità tal-vettura u faċilità tal-GNSS esterna

CSM_42 L-unitajiet tal-vettura u s-sensors tal-moviment għandhom jużaw sistema kriptografika simetrika bbażata fuq l-AES biex jipprovdu dawn is-servizzi ta' sigurtà:

— biex unità tal-vettura tiġi akkoppjata ma' sensor tal-moviment,

— l-awtentikazzjoni reċiproka bejn unità tal-vettura u sensor tal-moviment,

— biex tkun żgurata l-kunfidenzjalità tad-dejta skambjata bejn unità tal-vettura u sensor tal-moviment

CSM_43 L-unitajiet tal-vettura u l-kards tal-kontroll għandhom jużaw sistema kriptografika simetrika bbażata fuq l-AES biex jipprovdu dawn is-servizzi ta' sigurtà fl-interfaċċa tal-komunikazzjoni remota:

— biex ikunu żgurati l-kunfidenzjalità, l-awtentiċità u l-integrità tad-dejta mibgħuta minn unità tal-vettura lejn kard tal-kontroll.

Noti:

— Fil-veru sens tal-kelma, id-dejta tintbagħat minn unità tal-vettura lejn interrogatur remot, taħt il-kontroll ta' uffiċjal tal-kontroll u permezz ta' faċilità tal-komunikazzjoni remota li tista' tkun interna jew esterna għall-unità tal-vettura, ara l-Appendiċi 14. Madankollu,

▼B

l-interrogatur remot jibgħat id-dejta li tasallu lejn il-kard tal-kontroll għad-dekriptaġġ u l-validazzjoni tal-awtentiċità. Mil-lat ta' sigurtà, il-faċilità tal-komunikazzjoni remota u l-interrogatur remot huma trasparenti għalkollox.

— Il-kard tal-workshop toffri l-istess servizzi ta' sigurtà għall-interfaċċa tad-DSRC bħalma toffri l-kard tal-kontroll. B'dan, workshop ikun jista' jivvalida l-funzjonament xieraq tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni remota ta' unità tal-vettura, inkluża s-sigurtà. Għal aktar tagħrif irreferi għas-Sezzjoni 9.2.2.

8.2. **Algoritmi Kriptografiċi**

8.2.1 *Algoritmi Simetriċi*

CSM_44 L-unitajiet tal-vettura, il-kards tat-takografu, is-sensors tal-moviment u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jappoġġaw l-algoritmu tal-AES kif definit fl-[AES], bi kjavi b'tul ta' 128, ta' 192 u ta' 256 bit.

8.2.2 *Algoritmi Asimetriċi u l-Parametri ta' Dominju Standardizzati*

CSM_45 L-unitajiet tal-vettura, il-kards tat-takografu u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jappoġġaw il-kriptografija tal-kurva ellittika bi kjavi b'tul ta' 256, ta' 384 u ta' 512/521 bit.

CSM_46 L-unitajiet tal-vettura, il-kards tat-takografu u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jappoġġaw l-algoritmu ta' ffirmar ECDSA, kif speċifikat fi [DSS].

CSM_47 L-unitajiet tal-vettura, il-kards tat-takografu u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jappoġġaw l-algoritmu ta' ftehim ta' kjavi ECKA-EG, kif speċifikat fi [TR 03111].

CSM_48 L-unitajiet tal-vettura, il-kards tat-takografu u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jappoġġaw kull parametru ta' dominju standardizzat li tispeċifika t-Tabella 1 ta' hawn taħt għall-kriptografija tal-kurva ellittika.

Tabella 1

Parametri ta' dominju standardizzati

Isem	Daqs (bits)	Referenza	Identifikatur tal-Oġġett
NIST P-256	256	[DSS], [RFC 5480]	`secp256r1`
BrainpoolP256r1	256	[RFC 5639]	`brainpoolP256r1`
NIST P-384	384	[DSS], [RFC 5480]	`secp384r1`
BrainpoolP384r1	384	[RFC 5639]	`brainpoolP384r1`
BrainpoolP512r1	512	[RFC 5639]	`brainpoolP512r1`
NIST P-521	521	[DSS], [RFC 5480]	`secp521r1`

▼B

Nota: l-identifikaturi tal-oġġett imsemmija fl-aħħar kolonna tat-Tabella 1 huma speċifikati fi [RFC 5639] għall-kurvi Brainpool u fi [RFC 5480] għall-kurvi NIST.

Eżempju 1: l-identifikatur tal-oġġett tal-kurva BrainpoolP256r1 hu `{iso(1) identified-organization(3) teletrust(36) algorithm(3) signaturealgorithm(3) ecSign(2) ecStdCurvesAndGeneration (8) ellipticCurve(1) versionOne(1) 7}`.

jew bin-notazzjoni tad-dots: `1.3.36.3.3.2.8.1.1.7`.

Eżempju 2: l-identifikatur tal-oġġett tal-kurva NIST P-384 hu

`{iso(1) identified-organization(3) certicom(132) curve(0) 34}`.

jew bin-notazzjoni tad-dots: `1.3.132.0.34`.

8.2.3 *Algoritmi tal-hash*

▼M1

CSM_49 L-unitajiet tal-vettura, il-kards tat-takografu u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandhom jappoġġaw l-algoritmi SHA-256, SHA-384 and SHA-512 kif speċifikat fi [SHS].

▼B

8.2.4 *Cipher Suites*

CSM_50 Jekk algoritmu simetriku, algoritmu asimetriku u/jew algoritmu hash jintużaw flimkien biex jiffurmaw protokol ta' sigurtà, it-tul tal-kjavi u d-daqs tal-hash rispettivi tagħhom għandhom ikunu (bejn wieħed u ieħor) tal-istess qawwa. It-Tabella 2 turi s-settijiet cipher permessi:

Tabella 2

Is-settijiet cipher permessi

ID tas-sett cipher	Daqs tal-kjavi ECC (bits)	Tul tal-kjavi tal-AES (bits)	Algoritmu tal-hash	Tul tal-MAC (bytes)
CS#1	256	128	SHA-256	8
CS#2	384	192	SHA-384	12
CS#3	512/521	256	SHA-512	16

Nota: Jekk il-kjavi ECC jkunu 512-il bit u 521 bit, dawn jitqiesu li għandhom l-istess qawwa għall-għanijiet kollha ta' dan l-Appendiċi.

9. KJAVI U ĊERTIFIKATI

9.1. **Pari ta' Kjavi Asimetriċi u Ċertifikati ta' Kjavi Pubbliċi**

9.1.1 *Ġenerali*

Nota: il-kjavi deskritti f'din is-sezzjoni jintużaw għall-awtentikazzjoni reċiproka u għall-messaġġi siguri bejn l-unitajiet tal-vettura u l-kards tat-takografu u bejn l-unitajiet tal-vettura u l-faċilitajiet tal-GNSS esterni. Dawn il-proċessi jiddeskrivuhom fid-dettall il-Kapitoli 10 u 11 ta' dan l-Appendiċi.

CSM_51 Fis-sistema tat-Takografu Intelliġenti Ewropew, il-pari kjavi ECC u ċ-ċertifikati korrispondenti għandhom jiġu ġġenerati u ġestiti bi tliet livelli ġerarkiċi funzjonali:

— il-livell Ewropew,

— il-livell tal-Istat Membru, u

— l-livell tat-tagħmir.

▼B

CSM_52 Fis-sistema kollha tat-Takografu Intelliġenti Ewropew, il-kjavi u ċ-ċertifikati pubbliċi u privati għandhom jiġu ġġenerati, ġestiti u kkomunikati bil-metodi standardizzati u siguri.

9.1.2 *Il-livell Ewropew*

CSM_53 Fil-livell Ewropew għandhom jiġu ġġenerati par kjavi uniċi ECC wieħed dežinjat bħala EUR. Dan għandu jkun fih kjavi privata (EUR.SK) u kjavi pubblika (EUR.PK). Dan il-par kjavi għandu jifforma il-par kjavi bażi tal-Infrastruttura PKI tat-Takografu Intelliġenti Ewropew. Dan il-kompitu għandha twettqu l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni Bażi Ewropea (ERCA), bl-awtorità u bir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea.

CSM_54 L-ERCA għandha tuża l-kjavi privata Ewropea biex tiffirma ċertifikat bażi (awtoffirmat) tal-kjavi pubblika Ewropea, u għandha tikkomunika dan iċ-ċertifikat bażi Ewropew lill-Istati Membri kollha.

CSM_55 Meta tintalab, l-ERCA għandha tuża l-kjavi privata Ewropea biex tiffirma ċ-ċertifikati tal-kjavi pubbliċi tal-Istati Membri. L-ERCA għandha żżomm rekords ta' kull ċertifikat iffirmat tal-kjavi pubbliċi tal-Istati Membri.

CSM_56 Kif muri fil-Grafika 1 tas-Sezzjoni 9.1.7, l-ERCA għandha tiġġenera par kjavi bażi Ewropew ġdid kull 17-il sena. Kull meta l-ERCA tiġġenera par kjavi bażi Ewropew ġdid, din għandha toħloq ċertifikat bażi awtoffirmat ġdid għall-kjavi pubblika Ewropea l-ġdida. Iċ-ċertifikat bażi Ewropew għandu jkun validu għal 34 sena u 3 xhur.

Nota: L-introduzzjoni ta' par kjavi bażi ġdid timplika wkoll li l-ERCA se tiġġenera kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment ġdida u kjavi prinċipali DSRC ġdida, ara s-Sezzjonijiet 9.2.1.2 u 9.2.2.2.

CSM_57 Qabel ma jiġi ġġenerat par kjavi bażi Ewropew ġdid, l-ERCA għandha twettaq analiżi tal-qawwa kriptografika li hemm bżonn għall-par kjavi l-ġdid, għax dan irid jibqa' sigur għall-34 sena ta' wara. Jekk ikun hemm bżonn, l-ERCA għandha taqleb għal sett cipher aktar qawwi minn dak attwali, kif speċifikat fi CSM_50.

▼M1

CSM_58 Kull meta tiġġenera par kjavi bażi Ewropej ġodda, l-ERCA għandha toħloq ċertifikat ta' kollegament għall-kjavi pubblika Ewropea l-ġdida u tiffirmah bil-kjavi privata Ewropea preċedenti. Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' kollegament għandu jkun ta' 17-il sena u tliet (3) xhur. Kif muri wkoll fil-Grafika 1 tas-Sezzjoni 9.1.7.

▼B

Nota: Billi ċertifikat ta' kollegament ikun fih kjavi pubblika tal-ġenerazzjoni *X* tal-ERCA u jiġi ffirmat bil-kjavi privata tal-ġenerazzjoni *X-1* tal-ERCA, ċertifikat ta' kollegament joffri tagħmir maħruġ bil-ġenerazzjoni *X-1* metodu li jafda t-tagħmir maħruġ bil-ġenerazzjoni *X*.

CSM_59 L-ERCA ma għandhiex tuża l-kjavi privata ta' par kjavi bażi għal xi għan malli ċertifikat tal-kjavi bażi ġdid isir validu.

▼B

CSM_60 F'kull mument, l-ERCA għandha tiddisponi minn dawn il-kjavi u ċ-ċertifikati kriptografiċi:

— Il-par kjavi EUR attwali u ċ-ċertifikati korrispondenti

— Kull ċertifikat EUR preċedenti li jrid jintuża għall-verifika taċ-ċertifikati tal-MSCA li jkun għadhom validi

— Ċertifikati ta' kollegament għal kull ġenerazzjoni taċ-ċertifikati EUR ħlief l-ewwel waħda

9.1.3 *Il-livell tal-Istat Membru*

CSM_61 Fil-livell tal-Istati Membri, kull Stat Membru li jeħtieġlu jiffirma ċertifikati tal-kards tat-takografu għandu jiġġenera par kjavi ECC uniku, wieħed jew bosta, dežinjat bħala MSCA_Card. Barra minn hekk, kull Stat Membru li jeħtieġlu jiffirma ċertifikati għall-unitajiet tal-vettura jew għall-faċilitajiet tal-GNSS esterni għandu jiġġenera par kjavi ECC uniku, wieħed jew bosta, dežinjat bħala MSCA_VU-EGF.

CSM_62 Il-pari kjavi tal-Istati Membri għandha tieħu ħsieb tiġġenerahom l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istat Membru (MSCA). Kull meta l-MSCA tiġġenera par kjavi tal-Istat Membru, din għandha tibgħat il-kjavi pubblika lill-ERCA biex tikseb ċertifikat korrispondenti tal-Istat Membru ffirmat mill-ERCA.

CSM_63 L-MSCA għandha tagħżel il-qawwa tal-par kjavi tal-Istat Membru daqs il-qawwa tal-par kjavi bażi Ewropew użat biex jiġi ffirmat iċ-ċertifikat korrispondenti tal-Istat Membru.

CSM_64 Jekk ikun preżenti, il-par kjavi MSCA_VU-EGF għandu jkun jikkonsisti mill-kjavi privata MSCA_VU-EGF.SK u l-kjavi pubblika MSCA_VU-EGF.PK. L-MSCA għandha tuża l-kjavi privata MSCA_VU-EGF.SK esklużivament biex tiffirma ċ-ċertifikati tal-kjavi pubbliċi tal-unitajiet tal-vettura u tal-faċilitajiet tal-GNSS esterni.

CSM_65 Par kjavi MSCA_Card għandu jkun jikkonsisti mill-kjavi privata MSCA_Card.SK u l-kjavi pubblika MSCA_Card.PK. L-MSCA għandha tuża l-kjavi privata MSCA_Card.SK esklużivament biex tiffirma ċ-ċertifikati tal-kjavi pubbliċi tal-kards tat-takografu.

CSM_66 L-MSCA għandha żżomm rekords ta' kull ċertifikat iffirmat tal-unitajiet tal-vettura, tal-faċilitajiet tal-GNSS esterni, u tal-kards, flimkien mal-identifikazzjoni tat-tagħmir li għalih ikun maħsub kull ċertifikat.

CSM_67 Ċertifikat MSCA_VU-EGF għandu jkun validu għal 17-il sena u 3 xhur. Ċertifikat MSCA_Card għandu jkun validu għal 7 snin u xahar (1).

CSM_68 Kif muri fil-Grafika 1 tas-Sezzjoni 9.1.7, il-kjavi privata ta' par kjavi MSCA_VU-EGF u l-kjavi privata ta' par kjavi MSCA_Card għandu jkollhom perjodu ta' użu ta' sentejn.

▼B

CSM_69 L-MSCA ma għandhiex tuża l-kjavi privata ta' par kjavi MSCA_VU-EGF għal xi għan malli jintemm il-perjodu ta' użu tiegħu. Barra minn hekk, MSCA ma għandhiex tuża l-kjavi privata ta' par kjavi MSCA_Card għal xi għan malli jintemm il-perjodu ta' użu tiegħu.

CSM_70 F'kull mument, l-MSCA għandha tiddisponi minn dawn il-kjavi u ċ-ċertifikati kriptografiċi:

— Il-par kjavi MSCA_Card attwali u ċ-ċertifikati korrispondenti

— Kull ċertifikat MSCA_Card preċedenti li jrid jintuża għall-verifika taċ-ċertifikati tal-kards tat-takografu li jkun għadhom validi

— Iċ-ċertifikat EUR attwali li jkun meħtieġ għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA attwali

— Kull ċertifikat EUR preċedenti li jkun meħtieġ għall-verifika taċ-ċertifikati kollha tal-MSCA li jkun għadhom validi

CSM_71 Jekk l-MSCA jeħtiġilha tiffirma ċertifikati għall-unitajiet tal-vettura jew għall-faċilitajiet tal-GNSS esterni, din għandha tiddisponi wkoll minn dawn il-kjavi u ċ-ċertifikati:

— Il-par kjavi MSCA_VU-EGF attwali u ċ-ċertifikati korrispondenti

— Kull kjavi pubblika MSCA_VU-EGF preċedenti li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikati tal-unitajiet tal-vettura jew tal-faċilitajiet tal-GNSS esterni li jkun għadhom validi

9.1.4 *Il-livell tat-tagħmir: l-unitajiet tal-vettura*

▼M1

CSM_72 Għal kull unità tal-vettura għandhom jiġu ġġenerati żewġ pari kjavi ECC, dežinjati bħala VU_MA u VU_Sign. Dan il-kompitu għandhom iwettquh il-manifatturi tal-unitajiet tal-vettura. Kull meta jiġi ġġenerat par kjavi tal-VU, il-parti li tiġġenera l-kjavi għandha tibgħat il-kjavi pubblika lill-MSCA tagħha, biex tikseb ċertifikat korrispondenti tal-VU iffirmat mill-MSCA. Il-kjavi privata għandha tużaha biss l-unità tal-vettura.

▼B

CSM_73 Iċ-ċertifikati Card_MA u Card_Sign ta' xi unità tal-vettura partikolari għandu jkollhom l-istess Data Effettiva taċ-Ċertifikat.

CSM_74 Il-manifattur ta' VU għandu jagħżel il-qawwa ta' par kjavi tal-VU daqs il-qawwa tal-par kjavi tal-MSCA użat biex jiġi ffirmat iċ-ċertifikat korrispondenti tal-VU.

CSM_75 Unita tal-vettura għandha tuża il-par kjavi VU_MA tagħha, li tkun tikkonsisti minn kjavi privata VU_MA.SK u kjavi pubblika VU_MA.PK, esklużivament biex twettaq l-Awtentikazzjoni tal-VU għall-kards tat-takografu u għall-faċilitajiet tal-GNSS esterni, kif jispeċifikaw is-Sezzjonijiet 10.3 u 11.4 ta' dan l-Appendiċi.

CSM_76 Unità tal-vettura għandha tkun tista' tiġġenera pari kjavi ECC effimeri u għandha tuża par kjavi effimeru esklużivament biex tagħmel ftehim tal-kjavi ta' sessjoni ma' kard tat-takografu jew ma' faċilità tal-GNSS esterna, kif jispeċifikaw is-Sezzjonijiet 10.4 u 11.4 ta' dan l-Appendiċi.

▼B

CSM_77 Unità tal-vettura għandha tuża l-kjavi privata VU_Sign.SK tal-par kjavi VU_Sign tagħha esklużivament biex tiffirma l-fajls tad-dejta mniżżla, kif jispeċifika l-Kapitolu 14 ta' dan l-Appendiċi. Il-par kjavi VU_Sign.PK korrispondenti għandu jintuża esklużivament biex jivverifika l-firem maħluqa mill-unità tal-vettura.

CSM_78 Kif muri fil-Grafika 1 tas-Sezzjoni 9.1.7, ċertifikat VU_MA għandu jkun validu għal 15-il sena u 3 xhur. Ċertifikat VU_Sign għandu jkun validu għal 15-il sena u 3 xhur.

Noti:

— Bl-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' ċertifikat VU_Sign, Unità tal-Vettura tkun tista' toħloq firem validi fuq id-dejta mniżżla fl-ewwel tliet xhur wara li jkun skada, kif meħtieġ bir-Regolament (UE) Nru 581/2010.

— L-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' ċertifikat VU_MA hi meħtieġa biex l-unità tal-vettura tkun tista' tawtentika għal kard tal-kontroll jew għal kard tal-kumpanija fl-ewwel tliet xhur wara li jkun skada, biex tkun tista' titniżżel id-dejta.

CSM_79 Unità tal-vettura ma għandhiex tuża l-kjavi privata ta' par kjavi tal-VU għal xi għan wara li jkun skada ċ-ċertifikat korrispondenti.

CSM_80 Il-pari kjavi tal-VU (ħlief il-pari kjavi effimeri) u ċ-ċertifikati korrispondenti ta' unità tal-vettura partikolari ma għandhomx jinbidlu jew jiġġeddu fil-qasam ladarba l-unità tal-vettura tibda titħaddem.

Noti:

— Dan ir-rekwiżit ma jinkludi il-pari kjavi effimeri, għax par kjavi effimeru ġdid jiġi ġġenerat minn VU kull darba li jsiru l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa u l-ftehim ta' kjavi ta' sessjoni, ara s-Sezzjoni 10.4. Il-pari kjavi effimeri ma jkollhomx ċertifikati korrispondenti.

— Dan ir-rekwiżit ma jeskludix il-possibbiltà li l-pari kjavi tal-VU statiċi jinbidlu waqt it-tiġdid jew it-tiswija f'ambjent sigur ikkontrollat mill-manifattur tal-VU.

CSM_81 Meta jitħaddmu, l-unitajiet tal-vettura għandu jkun fihom dawn il-kjavi u ċ-ċertifikati kriptografiċi:

— Il-kjavi privata VU_MA u ċ-ċertifikat korrispondenti

— Il-kjavi privata VU_Sign u ċ-ċertifikat korrispondenti

— Iċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF li jkun fih il-kjavi pubblika MSCA_VU-EGF.PK li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat VU_MA u taċ-ċertifikat VU_Sign

▼B

— Iċ-ċertifikat EUR li jkun fih il-kjavi pubblika EUR.PK li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF

— Jekk ikun jeżisti, iċ-ċertifikat EUR li l-perjodu ta' validità tiegħu jippreċedi direttament lill-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat EUR li jrid jintuża għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF

— Jekk ikun jeżisti, iċ-ċertifikat ta' kollegament li jgħaqqad lil dawn iż-żewġ ċertifikati EUR

CSM_82 Minbarra l-kjavi u ċ-ċertifikati kriptografiċi elenkati fi CSM_81, l-unitajiet tal-vettura għandu jkollhom ukoll il-kjavi u ċ-ċertifikati speċifikati fil-Parti A ta' dan l-Appendiċi, li bihom unità tal-vettura tkun tista' tinteraġixxi mal-kards tat-takografu tal-ewwel ġenerazzjoni.

9.1.5 *Il-livell tat-tagħmir: il-kards tat-takografu*

▼M1

CSM_83 Għal kull kard tat-takografu għandu jiġi ġġenerat par kjavi uniku ECC wieħed. Barra minn hekk, għal kull kard tas-sewwieq u kull kard tal-workshop għandu jiġi ġġenerat ittieni par kjavi ECC uniku, iddeżinjat bħala Card_Sign. Din il-kompitu jistgħu jwettquh il-manifatturi tal-kards jew il-personalizzaturi tal-kards. Kull meta jiġi ġġenerat par kjavi tal-kard, il-parti li tiġġenera l-kjavi għandha tibgħat il-kjavi pubblika lill-MSCA tagħha, biex tikseb ċertifikat korrispondenti tal-kard iffirmat mill-MSCA. Il-kjavi privata għandha tużaha biss il-kard tat-takografu.

▼B

CSM_84 Iċ-ċertifikati Card_MA u Card_Sign ta' xi kard partikolari tas-sewwieq jew tal-workshop għandu jkollhom l-istess Data Effettiva taċ-Ċertifikat.

CSM_85 Il-manifattur tal-kard jew il-personalizatur tal-kard għandu jagħżel il-qawwa ta' par kjavi tal-kard daqs il-qawwa tal-par kjavi tal-MSCA użat biex jiġi ffirmat iċ-ċertifikat korrispondenti tal-kard.

CSM_86 Il-kard tat-takografu għandha tuża il-par kjavi Card_MA tagħha, li fih il-kjavi privata Card_MA.SK u l-kjavi pubblika Card_MA.PK, eskluživament biex twettaq l-awtentikazzjoni reċiproka u ftehim ta' kjavi ta' sessjoni għall-unitajiet tal-vettura, kif jispeċifikaw is-Sezzjonijiet 10.3 u 10.4 ta' dan l-Appendiċi.

CSM_87 Il-kard tas-sewwieq jew il-kard tal-workshop għandha tuża l-kjavi privata Card_Sign.SK tal-par kjavi Card_Sign tagħha eskluživament biex jiffirmaw il-fajls tad-dejta mniżżla, kif jispeċifika l-Kapitolu 14 ta' dan l-Appendiċi. Il-par kjavi VU_Sign.PK korrispondenti għandu jintuża eskluživament biex jivverifika l-firem maħluqa mill-kard.

▼M1

CSM_88 Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat Card_MA għandu jkun kif ġej:

— Għall-kards tas-sewwieqa: 5 snin

— Għall-kards tal-kumpanija: 5 snin

— Għall-kards tal-kontroll: sentejn

— Għall-kards tal-workshop: sena

▼B

CSM_89 Iċ-ċertifikat Card_Sign għandu jkun validu hekk:

— Għall-kards tas-sewwieqa: 5 snin u xahar (1)

— Għall-kards tal-workshop: Sena (1) u xahar (1)

Nota: Bl-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' ċertifikat Card_Sign, kard tas-sewwieq tkun tista' toħloq firem validi fuq id-dejta mniżżla fl-ewwel xahar wara li jkun skada. Dan hu meħtieġ għax ir-Regolament (UE) Nru 581/2010 jeżiġi li d-dejta trid tkun tista' titniżżel minn kard tas-sewwieq sa 28 jum wara r-reġistrazzjoni tal-aħħar dejta.

CSM_90 Il-pari kjavi u ċ-ċertifikati korrispondenti ta' kard tat-takografu partikolari ma għandhomx jinbidlu jew jiġġeddu fil-qasam ladarba tkun inħarġet il-kard.

CSM_91 Meta jinħarġu, il-kards tat-takografu għandu jkun fihom dawn il-kjavi u ċ-ċertifikati kriptografiċi:

— Il-kjavi privata Card_MA u ċ-ċertifikat korrispondenti

— Barra minn hekk, għall-kards tas-sewwieqa u għall-kards tal-workshop: il-kjavi privata Card_Sign u ċ-ċertifikat korrispondenti

— Iċ-ċertifikat MSCA_Card li jkun fih il-kjavi pubblika MSCA_Card.PK li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat Card_MA u taċ-ċertifikat Card_Sign

— Iċ-ċertifikat EUR li jkun fih il-kjavi pubblika EUR.PK li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA_Card.

— Jekk ikun jeżisti, iċ-ċertifikat EUR li l-perjodu ta' validità tiegħu jippreċedi direttament lill-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat EUR li jrid jintuża għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA_Card.

— Jekk ikun jeżisti, iċ-ċertifikat ta' kollegament li jgħaqqad lil dawn iż-żewġ ċertifikati EUR.

▼M1

— Barra minn hekk, għall-kards tal-kontroll, għall-kards tal-kumpanija u għall-kards tal-workshop biss, u jekk dawn il-kards jinħarġu matul l-ewwel tliet xhur tal-perjodu ta’ validità ta’ ċertifikat EUR ġdid: iċ-ċertifikat EUR li huwa ta’ zewġ ġenerazzjonijiet ilu, jekk hemm.

Nota għall-aħħar inċiż: Pereżempju, fl-ewwel tliet xhur taċ-ċertifikat ERCA(3) (ara l-Grafika 1), il-kards imsemmija għandhom jinkludu ċ-ċertifikat ERCA(1). Dan huwa meħtieġ biex jiżgura li dawn il-kards ikunu jistgħu jintużaw biex iwettqu tniżżil tad-dejta mill-VUs tal-ERCA(1) li l-perjodu normali ta’ użu tagħhom ta’ 15-il sena flimkien mal-perjodu ta’ tliet xhur ta’ tniżżil tad-dejta, jiskadi matul dawn ix-xhur; ara l-aħħar inċiz tar-rekwiżit 13) fl-Anness IC.

▼B

CSM_92 Minbarra l-kjavi u ċ-ċertifikati kriptografiċi elenkati fi CSM_91, il-kards tat-takografu għandu jkollhom ukoll il-kjavi u ċ-ċertifikati speċifikati fil-Parti A ta' dan l-Appendiċi, li bihom dawn il-kards ikunu jistgħu jinteraġixxu tal-unitajiet tal-vettura tal-ewwel ġenerazzjoni.

▼B

9.1.6 *Il-livell tat-tagħmir: il-faċilitajiet tal-GNSS esterni*

▼M1

CSM_93 Għal kull faċilità tal-GNSS esterna għandu jiġi ġġenerat par kjavi ECC uniku wieħed, dežinjat bħala EGF_MA. Dan il-kompitu għandhom iwettquh il-manifatturi tal-faċilità tal-GNSS esterna. Kull meta jiġi ġġenerat par kjavi EGF_MA, il-parti li tiġġenera l-kjavi għandha tibgħat il-kjavi pubblika lill-MSCA tagħha, biex tikseb ċertifikat korrispondenti EGF_MA ffirmat mill-MSCA. Il-kjavi privata għandha tużaha biss il-faċilità tal-GNSS esterna.

▼B

CSM_94 Il-manifattur tal-faċilità tal-GNSS esterna għandu jagħżel il-qawwa ta' par kjavi EGF_MA daqs il-qawwa tal-par kjavi tal-MSCA użat biex jiġi ffirmat iċ-ċertifikat EGF_MA korrispondenti.

▼M1

CSM_95 Faċilità tal-GNSS esterna għandha tuża il-par kjavi EGF_MA tagħha, li fih il-kjavi privata EGF_MA.SK u l-kjavi pubblika EGF_MA.PK, esklużivament biex twettaq l-awtentikazzjoni reċiproka u ftehim ta' kjavi ta' sessjoni għall-unitajiet tal-vettura, kif speċifikat fis-sezzjoni 11.4 ta' dan l-Appendiċi.

▼B

CSM_96 Iċ-ċertifikat EGF_MA għandu jkun validu għal 15-il sena.

CSM_97 Faċilità tal-GNSS esterna ma għandhiex tuża l-kjavi privata tal-par kjavi EGF_MA tagħha għall-akkoppjament ma' unità tal-vettura wara li jkun skada ċ-ċertifikat korrispondenti.

Nota: kif tispjega s-Sezzjoni 11.3.3, faċilità tal-GNSS esterna potenzjalment tista' tuża il-kjavi privata tagħha għall-awtentikazzjoni reċiproka lejn l-unità tal-vettura li tkun diġà akkoppjata magħha, anki wara li jkun skada ċ-ċertifikat korrispondenti.

CSM_98 Il-pari kjavi EGF_MA u ċ-ċertifikat korrispondenti ta' faċilità tal-GNSS esterna partikolari ma għandhomx jinbidlu jew jiġġeddu fis-qasam ladarba l-faċilità tal-GNSS esterna tibda titħaddem.

Nota: Dan ir-rekwiżit ma jeskludix il-possibbiltà li l-pari kjavi tal-faċilità tal-GNSS esterna jinbidlu waqt it-tiġdid jew it-tiswija f'ambjent sigur ikkontrollat mill-manifattur tal-faċilità tal-GNSS esterna.

CSM_99 Meta titħaddem, faċilità tal-GNSS esterna għandu jkun fiha dawn il-kjavi u ċ-ċertifikati kriptografiċi:

— Il-kjavi privata EGF_MA u ċ-ċertifikat korrispondenti

— Iċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF li jkun fih il-kjavi pubblika MSCA_VU-EGF.PK li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat EGF_MA

— Iċ-ċertifikat EUR li jkun fih il-kjavi pubblika EUR.PK li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF

▼B

— Jekk ikun jeżisti, iċ-ċertifikat EUR li l-perjodu ta' validità tiegħu jipprieċedi direttament lill-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat EUR li jrid jintuża għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF

— Jekk ikun jeżisti, iċ-ċertifikat ta' kollegament li jgħaqqad lil dawn iż-żewġ ċertifikati EUR


9.1.7 *Ħarsa ġenerali: Il-bdil taċ-ċertifikati*

Il-Grafika 1 ta' hawn taħt turi kif jinħarġu u jintużaw il-ġenerazzjonijiet differenti taċ-ċertifikati bażi tal-ERCA, taċ-ċertifikati ta' kollegament tal-ERCA, taċ-ċertifikati tal-MSCA u taċ-ċertifikati tat-tagħmir (l-unitajiet tal-vettura u l-kards) matul iż-żmien:

▼M1

Grafika 1

Il-ħruġ u l-użu tal-ġenerazzjonijiet differenti taċ-ċertifikati bażi tal-ERCA, taċ-ċertifikati ta' kollegament tal-ERCA, taċ-ċertifikati tal-MSCA u taċ-ċertifikati tal-apparat



▼B

Noti għall-Grafika 1:

1. Il-ġenerazzjonijiet differenti taċ-ċertifikat bażi jidhru bin-numri fil-parenteżi. Eż: L-ERCA (1) hu l-ewwel ġenerazzjoni taċ-ċertifikat bażi tal-ERCA; L-ERCA (2) hu t-tieni ġenerazzjoni, etc.

2. Iċ-ċertifikati l-oħra jidhru b'żewġ numri fil-parenteżi, l-ewwel wieħed juri l-ġenerazzjoni taċ-ċertifikat bażi li biha jkunu nħarġu u t-tieni wieħed juri l-ġenerazzjoni taċ-ċertifikat innifsu. Eż: MSCA_Card (1-1) hu l-ewwel ċertifikat MSCA_Card maħruġ bl-ERCA (1); L-MSCA_Card (2-1) hu l-ewwel ċertifikat MSCA_Card maħruġ bl-ERCA (2); L-MSCA_Card (2-last) hu l-aħħar ċertifikat MSCA_Card maħruġ bl-ERCA (2); Il-Card_MA (2-1) hu l-ewwel ċertifikat tal-kard għall-awtentikazzjoni reċiproka maħruġ bl-ERCA (2), eċċ.

3. Iċ-ċertifikati MSCA_Card (2-1) u MSCA_Card (1-last) jinħarġu kważi fl-istess żmien, iżda mhux eżattament. L-MSCA_Card (2-1) hu l-ewwel ċertifikat MSCA_Card maħruġ b'ERCA (2) u jinħarġu daqs-xejn wara ċ-ċertifikat MSCA_Card (1-last), l-aħħar ċertifikat MSCA_-Card bl-ERCA (1).

4. Kif jidher fil-Grafika, l-ewwel ċertifikati tal-VU u tal-Kard maħruġa bl-ERCA (2) jidhru kważi sentejn qabel jidhru l-aħħar ċertifikati tal-VU u tal-Kard maħruġa b'ERCA (1). Dan jiġri għax iċ-ċertifikati tal-VU u tal-Kard jinħarġu b'ċertifikat tal-MSCA, u mhux direttament biċ-ċertifikat tal-ERCA. Iċ-ċertifikat tal-MSCA (2-1) jinħareġ direttament meta l-ERCA (2) jsir validu, iżda ċ-ċertifikat tal-MSCA (1-last) jinħareġ biss dasqxejn qabel, fl-aħħar mument meta ċ-ċertifikat tal-ERCA (1) ikun għandu validu. Għalhekk, dawn iż-żewġ ċertifikati tal-MSCA ikollhom kważi l-istess perjodu ta' validità, minkejja l-fatt li jkunu minn ġenerazzjonijiet differenti.

5. Il-perjodu ta' validità indikat għall-kards hu dak għall-kards tas-sewwieqa (5 snin).

▼M1

6. Sabiex jiġi ffrankat l-ispazju, id-differenza fil-perjodu ta' validità bejn iċ-ċertifikati Card_MA u Card_Sign tintwera biss għall-ewwel ġenerazzjoni.

▼B

9.2. **Kjavi simetriċi**

9.2.1 *Kjavi biex il-Komunikazzjoni bejn is-Sensor tal-Moviment u l-VU titpoġġa f'qafas sigur*

9.2.1.1 *Ġenerali*

Nota: min jaqra din is-sezzjoni suppost ikunu midħla tal-kontenut ta' [ISO 16844-3] li jiddeskrivi l-interfaċċa bejn unità tal-vettura u sensor tal-moviment. Il-proċess biex unità tal-vettura tiġi akkoppjata ma' sensor tal-moviment jiddeskrivih fid-dettall il-Kapitolu 12 ta' dan l-Appendiċi.

CSM_100 Hemm bżonn għadd ta' kjavi simetriċi għall-akkoppjament tal-unitajiet tal-vettura mas-sensors tal-moviment, għall-awtentikazzjoni reċiproka bejn l-unitajiet tal-vettura u s-sensors tal-moviment u għall-kriptaġġ tal-komunikazzjoni bejn l-unitajiet tal-vettura u s-sensors tal-moviment, kif muri fit-Tabella 3. Dawn il-kjavi għandhom ikunu l-kjavi tal-AES, bit-tul tal-kjavi daqs it-tul tal-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment, u dan għandu jintrabat mat-tul tal-par kjavi bażi Ewropew (previst) kif deskritt fi CSM_50.

▼B

Tabella 3

Kjavi biex il-komunikazzjoni bejn l-unità tal-vettura u s-sensor tal-moviment titpoġġa f'qafas sigur

Tifsira	Simbolu	Iġġenerat minn	Metodu tal-ġenerazzjoni	Maħżun minn
Kjavi Prinċipali ta' Sensor tal-Moviment — il-parti tal-VU	K_{M-VU}	ERCA	Aleatorju	L-ERCA, l-MSCAs involuti fil-ħruġ taċ-ċertifikati tal-unitajiet tal-vettura, il-manifatturi tal-unitajiet tal-vettura, l-unitajiet tal-vettura
Kjavi Prinċipali ta' Sensor tal-Moviment — il-parti tal-workshop	K_{M-WC}	ERCA	Aleatorju	L-ERCA, l-MSCAs, il-manifatturi tal-kards, il-kards tal-workshop
Kjavi Prinċipali ta' Sensor tal-Moviment	K_M	Mhux iġġenerat b'mod indipendenti	Ikkalkulat bħala K_M = K_{M-VU} XOR K_{M-WC}	L-ERCA, l-MSCAs involuti fil-ħruġ tal-kjavi tas-sensors tal-moviment (mhux obbligatorju) (*)
Kjavi ta' Identifikazzjoni	K_{ID}	Mhux iġġenerat b'mod indipendenti	Ikkalkulat bħala K_{ID} = K_M XOR CV, fejn CV hu speċifikat fi CSM_106	L-ERCA, l-MSCAs involuti fil-ħruġ tal-kjavi tas-sensors tal-moviment (mhux obbligatorju) (*)
Kjavi tal-Akkoppjament	K_P	Il-manifattur tas-sensor tal-moviment	Aleatorju	Sensor tal-moviment wieħed
Kjavi ta' Sessjoni	K_S	Unità tal-Vettura (meta unità tal-vettura tiġi akkoppjata ma' sensor tal-moviment)	Aleatorju	Unità tal-Vettura waħda u sensor tal-moviment wieħed

(*) Il-ħżin ta' K_M u K_{ID} mhux obbligatorju għax dawn il-kjavi jistgħu jinkisbu minn K_{M-VU}, K_{M-WC} u CV.

CSM_101 L-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni Bażi Ewropea (ERCA) għandha tiġġenera K_{M-VU} u K_{M-WC}, żewġ kjavi tal-AES uniċi u aleatorji li bihom il-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment K_M tista' tiġi kkalkulata bħala K_{M-VU} XOR K_{M-WC}. Meta tintalab, l-ERCA għandha tikkomunika K_M, K_{M-VU} u K_{M-WC} lill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istati Membri.

CSM_102 Lil kull kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment, l-ERCA għandha tassenjalha K_M, numru uniku tal-verżjoni, li għandu jkun applikabbli wkoll biex jissawru l-kjavi K_{M-VU} u K_{M-WC}, u għall-kjavi ta' identifikazzjoni relatata K_{ID}. Meta tibgħatilhom K_{M-VU} u K_{M-WC}, l-ERCA għandha tinforma lill-MSCAs dwar in-numru tal-verżjoni.

Nota: In-numru tal-verżjoni jintuża biex jiddistingwi bejn il-ġenerazzjonijiet differenti ta' dawn il-kjavi, kif spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 9.2.1.2.

CSM_103 Meta tintalab, Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni ta' Stat Membru għandha tgħaddi l-K_{M-VU} u n-numru tal-verżjoni tagħha lill-manifatturi tal-unità tal-vettura. Il-manifatturi tal-unitajiet tal-vettura għandhom idaħħlu l-K_{M-VU} u n-numru tal-verżjoni tagħha f'kull unità tal-vettura manifatturata.

CSM_104 Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni ta' Stat Membru għandha tiżgura li l-K_{M-WC} u n-numru tal-verżjoni tagħha għandhom jiddaħħlu f'kull kard tal-workshop li tinħareġ bir-responsabbiltà tagħha.

Noti:

— Ara d-deskrizzjoni tat-tip tad-dejta `SensorInstallationSecData` fl-Appendiċi 2.

▼B

— kif tispjega s-Sezzjoni 9.2.1.2, f'kard tal-workshop waħda jaf ikunu jridu jiddaħħlu bosta ġenerazzjonijiet ta' K_{M-WC}.

CSM_105 Minbarra l-kjavi tal-AES speċifikata fi CSM_104, l-MSCA għandha tiżgura li l-kjavi tat-TDES Km_{WC}, speċifikata fir-rekwiżit CSM_037 fil-Parti A ta' dan l-Appendiċi tiddaħħal f'kull kard tal-workshop li tinħareġ bir-responsabbiltà tagħha.

Noti:

— B'hekk, il-kard tal-workshop tat-tieni ġenerazzjoni tkun tista' tintuża għall-akkoppjament ta' unità tal-vettura tal-ewwel ġenerazzjoni.

— Kard tal-workshop tat-tieni ġenerazzjoni jkun fiha żewġ applikazzjonijiet differenti, waħda konformi mal-Parti B ta' dan l-Appendiċi u l-oħra konformi mal-Parti A. Din tal-aħħar ikun fiha l-kjavi tat-TDES Km_{WC}.

CSM_106 L-MSCA involuta fil-ħruġ tas-sensors tal-moviment għandha tidderivi l-kjavi ta' identifikazzjoni mill-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment billi tgħaddiha minn XOR b'vettur kostanti CV. Il-valur tas-CV għandu jkun hekk:

▼M1

— Għall-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment ta' 128 bit: CV = ‘B6 44 2C 45 0E F8 D3 62 0B 7A 8A 97 91 E4 5D 83’

▼B

— Għall-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment ta' 192 bit: CV = ‘72 AD EA FA 00 BB F4 EE F4 99 15 70 5B 7E EE BB 1C 54 ED 46 8B 0E F8 25’

— Għall-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment ta' 256 bit: CV = ‘1D 74 DB F0 34 C7 37 2F 65 55 DE D5 DC D1 9A C3 23 D6 A6 25 64 CD BE 2D 42 0D 85 D2 32 63 AD 60’

Nota: il-vetturi kostanti ġew iġġenerati hekk:

Pi_10 = l-ewwel 10 bytes tal-porzjon deċimali kostanti matematiċi π = ‘24 3F 6A 88 85 A3 08 D3 13 19’

CV_128-bits = l-ewwel 16-il byte ta' SHA-256(Pi_10)

CV_192-bits = l-ewwel 24 byte ta' SHA-384(Pi_10)

CV_256-bits = l-ewwel 32 byte ta' SHA-512(Pi_10)

CSM_107 ►M1 Kull manifattur tas-sensor tal-moviment għandu jiġġenera kjavi tal-akkoppjament K_P aleatorja u unika għal kull sensor tal-moviment, u għandu jibgħat kull kjavi tal-akkoppjament lill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istat Membru tiegħu. L-MSCA għandha tikkripta kull kjavi tal-akkoppjament b’mod separat mal-kjavi prinċipali ta’ sensor tal-moviment K_M u treġġa’ lura l-kjavi kriptata lill-manifattur tas-sensor tal-moviment. Għal kull kjavi kriptata, l-MSCA għandha tgħarraf lill-manifattur tas-sensor tal-moviment bin-numru tal-verżjoni tal-K_M assoċjata. ◄

Nota: kif tispjega s-Sezzjoni 9.2.1.2, fil-fatt manifattur ta' sensor tal-moviment jaf ikollu jiġġenera bosta kjavi tal-akkoppjament uniċi għal sensor tal-moviment uniku.

▼M1

CSM_108 Kull manifattur tas-sensor tal-moviment għandu jiġġenera numru tas-serje uniku għal kull sensor tal-moviment, u għandu jibgħat kull numru tas-serje lill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istat Membru tiegħu. L-MSCA għandha tikkripta kull numru tas-serje b'mod separat mal-kjavi ta' identifikazzjoni K_{ID} u treġġa' lura n-numru tas-serje kriptat lill-manifattur tas-sensor tal-moviment. Għal kull numru tas-serje kriptat, l-MSCA għandha tgħarraf lill-manifattur tas-sensor tal-moviment bin-numru tal-verżjoni tal-K_{ID} assoċjata.

▼B

CSM_109 Għar-rekwiżiti CSM_107 u CSM_108, l-MSCA għandha tuża l-algoritmu tal-AES fil-modalità ta' operazzjoni ta' Konkatenazzjoni ta' Cipher Block, kif definit fi [ISO 10116], b'parametru interleave *m*=1 u vettur ta' inizjalizzazzjoni SV = '00' {16}, jiġifieri sittax-il byte b'valur ta' binary 0. Meta jkun meħtieġ, l-MSCA għandha tuża l-metodu 2 tal-padding stabbilit fi [ISO 9797-1].

CSM_110 Il-manifattur tas-sensor tal-moviment għandu jaħżen il-kjavi tal-akkoppjament kriptata u n-numru tas-serje kriptat fis-sensor tal-moviment maħsub, flimkien mal-valuri tat-test ordinarju korrispondenti u n-numru tal-verżjoni ta' K_M u K_{ID} użati għall-kriptaġġ.

Nota: kif tispjega s-Sezzjoni 9.2.1.2, fil-fatt f'sensor tal-moviment wieħed, il-manifattur ta' sensor tal-moviment jaf ikollu jdaħħal bosta kjavi tal-akkoppjament kriptati u bosta numri tas-serje kriptati.

CSM_111 Minbarra materjal kriptografiku bbażat fuq l-AES speċifikat fi CSM_110, f'kull sensor tal-moviment, il-manifattur ta' sensor tal-moviment jaf jaħżen ukoll il-materjal kriptografiku bbażat fuq it-TDES speċifikat fir-rekwiżit CSM_037 fil-Parti A ta' dan l-Appendiċi.

Nota: b'hekk sensor tal-moviment tat-tieni ġenerazzjoni jkun jista jiġi akkoppjat ma' unità tal-vettura tal-ewwel ġenerazzjoni.

CSM_112 It-tul tal-kjavi ta' sessjoni K_S iġġenerati minn unità tal-vettura waqt l-akkoppjament ma' sensor tal-moviment għandu jintrabat mal-$K_{M\text{-}VU}$ tiegħu, kif deskritt fi CSM_50.


9.2.1.2 *Il-Bdil ta' Kjavi Prinċipali ta' Sensor tal-Moviment f'Tagħmir tat-Tieni Ġenerazzjoni*

CSM_113 Kull kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment u kull kjavi relatata (ara t-Tabella 3) huma assoċjati ma' ġenerazzjoni partikolari tal-par kjavi bażi tal-ERCA. Għalhekk dawn il-kjavi għandhom jinbidlu kull 17-il sena. Il-perjodu ta' validità ta' kull ġenerazzjoni tal-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment għandu jibda sena qabel li l-par kjavi bażi tal-ERCA assoċjat isir validu u għandu jintemm meta jiskadi l-par kjavi bażi tal-ERCA assoċjat. Dan turih il-Grafika 2.

▼B

Grafika 2

Il-ħruġ u l-użu ta' ġenerazzjonijiet differenti tal-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment fl-unitajiet tal-vettura, is-sensors tal-moviment u l-kards tal-workshop



CSM_114 Minn tal-inqas sena qabel tiġġenera par kjavi bażi Ewropew ġdid, kif deskritt fi CSM_56, l-ERCA għandha tiġġenera kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment K_M ġdida billi tiġġenera K_{M-VU} u K_{M-WC} ġodda. It-tul tal-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment għandu jintrabat mal-qawwa prevista tal-par kjavi bażi Ewropew il-ġdid, skont CSM_50. Meta tintalab, l-ERCA għandha tikkomunika l-K_M, il-K_{M-VU} u l-K_{M-WC} il-ġodda lill-MSCAs, kif ukoll in-numru tal-verżjoni tagħhom.

CSM_115 MSCA għandha tiżgura li kull ġenerazzjoni valida ta' K_{M-WC} tinħażen f'kull kard tal-workshop maħruġa bl-awtorità tagħha, flimkien man-numri tal-verżjoni tagħhom, kif muri fil-Grafika 2.

Nota: dan jimplika li fl-aħħar sena tal-perjodu ta' validità ta' ċertifikat tal-ERCA, il-kards tal-workshop se jinħarġu bi tliet ġenerazzjonijiet differenti ta' K_{M-WC}, kif muri fil-Grafika 2.

CSM_116 B'rabta mal-proċess deskritt fi CSM_107 u fi CSM_108 hawn fuq: MSCA għandha tikkripta kull kjavi tal-akkoppjament K_P li tirċievi mingħand manifattur ta' sensor tal-moviment b'mod separat b'kull ġenerazzjoni valida tal-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment K_M. MSCA għandha tikkripta wkoll kull numru tas-serje li tirċievi mingħand manifattur ta' sensor tal-moviment b'mod separat b'kull ġenerazzjoni valida tal-kjavi ta' identifikazzjoni K_{ID}. Manifattur ta' sensor tal-moviment għandu jaħżen kull kriptaġġ tal-kjavi tal-akkoppjament u kull kriptaġġ tan-numru tas-serje fis-sensor tal-moviment maħsub, flimkien mal-valuri tat-test ordinarju korrispondenti u n-numru/i tal-verżjoni ta' K_M u K_{ID} użati għall-kriptaġġ.

▼B

Nota: dan jimplika li fl-aħħar sena tal-perjodu ta' validità ta' ċertifikat tal-ERCA, is-sensors tal-moviment se jinħarġu b'dejta kriptata bbażata fuq tliet ġenerazzjonijiet differenti ta' K_M, kif muri fil-Grafika 2.

CSM_117 B'rabta mal-proċess deskritt fi CSM_107 hawn fuq: Billi t-tul tal-kjavi tal-akkoppjament K_P għandu jintrabat mat-tul ta' K_M (ara CSM_100), għal sensor tal-moviment wieħed, il-manifattur ta' sensor tal-moviment jaf ikollu jiġġenera sa tliet kjavi tal-akkoppjament differenti (b'tulijiet differenti) jekk il-ġenerazzjonijiet sussegwenti ta' K_M ikollhom tulijiet differenti. Jekk jagħmel dan, il-manifattur għandu jibgħat kull kjavi tal-akkoppjament lill-MSCA. L-MSCA għandha tiżguraw li kull kjavi tal-akkoppjament tkun kriptata bil-ġenerazzjoni korretta tal-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment, jiġifieri dik li jkollha l-istess tul.

Nota: Jekk il-manifattur tas-sensor tal-moviment jagħżel li jiġġenera kjavi tal-akkoppjament ibbażata fuq it-TDES għal sensor tal-moviment tat-tieni ġenerazzjoni (ara CSM_111), il-manifattur għandu jinforma lill-MSCA li l-kjavi tal-akkoppjament ta' sensor tal-moviment ibbażata fuq it-TDES trid tintuża għall-kriptaġġ ta' din il-kjavi tal-akkoppjament. Dan jiġri għax it-tul tal-kjavi tat-TDES jaf ikun daqs it-tul tal-kjavi tal-AES, u għalhekk l-MSCA ma tistax tiġġudika biss fuq it-tul tal-kjavi.

CSM_118 Il-manifatturi tal-unitajiet tal-vettura għandhom idaħħlu biss ġenerazzjoni waħda ta' $K_{M\text{-}VU}$ f'kull unità tal-vettura, flimkien man-numru tal-verżjoni tagħha. Dan il-ġenerazzjoni ta' $K_{M\text{-}VU}$ għandha tintrabat maċ-ċertifikat tal-ERCA li fuqu jissejsu ċ-ċertifikati tal-VU.

Noti:

— Unità tal-vettura bbażata fuq ċertifikat tal-ERCA tal-ġenerazzjoni *X* għandu jkun fiha biss il-$K_{M\text{-}VU}$ tal-ġenerazzjoni *X*, anki jekk din tinħareġ wara li jkun beda l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tal-ERCA tal-ġenerazzjoni *X+1*. Dan turih il-Grafika 2.

— Unità tal-vettura tal-ġenerazzjoni *X* ma' sensor tal-moviment tal-ġenerazzjoni *X-1*.

— Billi l-kards tal-workshop ikollhom perjodu ta' validità ta' sena, ir-riżultat ta' CSM_113-CSM_118 se jwassal biex kull kard tal-workshop ikun fiha l-$K_{M\text{-}WC}$ il-ġdida meta tinħareġ l-ewwel unità tal-vettura li jkun fiha l-$K_{M\text{-}VU}$ il-ġdida. Għalhekk din l-unità tal-vettura dejjem se tkun tista' tikkalkula l-K_M il-ġdida. Barra minn hekk, sadattant ħafna mis-sensors tal-moviment il-ġodda jkun diġà għandhom dejta kriptata bbażata fuq il-K_M, il-ġdida.

9.2.2 *Il-Kjavi li jiżguraw il-Komunikazzjoni tad-DSRC*

9.2.2.1 *Ġenerali*

CSM_119 L-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-dejta mibgħuta minn unità tal-vettura lil awtorità tal-kontroll b'mezz ta' komunikazzjoni remota tad-DSRC għandhom jiġu żgurati permezz ta' sett kjavi tal-AES speċifiku għall-VU derivat minn kjavi prinċipali tad-DSRC waħda, il-KM_{DSRC}.

▼B

CSM_120 Il-kjavi prinċipali tad-DSRC, il-KM_{DSRC} għandha tkun kjavi tal-AES li tinħoloq, tinħażen u titqassam b'mod sigur mill-ERCA. It-tul tal-kjavi jista' jkun 128, 192 jew 256 bit u għandu jintrabat mat-tul tal-par kjavi bażi Ewropew, kif deskritt fi CSM_50.

CSM_121 Malli tintalab, l-ERCA għandha tikkomunika l-kjavi prinċipali tad-DSRC lill-Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istati Membri b'mod sigur, ħalli dawn ikunu jistgħu jidderivu kjavi tad-DSRC speċifiċi għall-VU u biex jiżguraw li l-kjavi prinċipali tad-DSRC tiddaħħal f'kull kard tal-kontroll u kull kard tal-workshop maħruġa bir-responsabbiltà tagħhom.

CSM_122 Lil kull kjavi prinċipali tad-DSRC, l-ERCA għandha tassenja numru uniku tal-verżjoni. Meta tibgħatilhom il-kjavi ewenija tad-DSRC, l-ERCA għandha tinforma lill-MSCAs bin-numru tal-verżjoni.

Nota: In-numru tal-verżjoni jintuża biex jiddistingwi bejn il-ġenerazzjonijiet differenti tal-kjavi prinċipali tad-DSRC, kif spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 9.2.2.2.

▼M1

CSM_123 Għal kull unità tal-vettura, il-manifattur tal-unità tal-vettura għandu joħloq numru tas-serje uniku tal-VU u meta jintalab dan għandu jibagħtu lill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni tal-Istat Membru tiegħu biex jikseb sett ta' żewġ kjavi tad-DSRC speċifiċi għall-VU. In-numru tas-serje tal-VU għandu jkollu t-tip tad-dejta VuSerialNumber.

Nota:

— In-numru tas-serje tal-VU għandu jkun identiku għall-element vuSerialNumber tal-VuIdentification, ara l-Appendiċi 1 u għar-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat fiċ-ċertifikati tal-VU.

— Hemm mnejn li n-numru tas-serje tal-VU ma jkunx magħruf meta l-manifattur tal-unità tal-vettura jitlob il-kjavi tad-DSRC speċifiċi għall-VU. F'dan il-każ, il-manifattur tal-VU minflok għandu jibgħat l-ID uniku tat-talba taċ-ċertifikat li uża meta talab iċ-ċertifikati tal-VU; ara CSM_153. Għalhekk, dan l-ID tat-talba taċ-ċertifikat għandu jkun l-istess bħar-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat fiċ-ċertifikati tal-VU.

▼B

CSM_124 Malli tirċievi talba għal kjavi tad-DSRC speċifika għall-VU, l-MSCA għandha tidderivi żewġ kjavi tal-AES għall-unità tal-vettura, imsejħin K_VU_{DSRC}_ENC u K_VU_{DSRC}_MAC. Dawn il-kjavi speċifiċi għall-VU għandu jkollhom l-istess tul bħall-kjavi prinċipali tad-DSRC. L-MSCA għandha tuża l-funzjoni għad-derivazzjoni tal-kjavi li hemm definita fi [RFC 5869]. Il-funzjoni hash meħtieġa biex tistanzja l-funzjoni HMAC-Hash għandha tintrabat mat-tul tal-kjavi prinċipali tad-DSRC, kif deskritt fi CSM_50. Il-funzjoni għad-derivazzjoni tal-kjavi fi [RFC 5869] għandha tintuża hekk:

L-Istadju 1 (Estratt):

— *PRK* = HMAC-Hash (*salt, IKM*) fejn *salt* hi string vojta '' u *IKM* hi KM_{DSRC}.

▼B

L-Istadju 2 (Estiż):

— *OKM* = *T(1)*, fejn

T(1) = HMAC-Hash (*PRK*, *T(0)* || *info* || '01') fejn

— *T(0)* = string vojta ('')

— ►M1 *info* = numru tas-serje tal-VU jew ID tat-talba taċ-ċertifikat, kif speċifikat fi CSM_123 ◄

— K_VU_{DSRC}_ENC = l-ewwel octets *L* ta' *OKM* u

K_VU_{DSRC}_MAC = l-aħħar octets *L* ta' *OKM*

fejn *L* hu t-tul meħtieġ ta' K_VU_{DSRC}_ENC u K_VU_{DSRC}_MAC f'octets.

CSM_125 L-MSCA għandha tqassam il-K_VU_{DSRC}_ENC u l-K_VU_{DSRC}_MAC lill-manifattur tal-VU b'mod sigur biex jiddaħħlu fl-unità tal-vettura prevista.

CSM_126 Meta jinħarġu, unità tal-vettura għandha tkun ħażnet il-K_VU_{DSRC}_ENC u l-K_VU_{DSRC}_MAC fil-memorja sigura tagħha, ħalli tkun tista' tiżgura l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-dejta mibgħuta bil-mezz ta' komunikazzjoni remota. Unità tal-vettura għandha taħżen ukoll in-numru tal-verżjoni tal-kjavi prinċipali tad-DSRC użata biex jinkisbu dawn il-kjavi speċifiċi għall-VU.

CSM_127 Meta jinħarġu, il-kards tal-kontroll u l-kards tal-workshop għandhom ikunu ħażnu l-KM_{DSRC} fil-memorja sigura tagħhom, ħalli jkunu jistgħu jiżguraw l-integrità u l-awtentiċità tad-dejta mibgħuta minn VU bil-mezz ta' komunikazzjoni remota u biex jiddekriptaw din id-dejta. Il-kards tal-kontroll u l-kards tal-workshop għandhom jaħżnu wkoll in-numru tal-verżjoni tal-kjavi prinċipali tad-DSRC.

Nota: kif tispjega s-Sezzjoni 9.2.2.2, f'kard tal-workshop waħda jew f'kard tal-kontroll waħda, jaf ikunu jridu jiddaħħlu bosta ġenerazzjonijiet ta' KM_{DSRC}.

▼M1

CSM_128 L-MSCA għandha żżomm rekord ta' kull kjavi tad-DSRC speċifika għall-VU li tiġġenera, in-numru tal-verżjoni tagħhom u n-numru tas-serje tal-VU jew l-ID tat-talba taċ-ċertifikat użati biex jinkisbu.

▼B


9.2.2.2 *Il-Bdil tal-Kjavi prinċipali tad-DSRC*

CSM_129 Kull kjavi prinċipali tad-DSRC hu assoċjat ma' ġenerazzjoni partikolari tal-par kjavi bażi tal-ERCA. Għalhekk l-ERCA għandha tibdel il-kjavi prinċipali tad-DSRC kull 17-il sena. Il-perjodu ta' validità ta' kull ġenerazzjoni ta' kjavi prinċipali tad-DSRC għandu jibda sentejn qabel li l-par kjavi bażi tal-ERCA assoċjat isir validu u għandu jintemm meta jiskadi l-par kjavi bażi tal-ERCA assoċjat. Dan turih il-Grafika 3.

▼B

Grafika 3

Il-ħruġ u l-użu ta' ġenerazzjonijiet differenti tal-kjavi prinċipali tad-DSRC fl-unitajiet tal-vettura, il-kards tal-workshop u l-kards tal-kontroll



CSM_130 Tal-inqas sentejn qabel tiġġenera par kjavi bażi Ewropew ġdid, kif deskritt fi CSM_56, l-ERCA għandha tiġġenera kjavi prinċipali tad-DSRC ġdida. It-tul tal-kjavi prinċipali tad-DSRC għandu jintrabat mal-qawwa prevista tal-par kjavi bażi Ewropew il-ġdid, skont CSM_50. Meta tintalab, l-ERCA għandha tikkomunika l-kjavi prinċipali tad-DSRC il-ġdida lill-MSCAs, kif ukoll in-numru tal-verżjoni tagħha.

CSM_131 MSCA għandha tiżgura li kull ġenerazzjoni valida ta' KM_{DSRC} tinħażen f'kull kard tal-kontroll maħruġa bl-awtorità tagħha, flimkien man-numri tal-verżjoni tagħhom, kif muri fil-Grafika 3.

Nota: dan jimplika li fl-aħħar sentejn tal-perjodu ta' validità ta' ċertifikat tal-ERCA, il-kards tal-kontroll se jinħarġu bi tliet ġenerazzjonijiet differenti ta' KM_{DSRC}, kif muri fil-Grafika 3.

CSM_132 MSCA għandha tiżgura li kull ġenerazzjoni ta' KM_{DSRC} li tkun valida għal tal-inqas sena u tkun għadha valida, tinħażen f'kull kard tal-workshop maħruġa bl-awtorità tagħha, flimkien man-numri tal-verżjoni tagħhom, kif muri fil-Grafika 3.

▼B

Nota: dan jimplika li fl-aħħar sena tal-perjodu ta' validità ta' ċertifikat tal-ERCA, il-kards tal-workshop se jinħarġu bi tliet ġenerazzjonijiet differenti ta' KM_{DSRC}, kif muri fil-Grafika 3.

CSM_133 Il-manifatturi tal-unitajiet tal-vettura għandhom idaħħlu biss sett wieħed ta' kjavi tad-DSRC speċifiċi għall-VU f'kull unità tal-vettura, flimkien man-numru tal-verżjoni tiegħu. Dan is-sett kjavi għandu jinkiseb mill-ġenerazzjoni KM_{DSRC} marbuta maċ-ċertifikat tal-ERCA li fuqu jissejsu ċ-ċertifikati tal-VU.

Noti:

— dan jimplika li unità tal-vettura bbażata fuq ċertifikat tal-ERCA tal-ġenerazzjoni *X* għandu jkun fiha biss il-K_VU_{DSRC}_ENC u l-K_VU_{DSRC}_MAC tal-ġenerazzjoni *X*, anki jekk din il-VU tinħareġ wara li jkun beda l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tal-ERCA tal-ġenerazzjoni *X+1*. Dan turih il-Grafika 3.

— Billi l-kards tal-workshop għandhom perjodu ta' validità ta' sena u l-kards tal-kontroll għandhom perjodu ta' validità ta' sentejn, ir-riżultat ta' CSM_131-CSM_133 iwassal biex kull kard tal-workshop u kull kard tal-kontroll ikun fihom il-kjavi prinċipali tad-DSRC l-ġdida meta tinħareġ l-ewwel unità tal-vettura li jkun fiha l-kjavi speċifiċi għall-VU ibbażati fuq il-kjavi prinċipali.

9.3. **Ċertifikati**

9.3.1 *Ġenerali*

CSM_134 Kull ċertifikat tas-sistema tat-Takografu Intelliġenti Ewropew għandu jkun ċertifikat awtodeskrittiv u awtoverifikabbli (CV) skont [ISO 7816-4] u [ISO 7816-8].

CSM_135 ►**M1** Għall-kodifikazzjoni tal-oġġetti tad-dejta fi ħdan iċ-ċertifikati għandhom jintużaw ir-Regoli Distinti tal-Kodifikazzjoni (DER) skont [ISO 8825-1]. It-Tabella 4 turi ċ-ċertifikat sħiħ ta' kodifikazzjoni, inklużi l-bytes tat-tag u tat-tul. ◄

Nota: din il-kodifikazzjoni toħloq struttura ta' Tag-Tul-Valur (TLV) hekk:

Tag: It-tag tiġi enkowdjata f'octet waħda jew tnejn u tkun turi l-kontenut.

Tul: It-tul jiġi enkowdjat bħala numru sħiħ mhux iffirmat f'octet wieħed, f'żewġ octets jew fi tlieta, li jwassal għal tul massimu ta' 65 535 octet. Għandu jintuża l-għadd minimu ta' octets.

Valur: Il-valur jiġi kkodifikat b'żero octets jew b'octets aktar minn żero

9.3.2 *Il-kontenut taċ-ċertifikati*

CSM_136 Kull ċertifikat għandu jkollu l-istruttura li tidher fil-profil taċ-ċertifikat fit-Tabella 4.

Tabella 4

Profil taċ-Ċertifikat, il-verżjoni 1

Qasam	ID tal-qasam	Tag	Tul (bytes)	Tip tad-dejta ASN.1 (ara l-Appendiċi 1)
Ċertifikat ECC	C	'7F 21'	var	
Qafas taċ-Ċertifikat ECC	B	'7F 4E'	var	

▼B

Qasam	ID tal-qasam	Tag	Tul (bytes)	Tip tad-dejta ASN.1 (ara l-Appendiċi 1)
Identifikatur tal-Profil taċ-Ċertifikat	CPI	‘5F 29’	‘01’	`INTEGER(0..255)`
Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni	CAR	‘42’	‘08’	`KeyIdentifier`
Awtorizzazzjoni tad-Detentur taċ-Ċertifikat	CHA	‘5F 4C’	‘07’	`CertificateHolder Authorisation`
Kjavi Pubblika	PK	‘7F 49’	var	
Parametri ta' Dominju	DP	‘06’	var	`OBJECT IDENTIFIER`
Punt Pubbliku	PP	‘86’	var	`OCTET STRING`
Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat	CHR	‘5F 20’	‘08’	`KeyIdentifier`
Data Effettiva taċ-Ċertifikat	CEfD	‘5F 25’	‘04’	`TimeReal`
Data tal-Iskadenza taċ-Ċertifikat	CExD	‘5F 24’	‘04’	`TimeReal`
Firma taċ-Ċertifikat ECC	S	‘5F 37’	var	`OCTET STRING`

Nota: l-ID tal-qasam jintuża fis-Sezzjonijiet sussegwenti ta' dan l-Appendiċi biex turi l-oqsma individwali ta' ċertifikat, eż. X.CAR hu r-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni msemmi fiċ-ċertifikat tal-utent X.

9.3.2.1 Identifikatur tal-Profil taċ-Ċertifikat

CSM_137 Iċ-ċertifikati għandhom jużaw Identifikatur tal-Profil taċ-Ċertifikat biex juru l-profil taċ-ċertifikat użat. Il-verżjoni 1, kif speċifikat fit-Tabella 4, għandha tiġi identifikata bil-valur ‘00’.

9.3.2.2 Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni

CSM_138 Ir-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni għandha tintuża biex tidentifika l-kjavi pubblika li trid tintuża biex tivverifika l-firma taċ-ċertifikat. Għalhekk ir-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni għandha tkun l-istess bħar-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat fiċ-ċertifikat tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni korrispondenti.

CSM_139 Iċ-ċertifikat bażi tal-ERCA jrid ikun awtoffirmat, jiġifieri r-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni u r-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat fiċ-ċertifikat għandhom ikunu l-istess.

▼B

CSM_140 Għal ċertifikat ta' kollegament tal-ERCA, ir-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat għandha tkun bħas-CHR taċ-ċertifikat bażi tal-ERCA l-ġdid. Ir-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni għal ċertifikat ta' kollegament għandha tkun l-istess bħas-CHR taċ-ċertifikat bażi tal-ERCA preċedenti.

9.3.2.3 Awtorizzazzjoni tad-Detentur taċ-Ċertifikat

▼M1

CSM_141 Biex jingħaraf it-tip taċ-ċertifikat għandha tintuża l-Awtorizzazzjoni tad-Detentur taċ-Ċertifikat. Din fiha l-aktar sitt bytes sinifikanti fl-ID tal-Applikazzjoni tat-Takografu, flimkien mat-tip ta' apparat, li jindika t-tip ta' apparat li għalih ikun maħsub iċ-ċertifikat. Fil-każ ta' ċertifikat tal-VU, ċertifikat tal-kard tas-sewwieq jew ċertifikat tal-kard tal-workshop, it-tip ta' apparat jintuża wkoll biex tinħoloq differenza bejn ċertifikat għall-Awtentikazzjoni Reċiproka u ċertifikat għall-ħolqien ta' firem diġitali (ara s-sezzjoni 9.1 u l-Appendiċi 1, it-tip ta' dejta EquipmentType).

▼B

9.3.2.4 Kjavi Pubblika

Il-kjavi pubblika tiġbor żewġ elementi tad-dejta: il-parametri ta' dominju standardizzati li jridu jintużaw mal-kjavi pubblika fiċ-ċertifikat u l-valur tal-punt pubbliku.

CSM_142 L-element tad-dejta 'Parametri ta' Dominju' għandu jkun fih wieħed mill-identifikaturi tal-oġġett speċifikat fit-Tabella 1 b'referenza għal sett ta' parametri ta' dominju standardizzati.

CSM_143 L-element tad-dejta 'Punt Pubbliku' għandu jkun fih il-punt pubbliku. Il-punti pubbliċi tal-kurva ellittika għandhom jinqalbu għal strings ta' octets kif speċifikat fi [TR-03111]. Għandu jintuża l-format mhux kompressat tal-kodifikazzjoni. Meta jkun qed jiġi rkuprat punt tal-kurva ellittika mill-format kodifikat tiegħu, għandhom isiru l-validazzjonijiet deskritti fi [TR-03111].

9.3.2.5 Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat

CSM_144 Ir-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat hi identifikatur għall-kjavi pubblika mogħtija fiċ-ċertifikat. Din għandha tintuża bħala referenza għal din il-kjavi pubblika f'ċertifikati oħra.

CSM_145 Għaċ-ċertifikat tal-kards u għaċ-ċertifikati tal-faċilitajiet tal-GNSS esterni, ir-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat għandu jkollha t-tip tad-dejta `ExtendedSerialNumber` speċifikat fl-Appendiċi 1.

CSM_146 Għall-unitajiet tal-vettura, meta jitlob ċertifikat, il-manifattur mhux dejjem ikun jaf in-numru tas-serje speċifiku għall-manifatturi tal-VU li għaliha jkunu maħsubin dak iċ-ċertifikat u l-kjavi privata assoċjata. Jekk ikun jaf in-numru tas-serje, ir-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat għandu jkollha t-tip tad-dejta `ExtendedSerialNumber` speċifikat fl-Appendiċi 1. Jekk ma jkunx jaf in-numru tas-serje, ir-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat għandu jkollha t-tip tad-dejta `CertificateRequestID` speċifikat fl-Appendiċi 1.

▼M1

Nota: Għal ċertifikat tal-kard, il-valur tas-CHR għandu jkun daqs il-valur tal-cardExtendedSerialNumber f'EF_ICC; ara l-Appendiċi 2. Għal ċertifikat EGF, il-valur tas-CHR għandu jkun daqs il-valur tas-sensorGNSSSerialNumber f'EF_ICC; ara l-Appendiċi 14. Għal ċertifikat tal-VU, il-valur tas-CHR għandu jkun daqs il-valur tal-element vuSerialNumber tal-VuIdentification, ara l-Appendiċi 1, sakemm il-manifattur ma jkunx jaf in-numru tas-serje speċifiku għall-manifattur fil-ħin meta jintalab iċ-ċertifikat.

▼B

CSM_147 Għaċ-ċertifikat tal-ERCA u tal-MSCA, ir-Referenza tad-Detentur taċ-Ċertifikat għandu jkollha t-tip tad-dejta `CertificationAuthorityKID` speċifikat fl-Appendiċi 1.

9.3.2.6 Data Effettiva taċ-Ċertifikat

▼M1

CSM_148 Id-Data Effettiva taċ-Ċertifikat għandha turi d-data u l-ħin meta jibda l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat.

▼B

9.3.2.7 Data tal-Iskadenza taċ-Ċertifikat

CSM_149 Id-Data tal-Iskadenza taċ-Ċertifikat għandha turi d-data u l-ħin meta jintemm il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat.

9.3.2.8 Firma taċ-Ċertifikat

CSM_150 Il-firma fuq iċ-ċertifikat għandha tinħoloq fuq il-qafas taċ-ċertifikat kodifikat, inklużi t-tag u t-tul tal-qafas taċ-ċertifikat. L-algoritmu tal-firma għandu jkun ECDSA, kif speċifikat fi [DSS], bl-użu tal-algoritmu hash marbut mad-daqs tal-kjavi tal-awtorità firmatarja, kif speċifikat fi CSM_50. Il-format tal-firma għandu jkun ordinarju, kif speċifikat fi [TR-03111].

9.3.3 *It-talba għal ċertifikati*

CSM_151 ►M1 Meta jitlob ċertifikat, l-MSCA għandu jibgħat id-dejta li ġejja lill-ERCA: ◄

— L-Identifikatur tal-Profil taċ-Ċertifikat taċ-ċertifikat mitlub

— Ir-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikat li mistennija tintuża għall-iffirmat taċ-ċertifikat.

— Il-kjavi pubblika li trid tiġi ffirmata

CSM_152 Minbarra d-dejta fi CSM_151, f'talba għal ċertifikat lill-ERCA, l-MSCA għandha tibagħtilha din id-dejta, sabiex l-ERCA tkun tista' toħloq ir-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikat taċ-ċertifikat tal-MSCA il-ġdid:

— Il-kodiċi numeriku tan-nazzjon tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni (it-tip tad-dejta `NationNumeric` definit fl-Appendiċi 1)

— Il-kodiċi alfanumeriku tan-nazzjon tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni (it-tip tad-dejta `NationAlpha` definit fl-Appendiċi 1)

— In-numru tas-serje ta' 1-byte li jiddistingwi bejn il-kjavi differenti tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni jekk dawn il-kjavi jinbidlu

— Il-qasam ta' żewġ bytes li jkun fih informazzjoni addizzjonali speċifika tal-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni

▼M1

CSM_153 Il-manifattur tal-apparat għandu jibgħat din id-dejta f'talba għal ċertifikat lil MSCA, sabiex l-MSCA tkun tista' toħloq ir-Referenza tal-Awtorità taċ-Ċertifikat taċ-ċertifikat tal-apparat il-ġdid:

— Jekk ikun magħruf (ara CSM_154) in-numru tas-serje għall-apparat, uniku għall-manifattur, it-tip ta' apparat u x-xahar tal-manifattura. Inkella identifikatur uniku tat-talba taċ-ċertifikat.

— Ix-xahar u s-sena tal-manifattura tal-apparat jew tat-talba għaċ-ċertifikat.

Il-manifattur għandu jiżgura li din id-dejta tkun korretta u li ċ-ċertifikat li l-MSCA tibgħat lura jiddaħħal fl-apparat maħsub.

▼B

CSM_154 Fil-każ ta' unità tal-vettura, meta jitlob ċertifikat, il-manifattur mhux dejjem ikun jaf in-numru tas-serje speċifiku għall-manifatturi tal-VU li għaliha jkunu maħsubin dak iċ-ċertifikat u l-kjavi privata assoċjata. Jekk ikun jaf in-numru tas-serje, il-manifattur tal-VU għandu jibgħat in-numru tas-serje lill-MSCA. Jekk ma jkunx jaf in-numru tas-serje, il-manifattur irid jagħraf b'mod uniku kull talba għal ċertifikat u jibgħat dan numru tas-serje tat-talba għal ċertifikat lill-MSCA. Iċ-ċertifikat li jirriżulta jkun fih in-numru tas-serje tat-talba għaċ-ċertifikat. Wara li jdaħħal iċ-ċertifikat f'unità tal-vettura speċifika, il-manifattur għandu jikkomunika r-rabta bejn in-numru tas-serje tat-talba għaċ-ċertifikat u l-identifikazzjoni tal-VU lill-MSCA.

10. IL-VU U L-KARD: L-AWTENTIKAZZJONI REĊIPROKA U S-SISTEMA TAL-MESSAĠĠI SIGURI

10.1. **Ġenerali**

CSM_155 Fil-livell għoli, il-komunikazzjoni sigura bejn l-unità tal-vettura u kard tat-takografu għandha tissejjes fuq dawn il-passi:

— Qabelxejn, kull parti għandha turi lill-oħra li hi għandha fil-pussess tagħha ċertifikat validu tal-kjavi pubblika, iffirmat minn Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni ta' Stat Membru. Min-naħa l-oħra, iċ-ċertifikat tal-kjavi pubblika tal-MSCA trid tiffirmah l-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni Bażi Ewropea. Dan il-pass jissejjaħ il-verifika tal-katina taċ-ċertifikat u qed jiġi spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 10.2

— It-tieni, l-unità tal-vettura għandha turi lill-kard li fil-pussess tagħha għandha l-kjavi privata li tikkorrispondi għall-kjavi pubblika fiċ-ċertifikat preżentat. Dan turih billi tiffirma numru aleatorju mibgħut mill-kard. Il-kard tivverifika l-firma fuq n-numru aleatorju. Jekk din il-verifika tirnexxi, il-VU tiġi awtentikata. Dan il-pass jissejjaħ l-Awtentikazzjoni tal-VU u qed jiġi spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 10.3.

▼B

— It-tielet, iż-żewġ partijiet jikkalkulaw b'mod indipendenti żewġ kjavi ta' sessjoni tal-AES permezz ta' algoritmu ta' ftehim ta' kjavi asimetriċi. B'waħda mill-kjavi ta' sessjoni, il-kard toħloq Kodiċi tal-Awtentikazzjoni tal-Messaġġi (MAC) fuq xi dejta li tibgħat il-VU. Il-VU tivverifika l-MAC. Jekk din il-verifika tirnexxi, il-kard tiġi awtentikata. Dan il-pass jissejjaħ l-Awtentikazzjoni tal-Kard u qed jiġi spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 10.4.

— Ir-raba', il-VU u l-kar gd għandhom jużaw il-kjavi ta' sessjoni maqbula biex jiżguraw il-kunfidenzjalità, l-integrità u l-awtentiċità tal-messaġġi skambjati kollha. Dan il-pass jissejjaħ il-Messaġġi Siguri u qed jiġi spjegat fid-dettall fis-Sezzjoni 10.5.

CSM_156 Il-mekkaniżmu deskritt fi CSM_155 għandha tiskattah l-unità tal-vettura kull meta kard tiddaħħal f'wieħed mis-slottijiet tal-kard tagħha.

10.2. **Il-Verifika Reċiproka tal-Katina taċ-Ċertifikat**

10.2.1 *Verifika Reċiproka tal-Katina taċ-Ċertifikat tal-Kard mill-Unità tal-Vettura*

CSM_157 ►**M1** L-unitajiet tal-vettura għandhom jużaw il-protokoll muri fil-Grafika 4 biex jivverifikaw il-katina taċ-ċertifikat tal-kard tat-takografu. Għal kull ċertifikat li taqra mill-kard, il-VU għandha tivverifika li l-qasam tal-Awtorizzazzjoni tad-Detentur taċ-Ċertifikat (CHA) huwa korrett:

— Il-qasam tas-CHA taċ-ċertifikat tal-Kard għandu jindika ċertifikat tal-kard għall-awtentikazzjoni reċiproka (ara l-Appendiċi 1, it-tip ta' dejta EquipmentType).

— Is-CHA taċ-ċertifikat Card.CA għandu jindika MSCA.

— Is-CHA taċ-ċertifikat Card.Link għandu jindika ERCA. ◄

Noti għall-Grafika 4:

— Iċ-ċertifikati Card u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-awtentikazzjoni reċiproka. Is-Sezzjoni 9.1.5 tirrappreżenta dawn bħala Card_MA.

— Iċ-ċertifikati Card.CA u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-iffirmar taċ-ċertifikati tal-kards u dan hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat Card. Is-Sezzjoni 9.1.3 tirrappreżenta dawn bħala MSCA_Card.

— Iċ-ċertifikat Card.CA.EUR imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat Card.CA.

— Iċ-ċertifikat Card.Link imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat ta' kollegament tal-kard, jekk ikun preżenti. Kif tispeċifika s-Sezzjoni 9.1.2, dan hu ċertifikat ta' kollegament għal par kjavi bażi Ewropew ġdid li toħloq l-ERCA u ffirmat mill-kjavi privata Ewropea preċedenti.

▼B

— Iċ-ċertifikat Card.Link.EUR hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat Card.Link.

CSM_158 Kif muri fil-Grafika 4, il-verifika tal-katina taċ-ċertifikat tal-kard tibda malli tiddaħħal il-kard. L-unità tal-vettura għandha taqra r-referenza tad-detentur tal-kard (`cardExtendedSerialNumber`) mill-EF ICC. Il-VU għandha tiċċekkja jekk tafx il-kard, jiġifieri jekk fil-passat kienx irnexxielha tivverifika l-katina taċ-ċertifikat tal-kard u taħżinha għal referenza fil-futur. Jekk tafha, u ċ-ċertifikat tal-kard għadu validu, il-proċess jissokta bil-verifika tal-katina taċ-ċertifikat tal-VU. Inkella, il-VU għandu jirnexxilha taqra ċ-ċertifikat MSCA_Card mill-kard li jrid jintuża għall-verifika taċ-ċertifikat tal-kard, il-Card.CA. Iċ-ċertifikat EUR li jrid jintuża għall-verifika taċ-ċertifikat MSCA_Card, u possibilment iċ-ċertifikat ta' kollegament, sakemm issib ċertifikat li taf u li tista' tivverifika. Jekk dan iċ-ċertifika jinstab, il-VU għandha tuża dak iċ-ċertifikat biex tivverifika ċ-ċertifikati tal-kard sottostanti li tkun qrat mill-kard. Jekk dan jirnexxi, il-proċess jissokta bil-verifika tal-katina taċ-ċertifikat tal-VU. Jekk ma jirnexxix, il-VU għandha tinjora l-kard.

Nota: Hemm tliet modi kif il-VU tista' tkun taf iċ-ċertifikat Card.CA.EUR:

— iċ-ċertifikat Card.CA.EUR hu l-istess bħaċ-ċertifikat EUR stess tal-VU;

— iċ-ċertifikat Card.CA.EUR jippreċedi ċ-ċertifikat EUR stess tal-VU u l-VU jkollha dan iċ-ċertifikat malli joħroġ (ara CSM_81);

— iċ-ċertifikat Card.CA.EUR jiġi wara ċ-ċertifikat EUR stess tal-VU u fil-passat il-VU rċeviet ċertifikat ta' kollegament mingħand kard tat-takografu oħra, ivverifikatu u ħażnitu għal referenza fil-futur.


CSM_159 Kif tindika il-Grafika 4, malli l-VU tivverifika l-awtentiċità u l-validità ta' ċertifikat li qabel ma kienx magħruf, din tista' taħżnu għal referenza fil-futur, ħalli ma jkollhiex għalfejn terġa' tivverifika l-awtentiċità ta' dak iċ-ċertifikat mill-ġdid jekk dan jerġa' jiġi ppreżentat lill-VU. Minflok taħżen iċ-ċertifikat kollu, il-VU tista' tagħżel li taħżen biss il-kontenut tal-Korp taċ-Ċertifikat, kif tispeċifika s-Sezzjoni 9.3.2. ►**M1** Għalkemm il-ħżin tat-tipi l-oħra kollha taċ-ċertifikat huwa fakultattiv, huwa obbligatorju għal VU li taħżen ċertifikat ta' kollegament ġdid ippreżentat mill-kard. ◄

CSM_160 Il-VU għandha tivverifika l-validità temporali ta' kull ċertifikat li taqra mill-kard jew maħżun fil-memorja tagħha, u għandha tirrifjuta ċ-ċertifikati skaduti. Biex tivverifika l-validità temporali ta' ċertifikat ippreżentat mill-kard, il-VU għandha tuża l-arloġġ intern tagħha.

▼B

Grafika 4

Il-Protokoll għall-Verifika tal-Katina taċ-Ċertifikat tal-Kard mill-Unità tal-Vettura



10.2.2 *Il-Verifika tal-Katina taċ-Ċertifikat tal-Unità tal-Vettura mill-Kard*

CSM_161 ►**M1** Il-kards tat-takografu għandhom jużaw il-protokoll muri fil-Grafika 5 għall-verifika tal-katina taċ-ċertifikat tal-VU. Għal kull ċertifikat ippreżentat mill-VU, il-kard għandha tivverifika li l-qasam tal-Awtorizzazzjoni tad-Detentur taċ-Ċertifikat (CHA) huwa korrett:

— Is-CHA taċ-ċertifikat VU.Link għandu jindika ERCA.


▼B

— Is-CHA taċ-ċertifikat VU.CA għandu jindika MSCA.

— Il-qasam tas-CHA taċ-ċertifikat tal-VU għandu jindika ċertifikat tal-VU għall-awtentikazzjoni reċiproka (ara l-Appendiċi 1, it-tip ta' dejta EquipmentType). ◄

Grafika 5

Il-Protokoll għall-Verifika tal-Katina taċ-Ċertifikat tal-Unità tal-Vettura mill-Kard



Noti għall-Grafika 5:

— Iċ-ċertifikati VU u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-awtentikazzjoni reċiproka. Is-Sezzjoni 9.1.4 tirrappreżenta dawn bħala VU_MA.

▼B

— Iċ-ċertifikati VU.CA u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-iffirmar taċ-ċertifikati VU u tal-faċilità tal-GNSS esterna. Is-Sezzjoni 9.1.3 tirrappreżenta dawn bħala MSCA_VU-EGF.

— Iċ-ċertifikat VU.CA.EUR imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat VU.CA.

— Iċ-ċertifikat VU.Link imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat ta' kollegament tal-VU, jekk ikun preżenti. Kif tispeċifika s-Sezzjoni 9.1.2, dan hu ċertifikat ta' kollegament għal par kjavi bażi Ewropew ġdid li toħloq l-ERCA u ffirmat mill-kjavi privata Ewropea preċedenti.

— Iċ-ċertifikat VU.Link.EUR hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat VU.Link.

CSM_162 Kif muri fil-Grafika 5, il-verifika tal-katina taċ-ċertifikat tal-unità tal-vettura għandha tibda mill-unità tal-vettura billi tipprova tlesti l-kjavi pubblika tagħha stess biex tużaha fil-kard tat-takografu. Jekk dan jirnexxi, ikun ifisser li fil-passat il-kard kien irnexxielha tivverifika l-katina taċ-ċertifikat tal-VU, u li ċ-ċertifikat VU ħażnitu għal referenza fil-futur. F'dan il-każ, iċ-ċertifikat VU hu lest biex jintuża u l-proċess jissokta bl-Awtentikazzjoni tal-VU. Jekk il-kard ma tkunx taf iċ-ċertifikat VU, il-VU għandu jirnexxilha tippreżenta ċ-ċertifikat VU.CA li trid tuża biex tivverifika ċ-ċertifikat VU tagħha, iċ-ċertifikat VU.CA.EUR li trid tuża biex tivverifika ċ-ċertifikat VU.CA, u possibilment iċ-ċertifikat ta' kollegament, ħalli ssib ċertifikat li taf jew ċertifikat li l-kard tista' tivverifika. Jekk dan iċ-ċertifika jinstab, il-kard għandha tuża dak iċ-ċertifikat biex tivverifika ċ-ċertifikati VU sottostanti ppreżentati lilha. Jekk dan jirnexxi, fl-aħħar il-VU għandu tlesti l-kjavi pubblika tagħha biex tintuża fil-kard tat-takografu. Jekk ma jirnexxix, il-VU għandha tinjora l-kard.

Nota: Hemm tliet modi kif il-kard tista' tkun taf iċ-ċertifikat VU.CA.EUR:

— iċ-ċertifikat VU.CA.EUR hu l-istess bħaċ-ċertifikat EUR stess tal-kard;

— iċ-ċertifikat VU.CA.EUR jippreċedi ċ-ċertifikat EUR stess tal-kard u l-kard ikollha dan iċ-ċertifikat malli joħroġ (ara CSM_91);

— iċ-ċertifikat VU.CA.EUR jiġi wara ċ-ċertifikat EUR stess tal-kard u fil-passat il-kard irċeviet ċertifikat ta' kollegament mingħand VU oħra, ivverifikatu u ħażnitu għal referenza fil-futur.

▼B

CSM_163 Il-VU għandha tuża l-MSE: Il-kmand Set AT biex titlesta l-kjavi pubblika biex tintuża fil-kard tat-takografu. Kif jispeċifika l-Appendiċi 2, dan il-kmand fih indikazzjoni tal-mekkaniżmu kriptografiku li se jintuża mal-kjavi li tlestiet. Dan il-mekkaniżmu għandu jkun "Awtentikazzjoni tal-VU bl-algoritmu tal-ECDSA, flimkien mal-algoritmu tal-hash marbut mad-daqs tal-kjavi tal-par kjavi VU_MA tal-VU, kif speċifikat fi CSM_50".

CSM_164 L-MSE: Il-kmand Set AT fih ukoll indikazzjoni tal-par kjavi effimeru li l-VU se tuża tul il-ftehim ta' kjavi ta' sessjoni (ara s-Sezzjoni 10.4). Għalhekk, qabel tibgħat lill-MSE: Il-kmand Set AT, il-VU għandha tiġġenera par kjavi ECC effimeru. Sabiex tiġġenera par kjavi effimeru, il-VU għandha tuża l-parametri ta' dominju standardizzati indikati fiċ-ċertifikat tal-kard. Il-par kjavi effimeru hu denotat bħala ($VU.SK_{eph}$, $VU.PK_{eph}$, Card.DP). Il-VU għandha tqis il-koordinati-x tal-punt pubbliku effimetu tal-ECDH bħala l-identifikazzjoni tal-kjavi; dan jissejjaħ ir-rappreżentazzjoni kompressata tal-kjavi pubblika u hu denotat bħala Comp($VU.PK_{eph}$).

▼M1

CSM_165 Jekk l-MSE: Il-kmand Set AT tirnexxi, il-kard għandha tlesti l-VU.PK indikata biex tkompli tintuża waqt l-Awtentikazzjoni tal-Vettura, u għandha taħżen il-Comp(VU.PKeph) b'mod temporanju. Jekk jirnexxu żewġ MSE jew aktar: Il-kmandi Set AT jintbagħtu qabel isir il-ftehim ta' kjavi ta' sessjoni, il-kard għandha taħżen biss l-aħħar Comp(VU.PKeph) li tirċievi. Il-kard għandha tirrisettja l-Comp(VU.PKeph) wara kmand GENERAL AUTHENTICATE li jirnexxi.

▼B

CSM_166 Il-kard għandha tivverifika l-validità temporali ta' kull ċertifikat li tippreżenta l-VU u li tirreferi għalih il-VU, waqt li jkun maħżun fil-memorja tal-kard, u għandha tirrifjuta ċ-ċertifikati skaduti.

CSM_167 Biex tivverifika l-validità temporali ta' ċertifikat ippreżentat mill-VU, kull kard tat-takografu għandha taħżen fiha dejta li tirrappreżenta l-ħin attwali. Din id-dejta ma għandhiex tkun aġġornabbli direttament mill-VU. Mal-ħruġ, il-ħin attwali ta' kard għandu jiġi ssettjat l-istess bħad-Data Effettiva taċ-ċertifikat Card_MA tal-kard. Il-kard għandha taġġorna l-ħin attwali tagħha jekk id-Data Effettiva ta' ċertifikat awtentiku ta' "sors validu tal-ħin" li tippreżenta VU ikun aktar riċenti mill-ħin attwali tal-kard. F'dak il-każ, il-kard għandha tistabbilixxi l-ħin attwali tagħha għad-Data Effettiva ta' dak iċ-ċertifikat. Bħala sors validu tal-ħin, il-kard għandha taċċetta biss dawn iċ-ċertifikati:

— Ċertifikati ħolqa tal-ERCA tat-tieni ġenerazzjoni

— Ċertifikati tal-MSCA tat-tieni ġenerazzjoni

— Ċertifikati VU tat-tieni ġenerazzjoni li joħroġ l-istess pajjiż taċ-ċertifikat(i) Card stess tal-kard.

▼B

Nota: l-aħħar rekwiżit jimplika li kard għandha tkun kapaċi tagħraf il-CAR ta' ċertifikat VU, jiġifieri ċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF. Dan ma jkunx bħall-CAR taċ-ċertifikat tagħha stess, għax dak ikun iċ-ċertifikat MSCA_Card.

CSM_168 Kif tindika il-Grafika 5, malli l-kard tivverifika l-awtentiċità u l-validità ta' ċertifikat li qabel ma kienx magħruf, din tista' taħżnu għal referenza fil-futur, ħalli ma jkollhiex għalfejn terġa' tivverifika l-awtentiċità ta' dak iċ-ċertifikat mill-ġdid jekk dan jerġa' jiġi ppreżentat lilha. Minflok taħżen iċ-ċertifikat kollu, il-kard tista' tagħżel li taħżen biss il-kontenut tal-Korp taċ-Ċertifikat, kif speċifikat fis-Sezzjoni 9.3.2.

10.3. **Awtentikazzjoni tal-VU**

CSM_169 L-unitajiet tal-vettura u l-kards għandhom jużaw il-Protokoll tal-Awtentikazzjoni tal-VU muri fil-Grafika 6 biex jawtentikaw il-VU għall-kard. Bl-Awtentikazzjoni tal-VU, il-kard tat-takografu tkun tista' tivverifika b'mod espliċitu li l-VU hi awtentika. Għal dan, il-VU għandha tuża l-kjavi privata tagħha biex tiffirma l-isfida li tiġġenera l-kard.

CSM_170 ►**M1** Ħdejn l-isfida tal-kard, fil-firma, il-VU għandha tinkludi r-referenza tad-detentur taċ-ċertifikat meħuda miċ-ċertifikat tal-kard. ◄

Nota: Dan jiżgura li l-kard li għaliha l-VU tawtentika lilha nnifisha hi l-istess kard li aktar kmieni l-VU tkun ivverifikatilha l-katina taċ-ċertifikat.


CSM_171 Fil-firma, il-VU għandha tinkludi wkoll l-identifikatur tal-kjavi pubblika effimera Comp($VU.PK_{eph}$) li l-VU se tuża biex tlesti l-Messaġġi Siguri waqt il-proċess tal-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa speċifikat fis-Sezzjoni 10.4.

Nota: Dan jiżgura li l-VU li kard tikkomunika magħha waqt sessjoni ta' Messaġġi Siguri, tkun l-istess VU li l-kard tkun awtorizzat.

▼M1

Grafika 6

Protokoll tal-Awtentikazzjoni tal-VU



▼B

CSM_172 Jekk waqt l-Awtentikazzjoni tal-VU, il-VU tibgħat bosta kmandi GET CHALLENGE, il-kard għandha tirritorna sfida aleatorja ta' 8 bytes ġdida kull darba, iżda għandha taħżen biss l-aħħar sfida.

CSM_173 L-algoritmu tal-iffirmar li tuża l-VU għall-Awtentikazzjoni tal-VU għandu jkun l-ECDSA, kif speċifikat fi [DSS], bl-użu tal-algoritmu hash marbut mad-daqs tal-kjavi tal-par kjavi VU_MA tal-VU, kif speċifikat fi CSM_50. Il-format tal-firma għandu jkun ordinarju, kif speċifikat fi [TR-03111]. Lill-kard, il-VU għandha tibagħtilha l-firma li tirriżulta.

▼M1

CSM_174 Malli tirċievi l-firma tal-VU fi struzzjoni EXTERNAL AUTHENTICATE, il-kard għandha

— Tikkalkula t-token tal-awtentikazzjoni billi ġġonġi Card.CHR, l-isfida rcard tal-kard u l-identifikatur tal-kjavi pubblika effimera tal-VU Comp(VU.PKeph),

— Tivverifika l-firma tal-VU bl-algoritmu ECDSA bl-użu tal-algoritmu hash marbut mad-daqs tal-kjavi tal-par kjavi VU.MA tal-VU kif speċifikat f'CSM_50, flimkien mal-VU.PK u t-token tal-awtentikazzjoni kkalkulat.


▼B

10.4. **L-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa u l-Ftehim ta' Kjavi ta' Sessjoni**

CSM_175 L-unitajiet tal-vettura u l-kards għandhom jużaw il-Protokoll tal-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa muri fil-**Grafika 7** biex jawtentikaw il-kard għall-VU. Bl-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa, l-unità tal-vettura tkun tista' tivverifika b'mod espliċitu li l-kard hi awtentika.

Grafika 7

L-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa u l-Ftehim ta' Kjavi ta' Sessjoni



CSM_176 Il-VU u l-kard għandhom jieħdu dawn l-passi:

1. L-unità tal-vettura tibda l-proċess tal-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa billi tibgħat lill-MSE: Il-kmand Set AT li tindika li "l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa bl-algoritmu ECDG twassal biex it-tul tal-kjavi ta' sessjoni tal-AES jintrabat mad-daqs tal-kjavi tal-par kjavi Card_MA tal-kard, kif speċifikat fi CSM_50", Il-VU għandha tikseb id-daqs tal-kjavi tal-par kjavi tal-kard miċ-ċertifikat tal-kard.

▼M1

2. Il-VU tibgħat il-punt pubbliku $VU.PK_{eph}$ tal-par kjavi effimeru tagħha lill-kard. Il-punt pubbliku għandu jinqaleb għal string ta' octet kif speċifikat fi [TR-03111]. Għandu jintuża l-format mhux kompressat tal-kodifikazzjoni. Kif spjegat f'CSM_164, il-VU tiġġenera dan il-par kjavi effimeru qabel il-verifika tal-katina taċ-ċertifikat VU. Il-VU tibgħat l-identifikatur tal-kjavi pubblika effimera $Comp(VU.PK_{eph})$ lill-kard u l-kard taħżnu.

▼B

3. Il-kard tikkalkula l-valur ta' Comp(VU.PK_{eph}) minn VU.PK_{eph} u tqabblu mal-valur maħżun ta' Comp(VU.P-K_{eph}).

4. Bl-algoritmu ECDH flimkien mal-kjavi privata statika tal-kard u l-kjavi pubblika effimera tal-VU, il-kard tikkalkula l-valur sigriet K.

5. Il-kard tagħżel nonce N_{PICC} aleatorju ta' 8 bytes u tużah biex tidderivi żewġ kjavi ta' sessjoni tal-AES K_{MAC} u K_{ENC} minn K. Ara CSM_179.

▼M1

6. Bil-K_{MAC}, il-kard tikkalkula token tal-awtentikazzjoni fuq l-identifikatur tal-kjavi pubblika effimera tal-VU: T_{PICC} = CMAC(K_{MAC}, VU.PK_{eph}). Il-punt pubbliku għandu jkun fil-format użat mill-VU (ara l-inċiż 2 hawn fuq). Il-kard tibgħat in-N_{PICC} u t-T_{PICC} lill-unità tal-vettura.

▼B

7. Bl-algoritmu ECDH flimkien mal-kjavi privata statika tal-kard u l-kjavi pubblika effimera tal-VU, il-VU tikkalkula l-istess valur sigriet K bħalma tkun għamlet il-kard fil-pass 4.

8. Il-VU tidderivi l-kjavi ta' sessjoni K_{MAC} u K_{ENC} mill-K u mill-N_{PICC}; ara CSM_179.

9. Il-VU tivverifika t-token tal-awtentikazzjoni T_{PICC}.

CSM_177 Fil-pass 3 ta' hawn fuq, il-kard għandha tikkalkula Comp(-VU.PKeph) bħala l-koordinat-x tal-punt pubbliku fil-VU.PKeph.

CSM_178 Fil-passi 4 u 7 ta' hawn fuq, il-kard u l-unità tal-vettura għandhom jużaw l-algoritmu ECKA-EG kif definit fi [TR-03111].

CSM_179 Fil-passi 5 u 8 ta' hawn fuq, il-kard u l-unità tal-vettura għandhom jużaw il-funzjoni ta' derivazzjoni tal-kjavi għall-kjavi ta' sessjoni tal-AES definiti fi [TR-03111], b'dawn il-preċiżjonijiet u l-bidliet:

— Il-valur tal-counter għandu jkun '00 00 00 01' għall-K_{ENC} u '00 00 00 02' għall-K_{MAC}.

— Għandu jintuża n-nonce *r* fakultattiv li jkun daqs N_{PICC}.

— Għad-derivazzjoni tal-kjavi tal-AES ta' 128 bit, l-algoritmu hash li jrid jintuża għandu jkun SHA-256.

— Għad-derivazzjoni tal-kjavi tal-AES ta' 192 bit, l-algoritmu hash li jrid jintuża għandu jkun SHA-384.

— Għad-derivazzjoni tal-kjavi tal-AES ta' 256 bit, l-algoritmu hash li jrid jintuża għandu jkun SHA-512.

It-tul tal-kjavi ta' sessjoni (jiġifieri t-tul fejn il-hash irid jinqata') għandu jintrabat mad-daqs tal-par kjavi Card_MA, kif speċifikat fi CSM_50.

▼B

CSM_180 Fil-passi 6 u 9 ta' hawn fuq, il-kard u l-unità tal-vettura għandhom jużaw l-algoritmu AES b'CMAC kif definit fi [TR-03111]. It-tul ta' T_{PICC} għandu jintrabat mat-tul tal-kjavi ta' session tal-AES, kif speċifikat fi CSM_50.

10.5. **Messaġġi Siguri**

10.5.1 *Ġenerali*

CSM_181 Il-kmandi u r-risponsi kollha skambjati bejn l-unità tal-vettura u l-kard tat-takografu wara li tirnexxi l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa u sakemm tintemm is-sessjoni għandhom jitħarsu bil-Messaġġi Siguri.

CSM_182 Ħlief meta jkun qed jinqara fajl bil-kundizzjoni tal-aċċess SM-R-ENC-MAC-G2 (ara s-Sezzjoni 4 tal-Appendiċi 2), il-Messaġġi Siguri għandhom jintużaw fil-modalità ta' Awtentikazzjoni Biss. F'din il-modalità, ma' kull kmand u rispons tiżdied iċ-Ċhecksum Kriptografika (l-hekk magħrufa MAC) biex ikunu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tal-messaġġ.

CSM_183 Meta tkun qed tinqara d-dejta minn fajl bil-kundizzjoni tal-aċċess SM-R-ENC-MAC-G2, il-Messaġġi Siguri għandhom jintużaw fil-modalità kriptaġġ segwit minn awtentikazzjoni, jiġifieri l-ewwel tiġi kriptata d-dejta tar-rispons biex tkun żgurata l-kunfidenzjalità tal-messaġġ, u wara jiġi kkalkulat valur tal-MAC fuq id-dejta kriptata fformatjata biex ikunu żgurati l-awtentiċità u l-integrità.

CSM_184 Il-Messaġġi Siguri għandhom jużaw l-AES kif definit fi [AES] bil-kjavi ta' sessjoni K_{MAC} u K_{ENC} li ġew maqbula waqt l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa.

CSM_185 Bħala s-Send Sequence Counter (SSC) għandu jintuża numru sħiħ mhux iffirmat biex ikunu evitati attakki ripetuti. Id-daqs tal-SSC għandu jkun daqs il-blokk tal-AES, jiġifieri 128 bit. L-SSC għandu jkollu format imsejjaħ MSB-first. Is-Send Sequence Counter għandu jinbeda miż-żero (jiġifieri '00 00 00 00 00 00 00 00 00 00 00 00 00 00 00 00') meta tinbeda s-sistema tal-Messaġġi Siguri. L-SSC għandu jiżdied kull darba qabel jiġi ġġenerat kmand jew rispons APDU, jiġifieri billi waqt is-sessjoni ta' Messaġġi Siguri, l-SSC jinbeda miż-0, il-valur tal-SSC waqt l-ewwel kmand ikun 1. Il-valur tal-SSC għall-ewwel rispons ikun 2.

CSM_186 Għall-kriptaġġ tal-messaġġ, mal-AES għandha tintuża l-K_{ENC} waqt il-modalità ta' operazzjoni ta' Konkatenazzjoni ta' Cipher Block (CBC), kif definit fi [ISO 10116], b'parametru interleave m=1 u vettur ta' inizjalizzazzjoni ta' SV=E(K_{ENC}, SSC), jiġifieri l-valur attwali tas-Send Sequence Counter kriptat b'K_{ENC}.

CSM_187 Għall-awtentikazzjoni tal-messaġġi, mal-AES għandha tintuża l-K_{MAC} bil-modalità CMAC kif speċifikat fi [SP 800-38B]. It-tul tal-MAC għandu jintrabat mat-tul tal-kjavi ta' session tal-AES, kif speċifikat fi CSM_50. Fil-MAC għandu jħaddem is-Send Sequence Counter billi jqiegħdu qabel id-datagramma li trid tiġi awtentikata.

▼B

10.5.2 *L-istruttura tal-Messaġġi Siguri*

CSM_188 Il-Messaġġi Siguri għandhom jużaw biss l-oġġetti tad-dejta tal-Messaġġi Siguri (ara [ISO 7816-4]) elenkati fit-Tabella 5. Fil-messaġġi, dawn l-oġġetti tad-dejta għandhom jintużaw fl-ordni speċifikata f'din it-tabella.

Tabella 5

Oġġetti tad-Dejta tal-Messaġġi Siguri

Isem l-Oġġett tad-Dejta	Tag	Il-preżenza hi Obbligatorja (M), Kundizzjonali (C) jew Projbita (F) fi	
		Kmandi	Risponsi
Valur ordinarju mhux kodifikat fil-BER-TLV	'81'	C	C
Valur ordinarju kodifikat fil-BER-TLV, iżda li ma jinkludix SM DOs	'B3'	C	C
Indikatur tal-kontenut padded segwit mill-kriptogramma, valur ordinarju mhux kodifikat fil-BER-TLV	'87'	C	C
Le Protett	'97'	C	F
Stat tal-Ipproċessar	'99'	F	M
Checksum Kriptografika	'8E'	M	M

Nota: Kif jispeċifika l-Appendiċi 2, il-kards tat-takografu jistgħu jappoġġaw il-kmandi READ BINARY u UPDATE BINARY b'byte INS bil-fart ('B1' risp. 'D7'). Dawn il-varjanti ta' kmandi huma meħtieġa biex jaqraw u jaġġornaw il-fajls b'aktar minn 32 768 Byte jew aktar. Jekk jintuża varjant bħal dan, minflok oġġett b'tag '81' għandu jintuża oġġett tad-dejta b'tag 'B3'. Ara l-Appendiċi 2 għal aktar informazzjoni.

CSM_189 Kull oġġett tad-dejta SM għandu jiġi kkodifikat fid-DER-TLV kif speċifikat fi [ISO 8825-1]. Din il-kodifikazzjoni toħloq struttura ta' Tag-Tul-Valur (TLV) hekk:

Tag: It-tag tiġi enkowdjata f'octet waħda jew tnejn u tkun turi l-kontenut.

Tul: It-tul jiġi enkowdjat bħala numru sħiħ mhux iffirmat f'octet wieħed, f'żewġ octets jew fi tlieta, li jwassal għal tul massimu ta' 65 535 octet. Għandu jintuża l-għadd minimu ta' octets.

Valur: Il-valur jiġi kkodifikat b'żero octets jew b'octets aktar minn żero

CSM_190 L-APDUs protetti bil-Messaġġi Siguri għandhom jinħolqu hekk:

— Fil-kalkolu tal-MAC għandha tiġi inkluża l-intestazzjoni tal-kmand, għalhekk għall-klassi tal-byte CLA għandu jintuża l-valur '0C'.

▼B

— Kif jispeċifika l-Appendiċi 2, kull byte INS għandu jkun biż-żewġ, iżda l-kmandi READ BINARY u UPDATE BINARY jista' jkollhom bytes INS bil-fart.

— Wara l-Messaġġi Siguri, il-valur attwali ta' Lc se jsir Lc'.

— Il-qasam tad-Dejta għandu jikkonsisti minn oġġetti tad-dejta SM.

— Fil-kmand protett APDU, il-byte LE il-ġdid għandu jkun '00'. Jekk ikun meħtieġ, fil-qasam tad-dejta għandu jiddaħħal oġġett tad-dejta '97' biex jingħata l-valur oriġinali ta' LE.

▼M1

CSM_191 Kull oġġett tad-dejta li jrid ikun kriptat għandu jkun padded skont [ISO 7816-4] bl-indikatur tal-kontenut padded '01'. Barra minn hekk, għall-kalkolu tal-MAC, kull oġġett tad-dejta fl-APDU għandu jkun padded b'mod separat skont [ISO 7816-4].

Nota: Għall-Messaġġi Siguri, il-padding dejjem isir mis-saff tal-messaġġi siguri, u mhux bl-algoritmi CMAC jew CBC.

Sommarju u Eżempji

Il-kmand APDU meta jiġu applikati l-Messaġġi Siguri jkollu din l-istruttura, skont il-każ rispettiv tal-kmand li mhux f'qafas sigur (DO tfisser oġġett tad-dejta):

Każ 1: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO '8E' || Le: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO "8E" || Le

Każ 2: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO '97' || DO'8E' || Le: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO "97" || DO"8E" || Le

Każ 3 (byte INS biż-żewġ): CLA INS P1 P2 || Lc' || DO '81' || DO'8E' || Le: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO "81" || DO"8E" || Le

Każ 3 (byte INS bil-fard): CLA INS P1 P2 || Lc' || DO 'B3' || DO'8E' || Le: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO "B3" || DO"8E" || Le

Każ 4 (byte INS biż-żewġ): CLA INS P1 P2 || Lc' || DO '81' || DO'97' || DO'8E' || Le: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO "81" || DO"97" || DO"8E" || Le

Każ 4 (byte INS bil-fard): CLA INS P1 P2 || Lc' || DO 'B3' || DO'97' || DO'8E' || Le: CLA INS P1 P2 || Lc' || DO "B3" || DO"97" || DO"8E" || Le

fejn Le = '00' jew '00 00' skont jekk ikunux qed jintużaw oqsma b'tul qasir jew oqsma b'tul estiż; ara [ISO 7816-4].

Ir-rispons UPDA meta jiġu applikati l-Messaġġi Siguri jkollu din l-istruttura, skont il-każ rispettiv tar-rispons li mhux f'qafas sigur:

Każ 1 jew 3: DO '99' || DO '8E' || SW1SW2: DO "99" || DO "8E" || SW1SW2

Każ 2 jew 4 (byte INS biż-żewġ) bla kriptaġġ: DO '81' || DO '99' || DO '8E' || SW1SW2: DO "81" || DO "99" || DO "8E" || SW1SW2

Każ 2 jew 4 (byte INS biż-żewġ) bil-kriptaġġ: DO '87' || DO '99' || DO '8E' || SW1SW2: DO "87" || DO "99" || DO "8E" || SW1SW2

Każ 2 jew 4 (byte INS bil-fard) bla kriptaġġ: DO 'B3' || DO '99' || DO '8E' || SW1SW2: DO "B3" || DO "99" || DO "8E" || SW1SW2


Nota: Il-każ 2 jew 4 (byte INS bil-fard) bil-kriptaġġ qatt ma jintuża fil-komunikazzjoni bejn VU u kard.

▼**M1**

Bħala eżempju dawn huma tliet trasformazzjonijiet tal-APDU għal kmandi b'kodiċi INS biż-żewġ. Il-Grafika 8 turi kmand tal-APDU tal-Każ 4 awtentikat, il-Grafika 9 turi rispons tal-APDU tal-Każ 1/tal-Każ 3 awtentikat, u l-Grafika 10 turi rispons tal-APDU tal-Każ 2/tal-Każ 4 awtentikat u kriptat.


Grafika 8

Trasformazzjoni ta' Struzzjoni tal-APDU tal-Każ 4 awtentikata



Grafika 9


Trasformazzjoni ta' Rispons tal-APDU tal-Każ 1/Każ 3 awtentikat



▼M1

Grafika 10

Trasformazzjoni ta' Rispons tal-APDU tal-Każ 2/Każ 4 awtentikat u kriptat



▼B

10.5.3 *It-Twaqqif ta' Sessjoni tal-Messaġġi Siguri*

CSM_192 L-unità tal-vettura għandha twaqqaf sessjoni tal-Messaġġi Siguri biss meta tinħoloq xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

— meta tirċievi rispons APDU ordinarju,

— meta ssib żball tal-Messaġġi Siguri f'rispons tal-APDU:

— meta oġġett tad-dejta tal-Messaġġi Siguri jkun nieqes, meta l-ordni tal-oġġetti tad-dejta tkun żbaljata, jew meta jiddaħħal oġġett tad-dejta mhux magħruf.

— Meta oġġett tad-dejta tal-Messaġġi Siguri jkun żbaljat, eż. il-valur tal-MAC ikun żbaljat, meta l-istruttura tat-TLV tkun żbaljata jew meta l-indikatur tal-padding fit-tag '87' ma jkunx '01'.

— meta l-kard tibgħat byte ta' status li jkun juri li sabet żball ta' SM (ara CSM_194),

— meta jintlaħaq il-limitu għall-għadd ta' struzzjonijiet u risponsi assoċjati fis-sessjoni attwali. Għal VU partikolari, dan il-limitu għandu jiddefinih il-manifattur tiegħu, filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' sigurtà tal-hardware użat u li l-kmandi ta' SM u r-risponsi assoċjati ma jaqbżux il-240 SM għal kull sessjoni.

▼M1

CSM_193 Il-kard tat-takografu għandha twaqqaf sessjoni għaddejja tal-Messaġġi Siguri biss meta tinħoloq xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

— meta tirċievi kmand ordinarju tal-APDU,

— meta ssib żball tal-Messaġġi Siguri fi kmand tal-APDU:

— meta oġġett tad-dejta tal-Messaġġi Siguri jkun nieqes, meta l-ordni tal-oġġetti tad-dejta tkun żbaljata, jew meta jiddaħħal oġġett tad-dejta mhux magħruf.

— Meta oġġett tad-dejta tal-Messaġġi Siguri jkun żbaljat, eż. il-valur tal-MAC ikun żbaljat jew l-istruttura tat-TLV tkun żbaljata.

— meta titneħħielha l-qawwa jew tintefa u tinxtegħel mill-ġdid,

— meta l-VU tibda proċess tal-Awtentikazzjoni tal-VU,

— meta jintlaħaq il-limitu għall-għadd ta' struzzjonijiet u risponsi assoċjati fis-sessjoni attwali. Għal kard partikolari, dan il-limitu għandu jiddefinih il-manifattur tiegħu, filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' sigurtà tal-hardware użat u li l-kmandi ta' SM u risponsi assoċjati ma jaqbżux il-240 SM għal kull sessjoni.

▼B

CSM_194 Fejn jidħol it-trattament tal-iżbalji ta' SM minn kard tat-takografu:

— Jekk fi kmand tal-APDU ikun hemm nieqsa xi oġġetti tad-dejta tal-Messaġġi Siguri mistennija, l-ordni tal-oġġetti tad-dejta tkun żbaljata jew jiddaħħlu oġġetti tad-dejta mhux magħrufa, il-kard tat-takografu għandha tirrispondi bil-bytes tal-istatus '69 87'.

— Jekk xi oġġett tad-dejta tal-Messaġġi Siguri fi kmand APDU ikun żbaljat, il-kard tat-takografu għandha tirrispondi bil-bytes tal-istatus '69 88'.

F'dan il-każ, il-bytes tal-istatus għandhom jiġu ritornati mingħajr SM.

CSM_195 Jekk titwaqqaf sessjoni tal-Messaġġi Siguri bejn VU u kard tat-takografu, il-VU u l-kard tat-takografu għandhom

— jeqirdu b'mod sigur lill-kjavi ta' sessjoni maħżuna

— jistabbilixxu minnufih sessjoni ġdida tal-Messaġġi Siguri, kif jiddeskrivu s-Sezzjonijiet 10.2 — 10.5.

CSM_196 Jekk għal xi raġuni l-VU tiddeċiedi li terġa' tibda l-awtentikazzjoni reċiproka għal kard fis-slott, il-proċess għandu jibda bil-verifika tal-katina taċ-ċertifikat tal-kard, kif deskritt fis-Sezzjoni 10.2, u jissokta kif deskritt fis-Sezzjonijiet 10.2 — 10.5.

▼B

11. L-AKKOPPJAMENT TAL-UNITAJIET TAL-VETTURA U L-FAĊILITAJIET TAL-GNSS ESTERNI, L-AWTENTIKAZZJONI REĊIPROKA U L-MESSAĠĠI SIGURI

11.1. **Ġenerali**

CSM_197 Il-faċilità GNSS użata minn VU biex issib il-pożizzjoni tagħha tista' tkun interna (mibnija fil-qafas tal-VU u ma tinqalax), jew tista' tkun modulu estern. Fl-ewwel każ, ma jkunx hemm bżonn standardizzazzjoni tal-komunikazzjoni interna bejn il-faċilità tal-GNSS u l-VU, u r-rekwiżiti f'dan il-Kapitolu ma jgħoddux. Fit-tieni każ, il-komunikazzjoni bejn l-VU u l-faċilità tal-GNSS esterna għandha tkun standardizzata u protetta kif deskritt f'dan il-Kapitolu.

CSM_198 Il-komunikazzjoni sigura bejn unità tal-vettura u faċilità tal-GNSS esterna trid issir bl-istess mod bħall-komunikazzjoni sigura bejn unità tal-vettura u kard tat-takografu, bil-faċilità tal-GNSS esterna (EFG) tieħu r-rwol tal-kard. L-EFG għandha tissodisfa kull rekwiżit imsemmi fil-Kapitolu 10 għall-kard tat-takografu, filwaqt li tqis id-devjazzjonijiet, il-kjarifiki u ż-żidiet imsemmija f'dan il-Kapitolu. B'mod partikolari, il-verifika tal-katina taċ-ċertifikat reċiproku, l-Awtentikazzjoni tal-VU u l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa jridu jsiru kif deskritt fis-Sezzjonijiet 11.3 u 11.4.

CSM_199 Il-komunikazzjoni bejn l-unità tal-vettura u l-EGF tvarja mill-komunikazzjoni bejn l-unità tal-vettura u l-kard għax l-unità tal-vettura u l-EGF iridu jiġu akkoppjati fil-workshop qabel ma l-VU u l-EGF ikunu jistgħu jiskambjaw id-dejta bbażata fuq il-GNSS waqt tħaddim normali. Il-proċess tal-akkoppjament tiddeskrivih is-Sezzjoni 11.2.

CSM_200 Għall-komunikazzjoni bejn l-unità tal-vettura u l-EGF għandhom jintużaw struzzjonijiet u risponsi APDU ibbażati fuq [ISO 7816-4] u [ISO 7816-8]. L-istruttura preċiża ta' dawn l-APDUs jiddefiniha l-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness.

11.2. **L-akkoppjament tal-Unità tal-Vettura u l-Faċilità tal-GNSS Esterna**

CSM_201 F'vettura, l-unità tal-vettura u l-EGF għandhom jiġu akkoppjati minn workshop. Unità tal-vettura u EGF akkoppjati biss għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw waqt it-tħaddim normali.

CSM_202 L-akkoppjament ta' unità tal-vettura u faċilità tal-GNSS esterna għandu jkun jista' jsir biss jekk l-unità tal-vettura tkun fil-modalità tal-kalibrazzjoni. L-akkoppjament għandha tibdieh l-unità tal-vettura.

CSM_203 Meta jrid, workshop ikun jista' jerġa' jakkoppja unità tal-vettura ma' EGF oħra jew mal-istess EGF. Wara l-akkoppjament mill-ġdid, l-unità tal-vettura għandha teqred b'mod sigur iċ-ċertifikat EGF_MA eżistenti fil-memorja tagħha u għandha taħżen iċ-ċertifikat EGF_MA tal-faċilità tal-GNSS esterna li magħha tkun qed tiġi akkoppjata.

CSM_204 Meta jrid, workshop ikun jista' jerġa' jakkoppja EGF ma' VU oħra jew mal-istess VU. Wara l-akkoppjament mill-ġdid, l-EGF għandha teqred b'mod sigur iċ-ċertifikat VU_MA eżistenti fil-memorja tagħha u għandha taħżen iċ-ċertifikat VU_MA tal-VU li magħha tkun qed tiġi akkoppjata.

▼B

11.3. **Il-Verifika Reċiproka tal-Katina taċ-Ċertifikat**

11.3.1 *Ġenerali*

CSM_205 Il-verifika reċiproka tal-katina taċ-ċertifikat bejn Unità tal-Vettura u faċilità tal-GNSS esterna għandha ssir biss waqt l-akkoppjament tal-Unità tal-Vettura mal-faċilità tal-GNSS esterna minn workshop. Ma għandu jiġi verifikat l-ebda ċertifikat waqt it-tħaddim noramli ta' VU u EGF akkoppjati. Minflok, l-Unità tal-Vettura u l-faċilità tal-GNSS esterna għandhom jafdaw iċ-ċertifikati maħżuna waqt l-akkoppjament, wara li jkunu ċċekkjaw il-validità temporali ta' dawn iċ-ċertifikati. Waqt it-tħaddim normali, il-VU u l-EGF ma għandhomx jafdaw ċertifikati oħra biex iħarsu l-komunikazzjoni bejn il-VU u l-EGF.

11.3.2 *Waqt l-Akkoppjament ta' Unità tal-Vettura u ma' Faċilità tal-GNSS Esterna*

CSM_206 Waqt l-akkoppjament ma' faċilità tal-GNSS esterna, l-unità tal-vettura għandha tuża l-protokoll muri fil-Grafika 4 (is-Sezzjoni 10.2.1) għall-verifika tal-katina taċ-ċertifikat tal-faċilità tal-GNSS esterna.

Noti għall-Grafika 4 f'dan il-kuntest:

— Il-kontroll tal-komunikazzjoni mhux fl-ambitu ta' dan l-Appendiċi. Iżda l-EGF mhix kard intelliġenti u għalhekk il-VU aktarx mhix se tibgħat Reset biex tibda l-komunikazzjoni u mhix se tirċievi ATR.

— Iċ-ċertifikati Card u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika għandhom jiġu interpretati bħala ċ-ċertifikati tal-EGF u l-kjavi pubbliċi għall-awtentikazzjoni reċiproka. Is-Sezzjoni 9.1.6 issejħilhom EGF_MA.

— Iċ-ċertifikati Card.CA u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika għandhom jiġu interpretati bħala ċ-ċertifikati tal-MSCA u l-kjavi pubbliċi għall-iffirmar taċ-ċertifikati EGF. Is-Sezzjoni 9.1.3 tirrappreżenta dawn bħala MSCA_VU-EGF.

— Iċ-ċertifikat Card.CA.EUR imsemmi fil-Grafika għandu jiġi interpretat bħala ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF.

— Iċ-ċertifikat Card.Link imsemmi fil-Grafika għandu jiġi interpretat bħala ċ-ċertifikat ta' kollegament tal-EGF, jekk ikun preżenti. Kif tispeċifika s-Sezzjoni 9.1.2, dan hu ċertifikat ta' kollegament għal par kjavi bażi Ewropew ġdid li toħloq l-ERCA u ffirmat mill-kjavi privata Ewropea preċedenti.

— Iċ-ċertifikat Card.Link.EUR hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat Card.Link.

— Minflok lil `cardExtendedSerialNumber`, il-VU għandu jaqra lil `sensorGNSSserialNumber` mill-EF ICC.

— Minflok tagħżel l-AID tat-Takografu, il-VU għandha tagħżel l-AID tal-EGF.

— 'Ignore Card' għandha tiġi interpretata bħala 'Ignore EGF'.

▼B

CSM_207 Ladarba tkun ivverifikat iċ-ċertifikat EGF_MA, l-unità tal-vettura għandha taħżen dan iċ-ċertifikat biex tużah waqt it-tħaddim normali; ara s-Sezzjoni 11.3.3.

CSM_208 ►M1 Waqt l-akkoppjament ma' unità tal-vettura, unità tal-GNSS esterna għandha tuża l-protokoll muri fil-Grafika 5 (is-Sezzjoni 10.2.2) għall-verifika taċ-ċertifikat ta' kollegament tal-VU. ◄

Noti għall-Grafika 5 f'dan il-kuntest:

— Il-VU għandha tiġġenera par kjavi effimeru ġdid bil-parametri ta' dominju fiċ-ċertifikat EGF.

— Iċ-ċertifikati tal-VU u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-awtentikazzjoni reċiproka. Is-Sezzjoni 9.1.4 tirrappreżenta dawn bħala VU_MA.

— Iċ-ċertifikati tal-VU.CA u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-iffirmar taċ-ċertifikati tal-VU u tal-faċilità tal-GNSS esterna. Is-Sezzjoni 9.1.3 tirrappreżenta dawn bħala MSCA_VU-EGF.

— Iċ-ċertifikat tal-VU.CA.EUR imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat tal-VU.CA.

— Iċ-ċertifikat tal-VU.Link imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat ta' kollegament tal-VU, jekk ikun preżenti. Kif tispeċifika s-Sezzjoni 9.1.2, dan hu ċertifikat ta' kollegament għal par kjavi bażi Ewropew ġdid li toħloq l-ERCA u ffirmat mill-kjavi privata Ewropea preċedenti.

— Iċ-ċertifikat tal-VU.Link.EUR hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat tal-VU.Link.

CSM_209 B'devjazzjoni mir-rekwiżit CSM_167, EGF għandha tuża l-ħin tal-GNSS biex tivverifika l-validità temporali ta' xi ċertifikat li jiġi ppreżentat.

▼M1

CSM_210 Ladarba tkun ivverifikat iċ-ċertifikat VU_MA, il-faċilità tal-GNSS esterna għandha taħżen dan iċ-ċertifikat biex tużah waqt it-tħaddim normali; ara s-Sezzjoni 11.3.3.

▼B

11.3.3 *Waqt it-Tħaddim Normali*


CSM_211 ►M1 Waqt it-tħaddim normali, l-unità tal-vettura u l-EGF għandhom jużaw il-Protokoll muri fil-Grafika 11 biex jivverifikaw il-validità temporali taċ-ċertifikat tal-EGF_MA maħżun u biex ilestu l-kjavi pubblika tal-VU_MA għal aktar Awtentikazzjoni tal-VU. Waqt it-tħaddim normali ma għandhiex issir aktar verifika reċiproka tal-ktajjen taċ-ċertifikati. ◄

Essenzjalment, il-Grafika 11 tiġbor l-ewwel passi murija fil-Grafika 4 u fil-Grafika 5. Mill-ġdid, billi EGF mhix kard intelliġenti, il-VU aktarx mhix se tibgħat Reset biex tibda komunikazzjoni u mhix se tirċievi ATR. Ikun xi jkun, dan mhux fl-ambitu ta' dan l-Appendiċi.

▼B

Grafika 11

Il-verifika reċiproka tal-validità temporali taċ-ċertifikati waqt it-tħaddim normali tal-VU-EGF



CSM_212 Kif muri fil-Grafika 11, l-unità tal-vettura għandha tieħu nota ta' żball jekk iċ-ċertifikat tal-EGF_MA ma jibqax validu aktar. Iżda, l-awtentikazzjoni reċiproka, il-ftehim tal-kjavi, u l-komunikazzjoni sussegwenti bil-messaġġi siguri għandhom jissoktaw b'mod normali.

11.4. **L-Awtentikazzjoni tal-VU, l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa u l-Ftehim ta' Kjavi ta' Sessjoni**

CSM_213 L-Awtentikazzjoni tal-VU, l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa u l-ftehim ta' kjavi ta' sessjoni bejn unità tal-vettura u faċilità tal-GNSS esterna għandhom iseħħu waqt l-akkoppjament u kull meta tiġi stabbilita sessjoni ta' Messaġġi Siguri waqt tħaddim normali. Il-VU u l-EGF għandhom iwettqu l-proċessi deskritti fis-Sezzjonijiet 10.3 u 10.4. Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha ta' dawn is-sezzjonijiet.

11.5. **Messaġġi Siguri**

CSM_214 Il-kmandi u r-risponsi kollha skambjati bejn l-unità tal-vettura u l-faċilità tal-GNSS esterna wara li tirnexxi l-Awtentikazzjoni taċ-Ċippa u sakemm tintemm is-sessjoni għandhom jitħarsu bil-Messaġġi Siguri fil-modalità ta' awtentikazzjoni biss. Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti kollha tas-Sezzjoni 10.5.

CSM_215 Jekk jitwaqqfu l-Messaġġi Siguri bejn VU u EGF, il-VU trid tistabbilixxi minnufih sessjoni ta' Messaġġi Siguri, kif deskritt fis-Sezzjoni 11.3.3 u 11.4.

12. L-AKKOPPJAMENT U L-KOMUNIKAZZJONI BEJN IL-VU U S-SENSOR TAL-MOVIMENT

12.1. **Ġenerali**

CSM_216 L-unità tal-vettura u s-sensor tal-moviment għandhom jikkomunikaw permezz tal-protokoll tal-interfaċċa speċifikat fi [ISO 16844-3] waqt l-akkoppjament u t-tħaddim normali, bil-bidliet deskritti f'dan il-Kapitolu u fis-Sezzjoni 9.2.1.

▼B

Nota: min jaqra din is-sezzjoni suppost ikun midħla tal-kontenut ta' [ISO 16844-3].

12.2. **L-Akkoppjament bejn il-VU u s-Sensor tal-Moviment b'Ġenerazzjonijiet Differenti tal-Kjavi**

Kif tispjega s-Sezzjoni 9.2.1, il-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment u kull kjavi assoċjata jridu jinbidlu b'mod regolari. Dan iwassal biex ikun hemm sa tliet kjavi K_{M-WC} tal-AES relatati mas-sensor tal-moviment (ta' ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-kjavi) fil-kards tal-workshop. Bl-istess mod, is-sensors tal-moviment jaf ikollhom sa tliet kriptaġġi tad-dejta differenti bbażati fuq l-AES (ibbażati fuq ġenerazzjonijiet konsekuttivi tal-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment K_M). L-unità tal-vettura għandha kjavi prinċipali waħda biss li hi relatata mas-sensor tal-moviment, il-K_{M-VU}.

CSM_217 VU tat-tieni ġenerazzjoni u sensor tal-moviment tat-tieni ġenerazzjoni għandhom jiġu akkoppjati hekk (jistgħu jitqabblu mat-Tabella 6 fi [ISO 16844-3]):

1. Fil-VU tiddaħħal kard tal-workshop tat-tieni ġenerazzjoni u l-VU taqbad mas-sensor tal-moviment.

2. Il-VU taqra kull kjavi K_{M-WC} disponibbli fil-kard tal-workshop, tgħarbel in-numri tal-verżjoni tal-kjavi tagħhom, u tagħżel dak li jaqbel man-numru tal-verżjoni tal-kjavi K_{M-VU} tal-VU. Jekk il-kjavi K_{M-WC} li taqbel ma tkunx tinsab fil-kard tal-workshop, il-VU twaqqaf il-proċess tal-akkoppjament u turi l-messaġġ xieraq tal-iżball lid-detentur tal-kard tal-workshop.

3. Il-VU tikkalkula l-kjavi prinċipali ta' sensor tal-moviment K_M permezz ta' K_{M-VU} u $K_{M-WC,}$ u l-kjavi ta' identifikazzjoni K_{ID} permezz ta' K_M, kif speċifikat fis-Sezzjoni 9.2.1.

4. Il-VU tibgħat l-istruzzjoni biex jibda l-proċess tal-akkoppjament għas-sensor tal-moviment, kif deskritt fi [ISO 16844-3], u tikkripta n-numru tas-serje li tirċievi mingħand is-sensor tal-moviment bil-kjavi ta' identifikazzjoni K_{ID}. Il-VU tibgħat in-numru tas-serje kriptat lura lis-sensor tal-moviment.

5. Is-sensor tal-moviment iqabbel in-numru tas-serje kriptat b'mod konsekuttiv ma' kull numru tas-serje kriptat li jkun qed jaħżen internament. Jekk isib numri li jaqblu, il-VU tkun awtentikata. Is-sensor tal-moviment jieħu nota tal-ġenerazzjoni tal-K_{ID} li tuża l-VU u jirritorna l-verżjoni kriptata li taqbel tal-kjavi akkoppjata tagħha; jiġifieri l-kriptaġġ inħoloq bl-istess ġenerazzjoni tal-K_M.

6. Il-VU tiddekripta l-kjavi tal-akkoppjament bil-K_M, tiġġenera kjavi ta' sessjoni K_S, tikkriptaha mal-kjavi tal-akkoppjament u tibgħat ir-riżultat lis-sensor tal-moviment. Is-sensor tal-moviment jiddekripta lil K_S.

7. Il-VU tgħaqqad l-informazzjoni tal-akkoppjament kif definit fi [ISO 16844-3], tikkripta l-informazzjoni mal-kjavi tal-akkoppjament, u tibgħat ir-riżultat lis-sensor tal-moviment. Is-sensor tal-moviment jiddekripta l-informazzjoni tal-akkoppjament.

8. Bil-K_S li jirċievi, is-sensor tal-moviment jikkripta l-informazzjoni tal-akkoppjament li jirċievi u jirritornaha lura lill-VU. Il-VU tivverifika li l-informazzjoni tal-akkoppjament tkun l-istess bħall-informazzjoni li l-VU bagħtet lis-sensor tal-moviment fil-pass preċedenti. Jekk ikunu l-istess, dan

▼B

ifisser li s-sensor tal-moviment uża l-istess K_S bħall-VU u għaldaqstant fil-pass 5 bagħat il-kjavi tal-akkoppjament tiegħu kriptat bil-ġenerazzjoni korretta tal-K_M. Għalhekk is-sensor tal-moviment ikun awtentikat.

Il-passi 2 u 5 huma differenti mill-proċess standard fi [ISO 16844-3]; u l-passi l-oħra huma standard.

Eżempju: Nassumu li l-akoppjament isir fl-ewwel sena tal-validità taċ-ċertifikat tal-ERCA (3); ara l-Grafika 2 fis-Sezzjoni 9.2.1.2. Barra minn hekk

— Nassumu li s-sensor tal-moviment inħareġ fl-aħħar sena tal-validità taċ-ċertifikat tal-ERCA (1). Għalhekk se jkun fih dawn il-kjavi u d-dejta:

  — $N_s[1]$: in-numru tas-serje tiegħu kriptat bil-ġenerazzjoni 1 tal-K_{ID},

  — $N_s[2]$: in-numru tas-serje tiegħu kriptat bil-ġenerazzjoni 2 tal-K_{ID},

  — $N_s[3]$: in-numru tas-serje tiegħu kriptat bil-ġenerazzjoni 3 tal-K_{ID},

  — $K_P[1]$: il-kjavi tal-akkoppjament tiegħu tal-ġenerazzjoni 1 ([1]), kriptata mal-ġenerazzjoni 1 tal-K_M,

  — $K_P[2]$: il-kjavi tal-akkoppjament tiegħu tal-ġenerazzjoni 2, kriptata mal-ġenerazzjoni 2 tal-K_M,

  — $K_P[3]$: il-kjavi tal-akkoppjament tiegħu tal-ġenerazzjoni 3, kriptata mal-ġenerazzjoni 3 tal-K_M,

— Nassumu li l-kard tal-workshop inħarġet fl-ewwel sena tal-validità taċ-ċertifikat tal-ERCA (3). Għalhekk se jkun fiha l-ġenerazzjoni 2 u l-ġenerazzjoni 3 tal-kjavi $K_{M\text{-}WC}$.

— Nassumu li l-VU hi VU tal-ġenerazzoni 2 li fiha $K_{M\text{-}VU}$ tal-ġenerazzjoni 2.

F'dan il-każ, fil-passi 2 sa 5 jiġri hekk:

— Il-Pass 2: Il-VU taqra l-$K_{M\text{-}WC}$ tal-ġenerazzjoni 2 u tal-ġenerazzjoni 3 mill-kard tal-workshop u tgħarbel in-numru tal-verżjoni tagħhom.

— Il-Pass 3: Il-VU tgħaqqad il-$K_{M\text{-}WC}$ tal-ġenerazzjoni 2 mal-$K_{M\text{-}VU}$ tagħha u tikkalkula K_M u K_{ID}.

— Il-Pass 4: Bil-K_{ID}, il-VU tikkripta n-numru tas-serje li tirċievi mingħand is-sensor tal-moviment.

— Il-Pass 5: Is-sensor tal-moviment iqabbel id-dejta li jirċievi ma' $N_s[1]$ u ma jsibx dejta li taqbel. Imbagħad iqabbel id-dejta ma' $N_s[2]$ u jsibhom jaqblu. Dan jikkonkludi li l-VU hi VU tal-ġenerazzjoni 2, u għalhekk jibgħat lil $K_P[2]$ lura.

([1]) Il-kjavi tal-akkoppjament tal-ġenerazzjoni 1, tal-ġenerazzjoni 2 u tal-ġenerazzjoni 3 fil-fatt jaf ikunu l-istess kjavi, jew jaf ikunu tliet kjavi differenti li jkollhom tulijiet differenti, kif spjegat fi CSM_117.

▼B

12.3. **L-Akkoppjament u l-Komunikazzjoni bejn il-VU u s-Sensor tal-Moviment permezz tal-AES**

CSM_218 Kif speċifikat fit-Tabella 3 tas-Sezzjoni 9.2.1, kull kjavi involuta fl-akkoppjament ta' unità tal-vettura (tat-tieni ġenerazzjoni) u sensor tal-moviment, u fil-komunikazzjoni sussegwenti, għandha tkun kjavi tal-AES, minflok kjavi tad-TDES b'tul doppju kif speċifikat fi [ISO 16844-3]. Dawn il-kjavi tal-AES jistgħu jkunu b'tul ta' 128, ta' 192 jew ta' 256 bit. Billi d-daqs tal-blokk tal-AES hu 16-il byte, it-tul ta' messaġġ kriptat irid ikun multiplu tas-16-il byte, u dan meta mqabbel mat-8 bytes għat-TDES. Barra minn hekk, uħud minn dawn il-messaġġi se jintużaw għat-trasport tal-kjavi tal-AES, li t-tul tagħhom jaf ikun 128, 192 jew 256 bit. Għalhekk, l-għadd ta' bytes tad-dejta għal kull struzzjoni fit-Tabella 5 ta' [ISO 16844-3] għandhom jinbidlu kif muri fit-Tabella 6:

▼M1

Tabella 6

L-għadd ta' bytes ta' test ordinarju u bytes tad-dejta kriptata għal kull struzzjoni definita fi [ISO 16844-3]

Struzzjoni	Talba/tweġiba	Deskrizzjoni tad-dejta	Għadd ta' bytes tad-dejta ta' test ordinarju skont [ISO 16844-3]	Għadd ta' bytes tad-dejta ta' test ordinarju permezz tal-kjavi tal-AES	Għadd ta' bytes tad-dejta kriptata meta jintużaw kjavi tal-AES b'tul f'bits		
					128	192	256
10	talba	Dejta tal-awtentikazzjoni + in-numru tal-fajl	8	8	16	16	16
11	tweġiba	Dejta tal-awtentikazzjoni + il-kontenut tal-fajl	16 jew 32, dan jiddependi mill-fajl	16 or 32, dan jiddependi mill-fajl	32 / 48	32 / 48	32 / 48
41	talba	Numru tas-serje MoS	8	8	16	16	16
41	tweġiba	Kjavi tal-akkoppjament	16	16 / 24 / 32	16	32	32
42	talba	Kjavi ta' sessjoni	16	16 / 24 / 32	16	32	32
43	talba	Informazzjoni tal-akkoppjament	24	24	32	32	32
50	tweġiba	Informazzjoni tal-akkoppjament	24	24	32	32	32
70	talba	Dejta tal-awtentikazzjoni	8	8	16	16	16
80	tweġiba	Il-valur tal-counter tal-MoS + dejta tal-awtentikazzjoni	8	8	16	16	16

▼B

CSM_219 Din l-informazzjoni tal-akkoppjament li tintbagħat bi struzzjonijiet 43 (talba tal-VU) u 50 (tweġiba tal-MoS) għandha tingħaqad kif speċifikat fis-Sezzjoni 7.6.10 ta' [ISO 16844-3], bl-eċċezzjoni li għandu jintuża l-algoritmu tal-AES minflok l-algoritmu tad-TDES fl-iskema tal-kriptaġġ tad-dejta tal-akkoppjament, biex jinħolqu żewġ kriptaġġi tal-AES, u jiġi adottat il-padding speċifikat fi CSM_220 biex ikun jaqbel mad-daqs tal-blokk tal-AES. Il-kjavi K'_p użata għall-kriptaġġ trid tiġi ġġenerata hekk:

— Jekk il-kjavi tal-akkoppjament K_P tkun twila 16-il byte: $K'_p = K_P \text{ XOR } (N_s||N_s)$

▼B

— Jekk il-kjavi tal-akkoppjament K_P tkun twila 24 byte: $K'_p = K_P$ XOR $(N_s||N_s||N_s)$

— Jekk il-kjavi tal-akkoppjament K_P tkun twila 32 byte: $K'_p = K_P$ XOR $(N_s||N_s||N_s||N_s)$

fejn N_s hu n-numru tas-serje ta' 8 bytes tas-sensor tal-moviment.

CSM_220 Jekk it-tul tad-dejta ta' test ordinarju (bil-kjavi tal-AES) ma jkunx multiplu tal-16-il byte, għandu jintuża il-metodu 2 tal-padding definit fi [ISO 9797-1].

Nota: fi [ISO 16844-3], l-għadd ta' bytes tad-dejta ta' test ordinarju jkun dejjem multipju ta' 8, għalhekk bid-TDES ma jkunx hemm bżonn padding. Id-definizzjoni ta' dejta u messaġġi fi [ISO 16844-3] ma tinbidilx minn din il-parti ta' dan l-Appendiċi, u għalhekk hemm bżonn isir il-padding.

CSM_221 Għall-istruzzjoni 11 u jekk ikun irid jiġi kriptat aktar minn blokk wieħed ta' dejta, għandha tintuża l-modalità ta' operazzjoni Konkatenazzjoni ta' Cipher Block kif definit fi [ISO 10116], bil-parametru interleave m=1. L-IV li jrid jintuża għandu jkun

— Għall-istruzzjoni 11: il-blokk tal-awtentikazzjoni ta' 8 bytes kif speċifikat fis-Sezzjoni 7.6.3.3 ta' [ISO 16844-3], padded bil-metodu 2 tal-padding definit fi [ISO 9797-1]; ara wkoll is-Sezzjoni 7.6.5 u 7.6.6 ta' [ISO 16844-3].

— Għall-bqija tal-istruzzjonijiet fejn jiġu trasferiti aktar minn 16-il byte, kif speċifikat fit-Tabella 6: '00' {16}, jiġifieri sittax-il byte bil-valur tal-binary 0.

Nota: Kif turi s-Sezzjoni 7.6.5 u 7.6.6 ta' [ISO 16844-3], meta l-MoS tikkripta l-fajls tad-dejta biex jiddaħħlu fl-istruzzjoni 11, il-blokk tal-awtentikazzjoni

— tintuża bħala vettur tal-inizjalizzazzjoni għall-kriptaġġ bis-CBC tal-fajls tad-dejta

— u kif ukoll tiġi kriptata u tiddaħħal bħala l-ewwel blokk fid-dejta li jintbagħat lill-VU.

12.4. **L-Akkoppjament bejn il-VU u s-Sensor tal-Moviment b'Ġenerazzjonijiet Differenti tat-Tagħmir**

CSM_222 Kif tispjega s-Sezzjoni 9.2.1, sensor tal-moviment tat-tieni ġenerazzjoni jaf ikun fih kriptaġġ ibbażata fuq it-TDES tad-dejta tal-akkoppjament (kif definit fil-Parti A ta' dan l-Appendiċi), li biha s-sensor tal-moviment ikun jista' jiġi akkoppjat ma' VU tal-ewwel ġenerazzjoni. Jekk dan ikun il-każ, il-VU tal-ewwel ġenerazzjoni u s-sensor tal-moviment tat-tieni ġenerazzjoni għandhom jiġu akkoppjati kif deskritt fil-Parti A ta' dan l-Appendiċi u fi [ISO 16844-3]. Għall-proċess tal-akkoppjament, tista' tintuża kard tal-workshop tal-ewwel ġenerazzjoni jew tat-tieni ġenerazzjoni.

Noti:

— Ma jistax isir akkoppjament ta' VU tat-tieni ġenerazzjoni ma' sensor tal-moviment tal-ewwel ġenerazzjoni.

▼B

— Il-kard tal-workshop tal-ewwel ġenerazzjoni ma tistax tintuża għall-akkoppjament ta' unità tal-vettura tal-ewwel ġenerazzjoni ma' sensor tal-moviment.

13. IS-SIGURTÀ GĦALL-KOMUNIKAZZJONI REMOTA PERMEZZ TA' DSRC

13.1. **Ġenerali**

Kif speċifikat fl-Appendiċi 14, b'mod regolari l-VU tiġġenera dejta tal-Monitoraġġ Remot bit-Takografu (RTM) u tibgħatha lill-Faċilità ta' Komunikazzjoni Remota (RCF) (interna jew esterna). Il-faċilità ta' komunikazzjoni remota hi responsabbli biex tibgħat din id-dejta bl-interfaċċa tad-DSRC kif deskritt fl-Appendiċi 14, lill-interrogatur remot. L-Appendiċi 1 jispeċifika li d-dejta tal-RTM hi tagħqida ta':

Tagħbija kriptata tat-takografu il-kriptaġġ tat-tagħbija tat-takografu (test ordinarju)

Id-dejta ta' sigurtà tad-DSRC deskritta hawn taħt

Il-format tad-dejta tat-tagħbija tat-takografu (test ordinarju) hu speċifikat fl-Appendiċi 1 u jinsab f'aktar dettall fl-Appendiċi 14. Din is-sezzjoni tiddeskrivi l-istruttura tad-dejta ta' sigurtà tad-DSRC; l-ispeċifikazzjoni tal-format tinsab fl-Appendiċi 1.

CSM_223 Id-dejta tat-test ordinarju `tachographPayload`li tikkomunika l-VU lill-Faċilità ta' komunikazzjoni remota (jekk l-RCF hi esterna mill-VU) jew tikkomunika l-VU lil interrogatur remot bl-interfaċċa tad-DSRC (jekk l-RCF tkun interna fil-VU) għandha titħares bil-modalità kriptaġġ segwit minn awtentikazzjoni, jiġifieri d-dejta tat-tagħbija tat-takografu l-ewwel tiġi kriptata biex tkun żgurata l-kunfidenzjalità tal-messaġġ, u mbagħad jiġi kkalkulat valur tal-MAC biex ikunu żgurati l-awtentiċità u l-integrità tad-dejta.

CSM_224 Id-dejta ta' sigurtà tad-DSRC għandha tkun tagħqida ta' dawn l-elementi tad-dejta f'din l-ordni; ara wkoll l-Grafika 12:

Il-ħin u d-data attwali	il-ħin u d-data attwali tal-VU (it-tip tad-data `TimeReal`)
Counter	counter ta' 3 bytes, ara CSM_225

▼M1

In-numru tas-serje tal-VU	in-numru tas-serje tal-VU jew l-ID tat-talba taċ-ċertifikat (it-tip ta' dejta VuSerialNumber jew CertificateRequestID) – ara CSM_123

▼B

in-numru tal-verżjoni tal-kjavi prinċipali DSRC	in-numru tal-verżjoni ta' byte wieħed (1) tal-kjavi prinċipali tad-DSRC li minnu joħorġu l-kjavi tad-DSRC speċifiċi għall-VU, ara s-Sezzjoni 9.2.2.
MAC	il-valur tal-MAC jiġi kkalkulat bil-bytes preċedenti kollha fid-dejta tal-RTM.

CSM_225 Il-counter ta' 3 bytes fid-dejta ta' sigurtà tad-DSRC għandu jkollu l-format imsejjaħ MSB-first. L-ewwel darba li VU tikkalkula sett ta' dejta tal-RTM, wara li tkun daħlet fil-produzzjoni, din għandha tiffissa l-valur tal-counter għal 0. Kull darba qabel ma tikkalkula s-sett li jmiss ta' dejta tal-RTM, il-VU għandha żżid il-valur tad-dejta tal-counter b'1.

▼B


13.2. **Il-Kriptaġġ tat-Tagħbija tat-Takografu u l-Ġenerazzjoni tal-MAC**

CSM_226 Meta tingħata element tad-dejta ta' test ordinarju bit-tip tad-dejta `TachographPayload` kif deskritt fl-Appendiċi 14, il-VU għandha tikkripta din id-dejta kif muri fil-Grafika 12: il-kjavi tad-DSRC tal-VU għall-kriptaġġ $K_VU_{DSRC}_ENC$ (ara s-Sezzjoni 9.2.2) għandha tintuża mal-AES fil-modalità ta' Konkatenazzjoni tas-Cipher Block, kif definit fi [ISO 10116], bil-parametru interleave $m = 1$. Il-vettur tal-inizjalizzazzjoni għandu jkun daqs *IV = current date time || '00 00 00 00 00 00 00 00' || counter*, fejn *current date time* u *counter* huma speċifikati fi CSM_224. Id-dejta li trid tiġi kriptata għandha tkun padded bil-metodu 2 definit fi [ISO 9797-1].

CSM_227 Il-Vu għandha tikkalkula l-MAC fid-dejta ta' sigurtà tad-DSRC kif muri fil-Grafika 12: il-valur tal-MAC għandu jiġi kkalkulat għal kull byte preċedenti fid-dejta tal-RTM, san-numru tal-verżjoni tal-kjavi prinċipali tad-DSRC u dan inkluż, filwaqt li tinkludi t-tags u t-tulijiet tal-oġġetti tad-dejta. Il-VU għandha tuża l-kjavi tad-DSRC tagħha għall-awtenticità $K_VU_{DSRC}_MAC$ (ara s-Sezzjoni 9.2.2) bl-algoritmu tal-AES fil-modalità CMAC kif speċifikat fi [SP 800-38B]. It-tul tal-MAC għandu jintrabat mat-tul tal-kjavi DSRC speċifiċi għall-VU, kif speċifikat fi CSM_50.

Grafika 12

Il-kriptaġġ tat-tagħbija tat-takografu u l-ġenerazzjoni tal-MAC



13.3. **Il-Verifika u d-Dekriptaġġ tat-Tagħbija tat-Takografu**

CSM_228 Meta interrogatur remot tasallu d-dejta tal-RTM mingħand il-VU, dan għandu jibgħat id-dejta kollha tal-RTM lil kard tal-kontroll fil-qasam tad-dejta ta' kmand PROCESS DSRC MESSAGE, kif deskritt fl-Appendiċi 2. Imbagħad:

▼B

1. Il-kard tal-kontroll għandha tispezzjona n-numru tal-verżjoni tal-kjavi prinċipali DSRC fid-dejta ta' sigurtà tad-DSRC. Jekk il-kard tal-kontroll ma tkunx taf il-kjavi prinċipali tad-DSRC indikata, din għandha tirritorna żball milli jispeċifika l-Appendiċi 2 u twaqqaf il-proċess.

▼M1

2. Il-kard tal-kontroll għandha tuża l-kjavi prinċipali DSRC indikata, flimkien man-numru tas-serje tal-VU jew l-ID tat-talba taċ-ċertifikat fid-dejta ta' sigurtà tad-DSRC, biex tikseb il-kjavi DSRC speċifiċi għall-VU: $K_VU_{DSRC}_ENC$ and $K_VU_{DSRC}_MAC$, kif speċifikat f'CSM_124.

▼B

3. Il-kard tal-kontroll għandha tuża il-$K_VU_{DSRC}_MAC$ biex tivverifika l-MAC fid-dejta ta' sigurtà tad-DSRC, kif speċifikat fi CSM_227. Jekk il-valur tal-MAC ikun żbaljat, il-kard tal-kontroll għandha tirritorna żball milli jispeċifika l-Appendiċi 2 u twaqqaf il-proċess.

4. Il-kard tal-kontroll għandha tuża il-$K_VU_{DSRC}_ENC$ biex tiddekripta t-tagħbija kriptata tat-takografu, kif speċifikat fi CSM_226. Il-kard tal-kontroll għandha tneħħi l-padding u tirritorna d-dejta kripata tat-tagħbija tat-takografu għand l-interrogatur remot.

CSM_229 Sabiex jevita attakki ripetuti, l-interrogatur remot għandu jivverifika kemm hi riċenti d-dejta tal-RTM billi jivverifika li d-data u l-ħin fil-*current date time* fid-dejta ta' sigurtà tad-DSRC ma tbegħdux wisq mill-ħin u d-data attwali tal-interrogatur remot.

Noti:

— Għalhekk l-interrogatur remot jeħtieġ sors tal-ħin preċiż u affidabbli.

— Billi l-Appendiċi 14 jeżiġi l-VU għandha tikkalkula sett ġdid tad-dejta tal-RTM kull 60 sekonda, l-arloġġ tal-VU jista' jitbiegħed minuta (1) mill-ħin real, filwaqt li l-limitu t'isfel ta' kemm hi riċenti d-dejta tal-RTM hu żewġ (2) minuti. Kemm hi fil-fatt riċenti d-dejta jiddependi wkoll fuq il-preċiżjoni tal-arloġġ tal-interrogatur remot.

CSM_230 Meta workshop jivverifika li l-funzjonalità tad-DSRC ta' VU tkun qed taħdem sew, dan għandu jibgħat id-dejta kollha tal-RTM li rċieva mingħand il-VU lil kard tal-workshop fil-qasam tad-dejta ta' kmand PROCESS DSRC MESSAGE, kif deskritt fl-Appendiċi 2. Il-kard tal-workshop għandha tagħmel il-kontrolli u l-azzjonijiet kollha speċifikati fi CSM_228.

14. L-IFFIRMAR TAT-TNIŻŻIL TAD-DEJTA U L-VERIFIKA TAL-FIREM

14.1. **Ġenerali**

CSM_231 It-Tagħmir Dedikat Intelliġenti (IDE) għandu jaħżen id-dejta li rċieva mingħand xi VU jew xi kard waqt xi sessjoni waħda tat-tniżżil f'xi fajl fiżiku wieħed tad-dejta. Id-dejta tista' tinħażen fuq ESM (mezz estern tal-ħażna). Dan il-fajl fih firem diġitali għal blokok tad-dejta kif jispeċifika l-Appendiċi 7. Dan il-fajl għandu jkun fih ukoll dawn iċ-ċertifikati (ara s-Sezzjoni 9.1):

▼B

— Fil-każ ta' tniżżil VU:

— Iċ-ċertifikat VU_Sign

— Iċ-ċertifikat MSCA_VU-EGF li jkun fih il-kjavi pubblika li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat VU_Sign

— Fil-każ ta' tniżżil Card:

— Iċ-ċertifikat Card_Sign

— Iċ-ċertifikat MSCA_Card li jkun fih il-kjavi pubblika li trid tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat Card_Sign

CSM_232 L-IDE għandu jiddisponi minn dan ukoll.

— Jekk juża kard tal-kontroll biex jivverifika l-firma, kif muri fil-Grafika 13: Iċ-ċertifikat ta' kollegament li jorbot l-aħħar ċertifikat EUR maċ-ċertifikat EUR li l-perjodu tal-validità tiegħu jiġi direttament qabel, jekk ikun jeżisti.

— Jekk dan jivverifika l-firma innifisha: kull ċertifikat bażi Ewropew validu.

Nota: il-metodu li l-IDE juża biex jikseb dawn iċ-ċertifikati mhux speċifikat f'dan l-Appendiċi.

14.2. **Ġenerazzjoni tal-firem**

CSM_233 L-algoritmu tal-iffirmar li joħloq il-firem diġitali fuq id-dejta mniżżla għandu jkun l-ECDSA, kif speċifikat fi [DSS], bl-użu tal-algoritmu hash marbut mad-daqs tal-kjavi tal-VU jew tal-kard, kif speċifikat fi CSM_50. Il-format tal-firma għandu jkun ordinarju, kif speċifikat fi [TR-03111].

14.3. **Verifika tal-firem**

CSM_234 ►**M1** L-IDE jista' jwettaq verifika ta' xi firma fuq id-dejta mniżżla stess jew jista' juża kard tal-kontroll għal dan il-għan. Jekk juża kard tal-kontroll, il-verifika tal-firma għandha ssir kif turi Figure 13. Biex tivverifika l-validità temporali ta' ċertifikat ippreżentat mill-IDE, il-kard tal-kontroll għandha tuża l-arloġġ intern tagħha, kif speċifikat f'CSM_167. Il-kard tal-kontroll għandha taġġorna l-ħin attwali tagħha jekk id-Data Effettiva ta' ċertifikat awtentiku ta' "sors validu tal-ħin" ikun aktar riċenti mill-ħin attwali tal-kard. Bħala sors validu tal-ħin, il-kard għandha taċċetta biss dawn iċ-ċertifikati:

— Ċertifikati ta' kollegament tal-ERCA tat-tieni ġenerazzjoni

— Ċertifikati tal-MSCA tat-tieni ġenerazzjoni

— Ċertifikati VU_Sign jew Card_Sign tat-tieni ġenerazzjoni maħruġa mill-istess pajjiż taċ-ċertifikat tal-kard stess tal-kard tal-kontroll.

Jekk iwettaq il-verifika tal-firma huwa stess, l-IDE għandu jivverifika l-awtentiċità u l-validità ta' kull ċertifikat fil-katina taċ-ċertifikati fil-fajl tad-dejta, u għandu jivverifika l-firma fuq id-dejta skont l-iskema tal-firem fi [DSS]. Fiż-żewġ każijiet, għal kull ċertifikat li jaqra mill-fajl tad-dejta, hemm bżonn li jivverifika li l-qasam tal-Awtorizzazzjoni tad-Detentur taċ-Ċertifikat (CHA) huwa korrett:

— Il-qasam tas-CHA taċ-ċertifikat EQT għandu jindika ċertifikat tal-VU jew tal-Kard (kif applikabbli) għall-iffirmar (ara l-Appendiċi 1, it-tip ta' dejta EquipmentType).

▼B

— Is-CHA taċ-ċertifikat EQT.CA għandu jindika MSCA.

— Is-CHA taċ-ċertifikat EQT.Link għandu jindika ERCA. ◄

Noti għall-Grafika 13:

— It-tagħmir li ffirma d-dejta għall-analiżi jissejjaħ l-EQT.

— Iċ-ċertifikati EQT u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-iffirmar, jiġifieri VU_Sign jew Card_Sign.

— Iċ-ċertifikati EQT.CA u l-kjavi pubbliċi msemmija fil-Grafika huma dawk għall-iffirmar taċ-ċertifikati VU jew Card, skont kif ikun applikabbli.

— Iċ-ċertifikat EQT.CA.EUR imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat EQT.CA.

— Iċ-ċertifikat EQT.Link imsemmi fil-Grafika hu ċ-ċertifikat ta' kollegament tal-EQT, jekk ikun preżenti. Kif tispeċifika s-Sezzjoni 9.1.2, dan hu ċertifikat ta' kollegament għal par kjavi bażi Ewropew ġdid li toħloq l-ERCA u ffirmat mill-kjavi privata Ewropea preċedenti.

— Iċ-ċertifikat EQT.Link.EUR hu ċ-ċertifikat bażi Ewropew li hu indikat fil-CAR taċ-ċertifikat EQT.Link.

CSM_235 Għall-kalkolu tal-hash M mibgħuta lill-kard tal-kontroll fil-kmand PSO:Hash, l-IDE għandu juża l-algoritmu hash marbut mad-daqs tal-VU jew tal-kard imnejn titniżżel id-dejta, kif speċifikat fi CSM_50.


CSM_236 Għall-verifika tal-firma tal-EQT, il-kard tal-kontroll għandha ssegwi l-iskema tal-firem definita fi [DSS].

Nota: Dan id-dokument ma jispeċifika l-ebda azzjoni li trid tittieħed jekk xi firma fuq fajl tad-dejta mniżżla ma tkunx tista' tiġi verifikata jew jekk il-verifika ma tirnexxix.

▼M1

Grafika 13

Il-Protokoll għall-verifika tal-firma fuq il-fajl tad-dejta mniżżla



▼B

Appendiċi 12

LOKALIZZAZZJONI BBAŻATA FUQ SISTEMA GLOBALI TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (GNSS)

WERREJ

1. INTRODUZZJONI

1.1. Kamp ta' applikazzjoni

1.2. Akronimi u notazzjonijiet

2. SPEĊIFIKAZZJONI TAR-RIĊEVITUR TAL-GNSS

3. SENTENZI TAL-NMEA

4. UNITÀ TAL-VETTURA B'FAĊILITÀ TAL-GNSS ESTERNA

4.1. Konfigurazzjoni

4.1.1 Komponenti u interfaċċi ewlenin

4.1.2 L-istat tal-faċilità tal-GNSS esterna fi tmiem il-produzzjoni

4.2. Il-komunikazzjoni bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-unità tal-vettura

4.2.1 Protokoll tal-Komunikazzjoni

4.2.2 Trasferiment sigur tad-dejta tal-GNSS

4.2.3 Struttura tal-kmand Read Record

4.3. Akkoppjament, awtentikazzjoni reċiproka u ftehim dwar il-kjavi tas-sessjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna mal-unità tal-vettura

4.4. Trattar tal-Iżbalji

4.4.1 Żball ta' komunikazzjoni mal-faċilità tal-GNSS esterna

4.4.2 Ksur tal-integrità fiżika tal-faċilità tal-GNSS esterna

4.4.3 Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS

4.4.4 Ċertifikat skadut tal-faċilità tal-GNSS esterna

5. UNITÀ TAL-VETTURA MINGĦAJR FAĊILITÀ TAL-GNSS ESTERNA

5.1. Konfigurazzjoni

5.2. Trattar tal-Iżbalji

5.2.1 Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS

6. KUNFLITT TA' ĦIN TAL-GNSS

7. KUNFLITT FIL-MOVIMENT TAL-VETTURA

1. INTRODUZZJONI

Din l-Appendiċi tistipula r-rekwiżiti tekniċi għad-dejta tal-GNSS użata mill-Unità tal-Vettura, inklużi l-protokolli li jeħtieġ li jiġu implimentati biex jiġi żgurat li jsir trasferiment korrett u sigur tad-dejta dwar l-informazzjoni tal-lokalizzazzjoni.

L-Artikoli ewlenin f'dan ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 li qed jistabbilixxu dawn ir-rekwiżiti huma: "L-Artikolu 8 Reġistrazzjoni tal-pożizzjoni tal-vettura f'ċerti punti matul il-perjodu tax-xogħol ta' kuljum", "L-Artikolu 10 Interfaċċa ma' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti" u "L-Artikolu 11 Dispożizzjonijiet dettaljati għat-takografi intelliġenti".

▼B


1.1. **Kamp ta' applikazzjoni**

GNS_1 L-Unità tal-Vettura għandha tiġbor id-dejta dwar il-pożizzjoni minn minn tal-inqas GNSS waħda biex tkun tista' sseħħ l-implimentazzjoni tal-Artikolu 8.

L-Unità tal-Vettura tista' tkun mgħammra b'faċilità tal-GNSS esterna, u tista' wkoll tkun mingħajrha, kif deskritt fil-Grafika 1:

Grafika 1

Konfigurazzjonijiet differenti għar-riċevitur tal-GNSS.



1.2. **Akronimi u notazzjonijiet**

F'dan l-appendiċi jintużaw l-akronimi li ġejjin:

DOP	Dilwizzjoni tal-Preċiżjoni
EGF	Fajl Elementari Faċilità tal-GNSS
EGNOS	Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja
GNSS	Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita
GSA	DOP tal-GPS u satelliti attivi
HDOP	Dilwizzjoni Orizzontali tal-Preċiżjoni
ICD	Dokument ta' Kontroll tal-Interfaċċa
NMEA	L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Elettronika Marittima

▼B

PDOP Dilwizzjoni tal-Preċiżjoni tal-Pożizzjoni

RMC Dejta tal-GNSS Speċifika Minima Rakkomandata

SIS Sinjal fl-Ispazju

VDOP Dilwizzjoni Vertikali tal-Preċiżjoni

VU Unità tal-Vettura

2. SPEĊIFIKAZZJONI TAR-RIĊEVITUR TAL-GNSS

Irrispettivament mill-konfigurazzjoni tat-Takografu Intelliġenti bi jew mingħajr faċilità tal-GNSS esterna, il-forniment ta' informazzjoni preċiża u affidabbli dwar il-lokalizzazzjoni huwa element essenzjali tat-tħaddim effettiv tat-Takografu Intelliġenti. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi meħtieġa l-kompatibbiltà tagħha mas-servizzi pprovduti bħala parti mill-programmi Galileo u tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS) skont kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Is-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo hija sistema globali indipendenti ta' navigazzjoni bis-satellita u dik stabbilita taħt il-programm EGNOS hija sistema reġjonali ta' navigazzjoni bis-satellita li jtejbu l-kwalità tas-sinjal tas-Sistema ta' Lokalizzazzjoni bis-Satellita.

GNS_2 Il-manifatturi għandhom jiżguraw li r-riċevituri tal-GNSS fit-Takografi Intelliġenti jkunu kompatibbli mas-servizzi ta' pożizzjonament ipprovduti mis-sistemi Galileo u EGNOS. Il-manifatturi jistgħu jagħżlu wkoll il-kompatibbiltà ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita.

GNS_3 Ir-riċevitur tal-GNSS għandu jkun kompatibbli mal-Awtentikazzjoni fis-Servizz Miftuħ ta' Galileo meta dan is-servizz jiġi pprovdut mis-sistema Galileo u l-kompatibbiltà ma' dan is-servizz tiġi offruta mill-manifatturi tar-riċevituri tal-GNSS. Madankollu, mhi se tkun meħtieġa ebda modifika għat-Takografi intelliġenti li jitqiegħdu fis-suq qabel jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet preċedenti u li mhumiex kompatibbli mal-Awtentikazzjoni tas-Servizz Miftuħ ta' Galileo.

3. SENTENZI TAL-NMEA

Din is-sezzjoni tiddeskrivi sentenzi tal-NMEA li jintużaw waqt l-operat tat-Takografu Intelliġenti. Din is-sezzjoni hija valida għall-konfigurazzjoni tat-Takografu Intelliġenti kemm bi kif ukoll mingħajr il-faċilità tal-GNSS esterna.

GNS_4 Id-dejta dwar il-pożizzjoni hija bbażata fuq is-sentenza tal-NMEA Dejta tal-GNSS Speċifika Minima Rakkomandata (RMC), li tinkludi informazzjoni dwar il-Pożizzjoni (Latitudini, Longitudini), il-ħin fil-format UTC (ssmmss.ss), u l-Veloċità fuq l-Art f'Mili Nawtiċi fis-Siegħa, kif ukoll valuri addizzjonali.


Il-format tas-sentenza tal-RMC huwa dan li ġej (bħal mill-istandard tal-NMEA V4.1):

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1285/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 1).

▼B

Grafika 2

L-istruttura tas-sentenza tal-RMC



1) Time (UTC)
2) Status, A = Valid position, V = Warning
3) Latitude
4) N or S
5) Longitude
6) E or W
7) Speed over ground in knots
8) Track made good, degrees true
9) Date, ddmmyy
10) Magnetic Variation, degrees
11) E or W
12) Checksum

L-Istatus jagħti indikazzjoni dwar jekk is-sinjal tal-GNSS huwiex disponibbli. Sakemm il-valur tal-Istatus ma jkunx issettjat għal A, id-dejta riċevuta (eż., dwar il-Ħin jew il-Latitudni/Lonġitudni) ma tistax tintuża biex tiġi rreġistrata l-pożizzjoni tal-vettura fil-VU.

▼M1

Ir-riżoluzzjoni tal-pożizzjoni hija bbażata fuq il-format tas-sentenza tal-RMC deskritt hawn fuq. L-ewwel partijiet tal-oqsma 3) u 5) jintużaw għar-rappreżentazzjoni tal-gradi. Il-bqija jintużaw għar-rappreżentazzjoni tal-minuti bi tliet deċimali. B'hekk ir-riżoluzzjoni hija ta' 1/1000 ta' minuta, jew 1/60000 ta' grad (minħabba li minuta hija 1/60 ta' grad).

GNS_5 L-Unità tal-Vettura għandha taħżen fil-bażi tad-dejta tal-VU l-informazzjoni dwar il-pożizzjoni għal-latitudni u l-lonġitudni b'riżoluzzjoni ta' 1/10 ta' minuta jew ta' 1/600 ta' grad kif deskritt fl-Appendiċi 1 għat-tip GeoCoordinates.

Il-kmand DOP tal-GPS u s-satelliti attivi (GSA) jista' jintuża mill-VU sabiex jiġu stabbiliti u rreġistrati d-disponibbiltà u l-akkuratezza tas-sinjal. B'mod partikolari l-HDOP jintuża biex tingħata indikazzjoni dwar il-livell tal-akkuratezza tad-dejta rreġistrata dwar il-pożizzjoni (ara 4.2.2). Il-VU taħżen il-valur ta' Dilwizzjoni Orizzontali tal-Preċiżjoni (HDOP) ikkalkulata bħala l-minimu ta' valuri HDOP miġbura fuq is-sistemi GNSS disponibbli.

L-Id. tal-GNSS jindika l-Id. tan-NMEA korrispondenti għal kull konstellazzjoni tal-GNSS u s-Sistema ta' Awmentazzjoni Abbażi ta' Satelliti (SBAS).

Grafika 3

L-istruttura tas-sentenza tal-GSA



1) Modalità tal-għażla
2) Modalità
3) ID tal-ewwel satellita użata għal-lokalizzazzjoni
4) ID tat-tieni satellita użata għal-lokalizzazzjoni
...
14) ID tat-tnax-il satellita użata għal-lokalizzazzjoni
15) PDOP
16) HDOP
17) VDOP
18) Checksum

▼M1

GNS_6 Is-sentenza tal-GSA għandha tiġi maħżuna bir-rekord numru ‘02’ jew ‘06’.

▼B

GNS_7 Id-daqs massimu tas-sentenzi tal-NMEA (eż., RMC, GSA jew oħrajn), li jistgħu jintużaw għall-iffissar tad-daqs tal-kmand tar-rekord tal-qari għandu jkun ta' 85 bytes (ara t-Tabella 1).

4. UNITÀ TAL-VETTURA B'FAĊILITÀ TAL-GNSS ESTERNA

4.1. **Konfigurazzjoni**

4.1.1 *Komponenti u interfaċċi ewlenin*

F'din il-konfigurazzjoni, ir-riċevitur tal-GNSS huwa parti tal-faċilità tal-GNSS esterna.

GNS_8 Il-faċilità tal-GNSS esterna għandha tkun alimentata b'interfaċċa speċifika għall-vettura.

GNS_9 Il-faċilità tal-GNSS esterna għandha tikkonsisti mill-komponenti li ġejjin (ara l-Grafika 4):

a) Riċevitur tal-GNSS kummerċjali biex tiġi pprovduta dejta dwar il-pożizzjoni permezz tal-interfaċċa tad-dejta tal-GNSS. Pereżempju, l-interfaċċa tad-dejta tal-GNSS tista' tkun standard tal-NMEA V4.10 fejn ir-riċevitur tal-GNSS jaġixxi ta' kelliem u jittrażmetti sentenzi tal-NMEA lir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS bi frekwenza ta' 1Hz għas-sett stabbilit minn qabel ta' sentenzi tal-NMEA, li mill-inqas għandhom jinkludu s-sentenzi tal-RMC u tal-GSA. L-implimentazzjoni tal-interfaċċa tad-dejta tal-GNSS hija l-għażla tal-manifatturi tal-faċilità tal-GNSS esterna.

b) Unità ta' riċetrażmettitur (Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS) li hija kompatibbli mal-istandard ISO/IEC 7816-4:2013 (ara 4.2.1) biex tikkomunika mal-unità tal-vettura u taċċetta l-interfaċċa tad-dejta tal-GNSS mar-riċevitur tal-GNSS. L-unità hija mgħammra b'memorja għall-ħżin tad-dejta ta' identifikazzjoni tar-riċevitur tal-GNSS u tal-faċilità tal-GNSS esterna.

c) Sistema ta' kontenitur magħluq b'funzjoni ta' detezzjoni ta' tbagħbis, li tinkapsula fiha kemm ir-riċevitur tal-GNSS kif ukoll ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS. Il-funzjoni ta' detezzjoni ta' tbagħbis għandha timplimenta l-miżuri ta' protezzjoni tas-sigurtà kif meħtieġ skont il-Profil ta' Protezzjoni tat-Takografu Intelliġenti.

d) Antenna tal-GNSS installata fil-vettura u mqabbda mar-riċevitur tal-GNSS permezz tas-sistema ta' interkjużura.

GNS_10 Il-faċilità tal-GNSS esterna għandha mill-inqas dawn l-interfaċċi esterni:

a) l-interfaċċa mal-antenna tal-GNSS installata fuq il-vettura, jekk tintuża antenna esterna.

b) l-interfaċċa mal-Unità tal-Vettura.

GNS_11 Fil-VU, ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-VU huwa n-naħa l-oħra tal-komunikazzjoni sigura mar-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS u għandu jkun kompatibbli ma' ISO/IEC 7816-4:2013 għall-konnessjoni mal-faċilità tal-GNSS esterna.

▼B

GNS_12 Fir-rigward tas-saff fiżiku tal-komunikazzjoni mal-faċilità tal-GNSS esterna, l-unità tal-vettura għandha tkun kompatibbli ma' ISO/IEC 7816-12:2005 jew ma' standard ieħor li huwa kompatibbli ma' ISO/IEC 7816-4:2013. (ara 4.2.1).

4.1.2 *L-istat tal-faċilità tal-GNSS esterna fi tmiem il-produzzjoni*

GNS_13 Il-faċilità tal-GNSS esterna għandha taħżen il-valuri li ġejjin fil-memorja mhux volatili tar-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS meta dan jitlaq mill-fabbrika:

— il-par ta' kjavi tal-EGF_MA u ċ-ċertifikat korrispondenti,

— iċ-ċertifikat tal-MSCA_VU-EGF li fih jinkludi l-kjavi pubblika tal-MSCA_VU-EGF.PK li għandha tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat tal-EGF_MA,

— iċ-ċertifikat tal-EUR li fih jinkludi l-kjavi pubblika tal-EUR.PK li għandha tintuża għall-verifika taċ-ċertifikat tal-MSCA_VU-EGF,

— iċ-ċertifikat tal-EUR b'perjodu ta' validità li jippreċedi direttament il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tal-EUR li għandu jintuża għall-verifika taċ-ċertifikat tal-MSCA_VU-EGF, jekk ikun hemm wieħed,

— Iċ-ċertifikat ta' kollegament li jorbot flimkien dawn iż-żewġ ċertifikati tal-EUR, jekk ikun hemm wieħed,

— in-numru tas-serje estiż tal-faċilità tal-GNSS esterna,

— l-identifikatur tas-sistema operattiva tal-faċilità tal-GNSS,

— in-numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-faċilità tal-GNSS esterna;

— Identifikatur tal-komponent tas-sigurtà tal-modulu tal-GNSS estern.

4.2. **Il-komunikazzjoni bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-unità tal-vettura**

4.2.1 *Protokoll tal-Komunikazzjoni*

GNS_14 Il-protokoll tal-komunikazzjoni bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-unità tal-vettura għandu jkun kompatibbli ma' dawn it-tliet funzjonijiet:

1. Il-ġbir u d-distribuzzjoni ta' dejta tal-GNSS (eż. pożizzjoni, ħin, veloċità),

2. Il-ġbir tad-dejta tal-konfigurazzjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna,

3. Il-protokoll tal-ġestjoni biex ikun hemm kompatibbiltà fir-rigward tal-akkoppjament, l-awtentikazzjoni reċiproka u l-ftehim dwar il-kjavi tas-sessjoni bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-VU.

GNS_15 Il-protokoll tal-komunikazzjoni għandu jkun ibbażat fuq l-istandard ISO/IEC 7816-4:2013, filwaqt li r-Riċetrażmettitur Sigur tal-VU għandu jwettaq ir-rwol ta' master u r-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS għandu jwettaq ir-rwol ta' slave. Il-konnessjoni fiżika bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-unità tal-vettura hija bbażata fuq ISO/IEC 7816-12:2005, jew fuq standard ieħor kompatibbli ma' ISO/IEC 7816-4:2013

▼M1

GNS_16 Fil-protokoll tal-komunikazzjoni, ma għandhomx jiġu aċċettati oqsma ta' tul estiż.

▼B

GNS_17 Il-protokoll tal-komunikazzjoni ta' ISO 7816 (kemm *-4:2013 kif ukoll *-12:2005) bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-VU għandu jkun issettjat għal T=1.

▼M1

GNS_18 Rigward il-funzjonijiet 1) il-ġbir u d-distribuzzjoni ta' dejta tal-GNSS u 2) il-ġbir tad-dejta tal-konfigurazzjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna u 3) il-protokoll tal-komunikazzjoni, ir-Riċetraż-mettitur Sigur tal-GNSS għandu jissimula kard intelliġenti b'arkitettura ta' sistema magħmula minn Fajl Prinċipali (Master File - MF), Fajl Dedikat (Dedicated File - DF) bl-Identifikatur tal-Applikazzjoni speċifikat fl-Appendiċi 1 tal-Kapitolu 6.2 ('FF 44 54 45 47 4D') u bi 3 EFs li jkun fihom ċertifikati, kif ukoll Fajl Elementari singolu wieħed (EF.EGF) b'identifi-katur tal-fajl ugwali għal '2F2F' kif deskritt fit-Tabella 1.

▼B

GNS_19 Ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS għandu jaħżen id-dejta li tkun ġejja mir-riċevitur tal-GNSS u l-konfigurazzjoni fl-EF.EGF. Dan huwa fajl ta' rekord lineari u ta' tul varjabbli, b'identifikatur ugwali għal '2F2F' f'format eżadeċimali.

▼M1

GNS_20 Ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS siguri għandu juża memorja b'kapaċità li twettaq mill-inqas 20 miljun ċiklu ta' qari/kitba għall-ħżin tad-dejta. Apparti dan l-aspett, id-disinn intern u l-implimentazzjoni tar-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS jitħallew f'idejn il-manifatturi.

L-immappjar tan-numri tar-rekords u tad-dejta huwa pprovdut fit-Tabella 1. Ta' min jinnota li hemm ħames sentenzi tal-GSA għall-konstellazzjonijiet tal-GNSS u u s-Sistema ta' Awmen-tazzjoni Abbażi ta' Satelliti (SBAS).

▼B

GNS_21 L-istruttura tal-fajl hija pprovduta fit-Tabella 1. Għall-kundizz-jonijiet tal-aċċess (ALW, NEV, SM-MAC) ara l-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.

Tabella 1

Struttura tal-Fajl

		Kundizzjonijiet tal-aċċess		
Fajl	ID tal-Fajl	Aqra	Aġġorna	Kriptat
MF	3F00			
EF.ICC	0002	ALW	NEV (mill-VU)	Le
DF GNSS Facility	0501	ALW	NEV	Le
EF EGF_MACertificate	C100	ALW	NEV	Le
EF CA_Certificate	C108	ALW	NEV	Le
EF Link_Certificate	C109	ALW	NEV	Le
EF.EGF	2F2F	SM-MAC	NEV (mill-VU)	Le

▼B

Fajl / Element ta' dejta	Numru tar-rekord	Daqs (bytes)		Valuri predefiniti
		Min	Mass	
MF		552	1 031	
EF.ICC				
sensorGNSSSerialNumber		8	8	
DF GNSS Facility		*612*	*1 023*	
EF EGF_MACertificate		*204*	*341*	
EGFCertificate		204	341	{00..00}
EF CA_Certificate		*204*	*341*	
MemberStateCertificate		204	341	{00..00}
EF Link_Certificate		*204*	*341*	
LinkCertificate		204	341	{00..00}
EF.EGF				
RMC NMEA Sentence	‘01’	85	85	
L-ewwel sentenza GSA NMEA	‘02’	85	85	
It-tieni sentenza GSA NMEA	‘03’	85	85	
It-tielet sentenza GSA NMEA	‘04’	85	85	
Ir-raba' sentenza GSA NMEA	‘05’	85	85	
Il-ħames sentenza GSA NMEA	‘06’	85	85	
Numru tas-serje estiż tal-faċilità tal-GNSS esterna definit fl-Appendiċi 1 bħala SensorGNSSSerialNumber.	‘07’	8	8	
Identifikatur tas-sistema operattiva tar-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS definit fl-Appendiċi 1 bħala SensorOSIdentifier.	‘08’	2	2	
Numru tal-approvazzjoni tat-tip tal-faċilità tal-GNSS esterna definit fl-Appendiċi 1 bħala SensorExternalGNSSApprovalNumber.	‘09’	16	16	
Identifikatur tal-komponent tas-sigurtà tal-faċilità tal-GNSS esterna definit fl-Appendiċi 1 bħala SensorExternalGNSSSCIdentifier	‘10’	8	8	
RFU — Riżervat għal Użu Futur	Minn ‘11’ sa ‘FD’			

4.2.2 *Trasferiment sigur tad-dejta tal-GNSS*

GNS_22 It-trasferiment sigur tad-dejta dwar il-pożizzjoni mill-GNSS għandu jkun permess biss fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. Il-proċess tal-akkoppjament ikun tlesta kif deskritt fl-Appendiċi 11. Mekkaniżmi ta' sigurtà komuni.

▼B

2. L-awtentikazzjoni reċiproka perjodika u l-ftehim dwar il-kjavi tas-sessjoni bejn il-faċilità tal-GNSS esterna u l-VU li wkoll huma deskritti fl-Appendiċi 11. Il-mekkaniżmi ta' sigurtà komuni jkunu twettqu bil-frekwenza indikata.

GNS_23 Kull T sekondi, fejn T huwa valur ta' inqas minn jew ugwali għal 10, sakemm ma jsirux akkoppjament jew awtentikazzjoni reċiproka u l-ftehim dwar il-kjavi tas-sessjoni, il-VU titlob informazzjoni dwar il-pożizzjoni mill-faċilità tal-GNSS esterna abbażi tal-fluss li ġej:

1. Il-VU titlob dejta dwar il-pożizzjoni mill-faċilità tal-GNSS esterna, kif ukoll dejta dwar id-Dilwizzjoni tal-Preċiżjoni (mis-sentenza GSA NMEA). Ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-VU għandu juża l-kmand ISO/IEC 7816-4:2013 SELECT and READ RECORD(S) fis-sistema tal-messaġġi siguri fil-modalità ta' awtentikazzjoni biss kif deskritt fl-Appendiċi 11, Sezzjoni 11.5 bl-identifikatur tal-fajl ‘2F2F’ u n-numru tar-RECORD ugwali għal ‘01’ għas-sentenza RMC NMEA u ‘02’,‘03’,‘04’,‘05’,‘06’ għas-sentenza GSA NMEA.

2. L-aktar dejta reċenti riċevuta dwar il-pożizzjoni tinħażen fl-EF bl-identifikatur ‘2F2F’, u fir-rekords deskritti fit-Tabella 1 fir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS hekk kif ir-Riċetraż-mettitur Sigur tal-GNSS jirċievi dejta tal-NMEA bi frek-wenza ta' mill-inqas 1 Hz mingħand ir-riċevitur tal-GNSS permezz tal-interfaċċa tad-dejta tal-GNSS.

3. Ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS jibgħat ir-rispons lir-Riċetrażmettitur Sigur tal-VU bl-użu tal-messaġġ ta' rispons bis-sistema tal-messaġġi siguri fil-modalità ta' awtentikaz-zjoni biss kif deskritt fl-Appendiċi 11, Sezzjoni 11.5.

4. Ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-VU jivverifika l-awtenticità u l-integrità tar-rispons riċevut. Fil-każ ta' riżultat pożittiv, id-dejta dwar il-pożizzjoni tiġi ttrasferita lejn il-proċessur tal-VU permezz tal-interfaċċa tad-dejta tal-GNSS.

▼M1

5. Il-proċessur tal-VU jivverifika d-dejta riċevuta billi jwettaq estrazzjoni tal-informazzjoni (eż., il-latitudni, il-lonġitudni, il-ħin) mis-sentenza RMC NMEA. Is-sentenza RMC NMEA tinkludi l-informazzjoni jekk il-pożizzjoni tkun valida. Jekk il-pożizzjoni ma tkunx valida, id-dejta dwar il-pożizzjoni tkun għadha mhix disponibbli u ma tkunx tista' tintuża biex tiġi rreġistrata l-pożizzjoni tal-vettura. Jekk il-pożizzjoni tkun valida, il-proċessur tal-VU iwettaq ukoll estrazzjoni tal-valuri HDOP mis-sentenzi GSA NMEA u jikkalkula l-valur minimu fuq is-sistemi bis-satel-lita disponibbli (jiġifieri meta tkun disponibbli l-istanza ta' lokalizzazzjoni).

▼B

6. Il-proċessur tal-VU jaħżen l-informazzjoni riċevuta u ppro-ċessata bħal pereżempju l-latitudni, il-lonġitudni, il-ħin u l-veloċità fil-VU fil-format definit fl-Appendiċi 1 Dizzjunarju tad-dejta bħala GeoCoordinates, flimkien mal-valur tal-HDOP ikkalkulat bħala l-minimu tal-valuri HDOP miġbura fuq is-sistemi tal-GNSS disponibbli.

▼B

4.2.3 *Struttura tal-kmand Read Record*

Din is-sezzjoni tiddeskrivi b'mod dettaljat l-istruttura tal-kmand Read Record. Is-sistema tal-messaġġi siguri (modalità ta' awtentikazzjoni biss) tiżdied kif deskritt fl-Appendiċi 11 Mekkaniżmi ta' sigurtà komuni.

GNS_24 Il-kmand għandu jkun kompatibbli mas-sistema tal-messaġġi siguri fil-modalità ta' awtentikazzjoni biss, ara l-Appendiċi 11.

GNS_25 Messaġġ ta' Kmand

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
CLA	1	'0Ch'	Intalbet is-sistema tal-messaġġi siguri.
INS	1	'B2h'	Read Record
P1	1	'XXh'	Numru tar-rekord ('00' jirreferenzja r-rekord attwali)
P2	1	'04h'	Aqra r-rekord bin-numru tar-rekord indikat f'P1
Le	1	'XXh'	Tul mistenni tad-dejta. Għadd ta' Bytes li jridu jinqraw.

GNS_26 Ir-rekord irreferenzjat f'P1 isir ir-rekord attwali.

Byte	Tul	Valur	Deskrizzjoni
#1-#X	X	'XX..XXh'	Dejta li nqrat
SW	2	'XXXXh'	Kliem tal-Istatus (SW1, SW2)

— Jekk il-kmand jirnexxi, ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS jirritorna '**9000**'.

— Jekk il-fajl attwali ma jkunx orjentat lejn rekord, ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS jirritorna **'6981'**.

— Jekk il-kmand jintuża b'P1 = '00' iżda ma jkun hemm l-ebda EF attwali r-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS jirritorna **'6986'** (kmand mhux permess).

— Jekk ir-rekord ma jinstabx, ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS jirritorna **'6A 83'**.

— Jekk il-faċilità tal-GNSS esterna tidentifika tbagħbis, din għandha tirritorna l-kliem tal-istatus **'66 90'**.

GNS_27 Ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNS għandu jkun kompatibbli mal-kmandi li ġejjin tat-takografi tat-2 ġenerazzjoni speċifikati fl-Appendiċi 2:

Kmand	Referenza
Select	L-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.1
Read Binary	L-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.2
Get Challenge	L-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.4
PSO: Verify Certificate	L-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.7
External Authenticate	L-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.9
General Authenticate	L-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.10
MSE:SET	L-Appendiċi 2 tal-Kapitolu 3.5.11

▼B

4.3. **Akkoppjament, awtentikazzjoni reċiproka u ftehim dwar il-kjavi tassessjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna mal-unità tal-vettura**

L-akkoppjament, l-awtentikazzjoni reċiproka u l-ftehim dwar il-kjavi tassessjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna mal-unità tal-vettura huma deskritti fl-Appendiċi 11. Mekkaniżmi ta' sigurtà komuni, Kapitolu 11.

4.4. **Trattar tal-Iżbalji**

Din is-sezzjoni tiddeskrivi kif kundizzjonijiet potenzjali ta' żball millfaċilità tal-GNSS esterna huma indirizzati u rreġistrati fil-VU.

4.4.1 *Żball ta' komunikazzjoni mal-faċilità tal-GNSS esterna*

▼M1

GNS_28 F'każ li l-VU ma jirnexxilhiex tikkomunika mal-faċilità tal-GNSS esterna akkoppjata għal aktar minn 20 minuta kontinwi, il-VU għandha tiġġenera u tirreġistra fil-VU event tat-tip EventFaultType bil-valur ta' enum '0E'H Żball fil-komunikazzjoni mal-faċilità tal-GNSS esterna u bil-kronogramma issettjat daqs il-ħin attwali. L-event jiġi ġġenerat biss jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: (a) it-Takografu Intelliġenti ma jkunx fil-modalità tal-kalibrazzjoni u (b) il-vettura tkun miexja. F'dan il-kuntest, żball ta' komunikazzjoni jiġi attivat meta r-Riċetrażmettitur Sigur tal-VU ma jirċevix messaġġ ta' rispons wara messaġġ tat-talba kif deskritt f'4.2.

▼B

4.4.2 *Ksur tal-integrità fiżika tal-faċilità tal-GNSS esterna*

▼M1

GNS_29 Jekk isseħħ infrazzjoni tal-faċilità tal-GNSS esterna, ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS għandu jħassar il-memorja kollha tagħha, inkluż il-materjal kriptografiku. Kif deskritt f'GNS_25 u GNS_26, il-VU għandha tidentifika tbagħbis jekk ir-Rispons ikollu l-istatus '6690'. Imbagħad il-VU għandha tiġġenera event tat-tip EventFaultType enum '19'H Tamper detection of GNSS. Alternattivament, il-faċilità tal-GNSS esterna tista' ma tirrispondix aktar għal talba esterna.

▼B

4.4.3 *Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS*

▼M1

GNS_30 Jekk ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS ma jirċevix dejta mingħand ir-riċevitur tal-GNSS għal aktar minn 3 sigħat kontinwi, ir-Riċetrażmettitur Sigur tal-GNSS għandu jiġġenera messaġġ ta' rispons lill-kmand READ RECORD bin-numru tar-RECORD ugwali għal '01' b'Qasam tad-Dejta ta' 12-il byte kollha issettjati għal 0xFF. Meta jiġi riċevut il-messaġġ ta' Rispons b'dan il-valur tal-qasam tad-dejta, il-VU għandha tiġġenera u tirreġistra event tat-tip EventFaultType enum '0D'H event Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS bil-kronogramma issettjat daqs tal-ħin attwali biss jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: a) it-Takografu Intelliġenti ma jkunx fil-modalità tal-kalibrazzjoni u b) il-vettura tkun miexja.

▼B


4.4.4 *Ċertifikat skadut tal-faċilità tal-GNSS esterna*

GNS_31 ►M1 Jekk il-VU tinnota li ċ-Ċertifikat tal-EGF użat għallawtentikazzjoni reċiproka ma għadux validu, il-VU għandha tiġġenera u tirreġistra event tal-apparat ta' reġistrazzjoni tat-tip EventFaultType enum *'1B'H External GNSS facility certificate expired* bil-kronogramma issettjat daqs il-ħin attwali. Il-VU xorta għandha tuża d-dejta tal-GNSS dwar il-pożizzjoni. ◄

▼B

Grafika 4

Skema tal-faċilità tal-GNSS esterna



5. UNITÀ TAL-VETTURA MINGĦAJR FAĊILITÀ TAL-GNSS ESTERNA

5.1. **Konfigurazzjoni**

F'din il-konfigurazzjoni, ir-riċevitur tal-GNSS jinsab ġewwa l-Unità tal-Vettura kif deskritt fil-Grafika 1.

GNS_32 Ir-riċevitur tal-GNSS għandu jaġixxi ta' kelliem u jittrażmetti sentenzi tal-NMEA lill-proċessur tal-VU, li għandu jaġixxi bħala semmiegħ bi frekwenza ta' 1/10 Hz jew aktar malajr għas-sett stabbilit minn qabel ta' sentenzi tal-NMEA, li għandu jinkludi mill-inqas is-sentenzi tal-RMC u tal-GSA.

GNS_33 Antenna tal-GNSS esterna installata fuq il-vettura jew antenna tal-GNSS interna għandha tkun imqabbda mal-VU.

5.2. **Trattar tal-Iżbalji**

5.2.1 *Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS*

▼M1

GNS_34 Jekk il-VU ma tirċevix dejta mingħand ir-riċevitur tal-GNSS għal aktar minn 3 sigħat kontinwi, il-VU għandha tiġġenera u tirreġistra event tat-tip EventFaultType enum ‘0D’H event Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS bil-kronogramma ugwali għall-ħin attwali biss jekk jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin: (a) it-Takografu Intelliġenti ma jkunx fil-modalità tal-kalibrazzjoni u (b) il-vettura tkun miexja.

6. KUNFLITT TA’ ĦIN TAL-GNSS

Jekk il-VU tinnota diskrepanza ta’ aktar minn 1 minuta bejn il-funzjoni tal-kejl tal-ħin tal-unità tal-vettura u l-ħin li joriġina mir-riċevitur tal-GNSS, il-VU tinnota event tat-tip EventFaultType enum *’0B’H Time conflict (GNSS versus VU internal clock)*. Wara li jkun ġie attivat event ta’ kunflitt tal-ħin, il-VU ma twettaqx verifiki għal diskrepanzi fil-ħin għat-12-il siegħa li jmiss. Dan l-event ma għandhux jiġi attivat f'każijiet fejn l-ebda sinjal validu tal-GNSS ma seta' jinqabad mir-riċevitur tal-GNSS matul l-aħħar 30 jum.

▼B

7. KUNFLITT FIL-MOVIMENT TAL-VETTURA

GNS_35 Il-VU għandha tattiva u tirreġistra event ta' kunflitt fil-moviment tal-vettura (ara fir-rekwiżit 84 f'dan l-Anness) bil-kronogramma ugwali għall-valur tal-ħin attwali, fil-każ li l-informazzjoni dwar il-moviment ikkalkulata mis-sensor tal-moviment ma taqbilx mal-informazzjoni dwar il-moviment ikkalkulata mir-riċevitur tal-GNSS intern jew mill-faċilità tal-GNSS esterna. Għall-finijiet tad-detezzjoni ta' kontradizzjonijiet ta' dan it-tip, għandu jintuża l-valur medjan tad-differenzi fil-veloċità bejn dawn is-sorsi, kif speċifikat hawn taħt:

— f'kull perjodu mhux itwal minn 10 sekondi, għandu jiġi komputat il-valur assolut tad-differenza bejn il-veloċità tal-vettura kkalkulata mill-GNSS u l-veloċità kkalkulata mis-sensor tal-moviment.

— il-valuri komputati kollha f'perjodu ta' żmien li jinkludi l-aħħar ħames minuti ta' moviment għandhom jintużaw għall-komputazzjoni tal-valur medjan.

— il-valur medjan għandu jkun ikkomputat bħala l-medja ta' 80 % tal-valuri li jifdal, wara li jkunu ġew eliminati l-ogħla fosthom f'valuri assoluti

L-event ta' Kunflitt fil-Moviment tal-Vettura għandu jiġi attivat jekk il-valur medjan ikun ogħla minn 10 km/h għal moviment tal-vettura għal ħames minuti mingħajr interruzzjoni. Jistgħu jintużaw sorsi indipendenti oħra ta' detezzjoni tal-moviment tal-vettura, biex b'hekk tiġi pprovduta detezzjoni aktar affidabbli tal-manipulazzjonijiet tat-takografu. (Nota: l-użu tal-medjan fl-aħħar 5 minuti huwa applikat biex jitnaqqas ir-riskju ta' anomaliji ta' kejl u ta' valuri mhux permanenti). Dan l-avveniment m'għandux jiġi attivat fil-kundizzjonijiet li ġejjin: a) matul traġitt bil-vapur/ferrovija, b) meta l-informazzjoni tal-lokalizzazzjoni mir-riċevitur tal-GNSS ma tkunx disponibbli u c) waqt il-modalità tal-kalibrazzjoni.

▼B

Appendiċi 13

INTERFAĊĊA ITS

WERREJ

1. DAĦLA

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

2.1. Akronimi, definizzjonijiet u notazzjonijiet

3. REGOLAMENTI U STANDARDS LI SSIR REFERENZA GĦALIHOM

4. PRINĊIPJI OPERATTIVI TAL-INTERFAĊĊA

4.1. Prekundizzjonijiet għat-trasferiment tad-dejta permezz tal-interfaċċa tal-ITS

4.1.1 Id-Dejta pprovduta permezz tal-interfaċċa tal-ITS

4.1.2 Il-Kontenut tad-Dejta

4.1.3 Applikazzjonijiet tal-ITS

4.2. Teknoloġija tal-komunikazzjoni

4.3. Awtorizzazzjoni permezz ta' PIN

4.4. Format tal-Messaġġi

4.5. Kunsens tas-sewwieq

4.6. Irkupru ta' dejta standard

4.7. Irkupru ta' dejta personali

4.8. Irkupru ta' dejta tal-eventi u l-ħsarat

1. DAĦLA

Dan l-Appendiċi jispeċifika d-disinn u l-proċeduri li jridu jiġu segwiti sabiex l-interfaċċa tiġi implimentata ma' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS) kif mitlub fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 (*ir-Regolament*).

Ir-Regolament jispeċifika li t-takografi ta' vetturi jistgħu jkunu mgħammra b'interfaċċi standardizzati li jippermettu li d-dejta rrekordjata jew li tiġi prodotta mit-takografu tintuża b'mod operattiv, permezz ta' apparat estern, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-interfaċċa ma taffettwax l-awtenticità u l-integrità tad-dejta tat-takografu;

(b) l-interfaċċa tkun konformi mad-dispożizzjonijiet dettaljati tal-Artikolu 11 tar-Regolament;

(c) l-apparat estern konness mal-interfaċċa jkollu aċċess għal dejta personali, inkluż dejta dwar il-ġeolokalizzazzjoni, biss wara l-kunsens verifikabbli tas-sewwieq li d-dejta tkun dwaru.

2. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi jispeċifika kif l-applikazzjonijiet ospitati fuq apparat estern jistgħu jiksbu dejta (*id-Dejta*) minn takografu permezz ta' konnessjoni Bluetooth®.

Id-Dejta disponibbli permezz ta' din l-interfaċċa hija deskritta fl-Anness 1 ta' dan id-dokument. Din l-interfaċċa ma tipprojbixxix l-implementazzjoni ta' interfaċċi oħra (eż. permezz tal-CAN bus) għat-trażmissjoni tad-dejta tal-VU lejn unitajiet ta' pproċessar ta' vetturi oħra.

▼B

Dan l-Appendiċi jispeċifika:

— *Id-Dejta* disponibbli permezz tal-interfaċċa tal-ITS

— Il-profil tal-Bluetooth® li jintuża għat-trasferiment tad-dejta

— Il-proċeduri tal-inkjesta u tat-tniżżil u s-sekwenza tal-operazzjonijiet

— Il-mekkaniżmu ta' akkoppjament bejn it-takografu u l-apparat estern

— Il-mekkaniżmu ta' kunsens disponibbli għas-sewwieq

▼M1

Għall-kjarifika, dan l-Appendiċi ma jispeċifikax:

— Il-ġbir tal-operat u tal-ġestjoni tad-*Dejta* fil-VU (li għandu jiġi speċifikat f'parti oħra *tar-Regolament* jew alternattivament ikun funzjoni tad-disinn tal-prodott).

— Il-forma tal-preżentazzjoni tad-dejta miġbura lill-applikazzjoni ospitata fuq l-apparat estern.

— Dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tad-dejta apparti dak li jipprovdi l-Bluetooth® (bħall-kriptaġġ) fir-rigward tal-kontenut *tad-Dejta* (li għandhom ikunu speċifikati f'parti oħra *tar-Regolament* [l-Appendiċi 11 Mekkaniżmi ta' Sigurtà Komuni]).

— Il-protokolli Bluetooth® użati mill-interfaċċa tal-ITS

▼B

2.1. **Akronimi, definizzjonijiet u notazzjonijiet**

L-akronimi u d-definizzjonijiet li ġejjin li huma speċifiċi għal dan l-Appendiċi jintużaw f'dan l-appendiċi:

il-Komunikazzjoni	skambju ta' informazzjoni/dejta bejn unità master (eż. it-takografi) u unità esterna permezz tal-interfaċċa tal-ITS bl-użu tal-Bluetooth®.
id-Dejta	Is-settijiet tad-dejta kif speċifikat fl-Artikolu 1.
ir-Regolament	Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq
BR	Rata Bażika
EDR	Rata Mtejba tat-Trasferiment ta' Dejta
GNSS	Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita
IRK	Kjavi tar-Riżoluzzjoni tal-Identità
ITS	Sistema ta' Trasport Intelliġenti
LE	Enerġija Baxxa
PIN	Numru ta' Identifikazzjoni Personali
PUC	Kodiċi ta' Żblokkar Personali
SID	Identifikatur tas-Servizz
SPP	Profil tal-Port Serjali

▼B

SSP	Akkoppjament Sempliċi Sigur
TRTP	Parametru tat-Talba għat-Trasferiment
TREP	Parametru tar-Rispons tat-Trasferiment
VU	Unità tal-Vettura

3. REGOLAMENTI U STANDARDS LI SSIR REFERENZA GĦALIHOM

L-ispeċifikazzjoni definita f'dan l-Appendiċi tirreferi għal dawn ir-Regolamenti u standards kollha jew partijiet minnhom u tiddependi fuqhom kollha jew fuq partijiet minnhom. Fil-klawżoli ta' dan l-Appendiċi jiġu speċifikati l-istandards rilevanti, jew il-klawżoli rilevanti tal-istandards. Fil-każ ta' kwalunkwe kontradizzjoni għandhom jieħdu preċedenza l-klawżoli ta' dan l-Appendiċi.

Ir-Regolamenti u l-istandards li saret referenza għalihom f'dan l-Appendiċi huma:

— Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq.

— Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85.

— ISO 16844 — 4: Road vehicles — Tachograph systems — Part 4: interfaċċa Can

— ISO 16844 — 7: Road vehicles — Tachograph systems — Part 7: Parametri

— Bluetooth® — Profil tal-Port Serjali — V1.2

— Bluetooth® — Core Version 4.2

— Protokoll tal-NMEA 0183 V4.1

4. PRINĊIPJI OPERATTIVI TAL-INTERFAĊĊA

4.1. **Prekundizzjonijiet għat-trasferiment tad-dejta permezz tal-interfaċċa tal-ITS**

Il-VU għandha tkun responsabbli li taġġorna u żżomm id-dejta li trid tinħażen fil-VU, mingħajr l-ebda involviment tal-interfaċċa tal-ITS. Il-mezz li permezz tiegħu għandu jinkiseb dan huwa intern għall-VU, huwa speċifikat f'parti oħra tar-Regolament u mhuwiex speċifikat f'dan l-Appendiċi.

4.1.1 *Id-Dejta pprovduta permezz tal-interfaċċa tal-ITS*

Il-VU għandha tkun responsabbli li taġġorna d-dejta li ssir disponibbli permezz tal-interfaċċa tal-ITS skont il-frekwenza determinata fil-proċeduri tal-VU, mingħajr l-ebda involviment tal-interfaċċa tal-ITS. Id-dejta tal-VU għandha tintuża bħala bażi biex timtela u tiġi aġġornata *d-Dejta*, u l-mezz biex dan jinkiseb huwa speċifikat f'parti oħra *tar-Regolament* jew, jekk ma jkunx hemm speċifikazzjoni bħal din, tkun funzjoni tad-disinn tal-prodott u ma tkunx speċifikata f'dan l-Appendiċi.

▼B

4.1.2 *Il-Kontenut tad-Dejta*

Il-kontenut *tad-Deta* għandu jkun kif speċifikat fl-Anness 1 ta' dan l-Appendiċi.

4.1.3 *Applikazzjonijiet tal-ITS*

L-applikazzjonijiet tal-ITS se jkunu qed jużaw id-dejta magħmula disponibbli permezz tal-interfaċċa tal-ITS, pereżempju biex jiġu ottimizzati l-attivitajiet ta' ġestjoni tas-sewwieq filwaqt li jiġi rrispettat ir-Regolament, għad-detezzjoni ta' ħsarat possibbli fit-takografu jew biex tintuża d-dejta tal-GNSS. L-ispeċifikazzjoni tal-applikazzjonijiet ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi.

4.2. **Teknoloġija tal-komunikazzjoni**

L-iskambju *tad-Dejta* bl-użu tal-interfaċċa tal-ITS għandu jsir permezz ta' interfaċċa tal-Bluetooth® li hija kompatibbli permezz tal-verżjoni 4.2 jew verżjoni aktar reċenti. Il-Bluetooth® jopera fil-banda industrijali, xjentifika u medika (ISM) mingħajr liċenzja fi frekwenza ta' bejn 2,4 u 2,485 GHz. Il-Bluetooth® 4.2 joffri mekkaniżmi mtejba ta' privatezza u ta' sigurtà, u jżid il-ħeffa u l-affidabbiltà tat-trasferimenti tad-dejta. Għall-fini ta' din l-ispeċifikazzjoni, Bluetooth® class 2 radio jintuża għal firxa ta' sa 10 metri. Għal aktar informazzjoni dwar Bluetooth® 4.2, ara www.bluetooth.com (https://www.bluetooth.org/en-us/specification/adopted-specifications?_ga=1.215147412.2083380574.1435305676).


Il-Komunikazzjoni għandha tiġi stabbilita bit-tagħmir tal-komunikazzjonijiet wara li jkun sar proċess ta' akkoppjament permezz ta' apparat awtorizzat. Billi l-Bluetooth® juża mudell ta' master/slave biex jikkontrolla meta u fejn l-apparat jista' jibgħat id-dejta, it-takografu għandu jkollu r-rwol ta' master, filwaqt li l-apparat estern jieħu r-rwol ta' slave.

▼M1

Meta apparat estern jinsab fi ħdan il-firxa tal-VU għall-ewwel darba, il-proċess ta' akkoppjament tal-Bluetooth® ikun jista' jinbeda (ara wkoll l-Anness 2). L-apparati jaqsmu ma' xulxin indirizzi, ismijiet kif ukoll profili u l-kjavi sigrieta komuni, u dan jippermettilhom iwettqu akkoppjament kull meta fil-futur ikunu jinsabu viċin xulxin. Ladarba dan il-pass ikun tlesta, l-apparat estern jitqies bħala fdat u fi stat li jagħti bidu għal talbiet għat-tniżżil ta' dejta mit-takografu. Mhuwiex previst li jiġu miżjuda mekkaniżmi ta' kriptaġġ lil hinn minn dawk ipprovduti mill-Bluetooth®. Madankollu, jekk ikun hemm bżonn ta' mekkaniżmi ta' sigurtà addizzjonali, dan isir b'konformità mal-Appendiċi 11 Mekkaniżmi ta' Sigurtà Komuni.

▼B

Il-prinċipju ġenerali tal-komunikazzjoni huwa deskritt fil-grafika li jmiss.



▼B

Il-profil tal-SPP (Profil tal-Port Serjali) tal-Bluetooth® għandu jintuża għat-trasferiment ta' dejta mill-VU lejn it-tagħmir estern.

4.3. **Awtorizzazzjoni permezz ta' PIN**

▼M1

Għal raġunijiet ta' sigurtà, il-VU se jkollha bżonn sistema ta' awtorizzazzjoni permezz ta' kodiċi PIN separata mill-akkoppjament tal-Bluetooth. Kull VU għandha tkun kapaċi tiġġenera kodiċijiet PIN magħmula minn mill-inqas 4 ċifri għal skopijiet ta' awtentikazzjoni. Kull meta apparat estern jiġi akkoppjat ma' VU, dan għandu jagħti l-kodiċi PIN korrett qabel jirċievi kwalunkwe dejta.

▼B

Id-tidħil b'suċċess tal-PIN għandu jirriżulta fit-tqegħid tal-apparat fil-lista l-bajda. Il-lista l-bajda għandha taħżen mill-inqas 64 apparati akkoppjati mal-VU partikolari.

F'każ li jiddaħħal kodiċi PIN żbaljat għal tliet darbiet wara xulxin, l-apparat jitqiegħed temporanjament fil-lista s-sewda. Meta apparat ikun imniżżel fil-lista s-sewda, kull sforz ġdid minn dak l-apparat jiġi miċħud. F'każ li jerġa' jiddaħħal kodiċi PIN żbaljat għal tliet darbiet wara xulxin, l-apparat jitqiegħed barra mis-servizz għal perjodi dejjem itwal (Ara t-Tabella 1). It-tħul tal-kodiċi PIN korrett jirrissettja t-tul tat-tqegħid barra mis-servizz, kif ukoll in-numru tat-tentattivi ta' tħul tal-kodiċi PIN. Il-Grafika 1 fl-Anness 2 tirrappreżenta dijagramma tas-sekwenza ta' tentattiv ta' validazzjoni ta' PIN.

Tabella 1

Żmien tat-tqegħid barra mis-servizz skont kemm il-darba ddaħħal kodiċi PIN żbaljat b'mod konsekuttiv

Istanzi ta' tħul ta' PIN inkorrett	Perjodu ta' tqegħid barra mis-servizz
3	30 sekonda
6	5 minuti
9	Siegħa (1)
12	24 siegħa
15	Permanenti

F'każ li jiddaħħal kodiċi PIN żbaljat għal ħmistax-il darba (5x3) wara xulxin, l-Unità tal-ITS titqiegħed fil-lista s-sewda b'mod permanenti. It-tqegħid barra mis-servizz jista' jiġi kkanċellat biss jekk jiddaħħal il-kodiċi PUC korrett.

Il-kodiċi PUC għandu jkun magħmul minn 8 ċifri u għandu jiġi pprovdut mill-manifattur flimkien mal-VU. F'każ li jiddaħħal kodiċi PUC żbaljat għal għaxar darbiet wara xulxin, l-Unità tal-ITS titqiegħed fil-lista s-sewda b'mod permanenti.

▼M1

Filwaqt li l-produttur jista' joffri l-alternattiva li l-kodiċi PIN jinbidel direttament permezz tal-VU, il-kodiċi PUC m'għandux ikun ta' tip li jista' jinbidel. Biex issir modifika tal-kodiċi PIN, jekk din tkun possibbli, il-kodiċi PIN attwali għandu jiddaħħal direttament fil-VU.

▼B

Barra minn hekk, kwalunkwe apparat maħżun fil-lista l-bajda għandu jinżamm sakemm l-utent ineħħih b'mod manwali (eż. permezz tal-interfaċċa bniedem-magna tal-VU jew permezz ta' mezzi oħra). B'dan il-mod, unitajiet tal-ITS li jkunu ntilfu jew li jkunu nsterqu ikunu jistgħu jitneħħew mil-lista l-bajda. Barra minn hekk, kwalunkwe Unità tal-ITS li toħroġ mill-medda ta' konnessjoni tal-Bluetooth għal aktar minn 24 siegħa għandha titneħħa awtomatikament mil-lista l-bajda tal-VU, u l-PIN it-tajjeb irid jiġi pprovdut għal darb'oħra meta l-konnessjoni tiġi stabbilita mill-ġdid.

▼B

Il-format tal-messaġġi li jintbagħtu bejn l-interfaċċa tal-VU u l-VU mhumiex ipprovduti, u jitħallew għad-diskrezzjoni tal-manifattur. Madankollu, dawn il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-format tal-messaġġ bejn l-Unità tal-ITS u l-interfaċċa tal-VU jiġi rispettat (ara l-ispeċifikazzjonijiet ta' ASN.1).

B'hekk, kull talba għal dejta għandha tintlaqa' b'verifika adegwata talkredenzjali tal-ispeditur qabel tittieħedkwalunkwe azzjoni ta' trattament. Il-Grafika 2 tal-Anness 2 tirrappreżenta d-dijagramma tas-sekwenza ta' din il-proċedura. L-apparat kollu fil-lista s-sewda għandu jirċievi rifjut awtomatiku, filwaqt li apparat li mhuwiex fil-lista s-sewda u li mhuwiex fil-lista l-bajda għandu jirċievi talba għal PIN li għandu jissodisfa qabel jerġa' jibgħat it-talba tiegħu għal dejta.

4.4. **Format tal-Messaġġi**

Il-messaġġi kollha skambjati bejn l-Unità tal-ITS u l-interfaċċa tal-VU għandhom ikunu f'format bi struttura fi tliet partijiet: Header magħmul minn byte tal-mira (TGT), byte tas-sors (SRC) u byte tat-tul (LEN).

Il-qasam tad-dejta magħmul minn byte tal-identifikatur tas-servizz (SID) u minn ammont varjabbli ta' bytes tad-dejta (massimu ta' 255).

Il-byte taċ-checksum hija l-modulo 256 tas-serje tal-1 byte sum tal-bytes kollha tal-messaġġ meta teskludi s-CS innifisha.

Il-messaġġ għandu jkun fil-format Big Endian.

Tabella 2

Format ġenerali tal-messaġġi

Header			Data Field					Checksum
TGT	SRC	LEN	SID	TRTP	CC	CM	DATA	CS
3 bytes			Max. 255 bytes					1 byte

Header

TGT u SRC: l-ID tal-apparati Mira (TGT) u Sors (SRC) tal-messaġġ. L-interfaċċa tal-VU għandu jkollha l-ID predefinit “EE”. Dan l-ID ma jistax jinbidel. L-Unità tal-ITS għandha tuża l-ID predefinit “A0” għall-ewwel messaġġ tagħha tas-sessjoni ta' Komunikazzjoni. Wara, l-interfaċċa tal-VU għandha tassenja ID uniku lill-Unità tal-ITS u tinformaha b'dan l-ID għal messaġġi futuri matul is-sessjoni.

Il-byte LEN għandha tikkunsidra biss il-parti “DATA”tal-Qasam tad-Dejta (ara t-Tabella 2), u l-ewwel 4 bytes huma impliċiti.

L-interfaċċa tal-VU għandha tikkonferma l-awtenticità tal-ispeditur tal-messaġġ permezz ta' kontroverifika tal-IDList tagħha stess mad-dejta tal-Bluetooth billi tivverifika li l-Unità tal-ITS elenkata fl-ID dak il-ħin tinsab fil-firxa tal-konnessjoni Bluetooth.

Qasam tad-Dejta

Apparti l-SID, il-Qasam tad-Dejta għandu jinkludi wkoll parametri oħra: parametru tat-talba għat-trasferiment (TRTP) u Counter bytes.

▼M1

F'każ li d-dejta li trid tiġi ġestita tkun akbar mill-ispazju disponibbli f'messaġġ wieħed, din se tinqasam f'diversi submessaġġi. Kull submessaġġ għandu jkollu l-istess Header u SID, iżda għandu jinkludi 2 bytes counter, Counter Current (CC) u Counter Max (CM), biex jiġi indikat in-numru tas-submessaġġ. Biex jippermetti li jsir l-iċċekkjar tal-iżbalji u jabortixxi l-apparat riċevitur jirrikonoxxi kull submessaġġ. L-apparat riċevitur jista' jaċċetta s-submessaġġ, jitlob li dan jiġi mibgħut mill-ġdid, jitlob lill-apparat speditur biex jibda mill-ġdid jew jabortixxi t-trażmissjoni.

▼B

F'każ li ma jintużawx, CC u CM għandhom jingħataw il-valur 0xFF.

Pereżempju, il-messaġġ li ġej

HEADER	SID	TRTP	CC	CM	DATA	CS
3 bytes	Longer than 255 bytes					1 byte

Għandu jiġi trażmess kif ġej:

HEADER	SID	TRTP	01	n	DATA	CS
3 bytes	255 bytes					1 byte

HEADER	SID	TRTP	02	n	DATA	CS
3 bytes	255 bytes					1 byte

…

HEADER	SID	TRTP	N	N	DATA	CS
3 bytes	Max. 255 bytes					1 byte

Fit-Tabella 3 jintwerew il-messaġġi l-VU u l-Unità tal-ITS għandhom ikunu kapaċi jiskambjaw. Il-kontenut ta' kull parametru huwa mogħti f'eżadeċimali. Għal raġunijiet ta' ċarezza, CC u CM mhumiex rappreżentati fit-tabella. Ara hawn fuq għall-format komplet.

Tabella 3

Kontenut dettaljat tal-messaġġi

Messaġġ	Header			DATA			Checksum
	TGT	SRC	LEN	SID	TRTP	DATA	
RequestPIN	*ITSID*	EE	00	01	FF		
SendITSID	*ITSID*	EE	01	02	FF	*ITSID*	
SendPIN	EE	*ITSID*	04	03	FF	4*INTEGER (0..9)	
PairingResult	*ITSID*	EE	01	04	FF	BOOLEAN (T/F)	
SendPUC	EE	*ITSID*	08	05	FF	8*INTEGER (0..9)	

▼B

Messaġġ	Header			DATA			Checksum
	TGT	SRC	LEN	SID	TRTP	DATA	
BanLiftingResult	*ITSID*	EE	01	06	FF	BOOLEAN (T/F)	
RequestRejected	*ITSID*	EE	08	07	FF	Time	
RequestData							
standardTachData	EE	*ITSID*	01	08	01		
personalTachData	EE	*ITSID*	01	08	02		
gnssData	EE	*ITSID*	01	08	03		
standardEventData	EE	*ITSID*	01	08	04		
personalEventData	EE	*ITSID*	01	08	05		
standardFaultData	EE	*ITSID*	01	08	06		
manufacturerData	EE	*ITSID*	01	08	07		
ResquestAccepted	*ITSID*	EE	Len	09	TREP	Data	
DataUnavailable							
Ebda dejta disponibbli	*ITSID*	EE	02	0A	TREP	10	
Dejta personali mhux maqsuma	*ITSID*	EE	02	0A	TREP	11	
NegativeAnswer							
Ċaħda ġenerali	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	10	
Servizz mhux kompatibbli	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	11	
Subfunzjoni mhux kompatibbli	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	12	
Messaġġ b'tul mhux korrett	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	13	
Kundizzjonijiet mhux korretti jew żball fis-sekwenza tat-talba	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	22	
Talba barra mill-firxa	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	31	
Rispons pendenti	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	78	
Diskrepanza tal-ITSID	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	FC	
ITSID Mhux Misjub	*ITSID*	EE	02	0B	SID Req	FB	

RequestPIN (SID 01)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Interfaċċa tal-VU jekk unità tal-ITS mhux fil-lista s-sewda iżda mhux fil-lista l-bajda tkun qed tibgħat kwalunkwe talba għal dejta.

▼B

SendITSID (SID 02)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Interfaċċa tal-VU kull meta apparat ġdid ikun qed jibgħat talba. Dan l-apparat għandu juża l-ID predefinit "A0" qabel jiġi assenjat ID uniku għas-sessjoni ta' komunikazzjoni.

SendPIN (SID 03)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Unità tal-ITS li trid tiġi inkluża fil-lista l-bajda mill-interfaċċa tal-VU. Dan il-messaġġ huwa kodiċi b'4 ċifri INTEGER bejn 0 u 9.

PairingResult (SID 04)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Interfaċċa tal-VU sabiex jinforma lill-Unità tal-ITS dwar jekk il-kodiċi PIN li bagħtet kenitx korretta. Il-kontenut ta' dan il-messaġġ għandu jkun BOOLEAN bil-valur "True" jekk il-kodiċi PIN ikun korrett, jew "False" jekk le.

SendPUC (SID 05)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Unità tal-ITS biex titneħħa sanzjoni ta' inklużjoni fil-lista s-sewda mill-interfaċċa tal-VU. Dan il-messaġġ huwa kodiċi b'8 ċifri INTEGER bejn 0 u 9.

BanLiftingResult (SID 06)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Interfaċċa tal-VU sabiex jinforma lill-Unità tal-ITS dwar jekk il-kodiċi PUC li bagħtet kienx korrett. Il-kontenut ta' dan il-messaġġ għandu jkun BOOLEAN bil-valur "True" jekk il-kodiċi PIN ikun korrett, jew "False" jekk le.

RequestRejected (SID 07)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Interfaċċa tal-VU bħala tweġiba għal kull messaġġ minn Unità tal-ITS fil-lista s-sewda, ħlief għal "SendPUC". Fil-messaġġ għandu jkun hemm il-ħin li għalih l-Unità tal-ITS tibqa' fil-lista s-sewda, wara l-format tas-sekwenza "Time" kif definit fl-Anness 3.

RequestData (SID 08)

Dan il-messaġġ għal aċċess għad-dejta jinħareġ mill-Unità tal-ITS. Parametru ta' talba għat-trasferiment ta' byte waħda (TRTP) jindika t-tip ta' dejta meħtieġa. Hemm diversi tipi ta' dejta:

— standardTachData (TRTP 01): Dejta disponibbli mit-takografu klassifikata bħala mhux personali.

— personalTachData (TRTP 02): Dejta disponibbli mit-takografu klassifikata bħala personali.

— gnssData (TRTP 03): Dejta tal-GNSS, li dejjem hija personali.

— standardEventData (TRTP 04): Dejta tal-eventi rrekordjata klassifikata bħala mhux personali.

— personalEventData (TRTP 05): Dejta tal-eventi rrekordjata klassifikata bħala personali.

— standardFaultData (TRTP 06): Ħsarat irreġistrati klassifikati bħala mhux personali.

— manufacturerData (TRTP 07): dejta magħmula disponibbli mill-manifattur.

▼B

Ara l-Anness 3 ta' dan l-Appendiċi għal aktar informazzjoni dwar il-kontenut ta' kull tip ta' dejta.

Ara l-Appendiċi 12 għal aktar informazzjoni dwar il-format u l-kontenut ta' dejta tal-GNSS.

Ara l-Anness IB u IC għal aktar informazzjoni dwar il-kodiċi ta' dejta ta' eventi u ħsarat.

ResquestAccepted (SID 09)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Interfaċċa tal-VU jekk ikun ġie aċċettat messaġġ "RequestData" tal-Unità tal-ITS. Dan il-messaġġ fih TREP ta' 1 byte, li huwa t-TRTP byte tal-messaġġ assoċjat ta' RequestData, u d-dejta kollha tat-tip mitlub.

DataUnavailable (SID 0A)

Dan il-messaġġ jinħareġ mill-Interfaċċa tal-VU jekk, għal xi raġuni, id-dejta mitluba ma tkunx disponibbli biex tintbagħat lil Unità tal-ITS fil-lista l-bajda. Il-messaġġ fih TREP ta' 1 byte, li huwa t-TRTP tad-dejta meħtieġa u kodiċi ta' żball ta' 1 byte speċifikat fit-Tabella 3. Il-kodiċijiet li ġejjin huma disponibbli:

— No data available (10): L-interfaċċa tal-VU ma tistax taċċessa d-dejta tal-VU għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu speċifikati.

— Personal data not shared (11): L-Unità tal-ITS tipprova tirkupra dejta personali meta din ma tkunx ta' tip li jista' jiġi maqsum.

NegativeAnswer (SID 0B)

Dawn il-messaġġi jinħarġu mill-Interfaċċa tal-VU jekk talba ma tkunx tista' tiġi kkompletata għal kwalunkwe raġuni oħra apparti n-nuqqas ta' disponibbiltà tad-dejta. Tipikament, dawn il-messaġġi huma r-riżultat ta' format ħażin tat-talba (Tul, SID, ITSID…), iżda mhumiex limitati għalihom biss. It-TRTP fil-Qasam tad-Dejta fih l-SID tat-talba. Il-Qasam tad-Dejta fih kodiċi li jidentifika r-raġuni għat-tweġiba fin-negattiv. Il-kodiċi li ġejjin huma disponibbli:

— General Reject (code: 10)

— L-azzjoni ma tistax issir, u dan għal raġuni li mhix imsemmija la hawn taħt u lanqas fit-Taqsima (Daħħal in-numru tat-Taqsima *DataUnavailable*).

— Service not supported (code: 11)

— L-SID tat-talba mhuwiex mifhum.

— Sub function not supported (code: 12)

— It-TRTP tat-talba mhuwiex mifhum. Dan jista' pereżempju jkun nieqes, jew b'valuri mhux aċċettati.

— Incorrect message length (code: 13)

— It-tul tal-messaġġ riċevut huwa ħażin (diskrepanza bejn il-LEN byte u t-tul proprju tal-messaġġ).

— Conditions not correct or request sequence error (code: 22)

— Is-servizz mitlub mhux attiv jew is-sekwenza tal-messaġġi tat-talba mhix korretta

— Request out of range (code: 33)

▼B

— Ir-rekord tat-talba tal-parametru (qasam tad-dejta) mhuwiex validu

— Response pending (code: 78)

— L-azzjoni mitluba ma tistax titlesta fil-ħin u l-VU mhux lesta li taċċetta talba oħra.

— *ITSID* Mismatch (code: FB)

— L-*ITSID* tal-SRC ma taqbilx mal-apparat assoċjat wara tqabbil mal-informazzjoni tal-Bluetooth.

— *ITSID* Not Found (code: FC)

— L-*ITSID* tal-SRC mhi assoċjata ma' ebda apparat.

Il-linji 1 sa 72 (**FormatMessageModule**) tal-kodiċi ASN.1 fl-Anness 3 jispeċifikaw il-format tal-messaġġi kif deskritt fit-Tabella 3. Aktar dettalji dwar il-kontenut tal-messaġġi jingħataw hawn taħt.

4.5. **Kunsens tas-sewwieq**

Id-dejta kollha disponibbli hija klassifikati bħala standard jew bħala personali. Id-dejta personali għandha tkun aċċessibbli biss jekk is-sewwieq jagħti l-kunsens tiegħu, u jaċċetta li d-dejta personali tiegħu marbuta mat-takografu tkun tista' tinħareġ min-netwerk tal-vettura għal applikazzjonijiet ta' partijiet terzi.

Il-kunsens tas-sewwieq jingħata meta, l-ewwel darba li tiddaħħal kard tas-sewwieq partikolari jew kard tal-workshop attwalment mhux magħrufa mill-unità tal-vettura, id-detentur tal-kard jiġi mistieden jesprimi l-kunsens tiegħu għal output tad-dejta personali marbuta mat-takografu, permezz tal-interfaċċa fakultattiva tal-ITS. (ara wkoll l-Anness I C, paragrafu 3.6.2).

L-istatus tal-kunsens (attivat/diżattivat) huwa rreġistrat fil-memorja tat-takografu.

F'każ ta' diversi sewwieqa, hija biss id-dejta personali dwar is-sewwieqa li jkunu taw il-kunsens tagħhom li tista' tiġi maqsuma mal-interfaċċa tal-ITS. Pereżempju, f'każ li jkun hemm żewġ sewwieqa fil-vettura u l-ewwel sewwieq biss ikun qabel li jaqsam id-dejta personali tiegħu, dawk li jikkonċernaw lis-sewwieq l-ieħor ma jiġux maqsuma.

4.6. **Irkupru ta' dejta standard**

Il-grafika 3 tal-Anness 2 tirrappreżenta d-dijagrammi tas-sekwenza ta' talba valida mibgħuta mill-Unità tal-ITS għall-aċċess ta' dejta standard. L-Unità tal-ITS hija mniżżla fil-lista l-bajda kif suppost u mhux qed titlob dejta personali, mhi meħtieġa ebda verifika ulterjuri. Id-dijagrammi jikkunsidraw li l-proċedura t-tajba murija fil-Grafika 2 tal-Anness 2 tkun ġiet segwita diġà. Dawn jistgħu jiġu mqabbla mal-kaxxa l-griża *REQUEST TREATMENT* tal-Grafika 2.

Fost id-dejta disponibbli, din għandha titqies bħala standard:

— standardTachData (TRTP 01)

— StandardEventData (TRTP 04)

— standardFaultData (TRTP 06)

4.7. **Irkupru ta' dejta personali**

Il-Grafika 4 tal-Anness 2 tirrappreżenta d-dijagramma tas-sekwenza għall-ipproċessar ta' talba għal dejta personali. Kif ġie stabbilit qabel, l-interfaċċa tal-VU għandha tibgħat dejta personali biss jekk is-sewwieq ikun ta l-kunsens espliċitu tiegħu (ara wkoll 4.5). Inkella, it-talba trid tiġi rifjutata b'mod awtomatiku.

▼B

Fost id-dejta disponibbli, din għandha titqies bħala personali:

— personalTachData (TRTP 02)

— gnssData (TRTP 03)

— personalEventData (TRTP 05)

— manufacturerData (TRTP 07)

4.8. **Irkupru ta' dejta tal-eventi u l-ħsarat**

L-unitajiet tal-ITS għandhom ikunu kapaċi jitolbu dejta tal-eventi li fiha l-lista tal-eventi kollha mhux mistennija. Din id-dejta titqies bħala standard jew personali, ara l-Anness 3. Il-kontenut ta' kull event huwa skont id-dokumentazzjoni pprovduta fl-Anness 1 ta' dan l-Appendiċi.

▼B

ANNESS 1

▼M1

1) LISTA TAD-DEJTA DISPONIBBLI PERMEZZ TAL-INTERFAĊĊA TAL-ITS

▼B

Dejta	Sors	►C2 Klassifikazzjoni tad-dejta (personali/mhux personali) ◄
VehicleIdentificationNumber	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
CalibrationDate	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
TachographVehicleSpeed speed instant t	Unita tal-Vettura	personali
Driver1WorkingState Selector driver	Unita tal-Vettura	personali
Driver2WorkingState	Unita tal-Vettura	personali
DriveRecognize Speed Threshold detected	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
Driver1TimeRelatedStates Weekly day time	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2TimeRelatedStates	Kard tas-Sewwieq	personali
DriverCardDriver1	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
DriverCardDriver2	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
OverSpeed	Unita tal-Vettura	personali
TimeDate	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
HighResolutionTotalVehicleDistance	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
ServiceComponentIdentification	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
ServiceDelayCalendarTimeBased	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
Driver1Identification	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2Identification	Kard tas-Sewwieq	personali
NextCalibrationDate	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
Driver1ContinuousDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2ContinuousDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1CumulativeBreakTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CumulativeBreakTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1CurrentDurationOfSelectedActivity	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CurrentDurationOfSelectedActivity	Kard tas-Sewwieq	personali
SpeedAuthorised	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
TachographCardSlot1	Kard tas-Sewwieq	**mhux personali**
TachographCardSlot2	Kard tas-Sewwieq	**mhux personali**
Driver1Name	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2Name	Kard tas-Sewwieq	personali

▼B

Dejta	Sors	►C2 Klassifikazzjoni tad-dejta (personali/mhux personali) ◄
OutOfScopeCondition	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
ModeOfOperation	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
Driver1CumulatedDrivingTimePreviousAndCurrentWeek	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CumulatedDrivingTimePreviousAndCurrentWeek	Kard tas-Sewwieq	personali
EngineSpeed	Unita tal-Vettura	personali
RegisteringMemberState	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
VehicleRegistrationNumber	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
Driver1EndOfLastDailyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2EndOfLastDailyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1EndOfLastWeeklyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2EndOfLastWeeklyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1EndOfSecondLastWeeklyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2EndOfSecondLastWeeklyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1CurrentDailyDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CurrentDailyDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1CurrentWeeklyDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CurrentWeeklyDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1TimeLeftUntilNewDailyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2TimeLeftUntilNewDailyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1CardExpiryDate	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CardExpiryDate	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1CardNextMandatoryDownloadDate	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CardNextMandatoryDownloadDate	Kard tas-Sewwieq	personali
TachographNextMandatoryDownloadDate	Unita tal-Vettura	**mhux personali**
Driver1TimeLeftUntilNewWeeklyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2TimeLeftUntilNewWeeklyRestPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1NumberOfTimes9hDailyDrivingTimesExceeded	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2NumberOfTimes9hDailyDrivingTimesExceeced	Kard tas-Sewwieq	personali

▼B

Dejta	Sors	►C2 Klassifikazzjoni tad-dejta (personali/mhux personali) ◄
Driver1CumulativeUninterruptedRestTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2CumulativeUninterruptedRestTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1MinimumDailyRest	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2MinimumDailyRest	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1MinimumWeeklyRest	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2MinimumWeeklyRest	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1MaximumDailyPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2MaximumDailyPeriod	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1MaximumDailyDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2MaximumDailyDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1NumberOfUsedReducedDailyRestPeriods	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2NumberOfUsedReducedDailyRestPeriods	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver1RemainingCurrentDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
Driver2RemainingCurrentDrivingTime	Kard tas-Sewwieq	personali
GNSS position	Unita tal-Vettura	personali

2) DEJTA KONTINWA TAL-GNSS DISPONIBBLI WARA L-KUNSENS TAS-SEWWIEQ

Ara l-Appendiċi 12 — GNSS.

3) KODIĊIJIET TAL-EVENTI DISPONIBBLI MINGĦAJR IL-KUNSENS TAS-SEWWIEQ

Event	Regoli tal-ħżin	Dejta li għandha tiġi rrekordjata għal kull event
L-inserzjoni ta' kard mhux valida	— l-10 eventi l-aktar reċenti.	— id-data u l-ħin tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni tal-kard li toħloq l-event. — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum
Konflitt tal-kards	— l-10 eventi l-aktar reċenti.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni taż-żewġ kards li joħolqu l-kunflitt.
L-aħħar sessjoni bil-kard ma ntgħalqitx sewwa	— l-10 eventi l-aktar reċenti.	— id-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard, — tip, numru, Stat Membru tal-ħruġ u ġenerazzjoni tal-kard(s), — dejta dwar l-aħħar sessjoni kif tinqara mill-kard: — id-data u l-ħin tal-inserzjoni tal-kard, — VRN, l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u ġenerazzjoni tal-VU.

▼B

Event	Regoli tal-ħżin	Dejta li għandha tiġi rrekordjata għal kull event
Interruzzjoni tal-provvista tal-elettriku (2)	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fl-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.
Żball fil-komunikazzjoni mal-faċilità ta' komunikazzjoni remota	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fl-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.
Nuqqas ta' informazzjoni dwar il-pożizzjoni mir-riċevitur tal-GNSS	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fl-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.
▼M1 Żball ta' komunikazzjoni mal-faċilità tal-GNSS esterna	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fuq l-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — it-tip u n-numru ta’ kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta’ eventi simili matul dak il-jum.
▼B Żball fl-informazzjoni ta' moviment	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fl-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.
Kunflitt fil-moviment tal-vettura	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fl-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.

▼B

Event	Regoli tal-ħżin	Dejta li għandha tiġi rrekordjata għal kull event
Tentattivi ta' ksur tas-sigurtà	l-10 eventi l-aktar riċenti għal kull tip ta' event.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event (jekk rilevanti), — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — tip tal-event.
Kunflitt ta' ħin	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fl-aħħar 365 jum.	— data u ħin tal-apparat ta' rekordjar — id-data u l-ħin tal-GNSS, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.

4) KODIĊIJIET TAL-EVENTI DISPONIBBLI MINGĦAJR IL-KUNSENS TAS-SEWWIEQ

Event	Regoli tal-ħżin	Dejta li għandha tiġi rrekordjata għal kull event
Sewqan mingħajr kard xierqa	— l-itwal event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event, — l-itwal ħames (5) eventi fl-aħħar 365 jum.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħla fil-bidu u/jew tmiem tal-event, — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.
Inserzjoni tal-kard waqt is-sewqan	— l-aħħar event għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem li fihom seħħ l-event,	— id-data u l-ħin tal-event, — tip, numru, Stat Membru tal-ħruġ u ġenerazzjoni tal-kard(s), — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum
Veloċità eċċessiva (1)	— l-aktar event serju għal kull wieħed mill-aħħar għaxart (10) ijiem tal-okkorrenza (jiġifieri dik bl-ogħla veloċità medja), — l-iktar 5 eventi serji fl-aħħar 365 jum. — l-ewwel event li seħħ wara l-aħħar kalibrazzjoni	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-event, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-event, — l-ogħla veloċità mkejla waqt l-event, — il-veloċità medja aritmetika mkejla waqt l-event, — it-tip u n-numru tal-kard, l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni tal-kard tas-sewwieq (jekk rilevanti), — l-għadd ta' eventi simili matul dak il-jum.

5) KODIĊIJIET TAD-DEJTA TAL-ĦSARAT DISPONIBBLI MINGĦAJR IL-KUNSENS TAS-SEWWIEQ

Ħsara	Regoli tal-ħżin	Dejta li għandha tiġi rrekordjata għal kull ħsara
Ħsara fil-kard	— l-10 ħsarat l-aktar riċenti tal-kard tas-sewwieq.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-ħsara, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-ħsara, — tip u n-numru tal-kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni.

▼B

Ħsara	Regoli tal-ħżin	Dejta li għandha tiġi rrekordjata għal kull ħsara
Ħsarat fl-apparat tar-rekordjar	— l-10 ħsarat l-aktar riċenti għal kull tip ta' ħsara, — l-ewwel ħsara wara l-aħħar kalibrazzjoni.	— id-data u l-ħin tal-bidu tal-ħsara, — id-data u l-ħin tat-tmiem tal-ħsara, — it-tip ta' ħsara, — tip u n-numru ta' kard(s), l-Istat Membru tal-ħruġ u l-ġenerazzjoni ta' kwalunkwe kard imdaħħlu fil-bidu u/jew tmiem tal-ħsara.

Din il-ħsara tibda f'każ ta' kull wieħed minn dawn il-nuqqasijiet, meta l-modalità tal-kalibrazzjoni ma tkunx qed topera:

— Ħsara interna fil-VU

— Ħsara fil-printer

— Ħsara fid-display

— Ħsara fit-tniżżil tad-dejta

— Ħsara fis-sensor

— Ħsara fir-riċevitur tal-GNSS jew tal-faċilità esterna tal-GNSS

— Ħsara fil-faċilita tal-Komunikazzjoni Remota

▼M1

— Ħsara fl-interfaċċa tal-ITS (jekk japplika)

▼B

6) EVENTI U ĦSARAT SPEĊIFIĊI GĦALL-MANIFATTUR MINGĦAJR IL-KUNSENS TAS-SEWWIEQ

Event jew Ħsara	Regoli tal-ħżin	Dejta li għandha tiġi rrekordjata għal kull event
Għandu jiġi definit/għandha tiġi definita mill-Manifattur	Għandhom jiġu definiti mill-Manifattur	Għandha tiġi definita mill-Manifattur


▼B

ANNESS 2

DIJAGRAMMI TAS-SEKWENZA TA' SKAMBJI TA' MESSAĠĠI MAL-UNITÀ TAL-ITS.

Grafika 1


Dijagramma tas-sekwenza ta' tentattiv ta' validazzjoni ta' PIN



▼B

Grafika 2


Dijagramma tas-sekwenza tal-verifika tal-awtorizzazzjoni tal-Unità tal-ITS



▼B


Grafika 3

Dijagramma tas-sekwenza għall-ipproċessar ta' talba għal dejta klassifikata bħala mhux personali (wara aċċess permezz ta' PIN korrett)



Grafika 4


Dijagramma tas-sekwenza għall-ipproċessar ta' talba għal dejta klassifikata bħala personali (wara aċċess permezz ta' PIN korrett)



▼B

Grafika 5

Dijagramma tas-sekwenza ta' tentattiv ta' validazzjoni ta' PUC



▼B

ANNESS 3

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' ASN.1

```
FormatMessageModule DEFINITIONS AUTOMATIC TAGS ::= BEGIN
EXPORTS ;
IMPORTS SendPIN, SendPUC, PairingResult, RequestPIN, RequestRejected,
        BanLiftingResult FROM PINPUCDataFieldsModule
        RequestAccepted,RequestData, DataUnavailable FROM
        RequestDataFieldsModule
        SendITSID, NegativeAnswer FROM OtherDataFieldsModule;

       CompleteMessage ::=SEQUENCE{
             header Header,
             data DataField,
             checksum Checksum
       }

       ----------------
       --HEADER TYPES--
       ----------------


       Header::=SEQUENCE{
             tgt IDList,
             src IDList,
             len BIT STRING (1..255)
       }

       vuID BIT STRING ::= 'EE'H
       IDList ::=CHOICE{
             vu BIT STRING (vuID),
             itsUnits SEQUENCE OF BIT STRING,
                   --Default hex Value:A0, redefined after first message exchange--
                   --Each ID will be linked to the Bluetooth ID of the device--
             ...
       }

       --------------------
       --DATAFIELDS TYPES--
       --------------------
       DataField ::=SEQUENCE{
             sid BIT STRING,
             trtp BIT STRING,
             subMBytes SubMessageBytes,
             dataField Content,
             ...
       }

       SubMessageBytes ::= SEQUENCE{
             currentSubM BIT STRING,
             totalSubM BIT STRING
       }

       Content ::= CHOICE{
             requestPIN RequestPIN,
             sendITSID SendITSID,
             sendPin SendPIN,
```

▼B

```
55                pairRslt PairingResult,
56                sendPUC SendPUC,
57                banlift BanLiftingResult,
58                requestRejected RequestRejected,
59                requestData RequestData,
60                requestOK RequestAccepted,
61                dataUnavailable DataUnavailable,
62                negAns NegativeAnswer
63          }
64
65          ------------------
66          --CHECKSUM TYPES--
67          ------------------
68
69          Checksum ::= SEQUENCE{
70                --SHA2 checksum
71          }
72    END
73
```

▼B

```
PINPUCDataFieldsModule DEFINITIONS AUTOMATIC TAGS ::= BEGIN
EXPORTS SendPIN, SendPUC, PairingResult, RequestPIN, RequestRejected,
BanLiftingResult;
IMPORTS ;

      ----------
      ---Utils--
      ----------

      PUC ::= SEQUENCE (SIZE(8)) OF
      INTEGER (SIZE(0..9))

      PIN ::=      SEQUENCE (SIZE(4)) OF
            INTEGER (SIZE(0..9))

      -------------------------
      --Messages From ITS Unit--
      -------------------------

      SendPIN {PIN:pin} ::= SEQUENCE {
            sid BIT STRING ('03'H),
            pin PIN (pin)
      }

      SendPUC {PUC:puc} ::= SEQUENCE {
            sid BIT STRING ('05'H),
            puc PUC (puc)
      }
      --------------------
      --Messages From VU--
      --------------------

      PairingResult ::= SEQUENCE{
            sid BIT STRING ('04'H),
            result BOOLEAN
      }

      RequestPIN {MType:receivedRequest}::= SEQUENCE{
            sid BIT STRING ('01'H)
      }

      RequestRejected ::= SEQUENCE{
            sid BIT STRING ('07'H),
            banTimeRemaining GeneralizedTime, --PermaBan == 1k years-- }

      BanLiftingResult ::= SEQUENCE{
            sid BIT STRING ('06'H),
            result BOOLEAN
      }
END
```

▼B

```
RequestDataFields DEFINITIONS AUTOMATIC TAGS ::= BEGIN
	EXPORTS RequestAccepted,RequestData, DataUnavailable ;
	IMPORTS StandardEvent, PersonalEvent, StandardFault FROM EventsModule;

	------------------
	---From ITS Unit--
	------------------
	RequestData ::= SEQUENCE{
		sid BIT STRING ('08'H),
		requestedData DataTypeCode,
		...
	}

	-----------
	--From VU--
	-----------
	RequestAccepted ::=SEQUENCE{
		sid BIT STRING ('09'H),
		trtp DataTypeCode,
		dataSheet CHOICE{
			standardData StandardTachDataContent,
			personalData PersonalTachDataContent,
			gnss GNSSDataContent,
			standardEvent StandardEventContent,
			personalEvent PersonalEventContent,
			standardFault StandardFaultContent,
			manufacturerdata ManufacturerDataContent,
			...
		}
	}

	DataTypeCode ::=CHOICE{
		standardTachData BIT STRING ('01'H),
		personalTachData BIT STRING ('02'H),
		gnssData BIT STRING ('03'H),
		standardEventData BIT STRING ('04'H),
		personalEventData BIT STRING ('05'H),
		standardFaultData BIT STRING ('06'H),
		manufacturerData BIT STRING ('07'H),
		...
	}

	DataUnavailable ::=SEQUENCE{
		sid BIT STRING ('0A'H),
		trtp DataTypeCode,
		reason UnavailableDataCodes
	}

	UnavailableDataCodes ::= CHOICE{
		noDataAvailable BIT STRING ('10'H),
		personalDataNotShared BIT STRING ('11'H),
		...
	}
	---------------------------
	--Complete Tachograph Data--
	---------------------------
	--The format of the data was taken from the ISO16844-7 norm, more information
available in this ISO document—

```

▼B

```
184         Time ::= SEQUENCE{
185               seconds INTEGER (0..59.75), --increment: 0.25s--
186               minutes INTEGER (0..59), --increment: 1min--
187               hours INTEGER (0..23), --increment: 1h--
188               day INTEGER (0.25.. 31.75), --increment: 0.25d--
189               month INTEGER (1..12), --increment: 1month--
190               year INTEGER (1985..2235), --increment: 1year--
191               locMinOffset INTEGER (-59..59), --increment: 1min--
192               locHouroffset INTEGER (-23..23)--increment: 1h--
193         }
194
195         Date ::= SEQUENCE{
196               month INTEGER (1..12), --increment: 1month--
197               day INTEGER (0.25.. 31.75), --increment: 0.25d--
198               year INTEGER (1985..2235) --increment: 1year--
199         }
200
201         DriverName ::=SEQUENCE{
202               codePageSurname UTF8String, --See ISO/IEC 8859--
203               surname UTF8String,
204               codePageFirstname UTF8String, --See ISO/IEC 8859--
205               firstname UTF8String,
206         }
206a
206b        DriverID ::= SEQUENCE{
206c        issuingMemberState OCTET STRING (SIZE(3)),
206d        cardNumber OCTET STRING (SIZE(16))
206e        }
207
208         ------------------
209         --Message Content--
210         ------------------
211
212         StandardTachDataContent ::= SEQUENCE{
213               trtp DataTypeCode (DataTypeCode.&standardTachData),
214               personal BOOLEAN (FALSE),
215               data StandardTachyDataSheet,
216         }
217
218         PersonalTachDataContent ::= SEQUENCE{
219               trtp DataTypeCode (DataTypeCode.&personalTachData),
220               personal BOOLEAN (TRUE),
221               data PersonalTachyDataSheet
222         }
223
224         GNSSDataContent ::= SEQUENCE{
225               trtp DataTypeCode (DataTypeCode.&gnssData),
226               personal BOOLEAN (TRUE),
227               data GNSSDataSheet
228         }
229
230         StandardEventContent ::= SEQUENCE{
231               trtp DataTypeCode (DataTypeCode.&standardEventData),
232               personal BOOLEAN (FALSE),
233               data StandardEventDataSheet
234         }
235
236         PersonalEventContent ::= SEQUENCE{
237               trtp DataTypeCode (DataTypeCode.&personalEventData),
238               personal BOOLEAN (TRUE),
239               data PersonalEventDataSheet
240         }
241
242         StandardFaultContent ::= SEQUENCE{
```

▶(1) M1

▼B

```
243                trtp DataTypeCode (DataTypeCode.&standardFaultDat
244                personal BOOLEAN (FALSE),
245                data StandardFault
246          }
247
248          ManufacturerDataContent ::= SEQUENCE{
249                trtp DataTypeCode (DataTypeCode.&manufacturerDat
250                personal BOOLEAN (TRUE),
251                ...
252          }
253
254          ---------------
255          --DATA SHEETS--
256          ---------------
257
258          --Data sheet format follows ISO 16844-7.--
259          StandardTachyDataSheet ::= SEQUENCE{
260                vin UTF8String (SIZE(17)),
261                calibrationDate Date,
▸(1) 262    driveRecognize BIT STRING ('00'B UNION '01'B),
263    driverCardDriver1 BIT STRING ('00'B UNION '01'B),
264    driverCardDriver2 BIT STRING ('00'B UNION '01'B),◂
265                timeDate Time,
266                highResolutionTotalVehicleDistance INTEGER (0..21055406), --increment:
267    5m--
268                serviceComponentIdentification INTEGER (0..255),
269                serviceDelayCalendarTimeBased INTEGER (-125..125), --increment: 1week-
270    -
271                nextCalibrationDate Date,
272                speedAuthorised INTEGER (0..250.996), --increment 1/256km/h--
273                tachographCardSlot1 INTEGER (0..4...), --Maximum 250--
274                tachographCardSlot2 INTEGER (0..4...), --Maximum 250--
▸(2) 275    outOfScopeCondition BIT STRING ('00'B UNION '01'B),◂
276                modeOfOperation INTEGER (0..4...), --Maximum 250--
277                registeringMemberState UTF8String,
278          vehicleRegistrationNumber SEQUENCE {
279                      codePageVRN INTEGER (0..255),
280                      vrn OCTET STRING (SIZE(13)),
281                },
282                tachographNextMandatoryDownloadDate Date,
283                ...
284          }
285
286          PersonalTachyDataSheet ::= SEQUENCE{
287                tachographVehicleSpeed INTEGER (0..250.996), --increment 1/256km/h--
▸(3) 288    driver1WorkingState BIT STRING ('000'B UNION '001'B UNION '010'B UNION
289    '011'B UNION '100'B UNION '101'B …),
290    driver2WorkingState BIT STRING ('000'B UNION '001'B UNION '010'B UNION
291    '011'B UNION '100'B UNION '101'B …),
292
293    driver1TimeRelatedStates BIT STRING ('0000'B UNION '0001'B
294    UNION '0010'B UNION '0011'B UNION '0100'B UNION '0101'B UNION
295    '0110'B UNION '0111'B UNION '1000'B UNION '1001'B UNION '1010'B
296    UNION '1011'B UNION '1100'B UNION '1101'B …),
297
298
299    driver2TimeRelatedStates BIT STRING ('0000'B UNION '0001'B
300    UNION '0010'B UNION '0011'B UNION '0100'B UNION '0101'B UNION◂
```

▶(1) (2) (3) M1

▼B

```
(1) 301     '0110'B UNION '0111'B UNION '1000'B UNION '1001'B UNION '1010'B
    302     UNION '1011'B UNION '1100'B UNION '1101'B …),
    303
    304
    305
    306     overSpeed BIT STRING ('00 'B UNION '01 'B),
    307     driver1Identification DriverID,
    308     driver2Identification DriverID,
    309
    310 ◂
    311                 driver1ContinuousDrivingTime INTEGER (0.. 64255), --increment: 1min--
    312                 driver2ContinuousDrivingTime INTEGER (0.. 64255), --increment: 1min--
    313                 driver1CurrentDurationOfSelectedActivity INTEGER (0.. 64255), --
    314     increment: 1min--
    315                 driver2CurrentDurationOfSelectedActivity INTEGER (0.. 64255), --
    316     increment: 1min--
    317                 driver1Name DriverName,
    318                 driver2Name DriverName,
    319                 driver1CumulatedDrivingTimePreviousAndCurrentWeek INTEGER (0.. 64255),
    320     --increment: 1min--
    321                 driver2CumulatedDrivingTimePreviousAndCurrentWeek INTEGER (0.. 64255),
    322     --increment: 1min--
    323                 engineSpeed INTEGER(0..8031.875), --increment: 0,125r/min--
    324                 driver1EndOfLastDailyRestPeriod Time,
    325                 driver2EndOfLastDailyRestPeriod Time,
    326                 driver1EndOfLastWeeklyRestPeriod Time,
    327                 driver2EndOfLastWeeklyRestPeriod Time,
    328                 driver1EndOfSecondLastWeeklyRestPeriod Time,
    329                 driver2EndOfSecondLastWeeklyRestPeriod Time,
    330                 driver1CurrentDailyDrivingTime INTEGER (0.. 64255), --increment: 1min-
    331     -
    332                 driver2CurrentDailyDrivingTime INTEGER (0.. 64255), --increment: 1min-
    333     -
    334                 driver1CurrentWeeklyDrivingTime INTEGER (0.. 64255), --increment:
    335     1min--
    336                 driver2CurrentWeeklyDrivingTime INTEGER (0.. 64255), --increment:
    337     1min--
    338                 driver1TimeLeftUntilNewDailyRestPeriod INTEGER (0.. 64255), --
    339     increment: 1min--
